IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

# Libretti tal-ivvjaġġar multilingwi

Camille de Toledo
Stefan Tafrov
José Antonio Pascual
Tomáš Dubĕda
Anne Lise Kjær
Isolde Burr-Haase
Dr. Eva Vetter
Marina Kaljurand
Nikiforos Diamandouros
Christos Artemidis
Roberta Metsola
Barbara Cassin
Jean-Claude Wiwinius
Michael D. Higgins
Marin Mrčela
Prof. Dr. Barbara Pozzo
Prof. Dr. iur. Sanita Osipova
Prof. Dr. Danutė Jočienė
Réka Somssich
Tonio Borg
Prof. Dr. J. W. van de Gronden
Prof. Dr. Jan Wouters
Katarzyna Kłosińska
Ana Maria Guerra Martins
Radu Paraschivescu
Stanislav Vallo
Prof. Dr. Rajko Knez
Heikki E. S. Mattila
Stig Strömholm

# Libretti tal-ivvjaġġar
## multilingwi

**Jekk f'lejl xitwi vjaġġatur...**

Camille de Toledo 9

**Il-multilingwiżmu, jew triqti lejn il-libertà u l-Ewropa**

Stefan Tafrov 24

**Kunsiderazzjonijiet ta' filologu dwar il-multilingwiżmu**

José Antonio Pascual 34

**Ġuristi Lingwisti mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u Tradutturi Ġudizzjarji fir-Repubblika Ċeka – Żewġ dinjiet differenti?**

Tomáš Duběda 44

**L-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mill-qrati Daniżi: id-differenzi lingwistiċi ma humiex il-qofol tal-attenzjoni**

Anne Lise Kjær 53

**Il-multilingwiżmu uffiċjali – kwistjoni li mill-bidu ħadet xejra politika**

Isolde Burr-Haase 62

**Bis-Sango, Molengue tfisser 'il-mimmi tal-għajnejn'.**

Dr. Eva Vetter 76

**L-Estonjan fl-Unjoni Ewropea mill-fehma ta' Membru tal-Parlament Ewropew**

Marina Kaljurand 86

**Il-multilingwiżmu: il-perspettiva taċ-ċittadin**

Nikiforos Diamandouros ........ 92

**Diskors favur il-Multilingwiżmu**

**Christos Artemides** ........ 102

**Multilingwiżmu: unità espressa bid-diversità**

Roberta Metsola ........ 108

**"Iktar minn lingwa waħda"**

Barbara Cassin ........ 112

**Il-multilingwiżmu quddiem il-qrati Lussemburgiżi**

Jean-Claude Wiwinius ........ 120

**L-Irlandiż fl-Ewropa**

Michael D. Higgins ........ 133

**Dwar it-tifsira tal-multilingwiżmu fid-dritt**

Marin Mrčela ........ 139

**IL-MULTILINGWIŻMU TA' ĦAJJA SĦIĦA**

Prof. Dr. Barbara Pozzo ........ 148

**Il-lingwa Latvjana u l-multilingwiżmu fil-Latvja**

Prof. Dr. iur. Sanita Osipova ........ 155

**Il-lingwa uffiċjali u l-interpretazzjoni ta' garanziji kostituzzjonali relatati mal-istatus tagħha fil-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja**

Prof. Dr Danutė Jočienė 162

**Id-dritt tal-Unjoni multilingwi fil-ġurisprudenza Ungeriża**

Réka Somssich 177

**Multilingwiżmu u pajjiżi żgħar**

Tonio Borg 188

**Id-dritt Ewropew fil-polder: il-lingwa Olandiża bħala konnettur**

Prof. dr. J. W. van de Gronden 193

**L-interess tal-multilingwiżmu għall-università Ewropea tal-futur**

Prof. Dr. Jan Wouters 203

**Għal kull lingwa hemm daqstant dinjiet**

Katarzyna Kłosińska 213

**Multilingwiżmu — Mil-lenti ta' akkademika u mħallef**

Ana Maria Guerra Martins 220

**Interpretare humanum est**

Radu Paraschivescu 225

**Il-multilingwiżmu**

Stanislav Vallo 230

**Esperjenzi u riflessjonijiet dwar il-multilingwiżmu istituzzjonali fil-livell tal-Unjoni Ewropea**

Prof. Dr. Rajko Knez 234

**Multilingwiżmu u kooperazzjoni legali Nordika**

Heikki E. S. Mattila 242

**Il-lingwaġġ bħala muftieħ għad-dinja tal-liġi**

Stig Strömholm 256

**Noti**

# Jekk f'lejl xitwi vjaġġatur...

## — Camille de Toledo

**Camille de Toledo huwa kittieb b'dottorat fil-letteratura kkomparata. Huwa jgħallem fl-Atelier des écritures contemporaines (Workshop tal-kitbiet kontemporanji) tal-ENSAV (La Cambre), fi Brussell u fl-Université d'Aix-Marseille. *Huwa l-awtur, b'mod partikolari, ta' Le Hêtre et le Bouleau (Il-Fagu u l-Betula)*, test fuq id-dwejjaq Ewropew (2009), *Vies potentielles (Ħajjiet Potenzjali)* (2010), *L'Inquiétude d'être au monde (L-Inkwiet li Tgħix fid-Dinja)* (2012), *Le livre de la faim et de la soif (Il-Ktieb dwar il-Ġuħ u l-Għatx)* (2017). Huwa studja l-istorja, id-dritt, ix-xjenzi politiċi u l-letteratura. Fl-2004, huwa kiseb il-borża ta' għotja ta' Villa Médicis. Fl-2008, huwa waqqaf is-Société européenne des auteurs (is-Soċjetà Ewropea tal-Awturi) sabiex tippromwovi "it-traduzzjoni bħala lingwa". Fl-2012, huwa mar jgħix f'Berlin wara l-mewt ta' ħuh, ta' ommu u ta' missieru. Impenjat fir-rikonoxximent legali tal-elementi tan-natura, huwa waqqaf il-proċess li jistabbilixxi Auditions pour un parlement de Loire (Seduti għal Parlament ta' Loire) (2019-2020), flimkien mal-Pôle Art u Urbanisme (id-Dipartiment tal-Arti u tal-Ippjanar Urban), li minnu ħareġ *Le fleuve qui voulait écrire (Ix-Xmara li Riedet Tikteb)*, ġrajja ta' dak li huwa jsejjaħ "ir-rewwixta legali tad-Dinja." L-aħħar rumanz tiegħu, *Thésée, sa vie nouvelle (Teseu, il-Ħajja Ġdida Tiegħu*, li ġie ppubblikat fl-2020 għall-edizzjonijiet Verdier, kiseb il-premju kreattiv tal-Académie française (l-Akkademja Franċiża) u l-premju Franz Hessel.**

*Jekk f'lejl xitwi vjaġġatur…*

hekk jibda l-ktieb famuż dwar il-meandri, kollu tentattivi li wieħed jibda, ta' Italo Calvino; iżda huwa wkoll b'dan il-mod li deheritli għall-ewwel darba l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea bit-torrijiet għolja paralleli tagħha, tnejn tad-deheb u wieħed iswed, f'lejl imċajpar ta' xitwa reċenti. U b'ħarsa lura, minn din iż-żjara, jiġi f'moħħi li forsi minn hemm ukoll li għandna nibdew mill-ġdid, jekk nemmnu, jekk għad irridu nemmnu fl-Ewropa. *Jekk f'lejl xitwi…* kellna ninsabu lkoll kollettivament hemm, quddiem il-mistoqsija li jqajjem dan il-pajżaġġ ta' ċpar, fil-Lussemburgu, u dan il-bini imponenti:

Kif għandha tingħata lill-Ewropa liġi, waħda biss, komuni, fil-lingwi kollha?

Kif nistgħu naqsmu ħajjitna mil-lingwi kollha, u s-sensitivitajiet differenti li jġorru, mill-għoljiet tal-Iskandinavja sal-bajjiet niexfa u kollha blat tal-Mediterran?

U fin-nuqqas ta' orizzont komuni, ser jirnexxielna nqajmu *xewqa li nitqarrbu?*

*

Ninsabu ftit xhur wara l-elezzjonijiet parlamentari, fil-ħarifa tal-2019, jum li fih Berlin, il-belt fejn sibt rifuġju, qed tiċċelebra l-Waqa' tal-Ħajt. U ili naf sa mir-rebbiegħa li l-mewġa mħabbra, qerrieda, ta' nazzjonaliżmi u ta' populiżmi, fi Franza, fl-Ungerija, fl-Italja, fi Spanja, fil-Polonja… ma ħaditx kollox. L-Ewropa tirreżisti. Madankollu, qed nara, qed nisma', mill-membri parlamentari Ewropej sad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, li kulħadd jaf li

l-bastiment qed idaħħal l-ilma; il-proġett antik ta' paċi spiċċa bla ħajja. Il-qalb tal-*European dreamers* hija tqila u kulħadd huwa ċert li l-periklu huwa hemm, u li mhux ser jitlaqna iktar.

## *Merħba fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea!*

L-Ewropa hija ħolma antika li nixtiequ nagħtuha nifs ġdid. Iżda kif? Ix-xewqa ta' paċi fis-snin ta' wara l-gwerra, il-ħtieġa tar-rikostruzzjoni, ilhom li ntemmew. In-nifs Ewropew baqa' jippersisti sal-aħħar tas-snin tmenin permezz tal-leħen iżolat ta' xi kap ta' Stat. Dawn kienu s-snin tad-deheb taż-żfin Franko-Ġermaniż. Fi tmiem is-seklu għoxrin, kien hemm ukoll mill-ġdid tama meta waqa' l-ħajt ta' Berlin. Ix-*xewqa ta' Ewropa* dehret li reġgħet qamet mill-ġdid, għalkemm fl-istess waqt, il-gwerer Balkani, fratriċidi, fejn reġgħu bdew joqtlu kienu bħal riżq ħażin. Wieħed għandu jara *Le Regard d'Ulysse (Il-Ħarsa ta' Ulisse)*, il-film ta' Theo Angelopoulos sabiex jiftakar: il-vjolenza mċajpra ta' dan il-kontinent meta l-ġenn tan-nazzjonijiet jerġa' jaqbad... Iżda minkejja din it-tama, 1989, u t-twissijiet, il-gwerra f'dik li kienet il-Jugoslavja, l-ewwel nifs tal-Ewropa spiċċa. Il-*lira tal-memorja* llum ma għadhiex taħdem. Żmien is-simboli, Willy Brandt għarkobbtejh fil-getto ta' Varsavja, Mitterrand-Kohl, bid-diskorsi sbieħ dwar ir-rikonċiljazzjoni ..., kollu ntemm. Hemm il-bżonn li nivvintaw xi ħaġa mill-ġdid, iżda xiex?

## *Jiena u dieħel fis-Sala l-Kbira …*

Ħassejt emozzjoni partikolari jiena u dieħel fis-Sala l-Kbira tal-Qorti tal-Ġustizzja, taħt il-velu jdawwal tal-linef ċentrali, meta rajt l-onorabbli Mħallfin jieħdu posthom, huma li ġejjin mill-erba' naħat tal-Ewropea u jafu kull wieħed minnhom erba' jew ħames lingwi. Ħassejtni kommoss meta skoprejt, mad-dawra tas-sala, il-kabini għall-interpreti, sabiex id-diskussjonijiet jiġu interpretati lejn il-lingwi differenti tal-Unjoni. Dan għalija kien qisu tidħol ġewwa Babel, Babel miżmum tajjeb, li jirreżisti … bħallikieku dħalt fin-naħa l-oħra tal-mera, bis-slogans u l-polemiċi *kontra* jew *favur* l-Ewropa warajja; 'il bogħod mill-politika dejjem tant deludenti. Bilqiegħda wara l-ħġieġa tal-kabina tal-interpretazzjoni, ftakart fi żmien l-istudji tiegħi, f'dak il-ferħ stramb li wieħed iħoss meta jħalli l-isfera tal-*opinjoni* mitkellma u mħawwda sabiex jittratta dan is-suġġett xott u vertikali: id-Dritt.

"F'din il-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu mistiedna l-istudenti kollha fl-Ewropa, ħsibt, fit-tfal kollha tal-futur, dawk kollha li jixtiequ jifhmu, mill-iktar qrib, dak li huwa meħtieġ mit-teatru Ewropew tagħna."

## *Xena tad-dritt*

Qiegħed ngħid *teatru*, għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja hija xena, dik fejn jintiseġ, teknikament, b'diffikultà, id-*dritt komuni*, jiġifieri, hawnhekk, interpretazzjoni kondiviża tar-regoli Ewropej. U d-dramm milgħub f'din ix-xena huwa dak tad-diverġenza u tal-konverġenza, tal-isforz tal-unità u tan-neċessità tad-diskrepanzi; huwa

d-dramm tat-*translation gaps*, tal-malintiżi volontarji u involontarji; dak tal-kburija kulturali influwenti u tar-ras iebsa amministrattiva li tgħaffeġ kollox. Din hija xena, li, bħal teatru, għandha kmajra għall-ilbies tagħha: uffiċċji fejn, bi stinazzjoni, kuxjenza, kull wieħed huwa megħdi joħloq, mill-kombinazzjonijiet lingwistiċi kollha, *bħal speċi ta' unità*.

Huwa magħruf, għandek Brussell, id-dinja politika tan-negozjati, tal-kompromessi, fejn *l-ispirtu ta' kooperazzjoni* qed jispiċċa; fejn ċerta idea ta' komunità qed titnaqqar, fejn is-simboli u l-prinċipji jaqgħu; fejn l-egoiżmu nazzjonali qed jerġa' jikber u fejn jikber diżunur ikraħ. Hawnhekk, naħseb fil-kodardija, fl-abbandun li ħalla jmutu fil-Mediterran eluf ta' immigranti. Il-politika fl-Ewropa ħafna drabi tidher li hija nawfraġju; il-Brexit hija r-rifless ta' dan, il-qawmien tal-estremiżmu lemini s-sintomu, l-għaqda tal-interessi privati u pubbliċi l-parti mdallma, u d-dgħufijiet tal-politika barranija, il-firma. U b'hekk, kollox jikkontribwixxi għal din l-impressjoni ta' telfien.

Iżda jibqa', għall-kuntrarju, din ix-xena, dik inqas tinħass tad-dritt; jibqa' l-isforz tal-ġustizzja sabiex jiġu osservati r-regoli komuni; u huwa b'dan il-mod li nerġa' lura għat-torrijiet vertikali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; minn dawn it-torrijiet, malli titla' fihom, tista' tara l-ħitan tal-belt il-qadima tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu f'nofs iċ-ċpar xitwi. U hawnhekk, wieħed ma jistabbilixxix ir-regoli, iżda jiżgura li dawn jiġu applikati. Hawnhekk, hawn *l-ispirtu tal-liġi*. U meta daqstant prinċipji jinkisru kuljum, ma jkunx inutli li wieħed jiġi mfakkar bihom.

*L-ispirtu tal-liġijiet u tal-lingwi*

Hemm rabta li tistabbilixxi l-ħidma tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-Istorja li tgħodd; li torbot l-isforz sabiex jiġi *prodott dritt unifikat* mar-raġuni wara l-proġett Ewropew.

Fl-1945, l-Alleati li rebħu lin-nazziżmu staqsew lilhom infushom kif kellhom jiġu ġġudikati dawk il-Ġermaniżi responsabbli. Il-proċess ta' Nürnberg kienet ir-risposta tagħhom. Iżda kien meħtieġ, sabiex wieħed jiġġudika, li jingħeleb l-ostaklu tal-lingwi; li jinsabu l-għodda sabiex jiġi jippermetti proċess *translingwistiku*. L-imħallfin kienu Ingliżi, Franċiżi, Amerikani, Russi; il-parti l-kbira tal-provi kienu Ġermaniżi. Kien jeħtieġ li wieħed jittraduċi; u matul is-seduti, *fl-istess ħin*, jinterpreta kliem ix-xhieda, il-vittmi, l-akkużati fil-lingwi tal-imħallfin. L-ebda interpretu sa dak iż-żmien ma kien għamel interpretazzjoni simultanja. Fl-ewwel approċċi, ħafna speċjalisti msejħa sabiex jaffrontaw l-isfida jevokaw limitu uman, li ma jingħelibx: bniedem ma jistax jisma', jinterpreta u jitkellem fl-istess mument. Huwa b'hekk li din l-isfida qamet. F'Nürnberg, ġiet ivvintata *possibbiltà*, dik ta' *teknikalità traduttiva* sabiex tkun tista' tiġi toħroġ ġustizzja translingwi f'kontinent sfigurat.

Hemm inħolqot l-Ewropa, f'dan il-qofol traduttiv, bejn il-lingwi, fejn jiltaqgħu l-istorja tal-kriminalità, il-ġenn tan-nazzjonijiet, il-"gwerra ċivili Ewropea" skont l-espressjoni tal-istoriku Ernst Nolte, u n-neċessità, permezz tat-traduzzjoni-bħala-lingwa, li tmur lil hinn mill-identitajiet *sabiex titkellem il-liġi.*

Dan huwa dak li wirtet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Rwol traduttiv sabiex *liġi f'diversi lingwi* tkun tista' tinftiehem.

## *Realtà Ewropea spiss injorata*

Din ir-realtà multilingwi tal-Ewropa dejjem dehret lili partikolarment ittraskurata mill-kapijiet politiċi tagħna. Ma nistgħux ngħidu li jinjorawha, iżda hija qatt ma tittieħed inkunsiderazzjoni b'mod xieraq. Il-kwistjoni tal-lingwi, ta' *komunità tal-lingwi* għandha tkun il-qalba tal-ħsieb il-ġdid tal-Ewropa: kif jista' jinħoloq spazju pubbliku sabiex jintlaqgħu iktar minn 550 kombinazzjoni ta' lingwi? Kif torbot lil ċittadini sseparati minn tant lingwi u kodiċijiet lingwistiċi?

Filwaqt li t-tkabbir suċċessiv ikkawża żieda kunsiderevoli fil-*flussi ta' traduzzjoni* – u hawn, fil-Qorti tal-Ġustizzja, estensjonijiet arkitettoniċi ġodda – il-kapijiet politiċi taw tliet tipi ta' tweġibiet għal din l-isfida: a. hemm, b'mod ġenerali, tweġiba letterarja, li tikkonsisti fil-mobilitazzjoni tal-kittieba sabiex jiċċelebraw il-multipliċità tal-"poetika"; b. hemm reazzjoni pragmatika, *business friendly*, fejn wieħed jispiċċa jifraħ bit-trijonf tal-Ingliż, rassenjazzjoni li l-Brexit setgħet tfixkel billi tikkawża deklin awtomatiku tal-*globish* bħala l-*lingwa ċentrali* tal-affarijiet Ewropej; c. u fl-aħħar, mill-bidu tas-snin 2000, u iktar speċifikament mill-miġja tal-hekk imsejħa metodi ta' "traduzzjoni newronali", hemm risposta teknika, fejn xi ottimisti jimmaġinaw li, permezz tal-intelliġenza artifiċjali, traduzzjoni bl-algoritmu, il-*machine*

*learning* u l-*clouds* semantiċi, dalwaqt ikollna l-kapaċità li nitkellmu l-lingwi kollha.

B'danakollu, qatt ma ġiet eżaminata *politikament* il-kwistjoni tal-frammentazzjoni tal-ispazju ġuridiku u soċjali *f'lingwi*. Dawk kollha li setgħu jfaħħru l-idea ta' Ewropa magħquda, minn Victor Hugo sal-lum, baqgħu siekta dwar din l-isfida.

L-"Istati Uniti tal-Ewropa", stqarr il-kbir Victor, "imma b'liema lingwa?" jiġini li nżid jiena warajh. Kif għandha tiġi rrikonċiljata din il-kelma, l-*Unjoni*, mad-diżunjoni lingwistika u għalhekk kulturali, affettiva, tal-memorja? Jidher li ħadd ma jrid jindirizza din l-kwistjoni minn qrunha; peress li din f'daqqa waħda tobbligana naħsbu fl-Ewropa mill-kunflitti tagħha, mid-differenzi irriduċibbli tagħha.

## *Il-mudell tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

Waqt li żort lill-Qorti tal-Ġustizzja u sirt naf kif torganizza d-dipartimenti tagħha, għidt lili nnifsi: allura minn hawn, minn dan l-i*sforz* ġgantesk *ta' traduzzjoni sabiex tfiehem is-sens tal-liġi* li għandna nsibu orizzont komuni. Nistgħu nieħdu, mill-mudelli li jiġu elaborati hawn, fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tat-*tekniki traduttivi*, li nipproduċu l-kunċetti għal ċittadinanza futura.

Għaliex huwa mit-traduzzjoni, għidt lili nnifsi, li nistgħu ngħallmu lit-tfal tal-futur il-politika tad-Diversità, tal-Multipliċità, tad-Differenzi li għandna iktar minn qatt qabel bżonn: mhux minn moralità li tqaddes lill-Ieħor – Levinas – mhux billi ssegwi l-illużjonijiet tal-konverġenza jew tal-unità jew, kif seta' jingħad, tal-*komunjoni ta' destini* – billi nxejru simboli tal-Istorja…

L-għerf tas-sengħa prattiku, li kisbet il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistabbilixxi regoli komuni fil-lingwi differenti nemmen li tgħinna naħsbu:

1. *ċittadinanza traduttiva*, dejjem imħabbta fin-nofs bejn lealtajiet multipli, kulturi minoritarji, reġjonali, u affiljazzjonijiet iktar wiesa', nazzjonali u Ewropej.

2. *ċittadinanza traduttiva* mifhuma bħala sforz sabiex tgħaqqad dak li qatt ma jista' jiġi unifikat.

Nasal għall-*qalb li tħabbat* li rajt fil-Qorti tal-Ġustizzja; dak li wieħed jiskopri huwa u tiela' fit-torrijiet, waqt li jaqsam il-gallerija, waqt li jgħaddi minn ħdejn il-bibljoteka... Hawnhekk ma hemmx persuna waħda, funzjoni waħda, li mhijiex konxja ta' din l-isfida sabiex tpatti għad-differenzi.

24 lingwa. Kombinazzjonijiet mhux reversibbli. Il-lingwa tad-deliberazzjoni, il-Franċiż. Il-lingwi ċentrali, pereżempju, l-Ingliż jew il-Ġermaniż. Il-lingwi tal-kawża: potenzjalment 24. It-traduzzjoni tas-sentenzi sabiex il-ġurisprudenza Ewropea tmur lura lejn id-diversi sistemi ġuridiċi nazzjonali. Il-ġuristi lingwisti li ġew mill-erba' naħat tal-kontinent. Dawk li jaħdmu bħala freelancers, barra mill-Palazz; dawk li jikkontrollaw il-kwalità tat-traduzzjonijiet. U meta d-diskussjonijiet jaslu waqt is-seduta, l-interpreti li jieħdu posthom; li kull darba jkollhom jassorbu firxa semantika ġdida. U din hija l-istorja li niġbor, mis-sular tad-"DĠM" – id-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu – minn fejn stajt nara x-xemx ħamra tittawwal minn fost iċ-ċpar, tersaq bil-

kwiet lejn l-għaxija fuq il-misraħ viċin mgħotti b'saff irqiq ta' silġ:

"Meta l-avukati tal-Istati jiġu sabiex jiddefendu ruħhom kontra xi regola Ewropea jew oħra, xi wħud minnhom jitkellmu wisq malajr. Il-kelliema jinsew li wara dawn il-ħafna ħġiġiet li jdawwru l-Qorti tal-Ġustizzja, aħna qegħdin hemm, niġru wara l-kliem, sabiex huma jinstemgħu."

Tellieqa sabiex *jgħaqqdu l-lingwi*, sabiex b'mod konkret jiġi stabbilit spazju soċjali u ġuridiku fil-lingwa komuni: it-traduzzjoni, l-interpretazzjoni.

"Hemm buttuna żgħira, tkompli l-interlokutriċi tiegħi. Jekk wieħed jagħfas għall-ewwel darba, xejn ma jiġri. Iżda jekk interpreti oħra, f'kabini oħrajn, jagħfsu wkoll, jibda jteptep dawl aħmar fil-post tal-Imħallef. B'hekk huwa jkun jaf li, fil-kabini, mhux qed isegwu iktar. F'dawn il-każijiet, ħafna drabi, l-Imħallef jitlob lill-persuna li qed titkellem biex ma tgħaġġilx. Din is-sistema ġiet żviluppata għall-proċessi ta' Nürnberg."

Għalhekk kollox qiegħed hemm, f'din il-proċedura ta' emerġenza: iż-żmien li tieħu sabiex *nimxu lejn liġi komuni*. Li tinftiehem, li tinftiehem tajjeb. Li titkellem bil-mod sabiex il-widnejn kollha, fil-lingwi kollha, ikunu jistgħu jinterpretaw sew.

Din hija l-lezzjoni Ewropea li wieħed jitgħallem hawnhekk, fil-Qorti tal-Ġustizzja

*Lejn spazju pubbliku fit-traduzzjoni*

Jiena u niskopri d-diviżjonijiet UPT – tal-Ippjanar u tat-Traduzzjoni Esterna, OAM – tal-Għodod ta' Għajnuna għall-Multilingwiżmu, PCT – tal-

Proġetti u tal-Koordinazzjoni terminoloġika – billi nsir naf dwar ir-riżorsi umani, tekniki li jintużaw hawn, bdejt noħlom li dawn jitqiegħdu wkoll għas-servizz tal-ispazju pubbliku usa': għat-traduzzjoni mhux biss tad-dritt tal-Unjoni – ħafna drabi 'l bogħod mill-qalb tħabbat tal-għarfien tagħna – iżda wkoll tal-istampa, tal-kotba tal-letteratura, tax-xjenzi umani... Ser tgħiduli li din hija ħolma ta' kittieb.

Iżda l-*ispirtu tal-Ewropa*, dak li qed nfittxu, huwa madankollu hemm:

- jeħtieġ li l-Ewropa jkollha lingwa; lingwa li tgħaqqadna mal-lakuni tagħna, mad-differenzi tagħna minflok ma twarrabna.

- u jeħtieġ ġustizzja, liġi, li tista' tiġi rrikonoxxuta *fil-lingwi*.

Fiż-żewġ każijiet, dan jimplika li aħna nittraduċu, bla heda, wieħed għall-ieħor.

Ma hijiex ħolma ta' kittieb. Dan huwa *fatt* li bih jaħdmu l-istituzzjonijiet. Iżda huwa *fatt* li issa huwa importanti li wieħed jaħseb dwaru politikament.

X'jiġri minn dan il-proġett Ewropew, jekk bħall-Qorti tal-Ġustizzja, li tipproduċi iktar minn miljun paġna fis-sena, *servizz Ewropew ta' traduzzjoni* jipproduċi numru ugwali ta' paġni sabiex jiġi stabbilit spazju pubbliku fil-lingwi, bejn il-lingwi,? X'jiġri mill-affiljazzjonijiet tagħna, jekk tali *spazju multilingwi* jkun jista' jseħħ? Kif jerġgħu jinkitbu l-identitajiet tagħna jekk l-Ewropa kollha kemm hi tirrikonoxxi t-"traduzzjoni" pubblikament bħala l-unika *lingwa uffiċjali.*

Għaldaqstant, ikunu l-istejjer kollha tagħna ta' eżilju, ta' taħbil, ta' taħlit li jiġu rrikonoxxuti.

## *Sistema ġganteska ta' riferiment*

Xhieda tax-xogħol li twettaq il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa ċertament li jiġu ffaċċjati dawn il-miljuni ta' paġni ta' ġurisprudenza, dawn l-eluf ta' talbiet u ta' rikorsi dwar suġġetti kultant estremament tekniċi; li tidħol, għal parti kbira, fil-qalba tal-ideoloġija kompetittiva tal-Unjoni Ewropea, f'din l-investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit *suq pur u perfett:* dan ikun b'hekk l-applikazzjoni tal-prinċipji nnegozjati fit-Trattati: hawn, il-kwistjoni tat-tikketti, hawn l-istandards tekniċi...

Min-naħa tiegħi, jiena ma naqbilx ma' din il-bażi ideoloġika; jiena dejjem kont kontra. Naħseb li għandhom jiġu żviluppati bi prijorità l-prinċipji tad-*dritt soċjali Ewropew,* tad-*dritt ambjentali,* iktar minn dawk tal-kompetizzjoni libera.

Iżda l-Qorti tal-Ġustizzja ma toħloqx id-dritt; hija tiżgura l-interpretazzjoni uniformi u t-traduzzjoni tajba tagħha, l-inklużjoni tajba tagħha fil-liġijiet nazzjonali, għall-interpretazzjoni tagħha. U jekk *politikament* tmexxija iktar ġusta, iktar umana u kulturali kellha tiġi implimentata fuq il-livell tal-Istati u tal-Kummissjoni, il-qrati tal-Qorti tal-Ġustizzja jkunu għalhekk jistgħu jiddefendu *spirtu tal-liġi* differenti.

Huwa wkoll dan l-*ispirtu tal-liġi* differenti li jiena ħlomt dwaru lejn tmiem iż-żjara tiegħi.

Dak li turi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif rajt, huwa fuq kollox din il-

kapaċità straordinarja li jiġu organizzati l-*flussi ta' traduzzjoni*. U hemm, wieħed għandu jimmaġina sistema ġganteska ta' riferiment fejn l-istazzjonijiet huma l-lingwi. U bejn dawn il-lingwi kollha, eluf ta' paġni li jgħaddu, li jiċċirkolaw. Mir-Rumen, mill-Latvjan, mill-Finlandiż, mit-Taljan, mill-Kroat, mis-Slovakk, miċ-Ċek, mill-Bulgaru, mid-Daniż, mill-Pollakk, mill-Estonjan, mill-Ispanjol, mill-Malti, mill-Grieg, mill-Ungeriż… lejn il-*lingwi ċentrali* jew lejn il-*lingwa tad-deliberazzjoni*, imbagħad jirritorna lejn din il-multitudni.

Il-ħajja ta' dawk li jaħdmu hawnhekk fid-diversi diviżjonijiet lingwistiċi, huma ta' spiss bħal dan in-*network ta' lingwi* tal-Qorti tal-Ġustizzja. Poliglotti, residenti f'din ir-realtà multilingwi, huma jġorru, fil-fond, *ħajja Ewropea*. Xi ftit bħall-interpreti ta' Nürnberg li vvintaw it-*traduzzjoni simultanja* u li kont ser naqra dwarhom l-għada waqt il-vjaġġ tiegħi bil-ferrovija lejn Berlin. Imwieled hawnhekk, għex hemmhekk, ħafna drabi wild ta' ġenituri b'oriġini mħallta… Din hija l-Ewropa li għandna ninkorporaw.

## *U jekk De Gaulle kellu żball…*

Hemm sentenza ta' De Gaulle, spiss iċċitata, li huwa qal waqt konferenza stampa fil-15 ta' Mejju 1962:

"Ma nemminx li l-Ewropa jista' jkollha realtà ħajja jekk hija ma tinkludix Franza bil-Franċiżi tagħha, il-Ġermanja bil-Ġermaniżi tagħha, l-Italja bit-Taljani tagħha, eċċ.. Dante, Goethe, Chateaubriand jappartjenu lill-Ewropa kollha, sa fejn kienu rispettivament u eminentement

Taljani, Ġermaniżi u Franċiżi. Huma ma kinux iservu ħafna lill-Ewropa li kieku kienu apolidi u li kieku kienu ħasbu u kitbu fi kwalunkwe Esperanto jew Volapük integrat…”

Tali sentenza tipproduċi l-effett tagħha, iżda tinsa r-realtà. Hija għandha t-tendenza tikkonvinċina li aħna kkundannati *naqgħu lura fil-lingwi tagħna*. Iżda tevita l-fatt inevitabbli li la Dante, la Goethe u lanqas Chateaubriand ma huma x'inhuma, jekk it-tradutturi ma kinux għenuhom sabiex jitbiegħdu minn kollox. Hija tħassar ukoll il-kontribut immens tal-kittieba refuġjati, eżiljati, u apolidi fil-letteratura Ewropea.

Hemm spazju komuni – u *fama* letterarja – biss permezz tat-traduzzjonijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija prova ta' dan kuljum fil-qasam tal-liġijiet. Hija tagħti realtà lil dak li jiena semmejt “Għorna tal-lingwi”. U wieħed jista' jittama li fuq l-eżempju tal-Qorti tal-Ġustizzja, ser jinħoloq fil-futur spazju testwali, politiku u poetiku *fil-lingwi*, minflok ma tibqa' taqa' lura fil-limiti tan-nazzjonijiet tagħna.

## *Jekk f'lejl xitwi*

Il-lejl, issa, waqa' fuq it-torrijiet għolja tal-Palazz. Id-dlam barra jagħti lill-forom tal-Qorti tal-Ġustizzja, lill-ħafna wċuħ tal-ħġieġ, opaċità inkwetanti, vertiġinuża; bħallikieku konna mdawwrin bil-mirja fejn il-*ħajja tal-uffiċċju* tiġi dduplikata, fejn ir-riflessjonijiet tad-dawl jintrabtu. Tlaqt mill-Palazz, dort lejn it-torrijiet għolja tagħha. Krejnijiet ġganteski bħal ġganti

kurjużi jinfdu l-velu oħxon, bħal tajjar tax-xitwa. Il-kesħa, kont qed nitriegħed.

Fi ftit xhur, ix-xogħlijiet tat-tielet torri jintemmu, imbagħad ikollhom jgħaddu x-xhur ta' dalma minħabba l-pandemija, iridu jiżguraw il-bilanċ bejn is-saħħa u l-libertajiet tal-Ewropej. U filwaqt li kullimkien, fid-dinja, ser tikber it-tentazzjoni tal-esklużjoni u tal-vjolenza, nistgħu nifirħu hekk kif nafu li, 'il bogħod, fiċ-ċpar tax-xitwa, ċittadella bit-torrijiet għoljin tagħha bħal fl-istejjer għat-tfal tkompli taħdem b'osservanza tad-dritt li mingħajru xejn ma jgħodd… li mingħajru kollox jiddiżintegra.

Berlin, 9 ta' Novembru 2019, u wara Brussell, 2 ta' Jannar 2022.

# Il-multilingwiżmu, jew triqti lejn il-libertà u l-Ewropa

— Stefan Tafrov

**Imwieled fl-1958 f'Sofija (il-Bulgarija), Stefan Tafrov huwa diplomatiku, politiku, ġurnalist u traduttur Bulgaru. Fi żmien ir-reġim komunista huwa kien membru ta' organizzazzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u ilu responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-moviment demokratiku SDS sa mit-twaqqif tiegħu fl-1990. Huwa kien l-ewwel konsulent għall-politika barranija tal-President Zhelyu Zhelev kif ukoll ambaxxatur għall-Italja u għal Malta, għar-Renju Unit u għall-Irlanda, għal Franza u għall-UNESCO. Huwa kien ir-rappreżentant permanenti fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (fi New York) darbtejn u kien ukoll darbtejn il-Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin, kif ukoll membru parlamentari. Huwa jaf il-Franċiż, l-Ingliż, it-Taljan, l-Ispanjol, il-Pollakk u r-Russu. Huwa ttraduċa lejn il-Bulgaru diversi xogħlijiet ta', fost oħrajn, François Moriac, André Gide, Jean-Paul Sartre, Claude Simon, Marguerite Duras u Umberto Eco. Huwa Kmandant fl-Ordre de la Légion d'Honneur (l-Ordni tal-Leġjun tal-Unur) u Uffiċjal fl-Ordine della Stella d'Italja (l-Ordni tal-Istilla tal-Italja).**

Jiena twelidt il-Bulgarija fi żmien il-komuniżmu, li kien qata' kważi kompletament lill-pajjiż mill-bqija tal-Ewropa. L-ivvjaġġar lil hinn mill-Purtiera tal-Ħadid kien rari, il-kuntatti mal-barranin kienu meqjusa b'suspett u setgħu jwassluk għal, minn tal-inqas, problemi, u xi drabi anki għal persekuzzjoni. Is-sitwazzjoni kienet partikolarment diffiċli għal familji bħal tiegħi li kienu ġibdu l-attenzjoni tar-reġim għal raġunijiet żbaljati. Fil-każ tal-familja tiegħi, dan kien l-iktar minħabba missieri li, bħala avukat żagħżugħ immedjatament wara l-gwerra ddefenda lil membri tal-partiti demokratiċi fl-oppożizzjoni qabel ġew ipprojbiti b'mod definittiv fl-1947. Arrestat mill-pulizija politika u ppersegwitat b'kull mod possibbli, missieri ġie mċaħħad, min-naħa tar-reġim, mid-dritt li jipprattika bħala avukat u kien biss ftit qabel twelidt jiena fl-1958 li kien reġa' tħalla jipprattika. Sa kemm kienu ħajjin, la missieri u lanqas ommi ma tħallew jivvjaġġaw lejn il-Punent. Min-naħa tiegħi, qsamt il-Purtiera tal-Ħadid għall-ewwel darba meta kelli 31 sena, fit-3 ta' Ottubru 1989, ftit jiem qabel il-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin. Qabel dan, l-awtoritajiet Bulgari kienu waqqfuni, għal sentejn sħaħ, milli mmur Franza, fuq stedina tal-Gvern Franċiż li kienet saritli bħala speċjalist fil-letteratura Franċiża u traduttur, fost oħrajn, ta' François Moriac, Jean-Paul Sartre, André Gide u Claude Simon. Jiena ma ngħatajtx "permess", kif konna ngħidu dak iż-żmien, għaliex mhux biss kont ġej minn familja "ħażina" iżda wkoll għaliex kont azzardajt nissieħeb f'numru ta' gruppi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li kienu fformaw fil-Bulgarija fit-tmeninijiet u li kienu opposti għar-reġim komunista. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalija u għal ħafna mill-kompatrijotti tiegħi, ix-xewqa għal Ewropa pprojbita kienet naturalment espressa bit-tagħlim tal-lingwi. Għall-familja tiegħi u għall-isfera soċjali kollha tiegħi, it-tagħlim tal-Ingliż, tal-Franċiż u tal-Ġermaniż – fi kliem ieħor tal-iktar lingwi Ewropej possibbli – kien importanti ħafna u kien kważi meqjus bħala kult, tant li kien meqjus bħala l-qofol ta' edukazzjoni ta' veru. Għalija kienu ta' eżempju qraba tiegħi li, bis-saħħa tal-kapaċitajiet lingwistiċi tagħhom, kellhom aċċess sporadiku għall-pajjiżi tal-Punent – privileġġ dan li kien irriżervat prattikament b'mod esklużiv għal-livelli għolja tar-reġim komunista. Fl-iskejjel kien obbligatorju r-Russu, u kienu jiġu mgħallma wkoll l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, iżda dan biss għal sagħtejn fil-ġimgħa u fl-iskola sekondarja biss. Kien għalhekk meħtieġ sforz addizzjonali kbir sabiex wieħed jitgħallem sew lingwa barranija. Kienu popolari diversi korsijiet tal-lingwa iżda dawn kienu jinżammu biss fl-ibliet il-kbar.

Fil-każ tiegħi, inqis li kont f'sitwazzjoni pprivileġġata mhux biss għaliex kont ngħix f'Sofija iżda wkoll għaliex kont ġej minn familja bi tradizzjonijiet Frankofoni b'saħħithom: in-nanna tiegħi kienet iggradwat fil-letteratura Franċiża f'Genève u missieri kien jgħix u jmur l-iskola fil-parti Frankofona tal-Isvizzera, fejn qatta' tfulitu u l-adolexxenza tiegħu, u kien jitkellem Franċiż perfett. Id-dar kellna librerija b'ħafna kotba tal-letteratura

klassika Franċiża. L-ikbar opportunità għalija kienet meta, wara eżamijiet diffiċli fil-Bulgaru u fil-Matematika, u f'kompetizzjoni ma' mijiet ta' subien oħra għal pożizzjoni waħda, irnexxieli nidħol fil-liċeo Franċiż. Il-liċeo kien jagħmel parti minn network ta' skejjel tal-lingwi speċjalizzati u selettivi ħafna fi ħdan is-sistema edukattiva Bulgara li nħolqu matul is-sittinijiet. F'dawn l-iskejjel kienu jiġu mgħallma fil-fond uħud mil-lingwi Ewropej prinċipali – il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ingliż, ir-Russu u, fit-tmeninijiet, l-Ispanjol. F'dawn l-iskejjel, it-taħriġ kien jibda bi klassi preparatorja ddedikata kompletament għat-tagħlim tal-lingwa inkwistjoni, u kien ikompli b'lezzjonijiet fis-suġġetti l-oħra bl-istess lingwa – fil-każ tiegħi bil-Franċiż. Sal-lum il-ġurnata, il-parti l-kbira tal-Bulgari li jitkellmu sew lingwa barranija jafu dan proprju lil dawn l-iskejjel lingwistiċi, li jistgħu jitqiesu li huma suċċess ta' veru tas-sistema edukattiva Bulgara.

B'hekk, kien matul is-snin li qattajt fil-liċeo li tnisslet l-imħabba li għandi għal-lingwa Franċiża u li għadni ngħożż sal-lum il-ġurnata. Dan nafu lill-għalliema eċċellenti li kelli, li ma għallmuniex biss kif nitkellmu u kif niktbu tajjeb bil-lingwa ta' Molière, iżda għallmuna wkoll napprezzaw u nisfruttaw kompletament il-potenzjal u l-opportunitajiet kulturali ta' din il-lingwa.

Hekk kif tjiebt biżżejjed fil-lingwa, bdejt inżur b'mod regolari l-librerija żgħira li kien hemm fid-dipartiment kulturali tal-Ambaxxata Franċiża f'Sofija, li dak iż-żmien kien l-uniku dipartiment ta' dan it-tip għal pajjiż tal-Punent. Dan il-kuntatt mal-ħajja kulturali u politika ta' pajjiż Ewropew ħieles u demokratiku permezz tal-istampa tiegħu (is-sebgħinijiet u t-tmeninijiet kienu perijodu ta' prosperità għall-ġurnaliżmu Franċiż) kellu rwol determinanti fil-formazzjoni tiegħi bħala persuna u bħala ċittadin li għalih il-libertà, l-ispiritwalità u d-drittijiet tal-bniedem saru l-ogħla valuri. Il-Franċiż għinni niżviluppa bħala Ewropew u għinni nifhem kemm ma kienx naturali l-iżolament mill-Ewropa tal-patrija tant maħbuba tiegħi, il-Bulgarija, pajjiż bi storja twila u b'kultura Ewropea. Xi drabi l-Franċiżi jgħidu li kull individwu għandu żewġ patriji, dik tiegħu u Franza. Fil-każ tiegħi, it-tieni patrija tiegħi bħala individwu liberu hija l-lingwa Franċiża.

Tgħallimt l-Ingliż bla waqfien sa minn età żgħira bis-saħħa ta' korsijiet tal-lingwa u ta' ftit lezzjonijiet individwali. Kont avvanzajt mhux ħażin u għalhekk, meta fil-liċeo kelli nagħżel it-tieni lingwa, minflok ma għażilt l-Ingliż mort għall-Ispanjol, li t-tagħlim tiegħu kien għadu qiegħed jieħu l-ewwel passi tiegħu fil-Bulgarija. Fil-ħwienet li jbigħu l-gazzetti konna nsibu l-pubblikazzjonijiet tal-partiti komunisti l-kbar tal-Punent, fosthom l-"Unità" Taljana, pubblikazzjoni ta' livell ġurnalistiku tajjeb u bi spirtu pjuttost liberali. Indunajt li, minbarra l-Franċiż, kien relattivament faċli għalija li nifhem it-Taljan. Għalhekk xtrajt dizzjunarju u ktieb dwar il-grammatika Taljana u fi ftit żmien tgħallimt biżżejjed sabiex inkun nista' naqra anki testi itwal f'din il-lingwa li tant inħobb.

Ta' iktar kurżità hija l-istorja tal-interess tiegħi fil-Pollakk. Il-Polonja u l-kultura tagħha ġibduni bl-ispirtu ta' indipendenza tagħhom u bl-imħabba tagħhom għal-libertà. Kif kienet it-tradizzjoni, uħud mill-iktar intellettwali Bulgari magħrufa, idoli tiegħi, kellhom konnessjoni ma' dan il-pajjiż. B'hekk, f'Awwissu 1980, meta kont għadni student, qbadt ferrovija lejn il-patrija ta' Mickiewicz u ta' Chopin. Il-passiġġieri Pollakki li kienu qegħdin jivvjaġġaw miegħi kienu qegħdin jitkellmu b'mod animat ħafna dwar xi ħaġa, imma ma fhimtx dwar xiex. Iktar tard, sakemm il-ferrovija kienet qiegħda tistenna fl-istazzjon ta' Lublin, rajt mara tiġri fl-istazzjoni qrib il-ferrovija li kienet qiegħda tgħajjat eċitata lill-kompatrijotti tagħha: "Są strajki na wybrzeżu". Studenta Bulgara li kienet qiegħda tistudja fi Kraków ittraduċietli: "Mal-kosta hemm l-istrajks". Kienu bdew l-istrajks mill-ħaddiema fi Gdańsk. Trid tkun twelidt f'pajjiż komunista sabiex tifhem kemm kien importanti dan l-avveniment minħabba li l-istrajks kienu strettament ipprojbiti mis-sistema. Kien proprju f'dak il-mument, meta fhimt x'kienet qiegħda tgħajjat dik il-mara Pollakka fl-istazzjon tal-ferrovija f'Lublin, li għall-ewwel darba stajt nemmen li l-komuniżmu xi darba kien ser jintemm ukoll fil-Bulgarija. Bl-għajnuna ta' ħabib Pollakk irnexxieli nasal Gdańsk u kont hemm meta Lech Walesa ffirma l-Ftehimiet ta' Gdańsk mal-Gvern, li wasslu għar-rikonoxximent tas-sindakat "Solidarność". L-ewwel ħaġa li għamilt hekk kif wasalt lura f'Sofija kienet li nktibt għal kors tal-Pollakk fiċ-Ċentru Kulturali Pollakk. Bħall-Bulgaru, il-Pollakk huwa lingwa Slava u għalhekk ma huwiex diffiċli għalija minn perspettiva lessikali. Madankollu, il-grammatika tal-Pollakk, bil-każijiet grammatikali ta' din il-lingwa, ma hijiex faċli għal xi ħadd li jkun imdorri b'lingwi analitiċi bħalma huma l-Bulgaru u l-lingwi Rumanzi.

Iggradwajt bħala ġurnalist mill-Università ta' Sofija u matul il-kors tiegħi studjajt fil-fond l-Ingliż fi grupp għall-iktar studenti avvanzati, l-Ispanjol u t-Taljan. Din jaf kienet l-iktar parti sinjifikattiva tal-edukazzjoni universitarja tiegħi li, mill-bqija kienet ferm politiċizzata. Għalija kien sodisfazzjon kbir li kont kapaċi nifhem l-isfumaturi lessikali, grammatikali u stilistiċi tal-lingwi, li nqabbilhom u li nesperjenza kif dawn il-lingwi kienu qegħdin jiftħuli dimensjonijiet dejjem iktar interessanti u stimulanti. Il-multilingwiżmu salvani mill-oppressjoni u kien il-mod tiegħi kif stajt ngħix fil-libertà u fl-Ewropa, u dan sa minn qabel ma stajt nivvjaġġa b'mod liberu madwarha.

Wara li spiċċajt l-istudji tiegħi, bdejt naħdem bħala editur f'ġurnal letterarju ta' kull ġimgħa, fejn kont nikteb dwar il-letteratura kontemporanja Franċiża u Taljana. B'hekk sibt ruħi fil-qasam tat-traduzzjoni letterarja, li hija rrikonoxxuta bħala mod kif wieħed jidħol fl-irqaqat kumplessi ta' lingwa barranija. Mit-testi tal-ikbar awturi li ttraduċejt ma tgħallimtx biss kif nesprimi s-sigrieti tagħhom bil-lingwa materna tiegħi iżda wkoll kif naqra fil-fond testi kumplessi. Illum il-ġurnata nista' ngħid li verament qrajt dawk il-kotba

li ttraduċejt. Dan jgħodd b'mod partikolari għar-rumanz sperimentali ta' Claude Simon, "La Route des Flandres", li fih sentenzi li xi drabi huma twal għoxrin faċċata, imraqqma b'sens ta' komunjoni profonda, qishom pittura kubista mlewna bil-lingwa Franċiża. It-traduzzjoni ta' dan ir-rumanz kienet l-ikbar sfida li qatt kelli u bis-saħħa tagħha lħaqt il-limiti tiegħi mhux biss fir-rigward tal-Franċiż iżda wkoll fir-rigward tal-Bulgaru.

Id-dittatorjat komunista fil-Bulgarija sfaxxa fl-istess żmien tal-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin. Il-gruppi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li kont bdejt nissieħeb magħhom fit-tmeninijiet, għaqqdu l-forzi tagħhom sabiex tinħoloq demokrazija bbażata fuq diversi partiti flimkien mal-istabbiliment mill-ġdid tal-partijiet politiċi, li kienu pprojbiti mir-reġim sa mill-erbgħinijiet. Dan wassal għal koalizzjoni wiesgħa li sejjaħna l-Unjoni tal-Forzi Demokratiċi (is-SDS). Għexieren ta' eluf ta' Bulgari niżlu fit-toroq tal-ibliet b'żewġ talbiet prinċipali: demokrazija u ritorn lejn l-Ewropa, b'waħda impossibbli mingħajr l-oħra. Flimkien mal-bandiera Bulgara u mal-bnadar blu tal-koalizzjoni, in-nies tajru wkoll bnadar tal-Ewropa, li ma nistax nimmaġina fejn sabuhom. B'hekk, nies bħali, b'għarfien lingwistiku, li konna nsegwu l-politika barranija permezz tal-istampa Ewropea, sibna ruħna fiċ-ċentru ta' dan il-moviment nazzjonali komuni. Bħala wieħed mill-fundaturi tal-gazzetta ta' kuljum tas-SDS, "Demokratsia", jiena kont responsabbli għall-aħbarijiet internazzjonali fi ħdan il-gazzetta u, fl-istess ħin, kont norganizza u mmexxi d-dipartiment internazzjonali tas-SDS. Meta f'Awwissu 1990 il-mexxej tagħna, Zhelyu Zhelev, intgħażel bħala l-ewwel President mhux komunista tal-Bulgarija, jiena sirt l-ewwel konsulent tiegħu għall-politika barranija fi żmien meta, taħt it-tmexxija tiegħu, il-Bulgarija dejjem għażlet l-integrazzjoni Ewropea bħala prinċipju li jmexxi mhux biss il-politika barranija tagħha iżda wkoll l-iżvilupp tagħha b'mod ġenerali.

Element importanti ħafna ta' dan l-orjentament ġdid tal-pajjiż lejn l-Ewropa kien il-promozzjoni tal-multilingwiżmu. Minħabba d-dominanza manifesta tal-Ingliż mad-dinja kollha, għalina kien importanti li nħarsu u li niżviluppaw it-tradizzjonijiet lingwistiċi nazzjonali, li kienu jmorru lura għal żmien ir-Rinaxximent Bulgaru fit-18 u fid-19-il seklu, meta l-Franċiż u l-Ġermaniż kienu saru l-lingwi barranin prinċipali studjati mill-ogħla klassijiet soċjali Bulgari. Kien proprju sabiex titħares parti minn din it-tradizzjoni importanti li, b'deċiżjoni tal-President Zhelev, fl-1994 il-Bulgarija daħlet fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija.

Dan kien il-kuntest li fih seħħ mument ta' importanza kritika għall-iżvilupp tal-multilingwiżmu personali tiegħi. Għall-ewwel darba f'ħajti, il-komunikazzjoni orali bil-lingwi li kont studjajt ħadet prijorità fuq il-komunikazzjoni bil-miktub. Bdejt nikkomunika ta' kuljum ma' diplomatiċi, politiċi u ġurnalisti barranin, kemm fil-Bulgarija u kemm waqt

iż-żjarat frekwenti tiegħi fl-ibliet kapitali Ewropej. Fl-Ewropa kien hemm interess kbir f'dak li kien jiġri wara dik li kienet il-Purtiera tal-Ħadid. Meta kont qiegħed nitgħallem lingwi barranin, ftit li xejn kelli kuntatt ma' persuni li ma kinux jafu dwar dan. Kelli nadatta ruħi b'mod dinamiku għal din ir-realtà l-ġdida, fejn il-komunikazzjoni orali kienet predominanti. L-isfida għalija kienet kbira għaliex ħafna drabi l-kuntatti tiegħi kienu persuni f'pożizzjonijiet għoljin ħafna, bħalma huma statisti, politiċi u intellettwali prominenti Ewropej. Qatt ma kont nimmaġina li xi darba kont ser nitkellem, fost oħrajn, ma' François Mitterrand, Valérie Giscard d'Estaing, Jacques Chirac, Margaret Thatcher, Lech Walesa jew Giulio Andreotti. Dak li għinni negħleb l-istress inizjali inevitabbli kien il-fatt li kelli taħriġ lingwistiku sod, li fih kellu rwol ċentrali għarfien tajjeb tal-grammatika. Bis-saħħa ta' ħafna qari kelli vokabolarju pjuttost wiesa' u t-tranżizzjoni lejn il-komunikazzjoni orali kienet eħfef milli wieħed seta' jimmaġina. Il-fatt li kont tgħallimt il-lingwi barranin bil-mod tradizzjonali, b'mod irraġunat u b'enfasi fuq il-grammatika, irriżulta utli għalija meta nħares lejn l-affarijiet fit-tul.

Matul il-karriera tiegħi fid-diplomazija bħala ambaxxatur għall-Italja u għal Malta, għar-Renju Unit u għall-Irlanda, għal Franza u għall-Unesco u bħala rappreżentant permanenti, darbtejn, fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (fi New York), il-multilingwiżmu kien u għadu l-pedament tal-effettività tiegħi bħala diplomatiku kif ukoll strument indispensabbli għax-xogħol tiegħi.

Fid-diplomazija, l-għarfien tajjeb tal-lingwa tal-interlokutur huwa għodda importanti sabiex wieħed jistabbilixxi konnessjoni u jsib għajnuna. Meta fl-1992 Karol Wojtyła, il-Papa Ġwanni Pawlu II, laqagħni f'udjenza privata bħala l-ambaxxatur għall-Italja, jiena naturalment kellimtu bil-lingwa materna tiegħu. Il-Papa, sorpriż, staqsieni: "Dan kif titkellem il-Pollakk, Sur Ambaxxatur, mela għext il-Polonja?". B'eċitament kbir għidtlu l-verità: "Qdusija Tiegħek, iddeċidejt li nistudja l-Pollakk minħabba t-tama li nissel fina, fil-Bulgarija, il-moviment "Solidarność", u dan qabel l-elezzjoni tiegħek bħala l-Papa ta' Ruma". Viżibbilment emozzjonat, il-Papa Ġwanni Pawlu II tani t-testi tiegħu bil-Pollakk, flimkien ma' messaġġ qasir iddedikat lili. Wara dan, id-diversi Pollakki li kienu jaħdmu madwar il-Papa f'Ruma kienu ta' spalla għalija fil-missjoni tiegħi fl-Italja, li dak iż-żmien kienet, prinċipalment, li nibdel l-immaġni tal-Bulgarija f'sens pożittiv wara għexieren ta' snin ta' iżolament minħabba l-komuniżmu.

L-ewwel esperjenza mill-qrib tiegħi tal-multilingwiżmu f'kuntest istituzzjonali kienet matul id-disa' snin li matulhom kont ir-rappreżentant permanenti għall-Bulgarija fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti fi New York, l-ewwel bejn l-2001 u l-2006 u mbagħad bejn l-2012 u l-2016. Dan kien multilingwiżmu limitat ibbażat fuq is-sitt lingwi uffiċjali tal-

organizzazzjoni dinjija – l-Ingliż, il-Franċiż, ir-Russu, l-Ispanjol, l-Għarbi u ċ-Ċiniż, filwaqt li l-Ingliż u l-Franċiż huma l-lingwi tax-xogħol użati mis-Segretarjat. Il-qafas regolatorju fis-seħħ jiggarantixxi d-disponibbiltà tal-interpretazzjoni matul il-laqgħat uffiċjali kollha tal-organi tan-Nazzjonijiet Uniti u t-traduzzjoni tad-dokumenti adottati minnhom fis-sitt lingwi uffiċjali.

Ma hemmx dubju li d-dipartimenti eċċellenti tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti huma ta' għajnuna għax-xogħol tad-diplomatiċi fi ħdan din l-organizzazzjoni u għandhom rwol ewlieni sa fejn jiffaċilitaw il-komunikazzjoni politika. Traduzzjoni tajba hija għodda indispensabbli għall-istandardizzazzjoni tat-terminoloġija u tippermetti wkoll li jiġi kkjarifikat il-messaġġ tat-testi jew tad-diskorsi li fihom l-awtur/l-interlokutur juża retorika kkumplikata, imtaqqla żżejjed bi stil formali u b'realtajiet kulturali li jaħbu l-messaġġ mixtieq. L-importanza ewlenija li għandha t-traduzzjoni tinkoraġġixxi lid-diplomatiċi u lill-politiċi jużaw lingwaġġ sempliċi u dirett fil-komunikazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom matul il-konsultazzjonijiet formali. Id-diplomatiku b'esperjenza fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti jista' jantiċipa dan "l-effett ta' traduzzjoni" u jieħdu inkunsiderazzjoni billi minn tal-inqas jikteb "għat-traduttur" u jitkellem "għall-interpretu" simultanju. Dan iwassal sabiex il-komunikazzjonijiet diplomatiċi jitilfu xi ftit mir-rikkezza stilistika tagħhom iżda jissaħħu fiċ-ċarezza tagħhom, li hija importanti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' tfassil ta' politiki.

Effett importanti ieħor li jenfasizza r-rwol ċentrali tad-dipartimenti tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti fit-titjib fil-komunikazzjoni politika huwa l-fatt li dawn id-dipartimenti għandhom rwol li sa ċertu punti jistgħu jitqiesu bħala għalliema tad-diplomatiċi u tad-delegati li jkunu qegħdin jużaw waħda mil-lingwi uffiċjali tan-Nazzjonijiet Uniti li ma tkunx il-lingwa materna tagħhom. B'mod ġenerali, id-diplomatiċi jħarsu lejn it-tradutturi bħala sors awtorevoli ta' preċiżjoni lingwistika. B'hekk, id-dipartimenti lingwistiċi fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti jiddefinixxu t-terminoloġija, li fil-prattika titqies li hija vinkolanti mid-delegazzjonijiet. Dan huwa ta' importanza partikolari fit-tfassil ta' dokumenti politiċi għaliex jelimina r-riskju li jintużaw lingwaġġ mhux ċar jew termini ambigwi. B'hekk id-delegazzjonijiet ikollhom iċ-ċertezza li, meta jużaw, pereżempju, kelma bl-Ingliż, din ser tiġi tradotta fil-ħames lingwi l-oħra b'mod speċifiku u prevedibbli, u bil-kontra. Hija impressjonanti wkoll il-komunikazzjoni flessibbli fi ħdan id-dipartimenti lingwistiċi, li b'ħeffa jikkoordinaw bejniethom it-traduzzjoni preċiża ta' termini ġodda fis-sitt lingwi, irrispettivament minn mil-liema lingwa fosthom ikun oriġina t-terminu l-ġdid.

Huwa rari ferm li jkun hemm ilmenti min-naħa tad-delegati dwar it-traduzzjoni. Eżempju sfortunat ta' differenza sinjifikattiva bejn it-test bl-Ingliż u dak bil-Franċiż tar-riżoluzzjoni storika tal-1967, ir-Riżoluzzjoni Nru 242 tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar il-Lvant Nofsani, ma kienx hemm ieħor bħalu matul l-aħħar għexieren ta' snin. Fl-Artikolu 1(i) tat-test bl-Ingliż kien hemm "withdrawal of Israel armed forces from territories occupied in recent conflict", minflok "THE territories", filwaqt li bil-Franċiż it-test kien jipprovdi "retrait des forces armeés israéliennes DES territoires occupés au cours du récent conflit". Xi drabi l-interpreti simultanji jippreċiżaw it-terminoloġija tagħhom billi jsegwu d-diskorsi ta' ċerti diplomatiċi li jkunu qegħdin jitkellmu bil-lingwa materna tagħhom. Kont xhud ta' dan waqt konsultazzjonijiet *in camera* tal-Kunsill tas-Sigurtà bejn l-2001 u l-2002 meta, f'mumenti ta' tensjoni politika minħabba l-Iraq jew il-Lvant Nofsani, ir-rappreżentant permanenti Russu ta' dak iż-żmien, Sergei Lavrov, li għandu Ingliż eċċellenti, kien qiegħed isegwi mill-qrib l-interpretazzjoni simultanja mir-Russu lejn l-Ingliż u, filwaqt li żamm il-headphones ma' widna waħda, ikkoreġa lill-interpretu, kull darba li ma qabilx miegħu, bl-interpretazzjoni li fil-fehma tiegħu kienet korretta fl-Ingliż.

Id-dominanza tal-Ingliż tidher ukoll fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fis-sede prinċipali tagħha f'belt Anglofona bħalma hija New York. Prattikament il-konsultazzjonijiet informali kollha jsiru bl-Ingliż. Dan ikollu impatt ukoll fuq il-laqgħat formali li matulhom ċerti delegati jagħżlu li jitkellmu bl-Ingliż għaliex jaħsbu li dan ikun eħfef u li jkunu ser jinftiehmu aħjar.

Personalment, madankollu, matul id-disa' snin li għamilt bħala ambaxxatur fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, id-diskorsi tiegħi kont nagħmilhom bil-Franċiż, u ftit li xejn għamilt eċċezzjonijiet. Dan għaliex, fil-fehma tiegħi, il-protezzjoni tal-multilingwiżmu għandha sinjifikat kulturali u politiku li jmur lil hinn mill-vantaġġ reali jew immaġinarju li wieħed juża biss l-Ingliż. Grazzi għall-interpretazzjoni simultanja eċċellenti, qatt ma ħadt l-impressjoni li l-messaġġi tiegħi ma kinux qegħdin jinftiehmu u li pajjiżi, u jiena bħala r-rappreżentant tiegħu, konna qegħdin nitilfu xi ħaġa f'termini ta' komunikazzjoni. Dan naturalment ma kienx dejjem faċli, b'mod partikolari meta kelli nimproviża diskorsi dwar kwistjonijiet diffiċli u politikament sensittivi matul il-laqgħat *in camera* tal-Kunsill tas-Sigurtà, fuq il-bażi ta' materjal u ta' istruzzjonijiet, mgħoddija lili ftit ħin minn qabel, imfassla bil-Bulgaru jew bl-Ingliż.

Il-multilingwiżmu personali tiegħi kien il-mezz ewlieni li bih ksibt simpatija għal pajjiżi fin-Nazzjonijiet Uniti. Il-multilingwiżmu kien, pereżempju, ta' għajnuna kbira meta ġejt elett President ta' wieħed mis-sitt kumitati prinċipali tal-Assemblea Ġenerali, it-Tielet Kumitat, li jittratta kwistjonijiet soċjali, umanitarji u kulturali, kif ukoll, fuq kollox, id-

drittijiet tal-bniedem. Naħseb li l-fatt li kont nuża erba' lingwi uffiċjali tan-Nazzjonijiet Uniti matul il-presidenza tiegħi wassal għal titjib fl-atmosfera matul il-laqgħat u għinni nindirizza aħjar sitwazzjonijiet ferm delikati.

Wieħed mill-kompiti prinċipali tad-diplomatiċi fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti huwa li jaħdmu sabiex kandidat jiġi elett f'wieħed mid-diversi organi. Din il-ħidma tirrikjedi ħafna ħin u sforz kbir. Il-kuntatti soċjali u personali mar-rappreżentanti tal-pajjiżi, li l-appoġġ tagħhom ikun mixtieq fil-kuntest ta' dawn il-kampanji elettorali, huma determinanti sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Hekk, pereżempju, fl-2001, il-Bulgarija u l-Bjelorussja kienu qegħdin jikkompetu għal siġġu bħala Membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-kompetitur tiegħi, ir-rappreżentant permanenti tal-Bjelorussja, li qabel kien għal żmien twil il-Prim Ministru ta' pajjiżu, kien jitkellem bir-Russu biss u kien juża d-diplomatiċi bi ftit esperjenza tiegħu sabiex jaħdmu fuq il-kampanja tiegħu sabiex jiġi elett, l-istess diplomatiċi li kien juża bħala tradutturi matul il-laqgħat tiegħu. B'differenza minnu, bis-saħħa tal-multilingwiżmu personali tiegħi stajt nikkomunika ma' ħafna mill-ambaxxaturi bil-lingwa materna tagħhom sabiex immexxi l-kandidatura Bulgara. Il-Bulgarija rebħet mal-ewwel votazzjoni.

L-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li "L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika". Fl-artikolu preċedenti, l-Artikolu 21, il-Karta tipprojbixxi espliċitament id-diskriminazzjoni bbażata, fost oħrajn, fuq il-lingwa. Din hija għażla fuq livell ta' prinċipju, għażla li tiffavorixxi l-ħarsien tal-patrimonju lingwistiku, mibni matul il-millennji tal-istorja tagħna u li mingħajru ma kienx ikun possibbli l-iktar suċċess importanti tal-integrazzjoni Ewropea u l-qofol tagħha: li tinkiseb u li tinżamm il-paċi fil-kontinent wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-istess *Pax Europea* li għal żmien twil kienet il-ħolma ta' ġenerazzjonijiet ta' umanisti kbar. Il-paċi fl-Ewropa ma hijiex possibbli minħabba unifikazzjoni kulturali u lingwistika, fis-sens ta' "melting pot" bħall-Amerika, iżda hija possibbli bis-saħħa tal-ħarsien u bil-koeżistenza paċifika ta' kull identità nazzjonali Ewropea, fejn l-unità ma tinkisibx minkejja d-diversità kulturali u lingwistika iżda bis-saħħa ta' din id-diversità, li hija l-legat ta' millennji ta' storja.

F'dan il-qafas regolatorju u politiku, il-multilingwiżmu istituzzjonali huwa l-espressjoni materjali tad-dritt inaljenabbli ta' kull ċittadin Ewropew li jkollu aċċess fil-lingwa tiegħu stess għad-dokumenti uffiċjali mfassla mid-dipartimenti u mill-istituzzjonijiet Ewropej. Dan il-multilingwiżmu jiggarantixxi liċ-ċittadini d-dritt li jagħmlu mistoqsijiet irrispettivament mill-kompetenzi lingwistiċi tagħhom, u li jirċievu tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet fil-lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea magħżula minnhom.

Ħafna drabi, fid-dibattiti dwar il-futur tal-Ewropa jinstema' min jgħid li, minn perspettiva ta' amministrazzjoni tajba, il-mudell eżistenti ta' multilingwiżmu istituzzjonali ma huwiex effettiv u jeżiġi wisq riżorsi. Ir-riżultat ta' dan l-argument ikun li jintgħażlu lingwa waħda jew l-iktar l-iktar żewġ lingwi, abbażi ta' kriterji demografiċi u ekonomiċi, bħala lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, tali deroga mill-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni stabbiliti fil-Karta twassal, mingħajr ebda dubju, għal nuqqas ta' ugwaljanza bejn iċ-ċittadini Ewropej u twitti t-triq għal sitwazzjoni fejn l-istituzzjonijiet Ewropej jiffunzjonaw iktar bħala oligarkija, sitwazzjoni din li ssaħħaħ ix-xettiċiżmu li jeżisti f'diversi Stati Membri fir-rigward tal-Unjoni Ewropea.

Attwalment, l-ikbar sfida għas-soċjetà Bulgara hija r-riforma tas-sistema ġudizzjarja. Fil-kuntest ta' dawn l-isforzi, il-pajjiż tiegħi jsib sostenn fid-dritt Ewropew u fl-istituzzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni mingħajr restrizzjoni minħabba ostakoli lingwistiċi dwar kwistjonijiet legali bejn, minn naħa, il-qrati Bulgari, l-uffiċjali, il-politikanti, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-ġurnalisti u ċ-ċittadini Bulgari u, min-naħa l-oħra, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea hija ta' importanza kbira għall-konsolidazzjoni tal-Istat tad-dritt fil-Bulgarija. Fl-2021 biss, il-membri tal-ġudikatura Bulgara ressqu madwar sittin talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, numru dan li qiegħed jiżdied kull sena. Mill-perspettiva Bulgara, il-ħidma tal-ġuristi lingwisti fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra hija indispensabbli. Il-ħidma tagħhom tikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għall-immaġni tal-Ewropa li għandna bżonn u li tant inħobbu: Ewropa miftuħa, diversa u solidali.

# Kunsiderazzjonijiet ta’ filologu dwar il-multilingwiżmu

— José Antonio Pascual

**José Antonio Pascual huwa filologu interessat fl-istorja tal-Ispanjol. Fil-parti l-kbira huwa għallem fl-Università ta’ Salamanca, bħala Professur tal-lingwa Spanjola. Huwa membru tar-Real Academia Española (l-Akkademja Rjali Spanjola), li tagħha huwa kien il-Viċi Direttur. Huwa ngħata l-Premio Nacional Menéndez Pidal de Investigación (il-Premju Nazzjonali Menéndez Pidal għar-Riċerka). Huwa għandu Dottorat honoris causa mill-Università ta’ Pariġi XIII u mill-Università ta’ León.**

Il-kelma ssir stallett imdendel
meta f'qalbha tiċħad dak li twiegħed"
Pedro López Lara, Meandros,
Madrid: Vitruvio 2021.

## 1. Il-multilingwiżmu, eżemplifikat fil-kuntest ġuridiku tal-Unjoni Ewropea

Il-multilingwiżmu qiegħed hawn, quddiem għajnejna, fir-realtà ta' kuljum ta' madwarna, bħal dik in-natura li jifformaw parti minnha l-arja, ix-xemx, il-baħar jew il-foresti. Huwa fil-lingwi li l-lingwaġġ jieħu forma u permezz tagħhom li dawk li jitkellmuhom jiksbu aċċess għall-ewwel organizzazzjoni tar-realtà, filwaqt li bil-lingwa tagħhom joħolqu din il-fraternità misterjuża u profonda li tirriżulta mis-sejħan, sa mit-tfulija, tal-istess affarijiet bl-istess ismijiet. Iktar tard nużaw il-lingwa li tkun ingħatatilna bix-xorti sabiex nesprimu ruħna fil-mumenti tajbin u f'dawk ħżiena, sabiex ninteraġixxu mal-ħbieb, sabiex niddefendu ruħna minn dawk li jbeżżgħuna; jew sempliċement sabiex ngħixu, sabiex naħsbu, sabiex niddevertu, inkluż sabiex nigdbu … . Għandna d-dritt kollu tad-dinja nesprimu ruħna fil-lingwa tagħna, fatt li ma jfissirx li din il-lingwa, jew xi lingwa oħra, hija aħjar jew agħar mill-oħrajn.

Għalhekk, nixtieq nifhem li dan id-*Démarche Multilinguisme,* organizzat mid-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jipprova juri li l-istituzzjoni tibqa' attenta għad-difiża tal-lingwi, difiża li fir-rigward tagħha hija impenjat ruħha sa mill-ħolqien tagħha, u li, fir-realtà, hija dik tal-kelliema ta' dawn il-lingwi sabiex huma jkunu jistgħu jagħżlu liberament il-lingwa jew il-lingwi li bihom huma jkunu jixtiequ jesprimu ruħhom.

Minn perspettiva esterna u b'verament ftit esperjenza ta' dak li jiġri lil hinn minn orizzont li l-limitu tiegħu normalment jikkoinċidi ma' dak tal-kotba tiegħi, għandi l-impressjoni li l-Unjoni, bħala komunità tad-dritt, involviet ruħha fil-fond sa mill-ħolqien tagħha li tiżgura, f'qasam daqstant importanti għad-demokrazija bħalma huwa dak ġuridiku, li l-fatt li jkollha r-riżorsi umani, tekniċi u organizzattivi sabiex tikseb, f'din il-babelizzazzjoni tal-Unjoni, li kull persuna li tressaq azzjoni ġudizzjarja tesprimi ruħha fil-lingwa tal-pajjiż tagħha stess u li kull Stat Membru jiddefendi l-interessi tiegħu fil-lingwa uffiċjali tiegħu ma baqax sempliċi xewqa, iżda sar realtà. Dan jikkomplika l-affarijiet minħabba l-obbligu li parti kbira mid-dokumenti uffiċjali jiġu tradotti fil-lingwi kollha, kif ukoll li tiġi pprovduta l-interpretazzjoni għal kull waħda minnhom fil-fażi proċedurali u f'sitwazzjonijiet oħra.

Fil-fehma tiegħi, ma huwiex għaldaqstant ta’ mertu żgħir li f’dan in-network kumpless ta’ traduzzjoni u ta’ interpretazzjoni kienet possibbli ħidma bil-kwalità meħtieġa mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, punt li ser nirreferi għalih dalwaqt.

’Il-bogħod mill-ġenna li għal xi wħud tinsab fl-uniformità lingwistika, l-Unjoni mhux biss għażlet sa mill-bidu nett il-multilingwiżmu — sitwazzjoni tal-lingwi li għal kull filologu hija ħaġa naturali —, iżda kompliet tippromwovih permezz ta’ azzjonijiet maħsuba sew bħal dik li fetħet beraħ il-bibien għall-iskambju ta’ professuri u ta’ studenti universitarji tal-pajjiżi tagħha, permezz ta’ programmi bħall-Erasmus, flimkien ma’ oħrajn ta’ portata differenti, fil-qasam tat-tagħlim u tar-riċerka, li servew ta’ inċentiv sabiex, fi ħdan u barra mill-Unjoni, jiġu promossi inizjattivi paralleli għal din ma’ pajjiżi mhux Ewropej.

## 2. Il-kwalità essenzjali tat-traduzzjoni

Ikun impossibbli li l-komunikazzjoni bejn il-persuni li jgħixu flimkien f’kuntest multilingwistiku ma tagħtix lok għal skambji bejn il-lingwi tagħhom. Madankollu, għandha ssir distinzjoni bejn dawk l-iktar spontanji u qrib, li jseħħu fir-realtà ta’ kuljum li tinbidel, u dawk li jappartjenu għal realtajiet ’il bogħod, jekk mhux għal kollox estranji, li jappartjenu għall-qasam tad-dritt u tal-amministrazzjoni, li għalihom huwa meħtieġ li tiġi rfinata kemm jista’ jkun l-espressjoni tal-kunċetti. Dawk li jaħdmu mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma meħtieġa jirnexxilhom jinkludu ta’ kuljum fix-xogħol tagħhom il-partikolaritajiet tad-dritt Ewropew, li jestendi għad-diversi partijiet tal-Unjoni. Dawn il-partikolaritajiet jeħtieġu li jintużaw kunċetti barranin (jew, jekk wieħed jippreferi, li dawn jiġu ospitati) u barra minn hekk li dan isir bi preċiżjoni li ma hijiex faċli li tintlaħaq, fid-dawl tal-bidla kontinwa fir-rigward tat-tifsira li għaliha huma suġġetti t-termini ġuridiċi. Dawn il-bidliet jispjegaw id-diffikultajiet sabiex jiġu tradotti l-kliem ta’ dan il-qasam, kompitu li fih, inċidentalment, ix-xogħol ta’ kuljum imwettaq fl-Unjoni joħloq duttrina.

Duttrina, tal-inqas għal filologu, speċjalment jekk ikun xi ftit lessikografu, għaliex għalih l-informazzjoni li jiltaqa’ magħha kemm fid-databases tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll fil-kummentarji tekniċi inklużi fid-dokumenti jew fil-pubblikazzjonijiet tagħhom jikkostitwixxu teżor ta’ veru. Ser nuri dan permezz ta’ xi problemi li qiegħed niltaqa’ mas-soluzzjoni tagħhom (u li magħhom kien ikun mistħoqq li titfassal tipoloġija sħiħa):

1. L-iktar mod faċli huwa li tinstab traduzzjoni li tinftiehem iktar ta’ kelma, bħall-kliem Ingliż *rule of law*, li għalih, minflok ma jintuża Estado de derecho (Stat tad-dritt), ikun iktar trasparenti f’ħafna każijiet imperio de la ley (saltna tal-liġi). Ċertament jista’ jkun hemm xi problemi, li faċilment jistgħu jingħelbu, bħalma jiġri fil-każijiet fejn, minkejja li l-lingwa li fiha ssir it-traduzzjoni tkun tixxiebah

mal-lingwa sors, it-trasferiment minn tifsira teknika għall-kelma komuni ma jkunx possibbli, minħabba differenza fir-reġistru bejn din it-tifsira l-ġdida u dik antika: dan huwa l-każ tal-kelma ġuridika Ingliża *frivolous*, li t-traduzzjoni tagħha bl-Ispanjol ta’ *frivolo* (frivolu) tista’ tkun iktar preċiża f’xi kuntesti ġuridiċi milli l-użu ta’ kliem bħal *infundado* (infondat), minkejja l-kuntrast fir-reġistru bejn it-tifsira tradizzjonali u dik ġdida.

2. Ħafna huma l-każijiet li fihom il-problema tqum minn neċessità li tiġi ppreċiżata differenza permezz ta’ kliem distint bħal dik li tinsab fit-tifsiriet li tinkludi *Big data: macrodatos o datos masivos* (Big data: macrodata jew data ta’ volum kbir), iżda wkoll *ciencia de los datos* (xjenza tad-data) jew *inteligencia de datos* (intelliġenza tad-data). Bl-istess mod, normalment jintużaw *acciones, vías de recurso* (azzjonijiet, rimedji ġudizzjarji) jew sempliċement *recursos* (rikorsi) għall-kelma Ingliża *remedies*, meta jsir riferiment għall-mezz sabiex jintalab ir-rikonoxximent ta’ dritt jew ta’ pretensjoni (dan huwa n-normal); madankollu, f’kuntesti oħra traduzzjonijiet bħal *tutela, amparo, medidas de tutela, medidas cautelares* (protezzjoni, rikors kostituzzjonali, miżuri ta’ protezzjoni, miżuri kawtelatorji) (fil-każ ta’ mezz sabiex jinkisbu miżuri preventivi) jew *reparación* (kumpens) jew *resarcimiento* (riżarċiment) (fil-każ ta’ riferiment għal miżuri kumpensatorji) jiġu ppreferuti.

3. Nistgħu anki nikkonstataw li prossimità ta’ tifsiriet tikkontamina d-differenza ta’ tifsiriet ta’ neoloġiżmu. B’hekk, fin-negozjati tal-Unjoni dwar il-Brexit, mill-kelma *backstop*, li tirreferi fil-qasam tal-isport għal tip ta’ barriera, tnissel il-kliem *backstop solution*, applikat għaż-żamma tat-territorju tal-Irlanda ta’ Fuq fi ħdan l-unjoni doganali tal-Unjoni Ewropea. Dan ġie tradott bl-Ispanjol, b’mod simili għal kif seħħ f’lingwi oħra, permezz ta’ (solución del) mecanismo de protección, (solución de) salvaguardia, solución de última instancia y solución de último recurso ((soluzzjoni tal-)mekkaniżmu ta’ protezzjoni, (soluzzjoni ta’) salvagwardja, soluzzjoni tal-aħħar istanza u soluzzjoni ta’ garanzija ta’ kontinġenza) (dawn l-aħħar żewġ forom huma ppreferuti għall-ewwel tnejn, li jirreferu għall-kelma speċifikament finanzjarja użata fil-kriżi li nbdiet fl-2008 f’kuntest ieħor u b’tifsira oħra).

4. Ma huwiex inqas importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bidliet fil-mentalità li seħħew fis-soċjetà u l-influwenza tagħhom fuq il-bidliet terminoloġiċi, li jirrakomandaw li *illegal* f’ċerti każijiet tiġi tradotta bħala *irregular* (irregolari) u mhux bħala *ilegal* (illegali). Dan huwa wkoll il-każ tat-tifsira doppja (relattiva

għall-qasam globali baġitarju jew għal dak strettament fiskali) li l-kelma *fiscal* (fiskali) kisbet matul l-istorja fil-qasam finanzjarju bl-Ingliż u bl-Ispanjol; il-problema f'dan il-każ hija l-kumplessità tat-tifsiriet tagħha, li għandha twassal sabiex jiġu ppreċiżati l-valuri li dan il-kliem għandu jkollu fl-użu ġuridiku tiegħu fid-diversi lingwi.

Eżempji bħal dawn, li ltqajt magħhom f'pubblikazzjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni, jixhdu l-attenzjoni bir-reqqa mogħtija lit-traduzzjoni fi ħdan il-korpi ġuridiċi tal-Unjoni, fix-xogħol imwettaq minn ġuristi lingwisti u minn interpreti. Dan jispjega għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja hija punt ta' riferiment f'dan il-qasam għal dawn it-tip ta' istituzzjonijiet ġewwa u barra mill-Unjoni, fatt li, fl-aħħar mill-aħħar, huwa dovut għall-fatt li tkun ingħatat prijorità lill-kwalità fil-mument tat-twettiq tax-xogħol, bil-fehma li kull attenzjoni li tingħata lit-traduzzjoni ma hijiex ħafna sabiex tiġi amministrata ġustizzja f'sitwazzjoni ta' multilingwiżmu. Din il-kwalità tintlaħaq, l-ewwel, permezz tat-taħriġ inizjali tat-tradutturi u tal-interpreti, it-tieni permezz tal-proċess ta' selezzjoni tagħhom, it-tielet permezz tat-titjib kontinwu tagħhom matul il-karriera professjonali tagħhom u fl-aħħar permezz tal-preparazzjoni ta' kuljum tax-xogħol tagħhom, li għaliha huma għandhom id-dokumentazzjoni adatta u ċertu żmien sabiex jistudjawha.

## 3. Il-plurilingwiżmu ma jżommx it-tqarrib tar-realtajiet li jinsabu wara l-lingwi

Wara din id-dawra inevitabbli fuq il-kwalità, nerġa' lura nitkellem fuq ir-relazzjoni bejn il-lingwi li jgħixu flimkien f'dan il-baħar imqalleb li fih jaħbtu l-mentalitajiet differenti li jeżistu fid-diversi pajjiżi tal-Unjoni. Hemm kelliema tal-lingwa li waslu jemmnu li dak li huwa tagħhom — il-lingwa tagħhom jew ir-reliġjon tagħhom, pereżempju — huwa aħjar minn għal dak tal-oħrajn; f'dan huma jsibu l-ġustifikazzjoni sabiex itellgħu kull tip ta' barriera għall-introduzzjoni ta' kliem barrani. Bil-kontra, oħrajn iqisu li ħafna drabi l-uniċi dokumenti li kelma għandha teħtieġ sabiex taqbeż minn lingwa għal oħra huma x-xewqat tal-kelliema tal-lingwa. Dan jispjega ż-żewġ modi kif normalment jiġi ttrattat il-kliem barrani, li, minn naħa t-tajba tal-affarijiet, ifittxu, fil-każ ta' dak tal-ewwel, l-awtoaffermazzjoni tal-kelliem tal-lingwa li ma jkunx jixtieq ikisser l-istruttura li fuqha tkun inbniet il-lingwa tiegħu, u, f'dak tat-tieni, li din ma tibqax periferika u titqarreb mal-oħrajn.

Fil-bilanċ bejn dawn iż-żewġ estremi li fihom imxejna tul l-istorja, għandna nwarrbu l-biżgħat li jqumu f'dik li tissejjaħ l-attwalità drammatika, li fiha jidher li l-lingwi tagħna,

b'dispraments ta' ħafna mill-kelliema tagħhom, huma kkundannati li jiġu invażati mill-barbari (fis-sens etimoloġiku tal-kelma). Jekk inħarsu lejn il-passat, nosservaw kif dak li dak iż-żmien kien jidher li kien invażjoni insopportabbli ta' kliem li joriġina minn lingwi oħra spiċċa bl-għejbien ta' ħafna minnhom, peress li l-kelliema tal-lingwi kienu kapaċi jipprattikaw l-ekoloġija lingwistika li twassalhom jirriċiklaw parti kbira minn dawn il-formazzjonijiet insopportabbli billi jitqiegħdu fl-inċineratur, fejn l-erwieħ tagħhom ibiddlu dawn l-eċċessi fi rmied.

L-iskambji ta' kliem — fi kwalukwe forma — huma biss il-ponta tal-iceberg li meta titfaċċa tqegħedna fit-triq tal-iskambji tal-ideat — u, b'hekk, tal-mentalitajiet li permezz tagħhom jimxu 'l quddiem — li jseħħu permezz tal-lingwi tal-kelliema. Dan il-proċess jifforma parti minn dik li ngħidulha kultura, li tinkludi t-tradizzjonijiet, l-imġiba, l-ideat, it-twemmin, il-preġudizzji, ir-riti, il-moda u anki l-liġijiet.

Dawn huma l-pontijiet li jinbnew bejn il-lingwi koeżistenti, li ffaċilitaw l-iżvilupp li seħħ fl-istudji lingwistiċi u filoloġiċi (permezz ta' grammatiċi, dizzjunarji, teżawri), li jippermettu lill-persuni kolti jidħlu b'mod iktar fil-fond fl-irqaqat tal-lingwi l-*oħra*. Ma' dan jiżdied il-fatt li lingwisti komputazzjonali u analisti tad-data bejniethom waslu joħolqu dik li b'mod kemxejn impreċiż hija magħrufa bħala traduzzjoni awtomatika — li tvarja mill-mudelli statistiċi sa dawk l-iktar reċenti bbażati fuq networks newronali (NMT) — li ħafna minna nużaw ta' kuljum. Inċidentalment, l-użu ta' dawn il-mezzi fil-Curia jservi bħala amplifikatur sabiex korpi esterni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni jaraw l-opportunità li jużawhom, naturalment bl-ikkompletar tal-użu tagħhom bi proċess ta' reviżjoni bir-reqqa, konxji li t-tradutturi ma jiqfux ikunu l-protagonisti ta' dawn l-azzjonijiet, li għalihom il-magni huma kollaboraturi eċċellenti, iżda dejjem jibqgħu kollaboraturi.

Dan ma jeskludix il-possibbiltajiet ta' kontribuzzjoni għal permeabbiltà ikbar tal-lingwi tal-Unjoni fir-rigward tal-użu ta' kunċetti relatati mad-dritt. Xogħol bħad-*Diccionario Panhispánico del Español Jurídico* tar-Real Academia Española joffri eżempji tajbin ta' versatilità u ta' preċiżjoni fl-immaniġġar tal-lingwaġġ. Dan jinkorpora l-lessiku ġuridiku kollu, il-kliem komuni u l-varjanti territorjali, ta' Spanja u tal-pajjiżi l-oħra tal-Amerika li jitkellmu bl-Ispanjol. Id-dizzjunarju jippermetti l-konsultazzjoni immedjata, minn kull waħda mill-entrati tiegħu, tal-użu tal-kliem mil-leġiżlatur f'kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati. Din l-informazzjoni tippermetti interkomunikazzjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi kollha li jitkellmu bl-Ispanjol. Dan huwa l-ewwel pass lejn l-istabbiliment ta' komunità ta' informazzjoni li magħha, fi żmien qasir, ser tiżdied ukoll il-konnessjoni mad-databases tal-Unjoni u ta' pajjiżi Ewropej oħra, irrispettivament mil-lingwa tagħhom. Għaldaqstant, il-varjanti ta' kunċett jistgħu jiġu kkonsultati, fil-qasam Spanjol-Amerikan u Ewropew, mingħajr il-ħruġ mill-istess sistema u irrispettivament mil-lingwa li fiha jkunu fformulati.

Qiegħed nirreferi għal tip ta' xogħol li l-istruttura tiegħu tkun applikabbli għal-leġiżlazzjonijiet tan-network ġudizzjarju u amministrattiv tal-pajjiżi tal-Unjoni; fil-fatt, din il-possibbiltà diġà tidher fid-dizzjunarju, peress li, flimkien ma' kliem li jirreferu esklużivament għal Spanja (pereżempju, *Consejo de la Guardia Civil*, frażi li tappartjeni għall-qasam tal-amministrazzjoni, jew censo vitalicio, frażi li tappartjeni għall-qasam tad-dritt ċivili applikabbli fil-Katalunja) u għall-pajjiżi Spanjoli-Amerikani (pereżempju, *casación en forma de oficio* jew *conducta ministerial* fiċ-Ċilì; *caución de no ofender,* fil-Messiku), hemm ukoll kliem li jirreferu direttament għall-istituzzjonijiet Ewropej (*comercialización transfronteriza* (kummerċ transkonfinali) jew *Convenio de Bruselas* (Konvenzjoni ta' Brussell)). Għalhekk dan ix-xogħol huwa xhieda ta' possibbiltà ta' kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-pajjiżi Ewropej fir-rigward tal-lingwa u tad-dritt, fatt li jippreżumi appoġġ qawwi għall-prattika tal-multilingwiżmu fil-qasam tad-dritt.

Ir-riferiment tiegħi għall-possibbiltajiet differenti li eżistew fit-trattament tan-neoloġija wassalni nindika n-neċessità li jkollna l-mezzi sabiex nimxu dejjem b'iktar sigurtà f'din ir-realtà differenzjali kumplessa bejn pajjiżi u persuni li l-kliem huma biss parti minnha. Dan huwa l-pass neċessarju sabiex aħna l-Ewropej nibbenefikaw mit-tifsira ta' wara l-kelma *unjoni* inkluża fis-sintagma *Unjoni Ewropea* u nkunu nafu ninfettaw ruħna bit-titjib li nistgħu nsibu fir-realtà tal-oħrajn, billi ninkorporawh f'soċjetà, dik *tagħna*, li ħadd ma jista' jaħseb li għandu jikkuntenta ruħu jemmen li laħqet il-perfezzjoni.

## 4. In-nuqqas ta' qbil ta' filologu ma' ċerti modi li bihom jinftiehem il-multilingwiżmu

F'dan il-punt, inkompli nsostni l-pożizzjoni tiegħi fir-rigward tal-multilingwiżu, billi nitlaq minn din il-kundizzjoni tal-lingwi li tqegħedhom kollha fuq livell ta' ugwaljanza. Madankollu, nifhem ukoll li, fis-sitwazzjoni attwali, dawk li jamministraw il-ġustizzja u dawk — ġudikanti, tradutturi u interpreti — li jassistu f'dawn il-funzjonijiet għandhom bżonn jistrieħu fuq lingwa ta' deliberazzjoni li sservi ta' vettura fid-diskussjonijiet tagħhom u li fiha tiġi abbozzata l-verżjoni tad-dokumenti li titqies *l-oriġinal*. Din ma kinitx idea imposta mill-prinċipji tal-filoloġija, iżda minn neċessità tal-istituzzjoni li jkollha lingwa li tiffaċilita x-xogħol li l-persuni li jitkellmu lingwi differenti jkollhom iwettqu mingħajr intermedjarji.

L-għażla ta' xi istituzzjonijiet li jkollhom tliet lingwi ta' xogħol, b'konsegwenza ta' negozjar politiku li nissupponi kien influwenzat minn ħafna fatturi mhux relatati mal-lingwi, tidher li hija raġonevoli. Issa għandi suspett li minħabba l-Brexit forsi wieħed jista' jaħseb li

wasal il-mument li titnaqqas is-saħħa tal-Ingliż fl-Unjoni, fatt li miegħu forsi tista' tiżdied il-marda serja li taffettwah, minħabba l-*kwalità fqira* tiegħu, dovuta preċiżament għall-internazzjonalizzazzjoni. Kieku din l-okkorrenza kienet imminenti, kont nazzarda nistaqsi, minn naħa, jekk ir-Renju Unit kienx l-uniku pajjiż tal-Unjoni li għandu l-Ingliż bħala lingwa nativa tiegħu u jekk huwiex opportun li tintesa l-importanza dovuta preċiżament għall-istatus tiegħu ta' lingwa internazzjonali; min-naħa l-oħra, kont nistaqsi, jekk din il-*kwalità fqira* taffettwax kwalunkwe lingwa li tintuża f'dawn l-istess ċirkustanzi u anki f'oħrajn: ma huwiex kumbinazzjoni li xi ħadd irrefera għal-lingwa tiegħi bħala *angloñol*, lanqas ma jidher li ried isir xi tifħir fir-rigward tal-Franċiż billi ssejjaħ *franglais*.

Ikun rakkomandabbli u prudenti għal filologu li jinjora dawn il-kwistjonijiet, speċjalment jekk ikollu s-sensazzjoni li l-azzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-promozzjoni tal-multilingwiżmu jistgħu jkunu iktar indirizzati lejn it-tisħiħ tal-bilingwiżmu milli jservu ta' sostenn għall-multilingwiżmu, b'hekk titkompla tradizzjoni li fiha l-lingwi kkompetew ma' xulxin sabiex jiksbu pożizzjoni prominenti bejniethom abbażi tal-fatt li waħda tista' tkun iktar adatta minn oħra għall-astrazzjoni jew għall-ironija jew sabiex tesprimi kif tinsab ir-ruħ, kif ukoll, kif qrajt reċentement, sabiex iżżomm livell etiku ogħla minn dak tal-oħrajn. Dan kollu wassal ukoll għall-idea li, fid-dinja li fiha l-lingwi jgħixu flimkien, xi wħud għandhom vokazzjoni li jerfgħu fuq spallejhom il-kompitu diffiċli li jwettqu destin. Bħallikieku dawn kienu mmexxija lejn dan id-destin mil-liġijiet tan-natura, flimkien ma' dawk tal-istorja, hekk kif jemmen filologu Franċiż importanti li, inċidentalment, għandi rispett kbir għax-xogħol tiegħu: "chacune des trois grandes langues à vocation fédératrice de l'Europe a un rôle à jouer, que lui fixe un certain destin. Le développement des exigences culturelles, en réaction de lassitude face à l'insolente frénésie du profit, donne toutes ses chances au français. Et il peut, dans divers domaines où l'anglais et l'allemand sont moins présents, devenir par une heureuse complémentarité, un facteur d'équilibre trilingue en fédérant les aspirations". (Kull waħda mit-tliet lingwi kbar unfikaturi tal-Ewropa għandha rwol xi twettaq, maħluqa għaliha sa ċertu punt mid-destin. L-iżvilupp tad-domanda kulturali, bħala risposta dgħajfa għall-ferneżija insolenti tal-profitt, tqiegħed il-Franċiż f'pożizzjoni ta' saħħa kbira. U, f'numru ta' oqsma li fihom l-Ingliż u l-Ġermaniż huma inqas preżenti, għandha l-kapaċità li ssir, f'relazzjoni ta' komplementarjetà pożittiva, fattur trilingwi li joħloq ekwilibriju fl-unifikazzjoni tal-aspirazzjonijiet). Dan ma huwiex wieħed minn dawk il-każijiet li fihom "le plaisir qu'il y a à comprendre certains raisonnements délicats dispose l'esprit en faveur de leurs conclusions" (il-pjaċir li jinħass meta wieħed jifhem ċerti proċessi ta' ħsieb ilesti l-moħħ għall-konklużjonijiet ta' dawk il-proċessi ta' ħsieb)?

Fil-fehma tiegħi, jagħmel sens li l-Franċiż illum il-ġurnata għandu l-istatus ta' lingwa tax-xogħol fil-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan, ma huwiex neċessarju li dan jitpoġġa fil-ġenna li xi darba xi wħud minnha l-bnedmin nisperaw li nilħqu, peress li hemmhekk ma hemmx post għal-lingwi. Il-Franċiż sempliċement qiegħed fil-post li lejh wasslitu l-istorja fil-mument li fih tqiegħdu l-pedamenti tal-bini tal-Unjoni, mument li fih inħolqot din l-alternanza tal-Franċiż u tal-Ġermaniż mal-Ingliż, li aħna wiritna. Il-Franċiż kiseb dan l-istatus wara negozjar politiku bbażat fuq ħafna merti esterni għal-lingwa, dovuti għall-kwalità tal-edukazzjoni fi Franza, għat-tradizzjoni diskursiva magħrufa li teżisti minn qabel l-Illuminiżmu, għall-piż tax-xjenza u tal-kultura tagħha, għas-saħħa tad-diplomazija tagħha u għall-importanza tad-dritt tagħha. Dawn il-fatti ffavorixxew dan l-użu f'sitwazzjoni li fiha kien raġonevoli li jkun hemm ftit lingwi tax-xogħol, peress li ma kienx vijabbli li jinżamm multilingwiżmu sħiħ.

Forsi minn ġewwa l-Unjoni l-affarijiet jidhru b'mod differenti u jista' jiġi identifikat dak li jista' jsir sabiex jiġi promoss u mtejjeb il-plurilingwiżmu. Mil-lat tiegħi ta' filologu jiena ma għandi xejn xi ngħid dwar dan, peress li din hija xi ħaġa li l-politiċi għandhom jaqblu dwarha, fir-rigward ta' realtà — dik tal-lingwi. F'din ir-realtà, l-Ispanjol għandu argumenti qawwija, magħrufa sew, hekk kif għandhom lingwi oħra.

Nikkonkludi: nixtieq — ngħidha b'inqas tama minn konvinzjoni — li din l-opportunità li għandna sabiex nippromwovu l-plurilingwiżmu fl-Unjoni sservi sabiex tqanqal l-użu tal-lingwi tal-Unjoni, mhux sabiex jiġi ristrett l-użu ta' xi wħud minnhom.

## REFERENZI

Dehrli li ma kienx neċessarju nispjega r-raġuni għall-ugwaljanza essenzjali bejn il-lingwi, li nirreferi għaliha diversi drabi tul it-test. Sabiex nekonomizza fuq l-ispjegazzjonijiet, ser nirreferi sempliċement għall-verżjoni eċċellenti Spanjola tal-ktieb ta' David Crystal *Enciclopedia del lenguaje,* Moreno Cabrera, J. C. (editur), Taurus, Madrid, 1994 (l-oriġinal Ingliż, *The Cambridge Encyclopedia of Language,* huwa tal-1987), p. 6 u 7.

L-idea tal-fraternità li tirriżulta mis-sejħan, sa mit-tfulija, tal-istess affarijiet bl-istess ismijiet, li hija attribwita lil Carlos Fuentes, ħadtha minn Juan Cruz, *El País*, 26.11.1984.

Ridt nalterna l-użu tradizzjoni ta' *self* u *għoti b'self* b'dak ta' *mistieden* u *ospitalità*, skont il-ħolqien intenzjonat tajjeb tas-sintagma *hospitalité langagière* ta' Paul Ricoeur, minkejja li l-filosfu, fit-tentattiv tiegħu li jtejjeb ir-realtà permezz tal-ħolqien tagħha, ftit li xejn jikkontribwixxi għal din il-kwistjoni.

Ir-riferimenti għall-mod tat-traduzzjoni tal-kliem Ingliżi *rule of law, frivolous, remedies, backstop, illegal* u l-espressjoni tad-diversi tifsiriet ta' *Big data* u dawk li kisbet maż-żmien il-kelma *fiscal bl-Ingliż u bl-Ispanjol, ħadthom minn edizzjonijiet differenti ta' puntoycoma, boletín de los traductores españoles.*

L-immaġni tar-riċiklaġġ tal-kliem li jispiċċa fl-inċineratur tar-ruħ tirriżulta minn Millás, J. J., *El País*, 3.12.2021.

Id-*Diccionario panhispánico del español jurídico* tar-Real Academia Española, Santiago Muñoz Machado (editur), Santillana, ġie ppubblikat f'Madrid, 2017, u huwa aċċessibbli fis-sit internet: "https://dpej.rae.es".

Il-ħolqien tal-kelma *angloñol* iltqajt miegħu fi Francisco Javier Muñoz Martín, https://ec.europa.eu/translation/spanish/magazine/documents/pyc_172_es.pdf.

Ilu iktar minn nofs seklu li René Etiemble ppubblika *Parlez-vous franglais*?, Gallimard, Pariġi, 1964.

Il-lingwista li ma naqbilx miegħu, għalkemm nenfasizza l-ammirazzjoni li għandi lejh, huwa Claude Hagège, awtur ta' *Le souffle de la langue*, Odile Jacob, Pariġi, 2000.

Ir-relazzjoni bejn il-ħsibijiet delikati u l-konklużjonijiet tagħhom qiegħed noħodha minn Paul Valéry, *Oeuvres,* II, "Autres rhumbs", Hytier, J. (editur), Gallimard (Bibliothèque de la Pléiade), Pariġi, 1960, p. 693.

Il-frażi "b'inqas tama minn konvinzjoni" hija mislufa mit-titolu tal-ktieb ta' Ángel González, *Sin esperanza, con convencimiento,* Literaturasa, Barcellona, 1961.

# Ġuristi Lingwisti mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u Tradutturi Ġudizzjarji fir-Repubblika Ċeka – Żewġ dinjiet differenti?

— Tomáš Duběda

**Tomáš Duběda jaħdem fl-Istitut tal-Istudji tat-Traduzzjoni (Fakultà tal-Arti, Charles University, Praga), fejn jgħallem traduzzjoni professjonali u dixxiplini lingwistiċi. Fir-riċerka tiegħu, huwa jiffoka fuq traduzzjoni legali, traduzzjoni f'lingwi mhux materni, fonetika u lingwistika tal-kuntatt. Huwa traduttur prattikanti u jipparteċipa fit-taħriġ ta' interpreti u tradutturi ġudizzjarji Ċeki.**

## Introduzzjoni

Sistema legali u l-lingwa li hija l-mezz ta' espressjoni tagħha huma żewġ attributi marbuta strettament ta' komunità umana partikolari. Id-dritt jiżviluppa f'simbjożi mal-lingwa, jippossediha u jittrasformaha, sabiex tissodisfa l-eżiġenzi tiegħu bl-aħjar mod. Skont G. Cornu [1], dak li jikkontribwixxi għal din il-"konnessjoni inseparabbli ta' dritt u ta' lingwa" huwa l-fatt li ż-żewġ fenomeni huma ta' natura konvenzjonali, huma storikament iddeterminati, jevolvu maż-żmien, u jappartjenu lill-isfera kulturali.

It-traduzzjoni ta' testi legali li, skont M. Chromá [2] "hija proċess li fiha sistema semjotika duplika (is-sistema oriġinali ta' dritt u l-lingwa oriġinali) għandha tiġi trasposta f'sistema semjotika duplika oħra (is-sistema ta' destinazzjoni tad-dritt u l-lingwa ta' destinazzjoni), tista' imbagħad tinftiehem bħala tfixkil ċert tal-konnessjoni naturali bejn dritt u lingwa: kuntratt konkluż taħt id-dritt Ċek jista' ċertament jiġi tradott miċ-Ċek lejn il-Franċiż (wara kollox, dan iseħħ kuljum), iżda waqt qari tat-traduzzjoni, avukat Franċiż jista' mingħajr ma jiżbalja jasal għall-konklużjoni wara xi ftit linji li t-test jagħmel parti minn sistema legali differenti min dik li huwa mdorri biha. Fil-każ ta' ġurisdizzjonijiet multilingwi, il-proċess ta' traduzzjoni jiġi ffaċilitat mill-fatt li t-traduzzjoni ssir bejn żewġ lingwi, iżda ġewwa sistema legali waħda, li għaliha ż-żewġ lingwi jkunu awtentiċi – id-dritt Federali Svizzeru huwa eżempju tajjeb. It-tielet possibbiltà hija fejn l-istess lingwa tintuża fl-ambitu ta' żewġ sistemi legali jew iktar, bħal pereżempju fil-każ tal-Ġermaniż. Il-frażi ġenerali "Ġermaniż legali" għalhekk jinkludi diversi varjanti parzjalment distinti (il-Ġermaniż, l-Awstrijak, l-Isvizzeru u oħrajn).

L-adozzjoni tad-dritt Ewropew kif bidlet ir-relazzjoni bejn sistemi legali u lingwi ġuridiċi? L-ewwel, għandu jiġi osservat li kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kisbet varjant ġdid: il-lingwa tad-dritt Ewropew. Lingwi li fil-passat kienu marbuta b'mod sod ma' ordinament ġuridiku wieħed, fosthom iċ-Ċek, illum jistgħu jinvokaw li huma lingwi awtentiċi mhux ta' wieħed, iżda ta' żewġ ordinamenti ġuridiċi, dak nazzjonali u dak Ewropew. Permezz ta' terminoloġija stabbilita sew u konvenzjonijiet dwar it-tfassil ta' testi, dawn il-varjanti ġew konnessi mas-sistema legali dejjem tikber Ewropea, u għalhekk ma' xulxin. Madankollu, peress li d-dritt Ewropew jikkostitwixxi parti mid-dritt

1 | *L'union intime du droit et de la langue*. Cornu, G. (2005). *Linguistique juridique*, Pariġi: Montchrestien, p. 4.

2 | Chromá, M. (2014). *Právní překlad v teorii a praxi. Nový občanský zákoník.* Praga: Karolinum, p. 22.

nazzjonali tal-Istati Membri, dawn il-varjanti Ewropej jiċċirkulaw lura lejn is-sistemi legali nazzjonali u gradwalment jinxterdu ġewwa fihom.

Il-ħolqien u l-applikazzjoni tad-dritt Ewropew ikunu inkonċepibbli mingħajr traduzzjoni legali. Iżda anki sistemi nazzjonali monolingwi ma jistgħux jeżistu mingħajr traduzzjoni – tradutturi ġudizzjarji għandhom rwol indispensabbli fit-traduzzjoni ta' dokumenti uffiċjali, f'azzjonijiet meħuda mill-pulizija u f'seduti ġudizzjarji. Mal-ewwel daqqa t'għajn, jista' jidher li l-ġuristi lingwisti li jittraduċu testi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ġustizzja") u t-tradutturi ġudizzjarji essenzjalment jagħmlu l-istess xogħol; madankollu, meta nipparagunaw ix-xogħol tagħhom iktar fil-fond, insibu numru ta' differenzi li jirriżultaw mit-tip u mill-iskop tat-traduzzjoni, mill-kompetenzi tat-tradutturi, u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Dawn id-differenzi huma s-suġġett tad-diskussjoni sussegwenti.

## Tip ta' traduzzjoni– meta tnejn jagħmlu l-istess ħaġa, ma hijiex l-istess ħaġa

It-traduzzjoni legali għandha diversi forom, li jistgħu jiġu distinti minn xulxin permezz ta' xi kriterji – dawn huma, b'mod partikolari, it-tip ta' test (dispożizzjoni leġiżlattiva, sentenza, estratt tar-reġistru tal-istatus ċivili, kuntratt, eċċ), l-awtur tad-dokument u d-destinatarju tiegħu (korp pubbliku amministrattiv, parti fi proċeduri legali, kumpannija kummerċjali, teoriku legali, il-pubbliku ġenerali, eċċ), in-natura vinkolanti tat-traduzzjoni (vinkolanti jew traduzzjoni informattiva), id-direzzjoni tat-traduzzjoni (lejn il-lingwa materna jew lejn lingwa barranija) u l-profil soċjo-professjonali tat-traduttur (b'mod partikolari kwalifiki u kundizzjonijiet tax-xogħol).

Il-ġuristi lingwisti fil-Qorti tal-Ġustizzja jittraduċu kull tip ta' dokument relatat ma' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari talbiet, rikorsi, opinjonijiet u sentenzi, iżda wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali, jekk tittieħed inkunsiderazzjoni fil-proċess deċiżjonali. Parti kbira mit-traduzzjoni hija intiża għal pubblikazzjoni fil-Ġabra tal-ġurisprudenza, li hija disponibbli fid-database tal-Eur-Lex. Għalkemm fil-każ tas-sentenzi hija biss il-verżjoni fil-lingwa tal-kawża li tkun il-verżjoni lingwistika awtentika, id-dokumenti għandhom jiġu tradotti b'mod li jkunu kompletament funzjonali, jiġifieri jiżguraw li l-interpretazzjoni tagħhom tkun identika għal dik tal-oriġinali. It-traduzzjoni sseħħ kemm ġewwa s-sistema legali tal-Unjoni kif ukoll bejn dik is-sistema u s-sistemi nazzjonali; għal dan il-għan, teżisti database kbira tal-IATE li hija disponibbli għat-tradutturi, li tinkludi t-terminoloġija tad-dritt tal-Unjoni, u sa ċertu punt, kliem tad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, it-traduzzjoni ssir fil-lingwa materna.

It-tradutturi ġudizzjarji fir-Repubblika Ċeka huma mitluba jittraduċu sensiela ferm iktar wiesgħa ta' dokumenti (noti u deċiżjonijiet, akkużi, dokumenti tal-pulizija, istruzzjonijiet, estratti tar-reġistru tal-istatus ċivili, provi, dokumenti ta' sostenn, eċċ). Is-sistema legali referenzjali hija dik ikkostitwita mid-dritt Ċek. It-traduzzjonijiet għandhom ikunu funzjonali, peress li l-persuni jew awtoritajiet kompetenti ġustament jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuqhom, iżda dawn kważi qatt ma jiġu ppubblikati. Ma hija stabbilita ebda terminoloġija vinkolanti, u t-tradutturi għalhekk jużaw diversi tipi ta' sorsi (dizzjunarji, databases, ġabriet, eċċ), fejn eventwalment joħolqu huma stess kliem ekwivalenti. Ta' spiss ħafna tintalab traduzzjoni f'lingwa barranija.

## Terminoloġija – Tfittxija ta' labra f'munzell ħuxlief

It-terminoloġija ma hijiex l-uniku element kostituttiv tal-lingwa ġuridika, iżda skont M. Chromá [3], hija l-iktar element viżibbli u għalhekk ta' importanza fundamentali għat-tradutturi. It-terminoloġija tad-dritt Ewropew hija stabbilita b'mod vinkolanti u tista' faċilment tiġi kkonsultata fid-database tal-IATE; huwa biss meta jittraduċu testi nazzjonali li t-tradutturi jkollhom isibu s-soluzzjonijiet terminoloġiċi tagħhom stess, peress li f'dan ir-rigward il-IATE tipprovdi biss għajnuna parzjali. Ma jistgħu japplikaw ebda punti ta' riferiment terminoloġiċi għal traduzzjoni ġudizzjarja fir-Repubblika Ċeka – kemm minn lingwi barranin lejn iċ-Ċek jew viċi versa. Għalhekk, it-tradutturi jużaw sorsi stampati jew elettroniċi ta' livelli differenti ta' awtorevolezza skont id-diskrezzjoni tagħhom, jikkonsultaw ma' kollegi jew esperti legali, u japplikaw is-soluzzjonijiet terminoloġiċi tagħhom stess. Għalkemm traduzzjoni hija *ex definitione* attività kreattiva, u jeżisti kunsens li kull test jista' jiġi tradott b'modi differenti ħafna li jistgħu jiġu ddikjarati korretti, madankollu fil-każ ta' sistemi terminoloġiċi jidher minnufih ovvju li kreattività li twassal għal koeżistenza ta' soluzzjonijiet kompetituri differenti hija pjuttost dannuża, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li traduzzjonijiet ġudizzjarji għandhom biss rwol marġinali fil-funzjonament tad-dritt Ċek.

3 | Chromá, M. (2016). Traps of English as a Target Language in Legal Translation. *Comparative Legilinguistics*, 26, p. 71 sa 97.

Stħarriġ li sar fl-2020 fost 14-il traduttur ġudizzjarju li jittraduċu lejn il-lingwa Franċiża [4], wera frammentazzjoni terminoloġika għolja ħafna fit-traduzzjoni ta' kliem tad-dritt Ċek speċifiċi għal sistema (pereżempju *dohoda o provedení práce* (kuntratt ta' xogħol okkażjonali), *soudní exekutor* (uffiċjal tal-ġustizzja), *výpis z katastru nemovitostí* (estratt mill-katast), *IČO* (Identifikační číslo osoby) (numru ta' identikazzjoni personali), *rodné číslo* (numru ta' identifikazzjoni relatat mad-data tat-twelid), *Městský soud v Praze* (il-Qorti Muniċipali ta' Praga)) in-numru medju ta' ekwivalenti varji għal kull terminu huwa 8, in-numru l-iktar baxx irreġistrat huwa 2, u l-ogħla huwa 14 (dan in-numru jikkoinċidi man-numru ta' dawk li wieġbu, li jfisser, fi kliem sempliċi, li kulħadd issottometta l-ekwivalenti "oriġinali" tiegħu). Naturalment, il-varjabbiltà tad-data hija għolja wkoll, peress li kienet traduzzjoni f'lingwa barranija u peress li ġew deliberatament ittestjati kliem li diffiċilment jistgħu jiġu tradotti; madankollu, l-istħarriġ juri għal kollox b'mod ċar ir-realtà tat-traduzzjoni ġuridika, bħala qasam li fih il-konsistenza terminoloġika diffiċilment tintlaħaq. Ma hemmx għalfejn jingħad li, sitwazzjoni bħal din tkun fatali għall-prattika tat-traduzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Huwa possibbli li tittejjeb il-konsistenza terminoloġika fi traduzzjoni ġuridika? Probabbilment iva, iżda sa ċertu punt biss, peress li approċċ lejn is-sitwazzjoni li nafu minn ġurisdizzjonijiet multilingwi jkun possibbli biss bl-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi. Suċċess parzjali – li jfisser tal-inqas tnaqqis fil-varjazzjoni kronika ta' ekwivalenti ta' traduzzjoni – jista' jintlaħaq permezz tal-awtorità nazzjonali ta' lessikografi legali, organizzazzjonijiet professjonali, letturi li joffru korsijiet speċjalizzati u istituzzjonijiet governattivi li jkollhom aġenda multilingwi. Fl-istess waqt, approċċ responsabbli u awtokritiku min-naħa tat-tradutturi ġudizzjarji stess u l-kapaċità tagħhom li jikkomunikaw ma' xulxin huma essenzjali.

Metodu wieħed kif it-terminoloġija tad-dritt Ċek tiġi parzjalment standardizzata huwa li jiġu prodotti traduzzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ċeka ta' kwalità għolja u, possibbilment, aċċessibbli pubblikament. Xi istituzzjonijiet pubbliċi diġà ħadu din it-triq, billi pproduċew verżjonijiet redatti f'lingwa barranija ta' liġijiet magħżulin (prinċipalment l-Ingliż). Għandha partikolarment tissemma t-traduzzjoni reċenti ta' tliet liġijiet tad-dritt privat importanti – il-Kodiċi Ċivili Ġdid, l-Att dwar il-Korporazzjonijiet Kummerċjali u l-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, f'erba' lingwi barranin (l-Ingliż, il-Ġermaniż, il-Franċiż u

4 | Duběda, T. (2020). Soudní překladatelé a terminologické nástrahy. Průzkum k překladu právních termínů z češtiny do francouzštiny (1. a 2. část), *Soudní tlumočník* 2/2020, p. 25 sa 28, *Soudní tlumočník* 1/2021, p. 30 sa 32.

r-Russu). It-traduzzjonijiet bl-Ingliż u bil-Franċiż ġew parzjalment evalwati f'reviżjonijiet speċjalisti [5]; għandu jiġi osservat li t-traduzzjoni bil-Franċiż hija tant problematika li bl-ebda mod ma tista' tiġi aċċettata l-awtorevolezza terminoloġika tagħha.

## Direzzjoni tat-traduzzjoni – mill-mitluf nieħdu li nistgħu

It-teoriku tat-traduzzjoni Brittanika P. Newmark, filwaqt li jirrifletti dwar il-kwalità tat-traduzzjoni mhux materna, osserva tajjeb li din *tikkontribwixxi bil-kbir għad-divertiment ta' ħafna nies* [6]. Huwa għalhekk jaqbel ma' dawk li jirrakkomandaw li t-traduzzjoni tiġi fdata lil traduttur nattiv sabiex jiġi żgurat livell ta' traduzzjoni lingwistika, u speċjalment stilistika, impekkabbli. Madankollu, il-kliem "lingwa materna" jew "traduttur nattiv" biż-żmien żviluppaw linji inqas iddefiniti fid-dinja kontemporanea, u għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi każijiet fejn it-traduttur kiseb lingwa barranija fuq livell paragunabbli ma' dak ta' kelliem matern. Minbarra dan, numru ta' teoriċi tat-traduzzjoni reċentement osservaw li r-realtajiet tal-prattiki tat-traduzzjoni ma jippermettux aderenza kompleta mal-prinċipju ta' lingwa materna. Skont rapport tal-IAPTI [International Association of Professional Translators and Interpreters (l-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Tradutturi u Interpreti Internazzjonali)] [7], il-parti ta' traduzzjoni minn kelliema mhux materni fis-swieq Ewropej tvarja kunsiderevolment, filwaqt li fost il-kelliema bl-Ingliż materni, huma biss 18 % tat-tradutturi li jittraduċu f'lingwi barranin, filwaqt li l-ammont jitla' sa 85 % fost il-kelliema materni ta' lingwi Slaviċi. Fil-każ tas-suq Ċek, il-prattika tat-traduzzjoni mhux materna tiġi stimulata bit-tixrid internazzjonali limitat tal-lingwa Ċeka, bid-disponibbiltà baxxa ta' tradutturi materni lejn il-lingwi tal-Punent prinċipali, iżda wkoll bil-kundizzjonijiet finanzjarji dijametrikament differenti fis-suq Ċek u fis-suq tat-traduzzjoni tal-Ewropa tal-Punent.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tevita l-kliem "lingwa materna" meta tirrekluta ġuristi lingwisti u minflok teżiġi "għarfien eċċellenti" tal-lingwa mira u gradwazzjoni minn studji tad-dritt

5 | Duběda, T. (2015). Francouzský překlad nového občanského zákoníku, *Soudní tlumočník*, 2015, p. 39 sa 42. Klabal, O. (2015). Anglický překlad zákona o obchodních korporacích, *Soudní tlumočník*, 2015, p. 35 sa 39.

6 | "[...] *contribute greatly to many people's hilarity*". P. Newmark, *A Textbook of Translation*, Londra, Prentice Hall 1988, p. 3.

7 | IAPTI (2015). *Translation into a non-native language*. <https://www.iapti.org/files/surveys/2/IAPTI_non-native_report.pdf>

f'dik il-lingwa; hemm ukoll rekwiżit ta' għarfien ta' żewġ lingwi sors. Il-Liġi dwar l-Interpreti u t-Tradutturi Ġudizzjarji Ċeka tuża l-kliem "lingwa materna" iżda impliċitament tippreżumi li traduttur ġudizzjarju jittraduċi b'livell ta' kwalità adegwata fiż-żewġ direzzjonijiet. Il-prattika toffrilna diversi provi li dan ma huwiex il-każ.

Stħarriġ [8] tal-2021 li fih ipparteċipaw 44 traduttur legali (il-parti kbira minnhom kienu tradutturi ġudizzjarji) żvela li, għal 41 % ta' dawk li wieġbu, traduzzjoni f'lingwa barranija tfisser iktar minn nofs ix-xogħol tagħhom. Ftit inqas minn nofs it-tradutturi li sar stħarriġ dwarhom jemmnu li traduzzjoni mhux materna hija inevitabbli u bħala prinċipju aċċettabbli, preċiżament nofs jemmnu li hija inevitabbli iżda potenzjalment riskjuża, u 5 % biss jemmnu li tradutturi legali għandhom jittraduċi biss lejn il-lingwa materna tagħhom.

## Kwalifiki u kundizzjonijiet tax-xogħol – mhux kulħadd jiġi allokat l-istess

It-traduzzjoni tat-testi legali ma tikkonsistix biss f'manipolazzjoni lingwistika – kif jgħid J.-C. Gémar [9], *it-traduzzjoni ta' testi ta' natura legali jew ta' portata legali twassal sabiex jitwettaq att ta' dritt komparattiv, iżda tinvolvi proċess ta' traduzzjoni*. Dan il-fatt huwa rifless ukoll fil-politika tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrekluta esklużivament kandidati b'taħriġ ġuridiku għall-pożizzjoni ta' ġurist lingwist. Bil-kontra, il-parti l-kbira sewwa tat-tradutturi ġudizzjarji Ċeki huma gradwati fil-lingwi u fil-każ tagħhom, it-taħriġ ġuridiku huwa eċċezzjoni. Ir-regolament ta' implimentazzjoni għal-Liġi dwar l-Interpreti u t-Tradutturi Ġudizzjarji jeħtieġ minnhom li jikkompletaw biss il-parti ġenerali tal-istudju supplimentari tad-dritt għal tradutturi u għal interpreti (70 siegħa ta' taħriġ) kif ukoll il-parti li hija speċifika għal-lingwa ta' dan l-istudju (ukoll 70 siegħa), jekk tiġi offruta għal-lingwa kkonċernata. Ma hemmx obbligu li jsir taħriġ ulterjuri wara ħatra uffiċjali.

Filwaqt li t-tradutturi tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom il-possibbiltà li jikkonsultaw ma' xulxin fir-rigward tas-soluzzjonijiet tagħhom, u t-traduzzjonijiet tagħhom ikunu suġġetti għal reviżjoni, it-tradutturi ġudizzjarji Ċeki fil-parti l-kbira jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod awtonomu u huma personalment responsabbli għalihom fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi. Il-feedback li jirċievu huwa minimu, speċjalment fil-każ ta' traduzzjonijiet f'lingwa barranija – f'dak il-każ, id-destinatarju

8 | Duběda, T. (qed jiġi ppreparat). Risk perception and risk management in legal translation.

9 | "[...] *traduire des textes de nature ou de portée juridique revient à accomplir un acte de droit comparé, mais couplé à une opération traduisante*". | Gémar, J.-C. (2015). De la traduction juridique à la jurilinguistique : la quête de l'équivalence. Meta 60/3, p. 476 sa 493.

tat-traduzzjoni jkun ta' spiss ħafna persuna barranija li tkun parti fil-proċeduri quddiem il-pulizija Ċeka jew awtorità ġudizzjarja, li ma jkollhiex taħriġ ġuridiku u taċċetta anki traduzzjoni lingwistikament problematika jekk dan ifisser li tgħinha f'sitwazzjoni diffiċli.

Tliet kwarti tat-tradutturi legali li ħadu sehem fl-istħarriġ imsemmi iktar 'il fuq jipperċepixxu t-traduzzjoni legali bħala li tinvolvi iktar riskji minn tipi oħra ta' traduzzjoni. Fl-istess ħin, madankollu, qed jidher ċar li jekk ir-riskju jwassal għal kwalità inferjuri ta' traduzzjoni, id-destinatarju jew ma jindunax b'dawn in-nuqqasijiet jew jaċċettahom. Prova ta' dan huma tweġibiet għall-mistoqsija "Qatt kellek kljient (kemm jekk entità privata jew pubbblika) jilmenta dwar it-traduzzjoni legali tiegħek?" Kwart biss mit-tradutturi li lilhom saret il-mistoqsija kienu rċevew ilment (l-iktar spiss wieħed, u fi tliet każijiet biss kien hemm tnejn jew iktar) fil-prattika tat-traduzzjoni tagħhom. F'kummenti verbali, it-tradutturi wieġbu li n-nuqqas normalment ikun jista' jiġi rrimedjat faċilment u malajr; ma semmew ebda każ ta' sanzjonijiet jew talbiet għal danni. Għalhekk minkejja r-riskji potenzjali marbuta mat-traduzzjoni legali, każijiet fejn it-traduttur jitqies responsabbli għall-kwalità fqira tax-xogħol tiegħu jidhru li huma rari ħafna. Skont J. Byrne, dan japplika wkoll għal oqsma oħra tat-traduzzjoni professjonali [10].

Il-kwalità tal-prattika ta' traduzzjoni legali hija influwenzata wkoll mir-remunerazzjoni li t-traduttur għandu dritt għaliha. Ġurist lingwist li jibda jaħdem fil-Qorti tal-Ġustizzja jibda b'salarju gross li huwa ftit ogħla mis-salarju medju tal-Lussemburgu. Bi dħul regolari ta' xogħol, traduttur ġudizzjarju Ċek jista' wkoll jaqla' livell ta' remunerazzjoni pjuttost iktar mill-medja; madankollu, din is-sitwazzjoni hija pjuttost eċċezzjonali, speċjalment għal lingwi li jiġu inqas komunement użati. Madankollu, dan il-paragun għandu jieħu inkunsiderazzjoni wkoll is-saħħa ta' akkwist tal-paga medja, li tvarja b'mod sinjifikattiv bejn iż-żewġ pajjiżi.

## Konklużjoni

B'tentattiv ta' ħarsa kumplessiva lejn l-aspetti simili u d-differenzi bejn iż-żewġ komunitajiet soċjoprofessjonali li qed jiġu eżaminati, nikkonkludi li, anki jekk huma impenjati fl-istess attività professjonali ddefinita b'mod strett, jiġifieri t-traduzzjoni legali, hemm differenzi sinjifikattivi f'termini ta' kompiti speċifiċi involuti fix-xogħol tagħhom. Għalhekk, nista'

10 | Byrne, J. (2007). Caveat translator: Understanding the legal consequences of errors in professional translation. *Journal of Specialised Translation* 7, p. 2 sa 24.

nwieġeb il-mistoqsija magħmula fit-titolu ta’ dan l-artikolu billi ngħid li l-ġuristi lingwisti mal-Qorti tal-Ġustizzja u tradutturi ġudizzjarji fir-Repubblika Ċeka jirrappreżentaw żewġ dinjiet magħqudin mill-istess missjoni – li jiżguraw il-funzjonament multilingwi tal-ġudikatura – iżda fl-istess ħin, dinjiet pjuttost differenti f’termini ta’ realtà ta’ kuljum tagħhom.

Il-paragun huwa fil-parti l-kbira għad-dannu tat-tradutturi ġudizzjarji Ċeki, li normalment ma jkollhomx taħriġ ġuridiku, ma għandhomx terminoloġija vinkolanti disponibbli għalihom, jaħdmu individwalment, ma għandhomx feedback, iridu jittraduċi fiż-żewġ direzzjonijiet, u ma għandhomx iċ-ċertezza ta’ provvista regolari ta’ xogħol. Filwaqt li fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja, probabbilment l-aħjar kundizzjonijiet tax-xogħol possibbli ġew stabbiliti għat-tradutturi (forsi bl-eċċezzjoni ta’ inqas enfasi fuq taħriġ fil-lingwi), il-ħatra ta’ traduttur ġudizzjarju fir-Repubblika Ċeka tistabbilixxi minn qabel li traduttur iwettaq xogħol responsabbli ħafna f’sistema mhux perfetta.

Kif tista’ s-sitwazzjoni attwali titjieb? Fir-rigward tal-qafas leġiżlattiv li fih iseħħ ix-xogħol ta’ tradutturi ġudizzjarji, il-Liġi dwar l-Interpreti u t-Tradutturi Ġudizzjarji Ċeka adottata reċentement ċertament ġabet magħha ċertu titjib, permezz tax-xogħol, fost oħrajn, tal-grupp ta’ ħidma ifformat ġdid li jinkludi rappreżentanti tal-professjoni. Il-grupp ta’ ħidma beda kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Ġustizzja, u dan iwiegħed tibdil ulterjuri fil-futur. Il-ħtieġa ta’ kwalifika universitarja fid-dritt ma hijiex realistika, bħal ma huwa r-rekwiżit ġenerali li jittieħed kors ta’ lingwa li jkun speċifiku għal-lingwa ġuridika (dawn il-korsijiet diffiċilment jistgħu jiġu organizzata għal iktar min ftit mil-lingwi prinċipali tad-dinja). Lingwi inqas komunement użati jew marġinali għalhekk ser ikomplu jkollhom żvantaġġ, minħabba n-numru żgħir ta’ tradutturi maħtura, opportunitajiet limitati għal żvilupp professjonali, u inqas disponibbiltà ta’ riżorsi lessikografiċi. L-obbligu li jitkompla taħriġ kontinwu invokat mill-grupp ta’ ħidma ma huwiex imfassal fil-leġiżlazzjoni, peress li, fost raġunijiet oħra, kien jirrikjedi l-introduzzjoni ta’ sistema ta’ rappurtaġġ. Huwa wkoll diffiċli li tiġi implimentata l-idea ta’ kontroll sistematiku ta’ kwalità, li jipprovdi għarfien fil-proċess ta’ traduzzjoni ġudizzjarja u jiżvela d-dgħufijiet li mingħajr dubju huma moħbija fih.

Il-livell għoli ta’ awtonomija li huwa tipiku għal tradutturi ġudizzjarji Ċeki għandu għalhekk jiġi bbilanċjat, fl-interess tal-kwalità, mix-xogħol bir-reqqa tagħhom, stimulat minn assoċjazzjonijiet professjonali u minn awtoritajiet oħra. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jipprevalu fil-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux jirrappreżentaw skop realistiku għall-komunità ta’ tradutturi ġudizzjarji Ċeki, iżda jistgħu tal-inqas iservu ta’ ispirazzjoni.

# L-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mill-qrati Daniżi: id-differenzi lingwistiċi ma humiex il-qofol tal-attenzjoni

— Anne Lise Kjær

**Anne Lise Kjær, MA, PhD, hija professoressa fi ħdan il-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Kopenħagen. Xogħlha jinvolvi l-ħolqien ta' kunċetti legali fil-qasam tal-lingwi u tal-kulturi legali u hija involuta fl-iżvilupp ta' metodi ta' riċerka interdixxiplinari fi studji ta' integrazzjoni legali fl-Ewropea, bil-kombinazzjoni ta' metodi lingwistiċi u ġuridiċi. Anne Lise Kjær hija l-President ta' RELINE Retslingvistisk Netværk, li huwa network internazzjonali tar-riċerka li jippromwovi studji interdixxiplinari bejn il-liġi u l-lingwi. In-network jinkludi riċerkaturi minn madwar id-dinja u jirrappreżenta diversi dixxiplini u interessi: avukati, lingwisti, esperti tar-retorika, riċerkaturi tal-kommunikazzjoni, filosfi, xjenzati politiċi u antropologi.**

## Introduzzjoni

Il-qrati Daniżi ma jidhrux li jagħtu attenzjoni partikolari lis-sistema lingwistika tal-Unjoni Ewropea u lid-diffikultajiet partikolari li hija suġġetta għalihom l-interpretazzjoni tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-ekwivalenza tal-24 lingwa uffiċjali. Dan japplika għall-qrati kollha, inklużi dawk li huma partikolarment obbligati jwettqu paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi, fil-każijiet fejn ikunu tqajmu dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni fil-mori tal-kawża.

Fis-sentenza magħrufa mogħtija fil-Kawża 283/81, Cilfit, tal-1982 [1], il-kundizzjonijiet partikolari tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ġew iddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ġustizzja") u, minkejja li għaddew 40 sena mill-għoti tas-sentenza, huma dawn il-kriterji msejħa Cilfit li jkomplu jiggwidaw l-interpretazzjoni tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, huwa interessanti b'mod partikolari l-punt 18 ta' din is-sentenza, li jipprovdi li "[l]-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju" tista' ssir biss wara "paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi", peress li "it-testi tad-dritt Komunitarju huma miktuba f'diversi lingwi" u "il-verżjonijiet lingwistiċi kollha huma awtentiċi".

Madankollu, huwa rari ħafna li l-qrati Daniżi jwettqu paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, tfittxija fid-database tal-ġurisprudenza ta' InfoCuria [2], turi li kien biss f'21 każ li l-qrati Daniżi adixxew lill-Qorti tal-Ġustizzja b'rinviju għal deċiżjoni preliminari li kien jinkludi analiżi tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi. Fil-fatt, kien biss fi 8 kawżi li l-imsemmija qorti Daniża rrilevat hija stess diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi.

Madankollu, ma għandniex informazzjoni dwar il-frekwenza li biha l-partijiet fi proċedura quddiem qorti Daniża pprovaw isostnu li diverġenza bejn il-verżjonijiet stabbiliti fid-diversi lingwi uffiċjali toħloq konfużjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni

1 | Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 1982, CILFIT vs Ministero della Sanità (283/81, ECLI:EU:C:1982:335).

2 | InfoCuria tinkludi l-informazzjoni kollha pubblikament disponibbli dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Id-database tipprovdi prinċipalment aċċess għas-sentenzi, konklużjonijiet, digrieti u komunikazzjonijiet ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fil-lingwi kollha u t-tiftix jista' jsir abbażi ta' kriterji, fosthom "Oriġini ta' domanda preliminari".

u jkollha, konsegwentement, twassal għal rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-pubbliku jiġi mgħarraf b'dan biss f'każijiet eċċezzjonali.

Fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tiegħi, nixtieq nikkummenta dwar waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet. F'kawża mressqa quddiem il-Højesteret (il-Qorti Suprema, id-Danimarka), l-avukata tal-konvenut kienet irrilevat li l-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' direttiva tal-Unjoni, li kienet sors legali tal-proċedura ineżami, ma kinux ifformulati b'mod identiku. Din l-avukata kkuntattjani peress li xtaqet il-perizja tiegħi dwar l-approċċ korrett tal-interpretazzjoni tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni fil-każ ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi.

L-aspetti interessanti f'dan il-każ huma, minn naħa, il-fehim tal-anklagemyndighed (il-Prosekutur Pubbliku, id-Danimarka) tas-sistema ta' interpretazzjoni u, min-naħa l-oħra, ir-raġuni għaliex il-Qorti Suprema ma għamlitx rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Qabelxejn, ser infakkar fil-qosor is-suġġett u l-iżvolġiment tal-proċedura.

## Anklagemyndigheden vs Toyota Danmark A/S [3]

F'din il-kawża, Toyota Danmark ġiet akkużata li kisret il-markedsføringsloven (il-Liġi dwar il-Kummerċjalizzazzjoni, iktar 'il quddiem il-"MFL") fil-qasam tal-kuntratti ta' kreditu. Skont l-Artikolu 18(2) tal-MFL, l-ispejjeż tal-kreditu għall-konsum għandhom jiġu rreklamati b'mod li ċerta informazzjoni bażika dwar ir-rata ta' interessi u kundizzjonijiet oħra tiġi indikata "b'mod ċar, konċiż u prominenti" u bl-għajnuna ta' eżempju rappreżentattiv fir-reklam. Din teżiġi għalhekk *liema* informazzjoni bażika għandha tiġi pprovduta u *kif* għandha tiġi pprovduta.

F'reklam muri fil-Metroexpress f'Jannar u f'Marzu 2015, Toyota Danmark ikkummerċjalizzat il-finanzjament tax-xiri ta' Toyota Aygo X Play. It-titolu tar-reklam kien jidher b'ittri kapitali "995 kr/md" (DKK 955 fix-xahar), filwaqt li l-informazzjoni bażika obbligatorja kienet viżibbli bl-iżgħar tipa tat-test tar-reklam f'qiegħ il-paġna wara linja ta' għeluq u wara l-informazzjoni dwar il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet $CO_2$ tal-karozza.

Il-punt kontenzjuż kien jirrigwarda l-interpretazzjoni tar-rekwiżit, previst fl-Artikolu 18(2) tal-MFL, li l-informazzjoni bażika tiġi pprovduta "b'mod [...] prominenti".

3 | Sentenza tal-Qorti Suprema tad-9.1.2019 fil-Kawża 85/2018.

Il-kawża tressqet quddiem ir-Retten i Glostrup (il-Qorti ta' Glostrup, id-Danimarka), li fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu 2017 ikkundannat lil Toyota Danmark għal multa ta' DKK 140 000. Toyota appellat minn din is-sentenza quddiem l-Østre Landsret (i-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) sabiex tingħata eżenzjoni, mitigazzjoni jew dispensa fir-rigward tal-piena. Il-Prosekutur Pubbliku talab li l-multa tiżdied għal DKK 190 000. Fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Novembru 2017, il-Landsretten (il-Qorti Reġjonali, id-Danimarka) naqqset il-multa għal DKK 50 000, iżda fl-istess waqt osservat li, fil-fehma tagħha, ma kien hemm ebda ċirkustanzi attenwanti li kienu jiġġustifikaw dispensa mill-piena.

Wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni tal-Procesbevillingsnævnet (il-Kumitat għall-Awtorizzazzjoni tal-Appelli), Toyota Danmark appellat minn din is-sentenza quddiem il-Qorti Suprema li, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Jannar 2019, żiedet il-piena u b'maġġoranza ta' tliet imħallfin kontra tnejn ordnat lil Toyota tħallas il-multa ta' DKK 190 000.

Ir-raġuni li għaliha sibt din il-kawża interessanti kienet li l-Artikolu 18 tal-MFL jittrasponi dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, speċifikament l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur. Għaldaqstant, tilwima dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 18(2) tal-MFL tikkonċerna l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni sottostanti fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha.

## Diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi

Waqt il-preparazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti Suprema, l-avukata ta' Toyota kkonstatat inkoerenza fil-formulazzjoni tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 4(2).

Il-verżjoni Daniża tipprovdi kif ġej: "L-informazzjoni ġenerali għandha tindika b'mod *ċar, konċiż u prominenti*, permezz ta' eżempju rappreżentattiv:" (korsiv miżjud). Madankollu, diversi lingwi oħra jużaw kliem differenti, inkluż "viżibbli", użata fil-verżjoni Franċiża.

Din kienet ir-raġuni li għaliha l-avukata kkuntattjatni rigward ir-regoli tal-interpretazzjoni multilingwi tad-dritt tal-Unjoni, li ktibt dwarhom diversi drabi, fosthom f'*Juristen* fl-2003 [4]

4 | EU's flersprogsordning i praksis: Ret, sprog og virkelighed for de danske fjerkræavlere ved udbrud af Newcastle disease', *Juristen*, Volum 85 (2003), Nru°2, p. 45-59.

u reċentement fi *Skriftlig Jura fl*-2020 [5]. Jiena għamilt riferiment għall-ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi li jirriżultaw mis-sistema lingwistika tal-Unjoni [6], għall-kriterji *Cilfit* u għall-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, jiena enfasizzajt il-prinċipju li ebda waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ma tista' titqies li hija iktar essenzjali mill-oħrajn, iżda li d-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha. Dan il-prinċipju diġà ġie stabbilit preċedentement mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-ewwel darba fl-1967 fil-Kawża C-19/67 (van der Vecht) [7], fejn jirriżulta mill-punt 1 li:

> *"Il-ħtieġa ta' interpretazzjoni uniformi tar-regoli Komunitarji teskludi li t-test ta' dispożizzjoni jittieħed inkunsiderazzjoni waħdu u teżiġi, fil-każ ta' dubju, li dan jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fit-tliet lingwi l-oħra."*

Dan il-prinċipju ġie kkonfermat mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi sentenzi sal-ġurnata tal-lum.

Għalhekk, l-avukata fil-kawża Toyota ddeċidiet li ssaqsi lil tradutturi ġuramentati jittraduċu l-verżjonijiet lingwistiċi kollha lejn id-Daniż, sabiex tkun tista' tqabbel il-formulazzjonijiet fid-diversi lingwi. Il-kompitu kien diffiċli għaliex it-tradutturi kellhom jifhmu li kien neċessarju li jipproduċu traduzzjonijiet letterali wisq, jiġifieri kellhom jagħmlu traduzzjoni li tirriproduċi l-kliem eżatt tat-test sors.

Abbażi tat-traduzzjonijiet attestati tal-20 verżjoni lingwistika li saru mit-tradutturi, l-avukata kklassifikat il-formulazzjonijiet li jikkorrispondu għall-espressjoni Daniża *på en fremtrædende måde* [b'mod prominenti] f'sitt kategoriji ta' tifsira: *viżibbli, prominenti, ċar, rimarkabbli, faċilment mifhum* u *grafikament illustr*at. Fid-dawl ta' din il-firxa wiesa' ta' formulazzjoni, l-avukata qieset li tant kien hemm dubju dwar l-interpretazzjoni

5 | 'Internationale retstekster: sprog, oversættelse og fortolkning', f'Thomas Riis & Jan Trzaskowski (ed.), Skriftlig jura den juridiske fremstilling, it-Tieni Edizzjoni 2020, p. 803-832

6 | Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunitá Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 5).

7 | Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Diċembru 1967, *Soziale Verzekeringsbank* v *Van Der Vecht* (C-19/67, ECLI:EU:C:1967:49).

korretta tad-Direttiva li kellha ssir talba lill-Qorti Suprema sabiex tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

*2) L-għan tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-kreditu lill-konsumatur jista' jintlaħaq jekk l-informazzjoni ġenerali tiġi pprovduta biss f'forma "viżibbli" u "ċara", b'mod li din l-informazzjoni ma hijiex meħtieġa li tkun ipprovduta b'mod "prominenti"?*

Sussegwentement, ipparagunajt il-verżjonijiet lingwistiċi tal-24 lingwa uffiċjali kollha u kkonstatajt it-tqassim segwenti tal-kategoriji ta' tifsira stabbiliti mill-avukata ta' Toyota fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, billi identifikajt ukoll diversi sfumaturi semantiċi:

- "b'mod viżibbli" użata f'ħames verżjonijiet lingwistiċi (Franċiż, Finlandiż, Portugiż, Pollakk u Rumen)
- "b'mod prominenti" użata f'ħames verżjonijiet lingwistiċi (Daniż, Ingliż, Svediż, Spanjol u Kroat)
- "b'mod ċar" użata fi tliet verżjonijiet lingwistiċi (Ċek, Litwan u Malti)
- "b'mod rimarkabbli"użata f'ħames verżjonijiet lingwistiċi (Ġermaniż, Olandiż, Grieg, Ungeriż u Bulgaru)
- "b'mod kjarament identifikabbli" użata fil-verżjoni Estonjana
- "b'mod trasparenti" użata fil-verżjoni Slovena
- "b'mod inambigwu" użata fil-verżjoni Slovakka
- "b'mod faċilment mifhum" użata fil-verżjoni Latvjana
- "f'forma grafikament illustrata" użata fil-verżjoni Taljana.

Il-President tal-Qorti Suprema ((Thomas Rørdam) iddeċieda li jittratta l-kwistjoni u jagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul il-proċedura u ordna lill-Prosekutur Pubbliku jippreżenta dokument sommarju supplimentari dwar il-kwistjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

## Interpretazzjoni tal-Anklagemyndigheden (il-Prosekutur Pubbliku)

Il-Prosekutur Pubbliku rrifjuta l-argument li l-verżjonijiet lingwistiċi awtentiċi tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsum jistgħu jqajmu diffikultajiet ta' interpretazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Prosekutur Pubbliku għamel riferiment għall-verżjonijiet bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż, magħrufa bħala l-"lingwi proċedurali", li jużaw it-termini "prominent", "visible" u "auffallend". Dan il-kliem kollu jista' jiġi tradott, fil-fehma tal-Prosekutur Pubbliku, bħala "prominenti" jew "rimarkabbli", li jikkorrispondu għall-espressjoni "på en fremtrædende måde" (b'mod prominenti) li tintuża fil-verżjoni Daniża. Insegwitu ta' din l-analiżi, il-Prosekutur Pubbliku kkonkluda li d-dispożizzjoni kellha tiġi interpretata fis-sens li l-informazzjoni ġenerali għandha tkun "prominenti jew viżibbli għad-destinatarju".

L-interpretazzjoni tal-formulazzjoni mill-Prosekutur Pubbliku hija żbaljata għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, ma huwiex preċiż li t-termini "prominent", "visible" u "auffallend" ifissru l-istess. Dawn it-termini ma jippermettux il-fehim tal-mod kif l-informazzjoni ġenerali għandha tiġi ppreżentata sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-kreditu lill-konsumatur. It-terminu "visible" jispikka b'mod partikolari. It-tieni, il-Prosekutur Pubbliku jiżbalja meta jqis li l-lingwi tax-xogħol tal-Kummissjoni jipprevalu fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Il-Prosekutur Pubbliku jidher li ma huwiex familjari mar-regoli ta' interpretazzjoni multilingwi u mal-prinċipju fundamentali tal-ekwivalenza tal-lingwi kollha.

## Interpretazzjoni tal-Højesteret (il-Qorti Suprema)

L-interpretazzjoni tal-Qorti Suprema lanqas ma tirrikonoxxi l-importanza li jiġu pparagunati l-verżjonijiet lingwistiċi tad-dispożizzjoni inkwistjoni. Għandha tiġi rrilevata, b'mod partikolari, ir-raġuni mogħtija mill-Qorti Suprema sabiex tiġi miċħuda t-talba tal-avukata intiża għal rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Ir-raġuni għal dan hija li ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-espressjoni "b'mod prominenti" ttrasponiet korrettament l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-kreditu lill-konsumatur.

B'dan il-mod, il-Qorti Suprema tidher li tikkonfondi żewġ kwistjonijiet legali: it-traspożizzjoni korretta ta' direttiva tal-Unjoni u l-interpretazzjoni tagħha. Fil-każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni ta' sors nazzjonali li jittrasponi direttiva tal-Unjoni (jiġifieri, l-Artikolu 18(2) tal-MFL fil-kawża Toyota), għandu jittieħed inkunsiderazzjoni t-test tad-direttiva fil-verżjonijiet lingwistiċi awtentiċi kollha. Ir-rekwiżit ta' paragun lingwistiku

japplika wkoll meta jkun hemm dubju dwar it-traspożizzjoni korretta tad-direttiva inkwistjoni.

Għaldaqstant, ir-raġuni mogħtija mill-Højesteret hija qarrieqa.

## Osservazzjonijiet konklużivi

F'konklużjonijiet mogħtija minn diversi Avukati Ġenerali fuq medda ta' żmien, ġie propost li l-kriterji *Cilfit* jiġu rreveduti u ġie rrilevat ukoll li huwa irraġonevoli li l-interpretu nazzjonali jwettaq paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha. Dan japplika għal F.G. Jacobs fil-Kawża C-338/95 (*Wiener*) [8], A. Tizzano fil-Kawża C-99/00 (*Lyckeskog*) [9], D. Ruiz-Jarabo Colomer fil-Kawża C-461/03 (*Gaston Schul*) [10], C. Stix-Hackl fil-Kawża C-495/03 (*Intermodal Transports*) [11], N. Wahl fil-Kawżi magħquda C-72/14 u C-197/14 (*van Dijk*) [12] u, iktar reċentement, M. Bobek fil-Kawża C-561/19 [13].

Wara s-sentenza tal-Qorti Suprema fil-kawża Toyota, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet mill-ġdid dwar il-kriterji *Cilfit*. Is-sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-561/19, li fiha l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-6 ta' Ottubru 2021, li l-prinċipji ta' interpretazzjoni stabbiliti fis-sentenza *Cilfit* tal-1982 għadhom applikabbli sal-lum.

Fil-punt 44 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi direttament għall-isfida lingwistika li jaffaċċjaw il-qrati nazzjonali meta jkollhom jinterpretaw id-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, huwa interessanti li jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi li l-qrati nazzjonali jieħdu inkunsiderazzjoni d-diverġenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi li huma familjari magħhom, b'mod partikolari meta dawn id-diverġenzi jkunu ġew irrilevati mill-partijiet:

8 | Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-*sentenza Wiener v Hauptzollamt Emmerich* (C-338/95, ECLI:EU:C:1997:352).

9 | Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-sentenza *Lyckeskog (C*-99/00, ECLI:EU:C:2002:108).

10 | Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-sentenza *Gaston Schul Douane-expediteur* (C-461/03, ECLI:EU:C:2005:415).

11 | Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-sentenza Intermodal Transports (C-495/03, ECLI:EU:C:2005:552).

12 | Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-sentenza X (Kawżi magħquda C-72/14 u C-197/14, ECLI:EU:C:2015:319).

13 | Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-sentenza *Consorzio Italian Management and Catania Multiservizi* (C-561/19, ECLI:EU:C:2021:291).

- *44. Għalkemm qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza ma tistax ċertament tkun obbligata twettaq, f'dan ir-rigward, eżami ta' kull waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tad-dispożizzjoni tal-Unjoni inkwistjoni, jibqa' l-fatt li hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni diverġenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni li hija tkun taf bihom, b'mod partikolari meta dawn id-diverġenzi jiġu esposti mill-partijiet u jiġu vverifikati.*

Fid-dawl ta' din il-konferma tal-prinċipju ta' ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi u tar-rekwiżit ta' paragun lingwistiku, l-interpretazzjoni tal-Qorti Suprema tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-kuntratti ta' kreditu tal-konsumatur hija sorprendenti. L-avukata ta' Toyota kienet enfasizzat u kkonstatat diverġenzi kunsiderevoli bejn il-verżjonijiet lingwistiċi. Madankollu, il-Qorti Suprema ma ħaditx inkunsiderazzjoni dawn id-diverġenzi fl-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u rrifjutat li tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni tal-interpretazzjoni billi invokat raġuni żbaljata dwar it-"traspożizzjoni korretta" tad-Direttiva.

Il-kawża Toyota turi li ma humiex il-qrati u l-avukati nazzjonali kollha li għandhom għarfien suffiċjenti tas-sistema multilingwi tal-Unjoni. Huwa għalhekk essenzjali li l-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tenfasizza l-importanza tal-prinċipju ta' multilingwiżmu u ta' ekwivalenza bejn il-lingwi li ilha teżisti minn meta l-Kunsill adotta l-ewwel regolament tiegħu fl-1958. Il-multilingwiżmu huwa pedament tad-dritt tal-Unjoni u għandu importanza primordjali għall-elementi essenzjali tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-applikabbiltà diretta u l-effett dirett tad-dritt tal-Unjoni fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa meħtieġ li r-regoli li jorbtu liċ-ċittadini jew lill-kumpanniji għandhom ikunu disponibbli f'verżjoni awtentika tal-lingwa tagħhom. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni diretta tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha għandha neċessarjament tkun akkumpanjata mill-prinċipju ta' ekwivalenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi kollha. Fl-assenza ta' dan il-prinċipju, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fuq il-verżjonijiet lingwistiċi tagħhom stess u, għaldaqstant, jikkompromettu s-salvagwardja tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

Prerekwiżit essenzjali għal-leġittimità kontinwa tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa r-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-lingwi kollha. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu konxji dwar l-importanza ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid tal-avukati nazzjonali fis-sistema multilingwi tal-Unjoni u fil-prinċipji tal-interpretazzjoni multilingwi.

# Il-multilingwiżmu uffiċjali – kwistjoni li mill-bidu ħadet xejra politika

Diskussjonijiet dwar il-kwistjoni tal-lingwa fil-kuntest tat-Trattat KEFA

— Isolde Burr-Haase

**Isolde Burr-Haase hija lingwista speċjalizzata fil-qasam ġuridiku u akkademiku fil-lingwi Rumanzi fl-Università ta' Köln. Bħala ko-responsabbli għal żewġ lawrji (BA-/MA-) fil-lingwistika ġuridika Ewropea, hija impenjata fl-istabbiliment ta' rabtiet fil-qrib bejn ir-riċerka, it-tagħlim u l-prattika. L-aspett tal-multilingwiżmu uffiċjali fid-dritt tal-Unjoni Ewropea jingħata prijorità fil-ġurnal elettroniku ZERL – Zeitschrift der Europäischen Rechtslinguistik, editjat għal iktar minn għaxar snin taħt ir-responsabbiltà prinċipali tagħha. Il-Cologne Summer School tal-Lingwistika Ġuridika Ewropea CSS-ERL, li hija ddedikata b'mod partikolari għal-leġiżlazzjoni Ewropea, għandha suċċess partikolari.**

## 1. Titwila lejn il-verżjoni Franċiża tat-Trattat KEFA mill-perspettiva Ġermaniża

Fil-11 ta' Jannar 1952, il-Bundestag Ġermaniż adotta l-abbozz ta' liġi li tirratifika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) bi 378 vot favur u 143 vot kontra, inklużi dawk tal-Komunisti u tad-Demokratiċi Soċjali. Il-ġurnata ta' qabel kien hemm dibattiti mqanqla fl-imsemmi Bundestag [1], fejn ġew indirizzati, fost l-oħrajn, argumenti lingwistiko-ġuridiċi fil-kuntest tal-multilingwiżmu, b'mod partikolari kwistjonijiet ta' traduzzjoni.

It-traduzzjoni Ġermaniża tat-Trattat KEFA (tat-18 ta' April 1951) ġiet eżaminata fid-dettall fi skambju verbali twil bejn il-Membru tal-Parlament Gerhard Kreyssig (SPD) u Walter Hallstein, is-Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Kap tad-Delegazzjoni Ġermaniża tal-Pjan Schuman waqt in-negozjati f'Pariġi. Hija diġà kienet tat lok għal pakkett ta' 12-il paġna ta' korrezzjonijiet mill-Kumitat tal-Bundestag dwar l-Istatut tal-Okkupazzjoni u l-Affarijiet Barranin f'Diċembru 1951, u r-relatur tiegħu, Victor-Emanuel Preusker (FDP), għamel, filwaqt li segwa Kreyssig, il-kritika li ġejja: "Il-Kumitat kien japprezza kieku t-traduzzjoni Ġermaniża tal-Pjan Schuman kienet iktar preċiża f'ċerti istanzi, b'tali mod li l-Kumitat ma jkollux, f'dawn il-każijiet, jasal għas-sens ġenwin tat-Trattat billi jirreferi għat-test Franċiż". Mis-serje ta' traduzzjonijiet żbaljati b'konsegwenzi serji li jifdal, Kreyssig jiċċita eżempji mill-Artikoli 21 (b'ommissjoni ta' test), 33, 83 u 61. Fl-Artikolu 33 tat-Trattat KEFA, il-kwistjoni tirrigwarda t-traduzzjoni ta' "*détournement de pouvoir*" (użurpazzjoni ta' awtorità, trasgressjoni tal-kompetenzi), u t-traduzzjoni li ntagħżlet għaliha hija "*Ermessensmissbrauch*" ("użu ħażin ta' poter"), traduzzjoni li tbaxxi b'mod sinjifikattiv dak li għandu jiġi ssodisfatt sabiex tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja. It-terminu "*saisir"* (li tiġi adita istituzzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet ġuridiċi) li jinsab fl-Artikoli 37 u 61 ma għandux l-istess sens ġuridiku bħal "*befassen*" ("tirreferi") jew "*sich wenden an*" ("tindirizza"). F'dan ir-rigward, għandha tiġi enfasizzata l-pożizzjoni ta' Hallstein dwar il-kritika ta' traduzzjoni skorretta ta' "*détournement de pouvoir*":

> "Il-punt waħdieni li dwaru għandi nammetti li t-traduzzjoni qajmet problemi, u li dwaru għalhekk nista' ngħid li t-traduzzjoni nnifisha kkawżatilna diffikultajiet straordinarji, huwa t-traduzzjoni tat-terminu '**détournement de pouvoir**'. Huwa minnu li nqis l-opinjoni tal-onorabbli Membru tal-Parlament fis-sens li 'détournement

1 | Minuti tas-Seduta 183 tal-Ewwel Bundestag Ġermaniż – Minuti tas-Seduta Plenarja, il-Ħamis, 10 ta' Jannar 1952, p. 7744-7747.

> de pouvoir' tfisser '**Amtsanmaßung**' ('użurpazzjoni ta' awtorità') hija żbaljata. Madankollu għandi nammetti li ma jeżistix, fit-terminoloġija legali Ġermaniża, terminu ġuridiku tekniku li jirrifletti eżattament is-sens tal-kelma 'détournement'. Id-differenza bejn l-espressjoni 'détournement de pouvoir' fil-lingwa tad-dritt amministrattiv Franċiż u fil-lingwa tal-qrati amministrattivi Franċiżi u l-espressjoni '**Ermessensmissbrauch**' ('użu ħażin ta' poter') li hija familjari għall-ġuristi fid-dritt amministrattiv Ġermaniż hija madankollu tant minima li aħna ħsibna li stajna nieħdu r-responsabbiltà li nesprimu espressjoni waħda bl-oħra. L-unika differenza tinsab fil-fatt li, fil-każ ta' 'détournement de pouvoir', dan huwa att li permezz tiegħu poter amministrattiv speċifiku, mogħti lil awtorità sabiex jintlaħqu ċerti għanijiet, ikun ġie eżerċitat b'mod li ma jservix preċiżament dawn l-għanijiet stabbiliti mil-liġi, filwaqt li t-terminu 'Ermessensmissbrauch' ('użu ħażin ta' poter') għandu sens ħarira differenti fil-lingwa ġuridika Ġermaniża, sa fejn huwa jirreferi għal att imwettaq mill-awtorità amministrattiva għal motivi illeċiti u mhux koperti mil-liġi." (p. 7746b)
>
> Il-ħolqien deliberat ta' terminu tad-dritt Komunitarju għadu validu sal-ġurnata tal-lum: fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, bil-Franċiż jissejjaħ *détournement de pouvoir* u bil-Ġermaniż jissejjaħ *Ermessensmissbrauch*.

Il-Membri tal-Parlament tal-SPD enfasizzaw bħala nuqqas partikolari l-fatt li t-Trattat kien vinkolanti biss bil-Franċiż. Tali konstatazzjoni saret ċertament f'kuntest politiku li jagħti l-impressjoni ta' viżjoni unilaterali u ftit supranazzjonali:

> "Il-fatt li dan ġara hawnhekk, għat-Trattat li l-Bundestag qiegħed jintalab jirratifika u li ser jorbot lill-Ġermanja għal iktar minn ħamsin sena, li l-membri Parlamentari Ġermaniżi qegħdin jivvotaw hawnhekk fuq test Franċiż, huwa, naħseb, uniku fl-istorja."

Hallstein jirrispondi għal din il-kritika billi jirreferi għaż-żmien limitat disponibbli, li matulu, minbarra test Ġermaniż, kien ikollhom jiġu redatti wkoll it-testi paralleli awtentiċi bit-Taljan u bl-"Olandiż". Dan kien ikun jirrikjedi diskussjonijiet addizzjonali dwar eventwali problemi ta' kontradizzjonijiet. Minbarra dan, huwa jiċħad b'mod kategoriku l-fehma msemmija preċedentement fil-kuntest tad-dibattiti tal-Kamra Franċiża, li tgħid li t-test Franċiż, bħala l-uniku li huwa vinkolanti, għandu wkoll ikun determinanti għall-interpretazzjoni, b'mod partikolari dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Ħames xhur qabel, fl-1951, Carl Bilfinger kien diġà talab fir-rapport tiegħu għal "verżjoni multilingwi tat-Trattat tal-Unjoni KEFA:

"Peress li l-istituzzjonijiet tal-Komunità tal-Faħam u l-Azzar ser ikollhom dejjem jirreferu għat-test tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom, u peress li biss it-test Franċiż huwa fil-preżent għad-dispożizzjoni tagħhom, mhux ser ikun possibbli tinkiseb ekwivalenza sħiħa ta' lingwi uffiċjali oħra anki jekk l-istituzzjonijiet jużaw dawn il-lingwi uffiċjali oħra. Huwa għaldaqstant mixtieq li titfassal verżjoni multilingwi tat-Trattat KEFA u li jiġi stabbilit, permezz ta' ftehim bejn l-Istati Membri, li t-testi kollha jitqiesu awtentiċi u ekwivalenti, mingħajr ma waħda jkollha prijorità fuq l-oħrajn." [2]

## 2. It-triq għall-iffirmar fit-18 ta' April 1951

Il-fatt li l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tat-Trattat KEFA ġiet stabbilita bħala l-uniku test vinkolanti saċ-ċerimonja tal-iffirmar fit-18 ta' April 1951 kien dovut għall-oriġini tiegħu kif ukoll għall-intensità tax-xogħol u tad-dibattiti li seħħew bil-Franċiż. Fid-dikjarazzjoni tal-gvern tiegħu tad-9 ta' Mejju 1950, il-Ministru Franċiż għall-Affarijiet Barranin Robert Schuman kien ippropona l-pjan għal awtorità supranazzjonali komuni għall-faħam u l-azzar. Fl-20 ta' Ġunju 1950, in-negozjati bejn il-gvernijiet għal Komunità tal-Faħam u l-Azzar inbdew f'Pariġi. Minbarra d-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża – b'din tal-aħħar immexxija minn Walter Hallstein – ħadu sehem ukoll rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Benelux u tal-Italja. Jean Monnet, bħala negozjatur għall-KEFA fuq in-naħa Franċiża, kien diġà ppreżenta abbozz ta' trattat ta' 40 artikolu fl-24 ta' Ġunju 1950, li kienu jirriflettu l-ideat Franċiżi, u għaddih lill-membri l-oħra tad-delegazzjoni għall-osservazzjonijiet tagħhom. Wara negozjati iebsin, li fihom id-dipartimenti tat-traduzzjoni kienu wkoll involuti, Hallstein kien immira sabiex l-"editjar finali tat-test Ġermaniż tat-Trattat" ikun lest għall-ewwel jiem tax-xahar ta' Diċembru 1950 f'Pariġi [3]. Bi tħejjija għall-inizjalar fid-19 ta' Marzu 1951, tħejjew abbozzi bi traduzzjoni Ġermaniża "mhux uffiċjali" b'konsultazzjoni mad-delegazzjoni Franċiża, u diversi verżjonijiet minnhom kienu jipprevedu artikolu

2 | Ara r-rapport tal-Professur Bilfinger, Direttur tal-Istitut Max Planck għad-Dritt Pubbliku Komparattiv u għad-Dritt Internazzjonali f'Heidelberg tad-9 ta' Awwissu 1951, imħejji fuq talba tas-Segretarju tal-Istat għal kwistjonijiet marbuta mal-Pjan Schuman, tal-11 ta' Lulju 1951, PAA AA_B015_135_003—0035, *ibid.* 0035.

3 | Ara l-ittra tat-22 ta' Novembru 1950 ta' Walter Hallstein dwar il-kollokament ta' kollaboratur lingwistiku ieħor minn Bonn lejn Pariġi għal xogħol ta' redazzjoni u ta' traduzzjoni. PAA AA_B015_001_117.

dwar il-lingwi [4]. Fis-6 ta' Frar 1951, l-Artikolu 85 kien jipprevedi dan li ġej, bil-Franċiż bħala l-lingwa oriġinali: "*Le Traité est fait en langue allemande, française, italienne et néerlandaise, le texte français étant le texte original. Les mêmes langues peuvent être utilisées pour les travaux de la Communauté. Les publications officielles de la Communauté seront faites en français et en allemand*" ("It-Trattat huwa magħmul bil-lingwa Ġermaniża, Franċiża, Taljana u Olandiża, u t-test Franċiż huwa t-test oriġinali. L-istess lingwi jistgħu jintużaw għax-xogħlijiet tal-Komunità. Il-pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-Komunità ser isiru bil-Franċiż u bil-Ġermaniż."). Madankollu, id-diskussjonijiet dwar il-kwistjoni tal-lingwa tkomplew, u kien hemm sejħiet għal mill-inqas status iktar ugwali għat-Taljan u l-Olandiż. Fl-assenza ta' konsensus, id-deċiżjoni rigward dan l-artikolu dwar il-lingwi, li issa kellu biss in-numru 89 fl-abbozz inizjalat, ġiet fdata lill-Konferenza Ministerjali. Mingħajr kontenut ieħor, issa kien jgħid sempliċement: *[Sprache: Der Ministerkonferenz vorbehalten] [Langue: question réservée à la Conférence des Ministres].* Waqt il-Konferenza Ministerjali li nżammet mit-12 sal-15 ta' April 1951, ma setgħetx madankollu tinstab soluzzjoni kunsenswali dwar il-kwistjoni tal-lingwa. It-test tat-Trattat KEFA ġie ffirmat fit-18 ta' April 1951 mingħajr ebda artikolu dwar il-lingwi. L-Artikolu 100 tat-Trattat KEFA biss jirreferi għall-Franċiż bħala l-unika lingwa tat-Trattat: "*Le présent Traité, rédigé en un seul exemplaire, sera déposé dans les archives du gouvernement de la République Française qui en remettra une copie conforme à chacun des gouvernements des États signataires*" ("Dan it-trattat, redatt f'kopja waħda, ser jiġi ddepożitat fl-arkivji tal-Gvern tar-Repubblika Franċiża li ser tgħaddi kopja konformi lil kull wieħed mill-gvernijiet tal-Istati firmatarji").

## 3. Regoli għall-kwistjoni tal-lingwa fuq livell ieħor: ir-rwol tal-Kummissjoni Interim u tal-Kumitat tal-Ġuristi

Il-bżonn li jiġu stabbiliti regoli għall-kwistjoni tal-lingwa f'organizzazzjoni supranazzjonali, li hija distinta minn organizzazzjoni internazzjonali, baqa' jeżisti. Minkejja li biss fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet u proposti lill-gvernijiet tal-Istati Membri, ġie deċiż fl-istess

4 | Fit-28 ta' Jannar 1951, id-*Délégation Allemande concernant le projet de Traité* għamlet il-proposta li ġejja "*Article 85. Question de langue: a) Le Traité est fait en langues allemande, française, italienne et néerlandaise; b) Langues officielles de la Communauté: allemande et français. Langues pour les travaux de la Communauté: allemande, française"* [Artikolu 85. Kwistjoni tal-lingwa: a) It-Trattat huwa miktub bil-Ġermaniż, bil-Franċiż, bit-Taljan u bl-Olandiż; b) Lingwi uffiċjali tal-Komunità: il-Ġermaniż u l-Franċiż. Lingwi għall-ħidma tal-Komunità: il-Ġermaniż, il-Franċiż]. PA AA_B015_292_016.

Konferenza Ministerjali fit-18 ta' April 1951 li tiġi stabbilita Kummissjoni Interim [5], li ltaqgħet erba' darbiet b'kollox [6]. Sa mill-ewwel laqgħa, it-trattament tal-kwistjoni tal-lingwa ġie fdat lil kumitat ta' ġuristi stabbilit b'mod ġdid, li ltaqa' f'Pariġi mit-30 u sal-31 ta' Mejju 1951. Ir-rapport li tħejja dwar dan is-suġġett [7] kien jibda b'kunsiderazzjonijiet fundamentali, ibbażati fuq l-eżami tar-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa tal-"preċedenti internazzjonali" (in-Nazzjonijiet Uniti, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, l-Organizzazzjoni għal Kooperazzjoni Ekonomika Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u n-NATO). Skont dan ir-rapport, wieħed jista' jiġi ggwidat minn dawn ir-regoli sa ċertu punt, iżda "min-naħa l-oħra, kien neċessarju li jinstabu soluzzjonijiet parzjalment ġodda li jkunu xierqa għall-organizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Pjan Schuman". F'dan ir-rigward, ġiet enfasizzata n-natura speċifika tad-destinatarji:

> "Ninsabu quddiem individwi u mhux biss rappreżentanti ta' Stati. Ninsabu f'komunità u mhux f'organizzazzjoni tat-tip internazzjonali tas-soltu. Huwa neċessarju li l-individwi affettwati mix-xogħol tal-istituzzjonijiet ma jkunu bl-ebda mod imfixkla fl-użu tal-lingwi; huma għandhom iħossuhom 'f'darhom' f'din il-komunità." [8]

Bħala gwida ġenerali għar-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa, ingħatat ċerta flessibbiltà:

> "[...] li għandu jitħalla, sa ċertu punt, lir-regoli tal-proċedura tad-diversi istituzzjonijiet u lill-konswetudini sabiex isibu soluzzjonijiet xierqa."

Il-kumitat tal-ġuristi laħaq konsensus dwar l-ugwaljanza ġenerali tal-Franċiż, tal-Ġermaniż, tat-Taljan u tal-Olandiż inkwantu "lingwi uffiċjali". Madankollu, id-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża ma qablux dwar il-kwistjoni tar-"regoli ta' eżekuzzjoni u deċiżjonijiet ta' natura ġenerali", kif ukoll tad-"deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja". Mill-fatt li t-Trattat kien redatt bil-Franċiż, ir-rappreżentanti Franċiżi ddeduċew li kien "indispensabbli li jiġu

5 | Mill-minuti tal-Konferenza Ministerjali tat-18 ta' April 1951: "Id-delegazzjonijiet li pparteċipaw fl-abbozzar tat-Trattat ser jiltaqgħu f'intervalli regolari fil-forma ta' Kummissjoni Interim matul il-perijodu bejn l-iffirmar u d-dħul fil-funzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Komunità. [...] Huma ser jeżaminaw, b'mod partikolari, il-kwistjoni tas-sede tal-istituzzjonijiet kif ukoll il-kwistjonijiet rigward id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Komunità minn lat lingwistiku, u ser jagħmlu proposti motivati lill-gvernijiet." Verżjoni Franċiża f': Hemblenne 1992, 112.

6 | Mis-17 sad-19 ta' Mejju 1951 f'Unkel (Bonn), mill-25 sat-28 ta' Ġunju 1951 f'Ruma, mit-12 sal-14 ta' Ġunju 1952 f'Den Haag u mill-4 sal-5 ta' Lulju 1952 fi Brussell; Hemblenne 1992, 112; Van der Jeught 2015, 56.

7 | Ara Kummissjoni Interim: Rapport tal-Kumitat tal-Ġuristi dwar ir-Regoli għall-Kwistjoni tal-Lingwa fil-Komunità. L-1 ta' Ġunju 1951, PA AA_B015_236_011- 018; Hemblenne 1992, 112-114; Pfeil 1996a, 12-13.

8 | PA AA_B015_236_015 016.

redatti wkoll f'din il-lingwa r-regoli li jservu għall-eżekuzzjoni tat-Trattat u d-deċiżjonijiet li jservu għall-interpretazzjoni tiegħu, mill-inqas f'dak li jirrigwarda l-verżjoni oriġinali awtentika". Ir-rappreżentant Belġjan, dak Taljan, dak Lussemburgiż u dak Olandiż qablu ma' din l-opinjoni. Dan ma kienx il-każ tar-rappreżentant Ġermaniż, "li huwa tal-fehma li r-regoli ġenerali u d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu redatti fil-lingwi uffiċjali kollha, u l-ebda verżjoni ma għandha tkun awtoritattiva fir-rigward tal-oħrajn" [9].

Id-diverġenzi fil-pożizzjonijiet baqgħu jeżistu waqt it-tieni laqgħa tal-Kummissjoni Interim, mill-25 sat-28 ta' Ġunju 1951. Min-naħa Franċiża, baqa' jinstaħaq fuq il-kontinwità tal-ġurisprudenza, li setgħet tiġi żgurata biss bil-Franċiż, l-unika lingwa awtentika li fiha jingħataw is-sentenzi [10]. Ir-rappreżentant Ġermaniż irrisponda bl-argument ta' terminoloġija proprja tal-Komunità, li ma tistax tkun marbuta esklużivament ma' lingwa ġuridika ta' Stat Membru:

> "Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiġi żviluppata biss fuq il-kunċetti ġuridiċi ta' Stat Membru. Il-fatt li t-Trattat huwa awtentiku biss bil-Franċiż bl-ebda mod ma jaffettwa l-kwistjoni tal-lingwa tas-sentenzi. Il-Qorti tal-Ġustizza ser ikollha tuża bosta kunċetti ġuridiċi li humiex irregolati fit-Trattat (pereżempju, il-kunċett ta' kawżalità) [11]".

Sadattant, it-triq diffikultuża tar-ratifika kienet bdiet u kien biss f'Ġunju/Lulju 1952 li s-suġġett tar-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa fi ħdan il-Komunità tal-Faħam u l-Azzar tressaq mill-ġdid quddiem il-Kummissjoni Interim. Waqt it-tielet laqgħa, mit-12 sal-14 ta' Ġunju 1952, instab qbil fuq il-kwistjoni tal-lingwa b'teħid inkunsiderazzjoni tal-proposti Ġermaniżi u tal-oġġezzjonijiet tad-delegazzjoni Belġjana u ta' dik Taljana, li xtaqu li l-Olandiż u t-Taljan ukoll jiġu rrikonoxxuti bħala lingwi ta' ħidma. L-erba' lingwi uffiċjali tas-sitt Stati Membi ġew stabbiliti bħala lingwi uffiċjali u ta' ħidma tal-Komunità, f'termini ugwali. Kull lingwa nazzjonali kellha wkoll tkun tista' tintuża bħala lingwa ta' proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni, kellu jkun possibbli li jsir riferiment għall-erba' verżjonijiet lingwistiċi tat-testi ġuridiċi [12].

9 | PA AA_B015_236_016.

10 | Pfeil 1996a, 12.

11 | Pfeil 1996a, 12.

12 | Hemblenne 1992, 114; Van der Jeught 2015, 57.

Wara li ġew riżolti l-aħħar domandi, inżammet ir-raba' laqgħa tal-Kumitat tal-Ġuristi sabiex jitħejja abbozz ta' protokoll. Dan il-protokoll ġie kkonfermat fil-Konferenza tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri, li nżammet f'Pariġi mit-23 sal-25 ta' Lulju (ara iktar 'il quddiem).

## 4. Żewġ rapporti ta' esperti minn Heidelberg u Tübingen insostenn tal-pożizzjoni ta' negozjar Ġermaniża

Sabiex tiġi msaħħa d-delegazzjoni Ġermaniża fir-rigward tal-problema lingwistika quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod iktar ġenerali, il-prinċipju ta' ugwaljanza lingwistika f'organizzazzjoni supranazzjonali, is-Segretarjat Ġermaniż għall-Kwistjonijiet dwar il-Pjan Schuman [13] kien talab, f'Lulju u Awwissu tal-1951, żewġ rapporti ta' esperti. It-tnejn li huma waslu f'Bonn fit-18 ta' Awwissu 1951 [14].

Fir-rapport tiegħu, Karl Heinz Neumayer mill-Max-Planck-Institut für ausländisches und internationales Privatrecht [l-Istitut Max Planck għad-Dritt Privat Komparattiv u għad-Dritt Internazzjonali] f'Tübingen ippreżenta "Studju dwar ir-Regoli għall-Kwistjoni tal-Lingwa f'Pajjiżi Multilingwi". L-istudju jirrigwarda r-regoli lingwistiċi fil-Belġju, fl-Isvezja, fil-Kanada – fil-provinċja ta' Quebec, fil-Finlandja, fir-Repubblika Ċekoslovakka mill-1918 sal-1938, fl-Alto Adige, fl-Irlanda, fid-dritt privat antik tal-Livonja, tal-Estonja u ta' Kurland, u fit-Trattat ta' Versailles. L-awtur jasal għas-segwenti konklużjoni rigward l-ekwivalenza tal-lingwi uffiċjali:

> "Din il-kompilazzjoni turi li kull fejn lingwi ta' importanza politika u kulturali ugwali jintużaw b'mod konkorrenti f'territorju nazzjonali, ġew stabbiliti regoli dwar l-ugwaljanza assoluta ta' dawn il-lingwi u l-prijorità ta' waħda fuq l-oħra ġiet eskluża. [...] Min-naħa l-oħra, f'pajjiżi fejn il-lingwa tal-Istat hija waħda, il-lingwi uffiċjali minoritarji uffiċjalment awtorizzati fir-reġjuni minoritarji ġew iddominati mil-lingwa ġenerali tal-Istat." [15]

13 | Dan is-segretarjat kien inħoloq fis-7 ta' Lulju 1950 fi ħdan id-Dipartiment Ġermaniż għall-Affarijiet Barranin sabiex jiġu ttrattati l-kwistjonijiet kollha tal-Pjan Schuman. PAA AA_B015_339_030.

14 | Iż-żewġ rapporti jinstabu fl-arkivji politiċi tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. PAA AA_B015_135_001-052. Ara Pfeil 1996a, 12 u 13.

15 | PAA AA_B015_135_051.

Analoġija bejn il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-lingwi u d-dritt supranazzjonali hija ssuġġerita, mingħajr ma hija fformulata b'mod espliċitu.

Dan huwa differenti fir-"Rapport ta' Espert dwar ir-Regoli għall-Kwistjoni tal-Lingwa fil-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar", redatt minn Carl Bilfinger, Direttur tal-Max-Planck-Instituts für ausländisches öffentliches Recht und Völkerrecht [l-Istitut Max Planck għad-Dritt Pubbliku Komparattiv u għad-Dritt Internazzjonali] f'Heidelberg. Minkejja li l-prassi nazzjonali tal-Istati multilingwi (l-Isvezja, il-Belġju, il-Kanada u l-Afrika t'Isfel) fil-qasam ta' leġiżlazzjoni, amministrazzjoni u ġurisdizzjoni kif ukoll il-prassi internazzjonali multilingwi (in-Nazzjonijiet Uniti) intużaw għall-paragun, l-għan fundamentali ta' regoli supranazzjonali kien ta' prijorità:

> "Ir-regoli għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-attività tal-Organizzazzjoni hija intiża sabiex jinħoloq dritt 'suprazzjonali' komuni fis-settur tal-industrija tal-faħam u tal-azzar għall-Istati kontraenti u li l-validità ta' norma ġuridika tkun essenzjalment suġġetta għall-kundizzjoni li hija tiġi espressa f'forma li tinftiehem minn dawk ikkonċernati, jiġifieri fil-lingwa li fiha huma jkunu mdorrijin jaħsbu u jaġixxu" [16].

Bil-"Proposti għar-Regoli tal-Komunità tal-Faħam u l-Azzar" [17], l-espert ipprovda serje ta' argumenti importanti għad-Delegazzjoni Ġermaniża. Fil-fehma tiegħu, kellu jiġi awtorizzat l-użu ta' kull waħda mill-erba' lingwi (il-Ġermaniż, il-Franċiż, l-Olandiż u t-Taljan) quddiem l-istituzzjonijiet kollha. Bl-istess mod, kellha tiġi prevista l-ugwaljanza tal-lingwi uffiċjali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

> "Il-prinċipju deċiżiv hawnhekk għandu jkun li kull Stat interessat jew, b'mod partikolari, kull kumpannija interessata tkun tista' tinstema' fil-lingwa li hija mdorrija biha, għaliex huwa biss b'dan il-mod li tista' tintlaħaq ugwaljanza ġenwina tad-drittijiet għall-partijiet kollha fil-Komunità tal-Faħam u l-Azzar." [18]

Iż-żewġ rapporti huma, dan iż-żmien, xhieda storika li tesprimi l-ideat fundamentali ta' multilingwiżmu uffiċjali speċifiku, li llum għadu karatteristika essenzjali tal-Unjoni Ewropea.

16 | PAA AA_B015_135_01-06.

17 | PAA AA_B015_135_01-031-34.

18 | *Ibid.*

## 5. L-abbozz tal-protokoll tal-Kummissjoni Interim tal-24 ta' Lulju 1952 dwar il-kwistjoni tal-lingwa fil-Komunità tal-Faħam u l-Azzar: il-bażi ta' azzjoni politika ulterjuri kif ukoll stabbiliment fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Istatut tal-Assemblea Ġenerali

Minkejja li l-kwistjoni tal-lingwa ma setgħetx tiġi rregolata mill-Istati firmatarji fit-Trattat KEFA tat-18 ta' April 1951, inżamm il-mandat li jiġu previsti regoli futuri għall-kwistjoni tal-lingwa. Huwa għal dan il-għan li tfassal, f'diversi stadji, l-abbozz tal-protokoll mill-Kummissjoni Interim li kienet għadha kemm ġiet stabbilita [19], li ġie approvat mill-Konferenza ta' Pariġi tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin mit-23 sal-25 ta' Lulju 1952. Dan il-"protokoll lingwistiku", li t-test tiegħu qatt ma ġie ppubblikat uffiċjalment, ma setax isir parti mit-Trattat KEFA – bħal, pereżempju, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-annessi tiegħu, tal-Protokolli Addizzjonali u tal-ftehim dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, u lanqas bħala materja li għad trid tiġi rregolata fi protokoll futur (bħar-rabta bejn l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Kunsill tal-Ewropea prevista fl-Artikolu 94 tat-Trattat KEFA) –; għaldaqstant il-klassifikazzjoni ġuridika tiegħu ma hijiex ċara. Madankollu dan il-protokoll tal-24 ta' Lulju 1952 ġie integrat fl-atti governattivi tal-Istati Membri [20] u serva bħala bażi għal azzjoni politiko-ġuridika u amministrattiva ulterjuri.

L-erba' lingwi uffiċjali tas-sitt Stati Membri kellhom ikunu kemm lingwi uffiċjali kif ukoll lingwi ta' ħidma tal-Komunità (Artikolu 1: "*Les langues officielles et les langues de travail de la Communauté sont: français, allemand, italien et néerlandais*"). Għad-deċiżjonijiet individwali u għal komunikazzjonijiet oħra, kien previst li l-għażla tal-lingwa uffiċjali ssir skont il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-kumpanniji. Barra minn hekk, il-lingwa għall-korrispondenza indirizzata lill-istituzzjonijiet kienet tintgħażel mill-korrispondent f'waħda mil-lingwi uffiċjali (Artikoli 2 u 3), u r-risposta mill-istituzzjonijiet kellha ssir fl-istess lingwa. L-atti legali ta' applikazzjoni ġenerali (Artikolu 6: "*Les règlements, décisions générales et autres déliberations générales des institutions de la Communauté*") kellhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità fl-erba' lingwi. Fil-fatt, sa mill-ewwel edizzjoni tiegħu fl-1952, il-Ġurnal Uffiċjali ġie ppubblikat fl-erba' lingwi uffiċjali tal-Komunità. Fi Stati Membri b'multilingwiżmu uffiċjali, l-għażla tal-lingwa kellha ssir skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-Istat ikkonċernat (Artikolu 7: "*[...] l'usage de la langue sera, à la demande de l'Etat intéressé, déterminé suivant les règles générales découlant de la législation de cet*

19 | PA AA_B015_235_038-039.

20 PA AA_B015_235_038-039.

*État.*”). Dwar ir-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa fl-Assemblea Komuni, il-predeċessur tal-Parlament Ewropew, sar riferiment għal awto-regolamentazzjoni bil-kundizzjoni li kull membru tal-Parlament jkun jista’ jesprimi ruħu f’waħda mil-lingwi uffiċjali (Artikolu 4). Dan wassal għall-implimentazzjoni immedjata fir-Regoli tal-Proċedura tal-Assemblea Komuni, li ġew diskussi u adottati f’din l-assemblea fis-seduta ta’ ftuħ mill-10 sat-12 ta’ Settembru 1952. L-Artikolu 15 tar-Regoli tal-Proċedura jindika l-erba’ lingwi uffiċjali, jiġifieri l-Ġermaniż, il-Franċiż, it-Taljan u l-Olandiż, bħala l-lingwi uffiċjali tal-Assemblea, li fihom kellhom jiġu redatti d-dokumenti uffiċjali kollha. L-Artikolu 16 kien jipprevedi interpretazzjoni simultanja minn u għall-erba’ lingwi uffiċjali, li setgħu eventwalment jitnaqqsu bi ftehim komuni (Artikolu 17) [21]. Il-Protokoll (Artikolu 5(a) sa (e)) jirrigwarda f’iktar dettall, fost l-oħrajn, ir-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa għall-Qorti tal-Ġustizzja, b’mod partikolari l-lingwi tal-proċedura potenzjali minn fost l-erba’ lingwi uffiċjali, l-użu tagħhom bil-miktub u b’forma orali u l-prattiki fil-qasam tal-pubblikazzjoni. Huma ġew inkorporati fir-Regoli tal-Proċedura tas-7 ta’ Marzu 1953 tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ġiet stabbilita f’Diċembru tal-1952 u jifformaw il-bażi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li llum hija kkaratterizzata mill-element tal-multilingwiżmu [22].

## 6. Prospettiva għall-istadju segwenti tal-multilingwiżmu uffiċjali fl-integrazzjoni Ewropea

Wara l-ħolqien tal-KEFA, l-integrazzjoni Ewropea kompliet tieħu spinta b’enfasi fuq is-settur ekonomiku. Fil-konferenza ta’ Messina f’Ġunju 1955, ġew diskussi pjanijiet għal suq komuni u komunità tal-enerġija atomika u ġie stabbilit kumitat bil-kompitu li jħejji abbozzi għat-testi tat-Trattati tal-Komunità Ewropea (KEE) u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (KEEA). Il-kwistjoni tal-lingwa ġiet diskussa biss mill-1956 u kienet is-suġġett ta’ dibattiti mqanqla fil-gruppi ta’ redazzjoni [23]. Fl-abbozzar tat-testi tat-Trattati ma sarx biss xogħol fuq test Franċiż, iżda d-diversi gruppi ta’ redazzjoni introduċew elementi ta’ xogħol ko-redazzjonali [24]; approċċ li definittivament kellu impatt fuq il-

21 | Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar: Regoli tal-Proċedura tal-Assemblea Komuni, post mhux speċifikat, Marzu 1953; Hemblenne 1992, 127-128, Gaedke 1954, 289 *et seq*.

22 | Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta’ Marzu 1953, ĠU 1953, NrU 3, p. 37 *et seq*.

23 | Hemblenne 1992, 130; Schübel-Pfister 2004, 55 u 56; Van der Jeught 2015, 60 u 61.

24 | Burr 2013, punti 19 u 20.

forma finali tal-erba' verżjonijiet lingwistiċi. B'mod differenti mit-Trattat KEFA, fit-Trattati li jistabbilixxu l-KEE u l-KEEA ġie applikat prinċipju ta' ugwaljanza fir-rigward tal-lingwi tat-Trattati. Il-lingwi uffiċjali kollha tal-Istati Membri – fil-każ ta' diversi lingwi uffiċjali, mill-inqas waħda – ingħataw dan l-istatus ukoll fuq il-livell tad-dritt Komunitarju, filwaqt li ġie stabbilit b'mod espliċitu li kienu awtentiċi. "Dan it-Trattat, magħmul f'kopja waħda, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Olandiż u bit-Taljan, l-erba testi meqjusa bħala awtentiċi ndaqs." (Artikolu 248 tat-Trattat KEE/Artikolu 225 tat-Trattat KEEA). B'mod differenti minn kif ikun normalment il-każ fid-dritt internazzjonali, in-numru tal-lingwi tat-Trattat ma huwiex limitat. Din il-karatteristika tad-dritt supranazzjonali Ewropew wasslet għan-numru attwali ta' 24 lingwa tat-Trattat, li huma elenkati b'mod espliċitu fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat UE u b'riferiment fl-Artikolu 358 tat-Trattat TFUE. Bħal fit-Trattat ta' Ruma, il-lingwi kollha tat-Trattati jkomplu jkunu vinkolanti b'mod sħiħ [25].

Minħabba kontradizzjonijiet nazzjonali, ma nstabitx soluzzjoni li fuqha kien hemm kunsens waqt ix-xogħlijiet preparatorji tat-Trattati ta' Ruma sabiex jiġu stabbiliti regoli għall-kwistjoni tal-lingwa fir-rigward tal-lingwi uffiċjali u tal-lingwi ta' ħidma. Kien biss ftit qabel l-iffirmar, fit-23 ta' Marzu 1957, li ġie deċiż, permezz tal-Artikolu 217 tat-Trattat KEE, li din il-kwistjoni tiġi rriżervata għal regolament tad-dritt sekondarju. Dan l-artikolu jipprevedi li r-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa tal-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom jiġu adottati mill-Kunsill b'mod unanimu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tali riżerva mmanifestata fuq il-livell tad-dritt primarju baqgħet teżisti wkoll fit-Trattat ta' Lisbona, li fl-Artikolu 342 TFUE jipprevedi: "In-normi li jirregolaw il-lingwi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet previsti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, jiġu stabbiliti mill-Kunsill, b'mod unanimu permezz ta' regolament."

B'applikazzjoni ta' din ir-regola bażika stabbilita fl-1957, il-Kunsill adotta, fil-15 ta' April 1958, l-ewwel regolament tiegħu [26] dwar ir-regoli għall-kwistjoni tal-lingwa, li huwa ispirat essenzjalment mill-Protokoll KEFA ta' Lulju 1952 u li għadu fis-seħħ sal-lum. Il-prinċipju ta' ugwaljanza lingwistika baqa' l-messaġġ bażiku. It-trattament ugwali tal-lingwi uffiċjali

25 | Madankollu, wieħed ma jistax jiċħad li s-suġġett jibqa' volatili. Ma kienx mingħajr raġuni li s-Segretarju Ġenerali tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali, Sir John Kerr, kien eskluda diskussjoni dwar il-lingwi tat-Trattati waqt il-ftuħ tad-dibattiti tal-"Konvenzjoni" Kostituzzjonali f'Marzu 2022; Burr 2013, punt 21.

26 | Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3). Regolament analogu ġie adottat mill-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 5).

u tal-lingwi ta’ ħidma (Artikolu 1 tar-Regolament°1/1958) jista’ jkollu natura simbolika; huwa joffri l-possibbiltà, iżda mhux l-obbligu, li l-lingwi uffiċjali jintużaw bħala lingwi ta’ ħidma [27]. Ir-regolamenti u d-dokumenti ta’ natura ġenerali jiġu redatti fil-lingwi uffiċjali u jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali (Artikoli 4 u 5 tar-Regolament Nru°1/1958). B’mod differenti mill-Protokoll tal-Lingwi tal-KEFA, li kien jinkludi indikazzjonijiet iktar iddettaljati dwar il-kwistjoni tal-lingwa fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru°1/1958 sempliċement jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Tali trasferiment tas-setgħat legali fir-rigward tal-lingwi fl-istituzzjonijiet b’mod ġenerali għal-livell tar-regoli tal-proċedura (Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1/1958) huwa ċċitat fil-letteratura bħala xi ħaġa ġdida meta mqabbel mal-Protokoll KEFA [28], iżda fir-rapport tal-1951 tal-Kumitat tal-Ġuristi tal-Pjan Schuman (iktar ’il fuq, Sezzjoni 3) diġà kienet tinstab ir-rakkomandazzjoni sabiex ir-regoli dwar il-kwistjoni tal-lingwa jiġu fdati “lir-Regoli tal-Proċedura tad-diversi istituzzjonijiet u lill-konswetudini”.

Il-Protokoll KEFA tal-1952, li ma ġiex ippubblikat, ma tantx sab risposta mill-pubbliku, iżda daż-żmien jintuża repetutament għall-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1/1958. Il-konstatazzjoni konċiża li t-Trattat KEFA jeżisti biss fil-verżjoni Franċiża tinjora argumenti importanti li kellhom rwol fid-diskussjonijiet u fid-dibattiti dwar it-Trattat KEFA. Hemm lok li jiġi kkonsultat il-materjal li b’diversi modi jiddokumenta l-approċċ politiko-ġuridiku segwit fil-ħolqien ta’ trattat suprazzjonali. Iżda anki fil-preżent, l-2022, dan il-materjal juri b’mod ċar il-karatteristiċi speċifiċi u l-obbligi ta’ organizzazzjoni supranazzjonali li l-importanza tagħha tmur lil hinn mill-komponent ekonomiku.

## Sorsi

PA AA (Politisches Archiv des Auswärtigen Amts) [arkivji politiċi tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin], PA AA_B 015 Sekretariat für Fragen des Schuman-Plans [Segretarjat għall-Kwistjonijiet dwar il-Pjan Schuman]

Minuti tas-Seduta 183 tal-Ewwel Bundestag Ġermaniż – Minuti tas-Seduta Plenarja https://dip.bundestag.de/plenarprotokoll/protokoll-der-183-sitzung-

27 | Ringe 2022, 86; Schübel-Pfister 2004, 58 *et seq*.

28 | Van der Jeught 2015, 62 u 63.

des-1-deutschen-bundestages/4602 ?term=Schumanplan&f.wahlperiode=1&f.wahlperiode=20&rows=25&pos=5

## Referenzi

Burr, Isolde 2013. Art. 55, fi Blanke, Hermann-Josef / Mangiameli, Stelio (ed.). *The Treaty on European Union (TEU). A Commentary*. Berlin/Heidelberg: Springer.

Gaedke, Jürgen 1954. *Das Recht der Europäischen Gemeinschaft für Kohle und Stahl, Textsammlung mit Anmerkungen und Sachverzeichnis.* München: C.H. Beck.

Hemblenne, Bernard 1992. *Les problèmes du siège et du régime linguistique des Communautés européennes (1950-1967)*, f'Heyen, Erk Volkmar (ed.): Die Anfänge der Verwaltung der Europäischen Gemeinschaft. Baden-Baden: Nomos, p. 107-143.

Pfeil, Werner 1996a. Der Aspekt der Mehrsprachigkeit in der Union und sein Einfluss auf die Rechtsfortbildung des Europäischen Gemeinschaftsrechts. *Zeitschrift für Rechtsvergleichung* 37, p. 11-20.

Ringe, Nils 2022. The Language(s) of Politics: *Multilingual Policy-Making in the European Union.* Ann Arbor, MI: University of Michigan Press.

Schübel-Pfister, Isabel 2004. *Sprache und Gemeinschaftsrecht. Die Auslegung der mehrsprachig verbindlichen Rechtstexte durch den Europäischen Gerichtshof.* Berlin: Duncker & Humblot.

Van der Jeught, Stefaan 2015. *EU Language Law.* Groningen: Europa Law Publishing.

# Bis-Sango, Molengue tfisser ‘il-mimmi tal-għajnejn’

Fuq it-tentattiv ta’ sfruttament tar-rikkezza tal-lingwi għal finijiet edukattivi.

— Dr. Eva Vetter

**Eva Vetter ilha, mill-2011, professur tad-didattika/tat-tagħlim tal-lingwi u tar-riċerka lingwistika fl-Università ta’ Vjenna (iċ-Ċentru ta’ Tagħlim Intern u Tagħlim Lingwistiku). Mill-2013 sal-2018, hija kienet Assistent Kap taċ-Ċentru għat-Tagħlim Intern tal-Għalliema, mill-2012, Kap tal-International Journal of Multilingwalism. It-temi ta’ riċerka tagħha huma l-multilingwiżmu, il-modalitajiet ta’ tagħlim, l-analiżi ta’ korsijiet, l-istudji tal-lingwa u ta’ riċerka lingwistika, il-kuntatt lingwistiku u kunfliġġenti, kif ukoll il-Frankofonija.**

## L-entużjażmu tal-lingwa bħala introduzzjoni

"Molengue", jew anki "molengué'", jew "molenge", huwa nom prinċipali fis-Sango, il-lingwa nazzjonali tar-Repubblika Ċentru-Afrikana. Fid-dizzjunarji, dan huwa tradott bħala wild, li huwa wkoll is-sinjifikat mogħti lil din il-kelma fil-komunikazzjoni bejn kelliema tas-Sango. Helmut Buchegger, li għex żmien twil bħala missjunarju fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, irrifletta dwar is-sinjifikat attwali (Buchegger, 2021). Huwa jinterpreta "molenge" bl-istess mod bħal fil-każ ta' nomi komposti oħra, billi janalizza l-elementi tiegħu: "mo" hija l-forma ta' indirizz lit-tieni persuna, "le" tfisser għajn u anki perla, u fl-aħħar "nge" tfisser żgħir, irqiq. Ma humiex ħafna lingwi li jużaw dawn l-elementi sabiex jirreferu għal "wild". It-terminu Franċiż "enfant" jibda b'negazzjoni dderivata mil-Latin "infans" (Brachet, 1874, p. 205). Huwa l-verb Latin "fari" li ġej mill-Grieg "phaô" li huwa nnegat. Għalkemm ma għadx hemm riferiment għal din in-negazzjoni fis-sinjifikat ta' "wild" li ġeneralment tingħata lis-sinjal lingwistiku "wild", l-elementi tal-kelma Franċiża għadhom jirreferu għal xi ħadd li (għadu) ma jafx jitkellem.

Lingwa toffri perspettiva dwar id-dinja. Kull waħda hija bbażata fuq sett ta' regoli, ta' sikwit kompletament differenti. Il-mod li bih lingwa tikkodifika lid-dinja huwa marbut mill-qrib mal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-kelliema tagħha. Jekk il-funzjoni ta' oġġett partikolari hija importanti għal komunità partikolari, hija tipproduċi numru ikbar ta' kliem għalih milli għal oġġett li ma jkunx daqstant importanti. Għall-persuni li jrabbu r-renni fit-Tramuntana tal-Ewropa, l-osservazzjoni u l-għarfien tal-kundizzjonijiet tal-borra kienu ta' importanza kbira. Is-sopravvivenza tal-merħla setgħet anki tiddependi minn dan. Konsegwentement, is-Sami tat-Tramuntana għandhom iktar minn 20 espressjoni għat-tipi differenti ta' borra (Haarmann, 2021, p. 73).

Għalkemm il-lingwa tesprimi ċerta viżjoni tad-dinja, aħna bħala bnedmin mhux neċessarjament marbuta b'din il-perspettiva. Ebda lingwa ma hija sistema magħluqa u invarjabbli, li hija dejjem identifikabbli b'mod ċar għall-persuni barranin. Il-lingwi jevolvu, l-isess bħall-bżonnijiet tal-bnedmin li jużawhom. Barra minn hekk, kull persuna għandha l-kapaċità li titgħallem u tuża diversi lingwi. B'dan il-mod, huwa possibbli li jkollna immersjoni fin-natura multidimensjonali tagħhom. Dan jibda mill-għadd. Il-persuni li huma familjari mas-sistema deċimali ta' spiss ma għandhomx ifittxu 'l bogħod sabiex isibu s-sistema viġesimali, li hija differenti peress li tinvolvi l-għadd bl-għoxrinijiet. L-Irlandiż huwa bbażat fuq is-sistema viġesimali, filwaqt li l-Breton fuq is-sistema deċimali. Iż-żewġ lingwi Keltiċi ma humiex daqstant bogħod minn xulxin ġeografikament. Il-kwistjoni dwar jekk din is-sistema tal-għadd żviluppatx bħala konsegwenza, indipendement mir-raġuni, tal-fatt li kienu jingħaddu s-swaba tas-saqajn ma' dawk tal-idejn jew xi ħaġa iktar

sempliċi bħal dik li jiddawru l-idejn sabiex jingħadd 20 fuq is-swaba tal-idejn aktarx se tibqa' misteru (Haarmann, 2021, p. 99).

Dawk li jipperfezzjonaw it-tagħlim tal-lingwi u jużaw numru partikolarment kbir ta' lingwi f'livell għoli ħafna jissejħu poliglotti. L-iktar poliglott famuż huwa l-Kardinal Mezzofanti (1774–1849), li apparentement kien jaf 72 lingwa u kien kapaċi jitkellem b'mod fluwenti 39 lingwa (Hudson 2008, p. 90). Mingħajr dubju, il-poliglotti jikkondividu l-imħabba lejn il-lingwi. Anki fost utenti lingwistiċi inqas kapaċi, l-interess fid-diversi possibbiltajiet li d-dinja tiġi esplorata f'forom lingwistiċi huwa sors ta' pjaċir.

## Pjaċir mittiefes

Id-diversità lingwistika (kemm il-multilingwiżmu tal-individwi kif ukoll dak tas-soċjetajiet) mhux dejjem titqies bħala xi ħaġa pożittiva. Dan huwa wkoll il-każ fil-qasam tal-edukazzjoni, li fir-rigward tiegħu qiegħda tinkiteb din il-kontribuzzjoni. Kultant, l-effett tal-multilingwiżmu fost iż-żgħażagħ jitqies li għandu effett dannuż, jekk dan jitqies fil-kuntest tal-interpretazzjoni tar-riżultati ta' Pisa. F'diversi sistemi skolastiċi fl-Ewropea, l-istudenti li jużaw lingwi oħra d-dar għajr il-lingwa tat-tagħlim iġibu riżultati inqas tajbin mill-istudenti monolingwi. Fl-Istati Uniti wkoll, il-multilingwiżmu jitqies li huwa ostakolu. Eżempju huwa l-isem uffiċjali tal-awtorità edukattiva ta' New York, li fl-2003 biddlet isimha minn Uffiċċju għall-Edukazzjoni Bilingwi (Office of Bilingual Education of the New York City Board of Education) għal Uffiċċju għat-Tagħlim tal-Ingliż (Office of English Language Learners of the New York City Department of Education), u sussegwentement għal Uffiċċju għall-Istudenti b'Diżabbiltà u għat-Tagħlim tal-Ingliż (2009: Chief Achievement Office: Students with disabilities and English Language Learners) (García 2011, p. 140).

Fl-Ewropa, fl-aħħar 15-il sena, żdiedet it-tendenza lejn il-lingwa tat-tagħlim u tal-maġġoranza, li qiegħda tingħata l-attenzjoni kollha bħallikieku l-pjaċir tal-multilingwiżmu tneħħa mid-dibattitu pubbliku. Il-konoxxenza imperfetta tal-imsemmija lingwa tat-tagħlim hija assoċjata ma' żvantaġġi u dewmien fil-perkors edukattiv. F'ċerti postijiet, il-projbizzjonijiet u l-obbligi ta' użu huma s-suġġett ta' diskussjonijiet intensivi u kultant politikament animati (Netzwerk Sprachenrechte, 2021). Dan jista' jiġi interpretat bħala l-kontinwazzjoni tal-habitus monolingwi deskritt minn Gogolin fl-1994, minkejja l-fatt li l-istudenti huma multilingwi.

Dak li kultant jiġi ttraskurat f'tali dibattiti huwa l-fatt li diversi sistemi edukattivi ilhom jikkumbattu l-multilingwiżmu. Fil-passat, kif ukoll fiż-żminijiet tal-lum, ġew żviluppati b'suċċess mudelli ta' implimentazzjoni istituzzjonali. Dawn ser jiġu diskussi iktar 'il

quddiem. Il-mudelli magħżula kienu dawk li ma humiex marbuta prinċipalment ma' riżorsi finanzjarji (pereżempju, tal-ġenituri) jew dawk li huma diġà msemmija fir-rapport dwar mudelli multilingwi innovattivi fl-Ewropa (Le Pichon-Vorstmann *et*, 2020, p. 42-95). Għalhekk, it-test segwenti ser jiddiskuti l-iskejjel utrakwisti jew bilingwi tal-Imperu Awstro-Ungeriż, skejjel minoritarji fl-Ewropa u skejjel multilingwi f'żoni urbani.

## Ħarsa fil-kotba tal-istorja: l-iskejjel utrakwisti [1] tal-Imperu Awstro-Ungeriż

Anki fil-passat, ir-reġjuni ġeografiċi kienu rarament monolingwi. Eċċezzjoni għal din ir-regola huma komunitajiet iżolati u dawk li jirrifjutaw il-kuntatt estern għal diversi raġunijiet. Iktar frekwenti, il-persuni li jużaw lingwi differenti, mhux biss jiltaqgħu iżda anki jgħixu flimkien u jikkondividu spazji ġeografiċi u politiċi. Għall-edukazzjoni f'reġjuni multilingwi, bdew jinfetħu iskejjel imsejħa utrakwisti fl-Ewropa. Dan kien ukoll il-każ fl-Istat multietniku tal-Imperu Awstro-Ungeriż: f'dan ir-reġjun ta' lingwi mħallta bdew jipprevalu skejjel bilingwi u multilingwi fis-seklu 19, bil-Ġermaniż bħala wieħed mil-lingwi tat-tagħlim. Numru kbir ta' ġenituri li ma kinux jitkellmu l-Ġermaniż, bil-ħsieb ta' progress fil-karriera futura ta' uliedhom, għażlu dawn l-iskejjel minflok skejjel monolingwi (Urbanitsch, 1980, p. 81). Fi skejjel utrakwisti kienu jiġu mgħallma suġġetti speċjalizzati f'diversi lingwi. Kien ukoll possibbli li suġġett partikolari jiġi mgħallem fl-istess skola f'lingwi differenti. Il-lingwa tat-tagħlim għalhekk kienet tvarja skont is-suġġett (u ċ-ċirkustanzi, pereżempju, il-lingwi mitkellma mill-għalliema).

Eżempju tajjeb ta' kif jopera dan il-metodu utrakwist huwa l-belt ta' Plzeň (Pilsen) f'Čechy (il-Boemja) tas-seklu 19. It-tieni l-ikbar belt tal-Boemja kienet il-kapitali ta' distrett industrijali kbir u importanti li l-punent tiegħu kien fil-parti l-kbira tiegħu abitat minn kelliema tal-lingwa Ġermaniża u l-lvant minn kelliema tal-lingwa Ċeka. Il-belt kienet għalhekk iċ-ċentru tal-kuntatt lingwistiku u kienet post ta' tagħlim importanti għall-kelliema Ċeki u Ġermaniżi. Anki fis-seklu 19, iċ-Ċek kien il-lingwa maġġoritarja użata fil-belt stess. Dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq statistika uffiċjali (Newerkla, 2003).

1 | L-"iskejjel utrakwisti" ġew stabbiliti matul l-Imperu Awstro-Ungeriż bħala terminu għall-iskejjel bilingwi fejn id-diversi lingwi tat-tfal intużaw bħala lingwi ta' tagħlim u ġew sussegwentement issostwiti bil-lingwa nazzjonali l-oħra, jiġifieri pereżempju l-Ġermaniż jew it-Taljan (Stourzh 1980, 1136).

Madankollu, il-popolazzjoni muniċipali fis-seklu 19 kienet fil-fatt bilingwi: kelliema Ċeki li kellhom għarfien sod tal-Ġermaniż setgħu jisiltu vantaġġi soċjali u ekonomiċi. Kelliema Ġermaniżi kellhom ikollhom għarfien korrispondenti sabiex ikollhom kuntatt fuq bażi ta' kuljum mal-maġġoranza li kienet titkellem iċ-Ċek. Permezz ta' analiżi tal-eqdem skola fil-belt, jista' jkollna informazzjoni dwar kif kienet taħdem is-sistema utrakwista: fl-iskola primarja, pereżempju, li kienet tissejjaħ skola primarja Ċeka mill-1883 'il quddiem, il-matematika, il-fiżika, il-kimika u l-mekkanika kienu jiġu mgħallma bil-Ġermaniż filwaqt li l-letteratura, l-istorja, il-ġeografija u x-xjenza (l-aritmetika wkoll fl-ewwel klassijiet) kienu jiġu mgħallma biċ-Ċek. L-iskola, li kienet tissejjaħ "Ġermaniża" mill-1890 'il quddiem, kellha wkoll fergħa bilingwi f'nofs is-seklu 19, fejn ċerti suġġetti kienu jiġu mgħallma b'lingwa waħda u l-oħrajn bil-lingwa l-oħra. Għandu jiġi nnotat li dan l-arranġament irriżulta mill-isforzi tal-belt innifisha, li ċ-ċittadini tagħha kienu mħeġġa li jgħammru lill-ġenerazzjoni futura bil-kompetenzi lingwistiċi neċessarji għall-koabitazzjoni paċifika. In-nazzjonaliżmu naxxenti (Vetter, 2003) u l-hekk imsejħa projbizzjoni lingwistika stabbilita fl-Artikolu 19(3) tal-Kostituzzjoni (1867) wasslet għas-separazzjoni lingwistika u nazzjonali tal-iskejjel (Stourzh, 1980). Is-sistema utrakwista ntemmet ħesrem.

## Skejjel minoritarji bħala mudelli għall-multilingwiżmu kontemporanju

Huwa magħruf li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom problema bid-diversità lingwistika; huma jidentifikaw mar-revoluzzjoni Franċiża u jqisu ruħhom bħala monolingwi. Għaldaqstant, il-lingwa tat-tagħlim hija l-lingwa nazzjonali. L-assenza ta' appoġġ legali kif ukoll finanzjarju jwassal għall-esklużjoni tal-lingwi l-oħra kollha. Dan japplika wkoll għas-sistema edukattiva. Matul is-snin 1970, kien hemm diversi movimenti elementari li nibtu f'pajjiżi Ewropej, u li bnew networks bejniethom u ddefendew il-lingwi li kienu ġew esklużi mis-sistemi edukattivi. Minn dak iż-żmien, dawn l-iskejjel mhux biss kisbu iktar studenti, iżda kellhom ukoll influwenza sinjifikattiva. L-istorja tal-iskejjel tal-minoranza Bretona ta' Diwan hija indikazzjoni ta' dan l-iżvilupp (Vetter, 2013).

L-istorja fondatriċi tal-federazzjoni ta' Diwan hija illustrata f'ritratt magħruf tal-ewwel għalliem tagħha, mużiċista Bretonu, flimkien ma' ħamest itfal. Huwa ġie rreklutat biss lejliet u beda jgħallem f'post mhux previst għal dan il-għan. Illum, 4 030 tifel jew tifla jattendu skejjel ta' Diwan (Uffiċċju tal-Lingwa Bretona għas-sena skolastika 2021/22). L-assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru topera 48 skola (*écoles*), sitt skejjel medji (*collèges*) u żewġ skejjel sekondarji (*lycées*). Mill-1977, it-tagħlim huwa bbażat fuq il-mudell ta' immersjoni, importat mill-Kanada. L-għalliema jitkellmu l-Bretonu mill-kindergarten 'il quddiem. It-tfal jitħallmu jiktbu u jaqraw bil-Breton. Dawn il-kompetenzi jiġu ttrasferiti lejn il-Franċiż. Il-Franċiż huwa l-lingwa dominati fis-soċjetà, u numru ta' ġenituri nnifishom

ma jkollhomx jew ikun għad ma jkollhomx konoxxenza tal-Breton meta jirreġistraw lit-tfal tagħhom fi skola Diwan. L-għan tal-mudell ta’ immersjoni huwa l-iktar konoxxenza bbilanċjata possibbli taż-żewġ lingwi (Osterkorn, Vetter, 2015).

Matul iktar minn erba’ deċennji tal-eżistenza tiegħu, Diwan baqa’ moviment elementari li ħadem konsistentement sabiex ikun organizzazzjoni professjonali. Ġew żviluppati programmi ta’ taħriġ għall-għalliema, inħoloq materjal għat-tagħlim u ġie stabbilit network uffiċjali ma’ skejjel oħra minoritarji. Madankollu, il-ftuħ ta’ skejjel ġodda għadu bbażat fuq l-inizjattiva tal-ġenituri.

Is-suċċess ta’ Diwan jista’ wkoll jiġi kkwantifikat: l-istudenti fi skejjel Diwan iġibu riżultati aħjar fil-Matura (eżamijiet tal-aħħar) mill-istudenti medji kemm fi Franza inġenerali kif ukoll fid-Département Finistère speċifikament. Fl-2020, bħal f’numru ta’ snin preċedenti, l-istudenti kollha fl-iskola sekondarja ta’ Carhaix għaddew mill-eżamijiet tal-aħħar (L’Internaute). Diwan mhux biss joffri l-iktar mudell utli għat-tagħlim tal-lingwa minoritarja Bretona, iżda l-mudell ta’ immersjoni huwa wkoll eżempju tal-fatt li l-konoxxenza taż-żewġ lingwi hija bażi tajba għat-tagħlim ta’ lingwi oħra, bħall-Ingliż, u sussegwentement, il-Ġermaniż jew l-Ispanjol, kif ukoll konoxxenzi lingwistiċi ta’ lingwi minuri.

## Superdivers: multilingwiżmu urban

L-oriġinalità tal-urbanità hija li jkun hemm livell għoli ta’ kumplessità u diversità f’żona ddefinita. Fi Vjenna, din id-diversità hija bbażata fuq l-istorja tal-belt bħala l-kapitali ta’ imperu multilingwi, li l-abitanti tiegħu introduċew il-lingwi tagħhom matul medda ta’ sekli. Illum il-ġurnata, il-multilingwiżmu soċjali huwa kkaratterizzat mill-migrazzjoni tax-xogħol tas-snin 1960. Minbarra l-Ġermaniż, hemm rappreżentanza qawwija tal-Bosnjak, tal-Kroat u tas-Serb, tat-Tork, tal-Albaniż, tal-Pollakk u tar-Rumen. Fl-2015, il-gwerra fis-Sirja tat lok għall-migrazzjoni forzata li ġabet magħha lingwi bħall-Għarbi u l-Persjan lejn il-belt. Iktar minn nofs l-Istudenti jużaw lingwa oħra barra mill-iskola, ħafna drabi flimkien mal-Ġermaniż. Għalkemm id-diversità lingwistika tista’ tidher iktar b’saħħitha jew iktar dgħajfa skont it-tip ta’ skola, il-multilingwiżmu ta’ kuljum għadu stabbilit bħala karatteristika importanti tal-istudenti llum.

Sabiex jiġi mmassimizzat dan il-multilingwiżmu, ġew żviluppati strateġiji speċifiċi fuq ċerti siti. Numru kbir minnhom huma viżibbli fl-hekk imsejjaħ “Linguistic Landscape” tal-iskola, bħala skrizzjonijiet, sinjali jew posters. Pereżempju, fuq il-bieb ta’ skola, il-kelma “Merħba” tidher fil-lingwi kollha mitkellma mill-istudenti tagħha, u f’oħra l-iskrizzjoni “40 lingwa – skola waħda”. Fi skola oħra, hemm l-iskrizzjoni “Paċi” f’diversi

lingwi differenti fi ħdan il-bini tal-iskola. Posters dwar it-tagħlim multilingwi jindikaw li l-Ġermaniż ma huwiex l-unika lingwa tat-tagħlim (Vetter, 2021).

Ċerti skejjel imorru lil hinn minn tali sinjali ta' apprezzament billi jiżviluppaw strateġiji sabiex jintegraw il-multilingwiżmu fl-attivitajiet lingwistiċi tal-iskola. Fost dawn hemm il-poeżiji bil-lingwa tal-qalb, li tista' tvarja għal kull student, jew xogħol ta' riċerka li jsir f'lingwi differenti, li b'hekk jagħti aċċess għal perspettivi ġodda. In-nuqqas ta' kontroll ta' spiss fit-tħassib tal-għalliema huwa kontrobbilanċjat b'żieda fl-awtodeterminazzjoni u fl-emozzjonijiet pożittivi min-naħa tal-istudenti. Barra minn hekk, hemm il-prattika ta' trasferiment ta' informazzjoni rriċerkata f'lingwi differenti lejn lingwa komuni.

It-tagħlim multilingwi jmur kontra l-orjentament monolingwi tal-edukazzjoni. Il-multilingwiżmu mhux biss isir manifest, iżda jsir il-punt tat-tluq jew parti mill-esperjenzi tat-tagħlim. Minkejja li l-multilingwiżmu jitqies bħala sfida f'ċerti każijiet, in-numru dejjem jikber ta' materjal disponibbli jissuġġerixxi li hemm inverżjoni fit-tendenza. Il-Mercator-Institut für Sprachförderung und Deutsch als Zweitsprache (l-Istitut Mercator għall-Promozzjoni tal-Lingwi u tal-Ġermaniż bħala t-Tieni Lingwa) ippubblika nota ta' informazzjoni għall-għalliema intitolata "Elementi tat-Tagħlim Multilingwi" u l-Unjoni Ewropea taffronta l-futur tat-taħriġ lingwistiku taħt il-kappa tal-multilingwiżmu (Le Pichon-Vorstman, 2020).

## Konklużjoni

Fl-2021, Jim Cummins analizza riċerka mill-aħħar numru ta' deċennji dwar is-suċċess edukattiv ta' studenti multilingwi, liema analiżi wasslitu jikkritika bl-aħrax l-interpretazzjoni tar-riżultati ta' Pisa: il-prestazzjoni fqira ta' tfal li jużaw lingwa oħra għajr il-lingwa maġġoritajra d-dar hija dovuta għall-fatt li dawk l-istudenti ma jkollhomx opportunitajiet li jitgħallmu l-lingwa maġġoritarja. Cummins jerġa' jenfasizza li r-riżultati ta' Pisa ma joffru ebda prova ta' rabta kawżali bejn l-użu tal-lingwi d-dar, l-opportunità ta' tagħlim tal-lingwa maġġoritarja u r-riżultati tat-testijiet inqas mill-medja (Cummins 2021, 96). Għall-kuntrarju, abbażi ta' studji voluminużi, huwa juri li l-użu tar-riżorsi lingwistiċi tal-istudenti jippromwovi l-produzzjoni u l-komprensjoni ta' testi fil-lingwa mgħallma, jippermettilhom jinkorporaw l-għarfien eżistenti tagħhom, u jistimula l-kuxjenza ta' diverġenzi lingwistiċi. Cummins jenfasizza wkoll l-effett ta' strateġiji abilitanti li jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw konsapevolezza pożittiva tagħhom innifishom fil-qasam akkademiku.

Għalkemm it-tliet mudelli ppreżentati jużaw approċċi differenti sabiex jilħqu dan l-effett edukattiv abilitanti, huma għandhom inkomuni l-fatt li jaraw lingwa mhux biss bħala

għodda tat-tagħlim, iżda bħala komponent awtonomu tal-edukazzjoni. Karatteristika oħra komuni hija dik li huma żviluppati minn persuni impenjati. Il-mudelli jvarjaw peress li jikkonċernaw id-dinja tal-lingwi fi gradi differenti. Forsi xi darba, il-"mimmi tal-għajnejn" se tidher fuq poster tal-iskola, jew forsi studenti preċedenti ta' skejjel Diwan se jestendu r-repertorju tagħhom b'(minn tal-inqas) erba' lingwi, Ikun xi jkun il-każ, it-tliet mudelli jikkondividu l-imħabba lejn il-lingwi u jfittxu r-rikkezza fid-diversità.

## Referenzi


Brachet, Auguste. Dictionnaire Etymologique de la langue Française, Sixième édition. Ca. 1874.

Buchegger, Helmut 2021. Wenn der Fisch im Wasser weint... Begegnungen, Reisen, Abenteuer nach Tagebuchaufzeichnungen. Bibliothek der Provinz.

Cummins, Jim 2021. Rethinking the Education of Multilingual Learners: A Critical Analysis of Theoretical Concepts. Multilingual Matters.

García, Ofelia 2011. Pedagogies and Practices in Multilingual Classrooms: Singularities in Pluralities. The Modern Language Journal 95. 385–400.

Gogolin, Ingrid 1994. Der monolinguale Habitus der multilingualen Schule. Waxmann.

Haarmann, Harald 2021: Die seltsamsten Sprachen der Welt. Von Klicklauten und hundert Arten, ich zu sagen. C.H. Beck.

Hudson, R. 2008. Word Grammar, Cognitive Linguistics, and Second Language Learning and Teaching. In: P. Robinson & N. Ellis (Eds.), *Handbook of Cognitive Linguistics and Second Language Acquisition* (pp. 89–113). New York: Routledge.

Le Pichon-Vorstman, E., Siarova, H., Szőnyi, E. 2020. 'The future of language education in Europe: case studies of innovative practices', NESET report. Luxemburg: Publications Office of the European Union. doi: 10.2766/81169.

Linternaute. Lycée Diwan (enseignement breton) (Carhaix-Plouguer): classement 2021 et taux de réussite au bac. https://www.linternaute.com/ville/lycee/lycee-diwan-enseignement-breton/lycee-0292137R.

Netzwerk Sprachenrechte. Wird Sprachen-Unrecht in Oberösterreich Regierungsprogramm ? OTS 0035 APA-Presseaussendung vom 8.11.2021.

Newerkla, Stefan 1999. Intendierte und tatsächliche Sprachwirklichkeit in Böhmen. Diglossie im Schulwesen der Böhmischen Kronländer 1740-1918. Wien: WUV University Press.

Newerkla, Stefan 2003. The seamy side of the Habsburgs' liberal language policy: Intended and factual reality of language use in Plzeň's educational system. In: Rindler Schjerve, Rosita (ed.): Diglossia and Power. Language Policies and Practice in the 19th Century Habsburg Empire. Mouton De Gruyter, 167-195.

Office de la langue bretonne, chiffres-clés.
https://www.fr.brezhoneg.bzh/5-chiffres-cles.htm

Osterkorn, Patrick K., Vetter, Eva 2015. „Le multilinguisme en question ?" – The case of minority language education in Brittany (France). In: Kramsch, Claire / Jessner, Ulrike (eds.): The multilingual challenge: Cross-disciplinary perspectives. Berlin, New York: Mouton de Gruyter, 115-139.

Stourzh, Gerald 1980: Die Gleichberechtigung der Volksstämme als Verfassungsprinzip 1848-1918. In: Wandruszka, Adam/Urbanitsch, Peter (Hrsg.), Die Habsburgermonarchie 1848- 1918. Band III Die Völker des Reiches. Wien: Verlag der österreichischen Akademie der Wissenschaften, 975-1206.

Urbanitsch, Peter 1980. Die Deutschen. In: Die Habsburgermonarchie 1848-1918. Band III Die Völker des Reiches, 1. Teil. Wien: Österreichische Akademie der Wissenschaften, 33-410.

Vetter, Eva 2003. Hegemonic discourse in the Habsburg Empire: The case of education. A critical discourse analysis of two mid 19th century government documents. In: Rindler Schjerve, Rosita (ed.): Diglossia and Power. Language Policies and Practice in the 19th Century Habsburg Empire. Mouton De Gruyter, 271-307.

Vetter, Eva 2013. Teaching languages for a multilingual Europe – minority schools as examples of best practice? The Breton experience of *Diwan*. In: International Journal of the Sociology of Language 223(2013), 153-170.

Vetter, Eva 2021. Language Education Policy Through a DLC Lens: The Case of Urban Multilingualism. In: Larissa Aronin and Eva Vetter (Eds): Dominant Language Constellations Approach in Education and Language Acquisition. Educational Linguistics Vol. 51, 43-59.

# L-Estonjan fl-Unjoni Ewropea mill-fehma ta' Membru tal-Parlament Ewropew

— Marina Kaljurand

**Marina Kaljurand ilha Membru tal-Parlament Ewropew sa mill-bidu tal-2019. Bejn l-1991 u l-2015, hija okkupat diversi funzjonijiet fis-servizz diplomatiku Estonjan, hija kienet l-ambaxxatriċi Estonjana f'diversi pajjiżi, fosthom il-Federazzjoni Russa, l-Istati Uniti tal-Amerika u Iżrael. Bejn l-2015 u l-2016, Marina Kaljurand kienet il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Estonjan u ġiet eletta Membru tal-parlament Estonjan fl-2019. Hija pparteċipat bħala espert f'diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, hija għallmet id-diplomazija fl-Università tax-Xjenzi Applikati ta' Tartu u fl-Iskola Estonjana għad-Diplomazija, u ppubblikat diversi artikli relatati mas-sigurtà ċibernetika, mad-dritt internazzjonali, u mal-politika.**

Fl-2004, ir-Repubblika tal-Estonja ssieħbet mal-Unjoni Ewropea. Qabel dan, l-Estonja għaddiet minn proċess edukattiv twil u profond kif ukoll minn referendum ta' adeżjoni fl-2003. L-Estonja kienet stabbilixxiet mill-ġdid l-awtonomija tagħha biss tnax-il sena qabel u parti mis-soċjetà kienet beżgħana tingħaqad f'"Unjoni ġdida". Kien hemm il-biża' li Brussell tibda tiddetta minflok Moska, u li l-Unjoni Ewropea twarrab l-Estonjan li kien imħares u protett matul il-perijodu Sovjetiku kollu. Niftakar li fil-laqgħat tagħna mannies konna nużaw l-eżempju tal-Irlanda, li kienet issieħbet mal-Unjoni Ewropea (dak iż-żmien il-Komunità Ekonomika Ewropea) fl-1973 u li bis-sostenn tal-Unjoni Ewropea kienet żviluppat, fi ftit għexieren ta' snin, mhux biss l-ekonomija, iżda saħħet b'mod kunsiderevoli l-għarfien tal-kultura u tal-lingwa Irlandiża. Ma hijiex eżaġerazzjoni li ssostni li l-Unjoni Ewropea kienet ta' ispirazzjoni għall-qawmien mill-ġdid tal-Irlandiż. Dak iż-żmien lanqas ma konna nafu li l-Irlandiż kien ser isir lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-2007.

Wieħed bla dubju jifhem it-tħassib tal-Estonjani fir-rigward tas-sopravivenza tal-lingwa, peress li ċerti esperti sostnew ukoll li lingwa mitkellma minn inqas minn miljun persuna kienet ikkundannata għall-estinzjoni. Jekk wieħed iżid l-esperjenza tas-Sovjetizzazzjoni fl-Unjoni Sovjetika, dak li jkun jifhem għalfejn l-Unjoni Ewropea kienet meqjusa bħala theddida għal-lingwa u għall-kultura Estonjana. B'mod partikolari, b'differenza mill-Irlandiż, l-affarijiet mill-ewwel marru tajjeb għall-Estonjan: meta l-Estonja ssieħbet mal-Unjoni Ewropea, l-Estonjan sar lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa interessanti li jiġi kkonstatat li llum, l-Estonjani jqisu li r-rwol tal-Unjoni Ewropea, inkluż tal-Parlament Ewropew, huwa l-protezzjoni tal-kultura (u tal-lingwa) Estonjana. Skont stħarriġ ta' Eurobarometer [1] ippubblikat fil-bidu tal-2022, l-Estonjani li wieġbu jemmnu li l-Parlament Ewropew huwa importanti b'mod partikolari għall-protezzjoni tal-libertà ta' moviment (29 %) u tat-tradizzjonijiet nazzjonali u tal-kulturi (26 %). Dan huwa sostanzjalment differenti mill-medja tal-Unjoni Ewropea, li tqis li l-funzjonijiet primarji tal-Parlament Ewropew huma l-protezzjoni tad-demokrazija (32 %), il-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni u ta' ħsieb (27 %) u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (25 %). Dan ifisser li, 18-il sena wara li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea, ir-raġunament tal-Estonjani nbidel għal kollox: l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jitqiesu li huma protetturi tal-kultura u tal-lingwa Estonjana u mhux theddida.

1 | https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2612

Id-diversità lingwistika hija meqjusa li hija rikkezza tal-Ewropa, u l-multilingwiżmu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huwa ta' natura eċċezzjonali. Naturalment, dan jiġi bi prezz, fis-sens l-iktar dirett ta' din il-kelma.

Il-kritiċi tal-multilingwiżmu ħafna drabi jindikaw l-aspett finanzjarju tat-traduzzjoni: wisq għali, wisq traduzzjonijiet, ħela bla sens ta' flus, l-Unjoni Ewropea tista' twettaq ix-xogħol amministrattiv b'mod ħafna irħas u iktar faċli li kieku kien hemm biss lingwa waħda uffiċjali jew, l-iktar l-iktar, tnejn jew tlieta. Huwa minnu li Unjoni Ewropea multilingwi hija għalja. Iżda mhux kollox jista' jew għandu jkun irħis. Jeżistu simboli u valuri li huma iktar ta' valur mill-flus.

Matul il-karriera tiegħi, jiena attendejt għal ħafna laqgħat differenti fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, inkluż bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin, fil-Kunsill tal-Affarijiet Barranin u llum il-ġurnata bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Għamilt użu minn interpreti u tkellimt bl-Ingliż u kont verament issodisfatta bil-kwalità tal-interpretazzjoni f'ċerti każijiet, iżda wkoll mhux daqstant. Madankollu, jiena dejjem apprezzajt il-possibbiltà li nitkellem bl-Estonjan fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Inqis dan, għar-raġunijiet li ġejjin, iktar importanti mill-ispejjeż finanzjarji assoċjati mas-servizzi ta' traduzzjoni u anki fil-każ ta' dawk il-varjazzjonijiet okkażjonali fil-kwalità tat-traduzzjoni.

L-ewwel, il-possibbiltà li tintuża l-lingwa nazzjonali ta' dak li jkun hija essenzjali għall-kunfidenza fiha nnifisha, għall-affidabbiltà u għad-dinjità tal-persuna. Il-fatt li l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-Estonjan bħala ekwivalenti għal-lingwi tal-pajjiżi l-kbar neċessarjament iżid il-kburija fil-konfront tal-Estonjan.

F'dan is-sens, l-Unjoni Ewropea hija ta' mudell għall-użu u għall-valorizzazzjoni tal-Estonjan. B'mod figurattiv: jekk wieħed jitkellem bl-Estonjan fi Brussell, dan għandu jkun possibbli wkoll f'kull kumpannija, uffiċċju tal-gvern, università, eċċ. fl-Estonja. Naturalment, din ma hijiex assoluta u faċli sabiex tintlaħaq, pereżempju fil-każ tal-impriżi internazzjonali, iżda għandha tkun xi ħaġa li wieħed jistinka għaliha.

Fid-29 ta' Ġunju 2016, bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin, jiena tkellimt fil-konferenza "Il-Lingwa u l-Kultura Estonjana fid-Dinja"[2]. Dak iż-żmien jien għidt dan li ġej: "Huwa meqjus li hemm iktar minn 6 000 lingwa fid-dinja, iżda huma biss 200 minnhom li huma

2 | https://vm.ee/et/uudised/valisminister-marina-kaljuranna-kone-konverentsil-eesti-keel-ja-kultuur-maailmas

tant żviluppati li wieħed jista' jistudja f'dawk il-lingwi fl-università, iwettaq xogħlijiet xjentifiċi, jaqra letteratura sabiħa jew dik tal-finzjoni, juża softwer informatiku, eċċ..

L-istess japplika għal-lingwi mitkellma minn iktar miljun persuna. Mill-2004, l-Estonjan huwa wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. F'dan is-sens, l-Estonjan jinsab f'pożizzjoni lingwistika tajba. Il-lingwa tagħna hija tant importanti għalina li hija inkluża fil-Kostituzzjoni. L-Artikolu 6 jistabbilixxi: Il-lingwa uffiċjali tal-Estonja hija l-Estonjan.

Huwa d-dmir tal-Istat li jiżgura l-ħarsien tan-nazzjon, tal-lingwa u tal-kultura Estonjana matul is-sekli. Is-sopravivenza ta' lingwa tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-attitudni li jkollhom lejha l-persuni li jitkellmuha u jużawha. Hija responsabbiltà tagħna lkoll li nżommu l-Estonjan mitkellem u pur. Issa, il-lingwa ma hijiex biss wirt, iżda wkoll lingwa wkoll għal użu u żvilupp estensiv ta' kuljum. Il-lingwa twassal l-identità u l-mudelli ta' ħsieb u tirrifletti l-valuri tagħna."

F'dan il-kuntest, huwa utli li wieħed iżomm f'moħħu li l-ħarsien tal-lingwa hija problema ħafna iktar wiesgħa minn dik tal-użu tal-Estonjan fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Huwa vitali għal pajjiż żgħir li jiżviluppa lingwa xjentifika fil-lingwa materna u aġġornata b'suġġetti u oqsma ġodda sabiex il-lingwa ma tibqax fil-livell ta' "lingwa tal-kċina". Jiġifieri huwa meħtieġ li jinsab bilanċ bejn l-użu tal-Estonjan u l-użu ta' lingwi barranin fl-universitajiet, fl-istituzzjonijiet ta' riċerka u fid-dinja diġitali. Dan ifisser il-ħarsien tal-lingwa materna f'dinja globalizzata, fejn minn naħa, ikun hemm pressjoni qawwija sabiex kollox isir internazzjonali, u min-naħa l-oħra, il-periklu li taqa' fil-"perspettiva taż-żrinġ".

It-tieni, il-possibbiltà li tikkomunika mal-istituzzjonijiet Ewropej permezz tal-lingwa materna tiegħek, inkluża l-possibbiltà li titkellem fil-Parlament Ewropew, tiffaċilita l-komunikazzjoni fost in-nies u tqarreb Brussell (Strasbourg u l-Lussemburgu) lejn l-Estonjani.

Għaċ-ċittadini komuni, l-Unjoni Ewropea hija ġeneralment imbegħda u burokratika. F'dan il-kuntest, il-possibbiltà li tikkomunika fil-lingwa materna u taqra l-leġiżlazzjoni bl-Estonjan huwa vantaġġ kbir. Dan ma jfissirx li huwa dejjem faċli li wieħed jifhem test ġuridiku fil-lingwa materna. Għall-kuntrarju. Bħala ġurista, irrid nammetti li huwa iktar diffiċli li wieħed jaqra ċerti testi tal-liġi bl-Estonjan milli bl-Ingliż. Pereżempju, meta ma jkunx hemm terminoloġija Estonjana familjari żviluppata f'qasam jew jekk il-kliem użat ikunu wisq artifiċjali. Bħala eżempju, insemmi ċ-ċibersigurtà bħala wieħed mill-oqsma li fihom l-iżvilupp tal-vokabularju Estonjan beda biss xi għaxar snin ilu. Ċertament, l-Unjoni Ewropea għandha rwol fl-iżvilupp f'waqtu u b'mod rilevanti tal-Estonjan. Fil-fatt, il-liġijiet

kollha tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu tradotti bl-Estonjan, u dan jikkontribwixxu investiment fil-ħolqien u l-iżvilupp ta’ termini u kunċetti ġodda bl-Estonjan.

Jiena tal-fehma li l-Parlament Ewropew huwa distint mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea peress li huwa obbligat jiżgura l-ogħla livell ta’ multilingwiżmu. Kull ċittadin Ewropew għandu d-dritt li jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Ma jkunx raġonevoli li l-Membri tal-Parlament Ewropew jintalbu jkunu jafu waħda jew l-oħra mil-lingwi l-iktar użati ta’ spiss, bħall-Franċiż jew l-Ingliż. Ir-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament Ewropew jirrikonoxxu b’mod ċar lil kull Membru d-dritt li jaqra u jikteb id-dokumenti tal-Parlament, li jsegwi d-dibattiti u li jesprimi ruħu fil-lingwa tiegħu.

Il-Parlament Ewropew huwa mmexxi mill-prinċipju li kull ċittadin tal-Unjoni Ewropea għandu jkollu l-possibbiltà li jaqra l-atti legali li jikkonċernawh fil-lingwa tiegħu. Il-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, għandu l-obbligu li jiżgura li l-atti kollha adottati mill-Parlament ikunu lingwistikament preċiżi fil-lingwi uffiċjali kollha. Skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt li jsegwu x-xogħol tal-Parlament, jagħmlu mistoqsijiet u jirċievu tweġibiet fil-lingwa tagħhom [3].

Skont id-dipartiment tat-traduzzjoni tal-Parlament Ewropew, hemm madwar 700 traduttur impjegat, li magħhom jiżdiedu madwar 500 assistent kif ukoll persunal tekniku [4]. Minħabba l-użu ta’ 24 lingwa uffiċjali, dan jirrappreżenta 552 kombinazzjoni lingwistika, fejn kull lingwa tiġi tradotta fi 23 lingwa. Fid-dawl tal-fatt li l-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija ta’ madwar 450 miljun, is-700 traduttur tal-Parlament ma humiex numerużi ħafna u għalhekk mhux fattur ta' spiża kbira. B’mod partikolari, minħabba fil-korrispettiv pożittiv li għandu l-multilingwiżmu. Naħseb li dan japplika għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea.

Il-pandemija tal-COVID-19 turi kif in-nuqqas ta’ servizz ta’ traduzzjoni waqqaf il-ħidma tal-Parlament Ewropew. Fil-bidu tal-pandemija, il-Parlament Ewropew ħadem għal ftit xhur biss permezz tas-sistema ta’ xogħol mill-bogħod u mingħajr ebda traduzzjoni, jiġifieri bl-Ingliż biss. L-ostakolu kien ta’ kapaċità teknika jew aħjar nuqqas ta’ kapaċità, li kien ir-raġuni li ma ppermettietx li tiġi żgurata traduzzjoni kontinwa fil-lingwi kollha, inkluż fis-seduti plenarji. F’mument partikolari, is-sitwazzjoni bdiet titjieb u s-servizz ta’

3 | https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/lastrules/RULE-167_ET.html?redirect

4 | https://www.europarl.europa.eu/translation/mt/translation-at-the-european-parliament/organisation

traduzzjoni għas-seduti plenarji, għall-kumitati u għall-gruppi politiċi ġie gradwalment stabbilit mill-ġdid.

Madankollu, dan ma jneħħix il-fatt li, matul xi xhur, il-Parlament Ewropew ma kienx f’pożizzjoni li jwettaq xogħlu kif mistenni u dovut. Kienet sitwazzjoni ferm diffiċli għall-Membri li ma kinux jafu lingwi barranin u li qabel il-pandemija kienu jaħdmu biss fil-lingwa tagħhom (li għandhom kull dritt jagħmlu). Minn naħa, kont tiddejjaq tarahom peress li kienu esklużi mid-dibattiti jew kellhom jipparteċipaw b’interpretu personali tagħhom stess, li mhux neċessarjament kien espert professjonali jew familjari mas-suġġetti kollha diskussi. Min-naħa l-oħra, din kienet kwistjoni fundamentali ħafna, peress li l-Membri kienu tqiegħdu f’sitwazzjoni fejn huma ma kinux f’pożizzjoni li jeżerċitaw b’mod normali l-attività tagħhom. Huwa komprensibbli li din kienet kriżi li ebda pajjiż jew istituzzjoni ma kien lest għaliha. Illum tgħallimna minn dan u nsiltu konklużjonijiet. Il-Parlament Ewropew ser u jrid ikompli jkun multilingwi: il-Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jaħdmu fil-lingwa tagħhom u ċ-ċittadini għandu jkollhom il-possibbiltà li jikkomunikaw mal-Parlament Ewropew fil-lingwa tagħhom.

Personalment, jidhirli li huwa wkoll rappreżentattiv ħafna li s-sessjonijiet plenarji tal-Parlament jiġu amministrati fil-lingwa tal-pajjiż tal-President jew tal-Viċi President. Dan juri rispett lejn il-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u huwa ta’ eżempju eċċellenti għall-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-Istati Membri u għaċ-ċittadini.

L-Imperatur Ewropew, Karlu V, li huwa meqjus l-ikbar statista tal-ewwel nofs tas-seklu 16, huwa rrapportat li darba qal li kien tkellem ma’ Alla bl-Ispanjol (jew bil-Latin?), man-nisa bit-Taljan, mal-irġiel bil-Franċiż u maż-żwiemel tiegħu bil-Ġermaniż. Ċajt apparti, nistgħu ngħidu li dan seta’ kien l-idea ta’ multilingwiżmu ta’ Karlu V. Probabbilment huwa kien ikun sorpriż isir jaf kif il-multilingwiżmu evolva ħames sekli iktar tard u r-rwol importanti tal-Ewropea fil-ħarsien tiegħu. U probabbilment kien ikun kburi bil-multilingwiżmu tal-Ewropa (aqra: l-Unjoni Ewropea).

# Il-multilingwiżmu: il-perspettiva taċ-ċittadin

## — Nikiforos Diamandouros

**Nikiforos Diamandouros (PhD, Università Columbia, 1972) huwa Professur Emeritu tax-Xjenza Politika fl-Università ta' Ateni u Membru Sħiħ tal-Akkademja ta' Ateni sa mill-2014. Huwa serva bħala Ombudsman Ewropew (2003-2013), l-ewwel Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja (1998-2003) u Direttur u President tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni taċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka Soċjali (1998-2003). Mill-2012 sal-2022 kien Lettur Mistieden fil-College of Europe (Bruges). Huwa rċieva dottorat honoris causa mill-Panteion University (2015) u mill-American College of Greece (2011). Huwa ngħata onorifiċenza mill-Presidenti ta' Franza (Kavallier tal-Leġjun ta' Unur – 2014), tal-Polonja (Salib tad-Deheb tal-Mertu – 2010) u tal-Greċja (Ordni tal-Feniċe – 2004). Il-pubblikazzjonijiet tiegħu jiffokaw fuq id-demokrazija, l-Istat tad-dritt, l-istituzzjoni tal-ombudsman, l-amministrazzjoni pubblika u r-relazzjoni bejn il-politika u l-kultura.**

Meta assumejt il-kariga ta' Ombudsman Ewropew f'April 2003, sibt ruħi immedjatament ikkonfrontat b'ħafna mill-aspetti teoretiċi u prattiċi tal-multilingwiżmu[1]. Dak iż-żmien, kien hemm tnax-il lingwa uffiċjali tat-Trattat [2]. Ir-rwol ġdid tiegħi kien jirrikjedi li nkun mhux biss Ombudsman Ewropew, iżda, sabiex nagħti ftit eżempji, Médiateur européen,[3] Europäischer Bürgerbeauftragter, Defensor del Pueblo Europeo, Provedor de Justiça Europeu u Europeiska ombudsmannen. It-tkabbir tal-2004 ġab disa' lingwi ġodda u dak tal-2007 tlieta oħra, u għalhekk sirt ukoll, biex nagħti eżempju ieħor, Europejski Rzecznik Praw Obywatelskich. Mill-ilmenti li ċ-ċittadini ressquli bħala Ombudsman irriżulta b'mod evidenti li l-24 verżjoni tal-isem ta' din l-istituzzjoni kienu jirriflettu mhux biss varjetà lingwistika iżda wkoll firxa wiesgħa ta' kunċetti, xi kultant iddefiniti sew, xi kultant ftit iktar elementari, rigward in-natura u l-funzjonijiet tal-Uffiċju tal-Ombudsman. Sabiex ikun effettiv, l-Ombudsman Ewropew għandu mhux biss jaħdem f'diversi lingwi, iżda għandu jagħmel dan b'mod sensittiv għall-impatt kulturali u soċjali tal-kwistjoni tal-każ u għall-aspettattivi ta' kull lanjant dwar kif l-Ombudsman jista' jkun ta' għajnuna.

Kien ukoll importanti li l-Ombudsman ikun jista' jikkuntattja lanjanti potenzjali sabiex iqajjem kuxjenza rigward ir-rwol speċifiku tiegħu u l-poteri tiegħu, li, f'kull każ, huma ftit jew wisq differenti minn dawk tal-istituzzjonijiet nazzjonali, li ċ-ċittadini jista' jkun li jafu iktar.

Fortunatament, bil-kooperazzjoni tal-awtorità tal-baġit u tal-Kummissjoni, il-predeċessur tiegħi u l-ewwel Ombudsman Ewropew maħtur stabbilixxa sistema lingwistika li taħdem għall-Uffiċċju. Il-lingwi ta' xogħol tas-servizzi amministrattivi tal-Uffiċju (baġit, riżorsi umani, informatika, eċċ.) kienu kemm il-Franċiż kif ukoll l-Ingliż. L-ilmenti kienu jiġu ttrattati minn ġuristi li kienu jaħdmu fil-lingwa omm tagħhom jew f'lingwa li fiha kellhom livell ekwivalenti għal-lingwa omm. Il-lingwa tal-ilment kienet użata għad-dokumenti kollha intiżi għal-lanjant, inkluż id-deċiżjoni li l-każ jiġi arkivjat. Sabiex l-Ombudsman ikun jista' jiddeċiedi, jikkoreġi u japprova l-abbozzi tagħhom, il-ġuristi kienu jippreparaw sunt

1| L-awtur jixtieq jirringrazzja lis-Sinjurirju fl-à ta'uKap tas-Segretarjat tal-Uffiċċju għall-Ġlieda Kontra l-Frodigħall-kontribut prezzjuż tagħhom fil-preparazzjoni ta' dan it-test.

2 | Għalkemm dak iż-żmien l-Irlandiż ma kienx lingwa uffiċjali, kien lingwa tat-Trattat. Iċ-ċittadini kellhom id-dritt għalhekk li jressqu lment quddiem l-Ombudsman Ewropew bl-Irlandiż.

3| L'auteur souhaite ici remercier M. Ian Harden, professeur honoraire de l'Université de Sheffield, et M. Lambros Papadias, chef du Secrétariat du Comité de surveillance de l'Office européen de lutte anti-fraude (OLAF), pour leur précieuse contribution à la rédaction du présent texte.

ta’ kull ilment, kif ukoll proposti għal soluzzjoni, rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet, f’lingwa li kien jifhem l-Ombudsman. Il-predeċessur tiegħi kien għażel l-Ingliż bħala lingwa u jien komplejt din il-politika għal raġunijiet prattiċi. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Unjoni segwew l-eżempju tajjeb tal-Kummissjoni, li kienet tibgħat ir-risposti tagħha lill-Ombudsman bl-Ingliż bi traduzzjoni fil-lingwa tal-ilment meta kienet tkun lingwa differenti. B’dan il-mod, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kienu jikkontribwixxu sabiex jiġi evitat xi malintiż li seta’ jqum kieku s-servizzi tal-Ombudsman kienu responsabbli huma stess għat-traduzzjoni tar-risposti tagħhom fil-lingwa tal-ilment.

Minbarra t-trattament tal-ilmenti, spiss kien meħtieġ li jiġu tradotti d-dokumenti f’lingwa jew lingwi differenti bħal, pereżempju, matul żjara ta’ riċerka fi Stat Membru jew għas-sottomissjoni ta’ rapporti lill-awtoritajiet tal-Unjoni responsabbli għall-baġit. Dawn it-traduzzjonijiet kienu normalment isiru internament, mill-kollaboraturi tiegħi. Madankollu, il-preparazzjoni tar-rapport annwali tal-Ombudsman fl-24 verżjoni lingwistika kienet kompitu kbir wisq sabiex jiġi trattat b’dan il-mod. Fil-bidu, konna assistiti mis-servizz ta’ traduzzjoni tal-Parlament Ewropew u, suċċessivament, miċ-Ċentru ta’ Traduzzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni. It-traduzzjoni, kemm jekk kienet isseħħ internament jew esternament, kienet spiss tipproduċi djalogu li kien iwassal għal reviżjoni tal-istil u anki tal-essenza tat-test oriġinali. Fuq il-bażi ta’ ħsieb tal-filosofu John Rawls, kont nieħu pjaċir nikkunsidra r-riżultat finali ta’ tali reviżjoni bħala “ekwilibriju riflessiv”, li fih il-proċess ta’ traduzzjoni mhux biss kien jiżgura li l-verżjonijiet lingwistiċi kienu tal-ogħla livell possibbli, iżda li kien iwassal anki għal titjib fil-kwalità tat-test oriġinali.

Uħud mill-ilmenti li saruli bħala Ombudsman irriżultaw minn nuqqas ta’ qbil dwar l-istatus mogħti jew, għall-kuntrarju, mhux mogħti lil-lingwi reġjonali jew minoritarji. Sa fejn tali lmenti kienu diretti kontra awtorità nazzjonali, ma kinux jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħi. Fil-każijiet ta’ lmenti li, essenzjalment, kienu jikkostitwixxu talbiet ta’ intervent tal-istituzzjonijiet u tal-korpi Ewropej jew ta’ intervent ta’ korpi fuq livell nazzjonali jew inkella ta’ korrispondenza mal-lanjant f’lingwi differenti minn dawk tat-Trattati, qist li ma kienx hemm raġunijiet li jiġġustifikaw investigazzjoni, bil-kundizzjoni, ovvjament, li l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat kien debitament spjega l-poteri u r-responsabbiltajiet limitati tal-Unjoni f’tali settur. Barra minn hekk, fuq talba tal-awtoritajiet Spanjoli, iffirmajt ftehim magħhom, fejn adattajt il-prassi tal-uffiċċju tiegħi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta’ Ġunju 2005 dwar l-użu tal-Katalan/Valenzjan, Galizzjan u Bask sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni taċ-ċittadini Spanjoli mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Abbażi ta’ dan il-ftehim, l-awtoritajiet Spanjoli stabbilew u ffinanzjaw organu responsabbli għat-traduzzjoni tal-ilmenti mressqa fl-imsemmija lingwi, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman dwar l-ilmenti miktuba bl-Ispanjol Kastiljan.

Abbażi tal-qafas imsemmi iktar 'il fuq għall-organizzazzjoni u l-iżvilupp tal-politika tal-uffiċċju tiegħi, wettaqt tliet investigazzjonijiet relatati ma' lmenti dwar diversi sistemi lingwistiċi.

L-ewwel ilment, imressaq fl-2006, kien jikkonċerna l-Bank Ċentrali Ewropew u, b'mod partikolari, il-varjetà limitata ta' lingwi disponibbli fis-sit internet tiegħu [4]. Ilmenti oħra ppreżentati fl-2011 u l-2012 kienu jirrigwardaw, rispettivament, l-għażla ta' lingwi li l-Kummissjoni kienet wettqet konsultazzjoni pubblika fihom u l-varjetà limitata ta' lingwi disponibbli fis-sit internet tal-Awtorità Bankarja Ewropea [5].

Fl-evalwazzjoni tal-argumenti tal-lanjanti u tal-istituzzjonijiet f'tali każijiet, qist utli li nindividwa l-perijodi kronoloġiċi prinċipali tal-evoluzzjoni tal-Unjoni Ewropea għal dak li jikkonċerna l-politika lingwistika.

Fl-ewwel perijodu – dak tas-Suq Komuni u tal-Komunitajiet Ewropej, mit-Trattat ta' Ruma tal-1957 sat-Trattat ta' Maastricht tal-1992-1993 – jipprevalu tliet elementi fundamentali. L-ewwel wieħed kien in-natura internazzjonali tal-proġett Ewropew u l-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri (sitta fil-bidu, tnax wara t-tkabbir suċċessiv), minn fejn kien jirriżulta li kull Stat kellu l-possibbiltà li jitlob li l-lingwa tiegħu tikseb l-istess status tal-oħrajn fuq il-livell tat-trattati. It-tieni element kien il-prinċipju tal-Istat tad-dritt. It-trattat jipprevedi miżuri legali li huma vinkolanti mhux biss għall-Istati Membri iżda wkoll għall-individwi. L-Istat tad-dritt jeżiġi li l-persuni li għalihom japplikaw tali miżuri jkollhom il-possibbiltà li jiġu informati bihom minn qabel. Dan ifisser li tali miżuri għandhom jiġu ppubblikati f'lingwa li dawn il-persuni jifhmu. It-tielet element huwa l-bżonn prattiku li jiġi żgurat il-funzjonament intern effiċjenti u effettiv tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Huwa importanti li jiġi ċċarat li l-kunsiderazzjonijiet ta' effiċjenza ma jmorrux dejjem favur it-tnaqqis jew il-limitazzjoni tan-numru ta' lingwi li jkunu jistgħu jintużaw. Pereżempju, meta l-parteċipanti interessati ma jkollhomx lingwa komuni, il-proċessi ta' negozjati, deċiżjoni u implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet jistgħu jieħdu ħafna ħin u ma jkunux effiċjenti jekk ma jittiħdux miżuri għat-traduzzjoni u għall-interpretazzjoni. Min-naħa l-oħra, huwa minnu li t-traduzzjoni u l-interpretazzjoni jinvolvu spiża f'termini ta' ħin u flus. Minn dan isegwi li għandu jitfittex bilanċ, u l-bilanċ xieraq jiddependi, fil-parti

4 | Investigazzjoni 1008/2006/MHZ https://www.ombudsman.europa.eu/en/decision/en/3135.

5 | Investigazzjonijiet 640/2011/AN https://www.ombudsman.europa.eu/en/decision/en/12009, 1363/2012/BEH https://www.ombudsman.europa.eu/en/decision/en/49358.

l-kbira, mill-kuntest speċifiku li jitfittex fih. Kien għalhekk opportun li l-arkitetti tal-istituzzjonijiet Ewropej ma kienux eċċessivament preskrittivi meta stabbilixxew, fl-1958, ir-regolament li jistabbilixxi l-użu tal-lingwi [6].

Fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-effiċjenza kienet teħtieġ li jkun hemm biss lingwa waħda tax-xogħol. Intgħażel il-Franċiż. U huwa probabbilment għall-istess raġunijiet ta' effiċjenza li kull sena, sa mill-ħolqien tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li internament taħdem bil-Franċiż biss. Min-naħa l-oħra, il-korpi ġuridiċi nazzjonali, meta jagħmlu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll l-individwi li jressqu talba għal annullament jew għad-danni, għandhom id-dritt li jużaw kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni, li mbagħad issir il-lingwa uffiċjali tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha ta' Qorti Kostituzzjonali tal-Unjoni, is-sentenzi tagħha jkunu b'mod ġenerali disponibbli fil-lingwi kollha, b'mod li l-valur tagħhom ta' "preċedent" ġurisprudenzjali jkun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-korpi ġuridiċi nazzjonali u mill-avukati tal-Istati Membri kollha.

Fit-tieni perijodu, madwar it-Trattat ta' Maastricht sat-Trattat ta' Lisbona (2009), l-Unjoni Ewropea gradwalment saħħet id-drittijiet kemm ġuridiċi kif ukoll politiċi tal-persuni fiżiċi fil-konfront tal-istituzzjonijiet. It-Trattat ta' Maastricht stabbilixxa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, kif ukoll l-Ombudsman Ewropew, li ċ-ċittadini jistgħu jindirizzaw sabiex iressqulu lmenti dwar l-amministrazzjoni ħażina tal-istituzzjonijiet u tal-korpi Ewropej. Ir-rikonoxximent tal-individwi bħala ċittadini żied livell ieħor fil-kwistjoni tal-importanza tal-multilingwiżmu, ibbażat fuq il-kunċetti ta' ċittadinanza, trasparenza u parteċipazzjoni. L-Ombudsman predeċessur tiegħi wettaq rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' tali ambizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti u għall-abbozzar tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tal-Artikolu 41 dwar l-amministrazzjoni tajba [7].

Meta assumejt ir-rwol ta' Ombudsman, bħala difensur u promotur tad-drittijiet u tal-interessi taċ-ċittadini Ewropej, ħassejt li kien neċessarju u utli li nindika lill-istituzzjonijiet

6 | Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:31958R0001&qid=1651223601345&from=MT.

7 | Skont l-Artikolu 41(4), "Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tat-Trattati u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa."

dak li nħobb insejjaħ "il-ħajja lil hinn mil-legalità". Abbażi ta' tali kunċett, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jimponi fuq l-istituzzjonijiet Ewropej mhux biss li jevitaw l-illegalità, iżda wkoll li jużaw is-setgħat diskrezzjonali tagħhom (kemm espliċitament irrikonoxxuti mil-liġi jew li jirriżultaw mill-karenzi tal-liġi) b'mod li jiġi rrikonoxxut il-valur tal-komunikazzjoni multilingwi kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-Unjoni Ewropea stess. Dan ma jfissirx li billi jiġi segwit tali approċċ spiss jiġu injorati l-kunsiderazzjonijiet leġittimi ta' effiċjenza u ta' effettività. L-Unjoni tonfoq iktar minn biljun euro fis-sena għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni f'24 lingwa sabiex tippreżerva l-multilingwiżmu [8]. Għall-kuntrarju, l-eżerċizzju ta' ħolqien ta' bilanċ li għandu jsir fl-eżami tal-ilmenti li jqajmu tali kwistjonijiet għandu jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-ispejjeż ekonomiċi tal-multilingwiżmu, iżda wkoll il-benefiċċji tiegħu f'termini ta' komunikazzjoni effettiva tal-għanijiet u tal-impenn tal-Unjoni, b'mod partikolari, iżda mhux esklużivament, f'termini ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku u aċċess għall-informazzjoni.

Waħda mill-kwistjonijiet li enfasizzajt bħala Ombudsman, kemm fl-uffiċċju tiegħi kif ukoll fil-konfront tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi l-oħra, kienet l-importanza li jintuża l-iktar lingwaġġ ċar, preċiż u konċiż possibbli – dak li xi kultant jissejjaħ "lingwaġġ sempliċi". Kif osserva Pascal fi frażi famuża, hemm bżonn il-ħin biex wieħed jikteb b'dan il-mod [9]. Il-kitba f'"lingwaġġ sempliċi" tfisser inqas ħin u spiża inqas fil-preparazzjoni tat-traduzzjoni. Minn dan isegwi li l-multilingwiżmu, organizzat b'mod korrett, iħeġġeġ l-użu ta' lingwaġġ sempliċi, b'benefiċċju doppju għaċ-ċittadini. Fil-kunsiderazzjoni tal-ilmenti rigward il-lingwi użati fis-siti internet u fil-konsultazzjonijiet pubbliċi miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Kummissjoni, kont informat sewwa bil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li t-Trattat ma jistabbilixxix l-ugwaljanza tal-lingwi bħala prinċipju assolut tad-dritt tal-Unjoni, u li, fi kwalunkwe każ, ma huwiex meħtieġ li dak kollu li jista' jaffettwa l-interessi tal-persuna interessata bħala ċittadin tal-Unjoni għandu jiġi fformulat fil-lingwa tiegħu f'kull każ [10]. Fl-istess ħin,

8 '| Brexit and multilingualism in the European Union', Victor Ginsburgh, Juan D. Moreno-Ternero, Metroeconomica, Vol. 73, Nru˚2, Mejju 2022, p. 708–731.

9 | '...mes Lettres n'avaient pas accoutumé de se suivre de si près, ni d'être si étendues. ...Je n'ai fait celle-ci plus longue que parce que je n'ai pas eu le loisir de la faire plus courte. '(...l-ittri tiegħi mhux soltu jiġu segwiti daqshekk mill-qrib, u lanqas ma jkunu daqshekk twal. ... din l-ittra hija iktar twila sempliċement għaliex ma kellix il-ħin biex nagħmilha iqsar).

10 | Irreferejt speċifikament għas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, C-361/01 P, Kik vs UASI, EU:C:2003:434, punt 82.

bħala Ombudsman, qist li l-istituzzjonijiet għandhom jeżerċitaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom f'dan il-qasam, filwaqt li jqisu debitament l-importanza tal-komunikazzjoni maċ-ċittadini u li jiggarantixxu li dawn ikunu kapaċi jifhmu u jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-attivitajiet tal-Unjoni. B'mod ġenerali, l-approċċ tiegħi jista' jitqassar kif ġej: "Jiena kompletament konxju li l-multilingwiżmu jikkostitwixxi piż tqil għall-amministrazzjoni tal-Unjoni u r-riżorsi limitati tagħha. Madankollu, jekk l-istituzzjonijiet Ewropej iridu jidhru li huma impenjati fi djalogu vera maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili, għandhom isibu l-mod li jilħqu liċ-ċittadini fil-lingwa tagħhom"[11].

Fil-każijiet li jirrigwardaw il-lingwi li fihom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jipprovdu l-informazzjoni fis-siti tal-internet tagħhom, qist li tkun amministrazzjoni tajba jekk l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jippubblikaw b'mod volontarju, jiġifieri fuq l-inizjattiva tagħhom stess, informazzjoni importanti dwar l-attivitajiet tagħhom, il-leġiżlazzjoni u d-dokumenti politiċi fundamentali fil-lingwi kollha. Fl-istess ħin iċċarajt ukoll li l-multilingwiżmu ma jistax jintuża sabiex jiġi llimitat l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti li jeżistu biss f'lingwa waħda jew f'numru limitat ta' lingwi.

Fi lment rigward konsultazzjoni pubblika li saret mill-Kummissjoni fi ftit lingwi [12] ma sibtx diffikultà nsostni l-argument tal-lanjant li wieħed ma jistax jistenna li ċ-ċittadini jipparteċipaw f'konsultazzjoni "pubblika" jekk ma humiex kapaċi jifhmu dak li jiġu mistoqsija. Kif ġie enfasizzat ukoll minn analisti oħra, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza komuni (Ewropea) jeżiġu forom komuni ta' komunikazzjoni u ta' ftehim, mhux il-monolingwiżmu [13]. Konsegwentement, qist li l-multilingwiżmu huwa neċessarju sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li l-politika lingwistika restrittiva tal-Kummissjoni hija amministrazzjoni ħażina. Abbażi ta' din il-loġika tlabt lill-Kummissjoni tippubblika d-dokumenti ta' konsultazzjoni pubblika fil-lingwi uffiċjali kollha kull darba li l-konsultazzjonijiet pubbliċi jkunu intiżi li jiġbru u jivverifikaw l-opinjonijiet tal-pubbliku dwar politiki ġodda jew proposti leġiżlattivi potenzjali u tipprovdi tal-inqas traduzzjoni fuq talba meta l-konsultazzjoni pubblika tkun

11 | Id-diskors tiegħi fil-konferenza tal-24 ta' April 2012 fi Brussell, intitolat 'Europe in crisis: the challenge of winning citizens' trust', https://www.ombudsman.europa.eu/en/speech/en/11504.

12 | Investigazzjoni 640/2011/AN, ara n-Nota ta' qiegħ il-paġna˚3.

13 | 'The importance of language policies and multilingualism for cultural diversity', Joseph Lo Bianco, International Social Science Journal, 2010, Vol. 61, p. 37.

limitata għal kwistjonijiet tekniċi jew għal kwistjonijiet li jirrigwardaw iktar l-industrija milli liċ-ċittadini.

Ninnota b'interess li s-suċċessur tiegħi fil-kariga ta' Ombudsman Ewropew għadha tqis il-multilingwiżmu bħala kwistjoni ta' importanza vitali. Il-Linji Gwida adottati fl-2020 jenfasizzaw l-importanza għaċ-ċittadini li jsegwu x-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-lingwa tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxu l-bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet prattiċi [14].

Bil-vantaġġ tar-retrospettiva, jien konvint li l-aħħar parti tal-mandat tiegħi ta' Ombudsman Ewropew immarkat il-bidu tat-tielet perijodu, li għandu jiżdied maż-żewġ perijodi li ddeskrivejt iktar 'il fuq. Issa li ħallejt il-kariga ta' Ombudsman Ewropew, ma għadx għandi l-kompitu li nibbilanċja diversi drittijiet u interessi marbuta mas-sistemi lingwistiċi u mal-politiki pubbliċi korrelati. Madankollu, bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropea u bħala akkademiku, nemmen li, f'dan it-tielet perijodu, il-bżonn tal-multilingwiżmu tal-Unjoni Ewropea kompla żdied iktar.

Il-bidliet soċjali, politiċi u ekonomiċi rarament jibqgħu miftakkra b'dati speċifiċi, anki jekk ix-xjenzi soċjali spiss ifittxu li jevidenzjaw avvenimenti speċifiċi f'mumenti emblematiċi li jimmarkaw it-tranżazzjonijiet minn perijodu għall-ieħor. B'din il-premessa, inqis li l-bidu tat-tielet perijodu jikkoinċidi b'mod approssimattiv mat-Trattat ta' Lisbona. L-importanza tat-tielet perijodu għall-multilingwiżmu ma tirriżultax madankollu mill-kontenut ta' tali trattat, iżda mill-bżonn li d-demokrazija tiġi approfondita fil-livell tal-Unjoni Ewropea b'risposta għall-avvenimenti li jirrigwardaw lill-Istati Membri kollha: il-kriżi finanzjarja, il-kriżi tal-immigrazzjoni, il-pandemija SARS-CoV-2 u, fil-mument tal-kitba, ir-ritorn tal-gwerra fl-Ewropa bl-attakk Russu fuq l-Ukraina.

Kien hemm żviluppi istituzzjonali u politiċi mgħaġġla (pereżempju fis-superviżjoni bankarja, fil-programmi ta' xiri ta' bonds mill-BĊE, fit-trasformazzjoni ta' Frontex u fl-iżvilupp ta' titoli komuni). Għal din l-analiżi huwa ta' sinjifikat importanti l-fatt li l-Kunsill Ewropew sar iktar attiv fit-twettiq tal-kompitu tiegħu li jipprovdi gwida politika tal-Unjoni. Mill-perspettiva tiegħi, li, nerġa' nenfasizza għal darb'oħra, hija dik ta' ċittadin u ta' akkademiku, ir-rwol imsaħħaħ tal-Kunsill Ewropew huwa sfida ġdida għall-multilingwiżmu. Huwa meħtieġ li d-demokrazija Ewropea tiġi approfondita iktar, b'mod li jiġi żgurat li

14 | https://www.ombudsman.europa.eu/mt/doc/correspondence/mt/129519. Il-Linji Gwida ġew ippubblikati fil-qafas tal-"inizjattiva strateġika" (SI/98/2018/DDJ).

l-membri tal-Kunsill Ewropew jimpenjaw ruħhom fid-djalogu mhux biss mad-diversi istanzi nazzjonali, iżda wkoll ma' pubbliku pan-Ewropew. Sabiex tkun effettiva, tali forma ta' impenn u ta' komunikazzjoni għandha neċessarjament tkun multilingwi.

Huwa improbabbli li din il-proposta tintlaqa' b'mod favorevoli minn żewġ kurrenti ta' ħsieb partikolari. L-ewwel kurrent ikompli jqis ir-relazzjoni bejn il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f'somma żero fir-rigward tal-leġittimità. Ma għandix spazju hawnhekk sabiex nikkontesta tali opinjoni fil-fond. Huwa biżżejjed li ngħid li nemmen li tali opinjoni tinjora r-realtà u l-ħtieġa tal-imperattivi tal-iżvilupp storiku tal-Unjoni fl-aħħar kwart ta' seklu.

It-tieni kurrent ta' ħsieb li jista' jilqa' b'xettiċiżmu l-proposta tiegħi deher meta, fl-2005 l-elettorat ċaħad l-abbozz ta' Kostituzzjoni għall-Ewropa. Fil-qosor, tali opinjoni ssostni li t-trasparenza, id-demokrazija b'parteċipazzjoni u elementi oħra ta' Ewropa taċ-ċittadini fallew għaliex ma wasslux għall-fiduċja fl-Unjoni u fl-istituzzjonijiet tagħha. Għal darb'oħra, dan ma huwiex il-post sabiex nikkontesta din l-opinjoni fil-fond. Ser ngħid biss li dan jirriskja li joħloq ċirku vizzjuż li fih id-diżillużjoni tal-élite lejn l-idea tal-Ewropa taċ-ċittadini tinkoraġġixxi iktar l-aljenazzjoni taċ-ċittadini mill-proġett Ewropew.

Minflok obbligi ġodda jew riveduti, sanċiti mil-liġi jew żviluppati bħala espressjoni ta' amministrazzjoni tajba, nixtieq inħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill Ewropew sistematikament jagħmlu l-għażla politika li jilqgħu u jikkollaboraw maċ-ċittadini fl-ikbar numru possibbli ta' Stati Membri. B'mod iktar speċifiku, dan jista' jsir permezz tat-trażmissjoni tal-mezzi ta' informazzjoni, l-użu tal-mezzi soċjali u artikli fil-gazzetti fil-lingwa tal-Istat Membru kkonċernat. Dak li hemm bżonn hija r-rieda li wieħed jipprova. Jekk ir-riżultat ikun falliment, l-esperiment jisparixxi waħdu. Madankollu, jista' jinbet u jikber b'mod organiku, b'mod speċjali jekk il-kapijiet nazzjonali jevitaw il-paroli vojta u jippreżentaw argumenti politiċi awtentiċi.

Sabiex nikkonkludi, din it-teżi qasira kkonċentrat fuq il-multilingwiżmu bħala espressjoni ta' amministrazzjoni tajba u, b'mod partikolari, bħala imperattiv politiku għall-iżvilupp futur tad-demokrazija fuq livell Ewropew. It-tifsira kulturali tal-multilingwiżmu u d-drittijiet u l-obbligi speċifiċi legali marbuta miegħu bla dubju ser jissemmew minn awturi oħra f'dan il-volum. Il-messaġġ prinċipali tiegħi huwa dan li ġej: fil-kuntest uniku tal-Unjoni Ewropea u fil-fażi attwali ta' żvilupp tagħha, il-multilingwiżmu ma huwiex limitu għall-effiċjenza u għall-effettività, iżda, għall-kuntrarju, huwa kundizzjoni preliminari sabiex dawn jintlaħqu. Fi kliem ieħor, il-multilingwiżmu huwa wieħed mill-karatteristiċi distintivi tal-Ewropa u għandu jibqa' tali fil-mudell fi żvilupp kontinwu tal-istruttura politika tagħha.

Konsegwentement, l-għan ma għandux ikun biss dak li jiġi difiż il-multilingwiżmu, fejn diġà jeżisti, iżda li jiġi estiż għal żoni ġodda sabiex jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni u għall-approfondiment tad-demokrazija Ewropea.

Nawgura li dan iseħħ.

# Diskors favur il-Multilingwiżmu

## — Christos Artemides

**Christos Artemides twieled f'Nikosija, Ċipru. Huwa studja d-dritt f'Londra. Ipprattika l-liġi f'Ċipru għal madwar 5 snin u nħatar Imħallef tal-Qorti Distrettwali fl-1972. Ġie promoss għal Imħallef tal-Qorti Distrettwali Suprema u President u ġie nnominat għall-Qorti Suprema fl-1988. Inħatar President tal-Qorti Suprema fl-2004 u baqa' f'din il-pożizzjoni sal-2008, meta rtira malli laħaq l-età ta' 68 sena, kif meħtieġ fil-Kostituzzjoni. Huwa ma segwiex professjoni jew impjieg relatat mal-liġi wara li rtira. Madankollu, huwa jsegwi suġġetti oħra li dejjem kienu jinteressawh, bħall-poeżija, il-pittura u l-mużika, li kien partikolarment iħobb sa minn età żgħira. Organizza sitt mostri tal-arti, ippubblika 12-il antoloġija ta' poeżiji, u żewġ novelli.**

Il-lingwa… dik l-invenzjoni manjifika u unika tal-bniedem. Il-bniedem biss għandu dan il-vantaġġ fuq kull kreatura oħra fid-dinja. Id-dinja u l-affarijiet fiha jitwieldu mil-lingwa u miż-żmien bl-istess mod. Fil-bidu, kien hemm il-ħoss magħmul mill-bniedem bl-użu tal-kordi vokali tiegħu. Dak il-ħoss sar fonemi li jvarjaw u gradwalment kliem li nħolqu mit-taħlit tal-fonemi. Il-kliem jorbtu ismijiet mal-affarijiet; iżda jwasslu wkoll l-ogħla ħsibijiet, emozzjonijiet u intellett tal-bniedem.

Madankollu, in-nazzjonijiet tad-dinja ma jitkellmux l-istess lingwa. Kull nazzjon għandu l-lingwa tiegħu. Fil-fatt, ħafna nazzjonijiet/tribujiet għandhom id-djalett jew idjomi tagħhom, li ma humiex koperti mis-soltu definizzjoni stretta tal-kelma “lingwa”. L-Unjoni Ewropea, dak il-bastjun taċ-ċiviltà tal-Punent, kif l-Istati demokratiċi saru magħrufa, tinkludi 27 Stat Membru, li kull wieħed minnhom għandu l-lingwa tiegħu, minbarra Ċipru u Greċja, li jaqsmu l-lingwa Griega, u l-Ġermanja u l-Awstrija, li jaqsmu l-Ġermaniż.

Aħna l-Griegi, nazzarda ngħid, kburin immens bl-istorja u bil-lingwa tagħna, b’mod partikolari għax huwa fatt irrikonoxxut li l-kisbiet tal-Griegi tal-qedem kienu l-bażi taċ-ċiviltà tal-Punent, primarjament fil-perijodu magħruf bħala l-età tad-deheb ta’ Perikle mill-5 sar-4 seklu Qabel Kristu. Ix-xogħlijiet ta’ Omeru, l-Iliade u l-Odissea, id-djalogi ta’ Platun, ix-xogħlijiet ta’ Aristotli, it-traġedji ta’ Eskilus, Sofokle u Ewripide, il-kisbiet ta’ kull artist, xjentist u filosofu Grieg distint, u l-kitbiet Griegi tal-qedem b’mod ġenerali huma wkoll parti mill-wirt intellettwali tan-nazzjonijiet li adottaw l-ideat u l-prinċipji li nħolqu fil-Greċja tal-qedem.

Semmejt ftit qabel li aħna l-Griegi kburin “immens” bil-kisbiet ta’ missirijietna. Ħalli nipprova nispjega xi nfisser b’dan. Kull nazzjon u kull razza għandhom iċ-ċiviltà u l-istorja li tiżviluppa. Jekk inżommu biss l-affarijiet tajbin li jiġrulna, allura r-rispett reċiproku, il-koeżistenza u ftehim komuni bejn in-nazzjonijiet kollha tad-dinja ser jgħinu biex jiġu stabbiliti l-paċi u l-progress fil-pjaneta tagħna.

Aħfruli jekk qiegħed nieħu fit-tul, jista’ jkun li qiegħed nitbiegħed mis-suġġett, iżda dawn il-ħsibijiet modesti, nittama, ser iwassluna direttament għas-suġġett ta’ dan l-artiklu. Kieku ma kienx għax-xogħol enormi tat-tradutturi, konna nibqgħu ma nafux dwar il-kisbiet kulturali u xjentifiċi tal-Griegi u ta’ kull nazzjon jew grupp etniku ieħor. Mingħajrhom, il-lingwi mitkellma u miktuba jservu biss għal dawk li jifhmuhom u l-komunikazzjoni ma’ persuna li mhux kapaċi tifhem l-istess lingwa tkun impossibbli, bħalma kien ikun kull ftehim komuni, inklużi kull fehim intellettwali u kulturali komuni. Ikun hemm kollass totali tal-komunikazzjoni.

Allura naħseb li t-tradutturi għandhom jingħataw ir-rispett li jixirqilhom għal kompitu kollossali li jwettqu. Għalkemm tendenzjalment nużaw il-kelma "traduttur" bħala attribut professjonali, kisba bħal kwalunkwe oħra, nemmen li x-xogħol tat-tradutturi għandu jintwera fid-dimensjoni vera tiegħu. It-tradutturi jnaqqsu d-distakk fil-komunikazzjoni bejn lingwi diversi, filwaqt li jwasslu u jittrażmettu kemm il-kelma miktuba kif ukoll dik mitkellma.

Għalhekk, aħna l-Griegi, flimkien ma' kull grupp etniku ieħor, għandna bżonn nifhmu verament li, mingħajr tradutturi, ma konna nkunu nafu xejn dwar xulxin. In-nies ikollhom bżonn jitgħallmu lingwi multipli sabiex jiskambjaw fehmiet. U f'dawn iż-żminijiet ħafna nies hekk jagħmlu. Għarfien ta' diversi lingwi huwa barka.

Il-Grieg huwa l-lingwa prinċipali ta' pajjiżi. Huwa l-lingwa tal-maġġoranza tal-popolazzjoni, miġjuba mill-Griegi li ssetiljaw f'Ċipru madwar fis-sena 1200 Qabel Kristu. Il-gżira nħakmet mill-Imperu Ottoman fl-1571. Ġellieda Ottomani baqgħu f'Ċipru matul u wara l-assedju. Fl-1878, ingħatat lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda. Sadanittant, iżda, it-Torok minn Asja Minuri u artijiet oħra maħkuma mill-Imperu Ottoman waslu matul l-okkupazzjoni Torka.

Fl-1955, il-Griegi Ċiprijotti qamu kontra l-Gran Brittanja, li qablet eventwalment li toħroġ mill-pajjiż, u ġew iffirmati l-Ftehimiet ta' Zurich u ta' Londra bejn ir-Renju Unit, il-Greċja, it-Turkija u l-mexxejja taż-żewġ komunitajiet f'Ċipru. Dawk il-ftehimiet wasslu għal Kostituzzjoni tal-1960 tar-Repubblika ta' Ċipru, li ddikjarat lil Grieg u lit-Tork bħala l-lingwi uffiċjali tar-Repubblika ta' Ċipru.

L-istituzzjonijiet tal-Istat ħadmu b'mod normali għal perijodu qasir sal-1963. Il-qrati, b'mod partikolari mexxew il-proċedimenti bil-Grieg u bit-Tork, skont in-nazzjonalità tal-partijiet. Madankollu, l-Ingliż, li huwa mitkellem b'mod mifrux ma' Ċipru kollu, kien il-lingwa komuni użata, b'kunsens taċitu, sabiex jiġu ffaċilitati l-proċedimenti.

Fl-1963, iċ-Ċiprijotti Torok telqu l-pożizzjonijiet tagħhom fis-settur pubbliku u fil-qrati. Ir-Repubblika ta' Ċipru kompliet tiffunzjona u tiġi rrikonoxxuta internazzjonalment anki wara l-invażjoni Torka fl-1974. Sabiex tiġi kkompletata l-qasma tal-gżira, it-Turkija mexxiet iċ-Ċiprijotti Torok imxerrda madwar Ċipru għall-parti tat-Tramuntana okkupata tal-gżira. Barra minn hekk, eluf ta' Torok ġew mit-Turkija u ssetiljaw fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru, biex b'hekk inbidlet il-kompożizzjoni demografika tal-pajjiż.

Niskuża ruħi talli tkellimt dwar dan fit-tul, iżda dawn l-avvenimenti traġiċi huma marbuta mas-suġġett ta' dan l-artiklu. Jekk għandna niksbu rispett reċiproku u koeżistenza paċifika,

il-multilingwiżmu li jeżisti fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja għandu jinkoraġġixxi lin-nies jippruvaw jikkomunikaw billi jitgħallmu jew jirrikorru għat-traduzzjonijiet ta' lingwi barranin. Dak huwa dak li ġara oriġinarjament f'pajjiżi. Kważi kull Ċiprijott Tork tkellem bil-Grieg u ħafna Ċiprijotti Griegi tkellmu bit-Tork. Għexu fi rħula mħallta u bħala ġirien fil-bliet. L-interpreti rarament kienu jintużaw fil-qorti.

Issa l-affarijiet inbidlu. Mal-mogħdija taż-żmien, speċjalment wara s-sħubija tiegħu fl-Unjoni Ewropea, Ċipru sar destinazzjoni attraenti. Minbarra dawk li jissetiljaw b'mod legali fil-gżira, ħafna mill-għexieren ta' eluf ta' migranti u dawk li jfittxu l-ażil li jaslu f'Ċipru baqgħu hemm b'mod illegali.

Id-dipartimenti tal-gvern u l-awtoritajiet ġudizzjarji joperaw strettament fil-kuntest tal-prinċipju ta' ugwaljanza u l-bżonn li jiġu ssalvagwardati d-drittijiet fundamentali individwali inkorporati fil-Kostituzzjoni u fid-dritt tal-UE, li għalihom il-Kostituzzjoni nnifisha tagħti preċedenza. Il-multilingwiżmu f'Ċipru jestendi lil hinn mil-lingwi tal-Istati Membri tal-UE; jinkludi lingwi u djaletti Afrikani, tal-Lvant Nofsani u Imbiegħed, u Asjatiċi. Il-lingwi mitkellma minn nazzjonijiet diversi huma fi żvantaġġ apparenti meta mqabbla ma' attivitajiet u kisbiet kulturali oħra. Il-lingwa hija l-iktar element kulturali importanti u prova tal-identità ta' nazzjon. B'differenza mil-lingwi, il-mużika u l-arti viżiva u oħrajn ma jirrikjedux traduzzjoni, għalhekk l-espressjoni "il-mużika hija lingwa universali". Fil-fatt, wieħed igawdi l-mużika tal-Punent, b'mod partikolari l-mużika klassika mad-dinja kollha. Fl-istess waqt, mużiċisti famużi u artisti ta' fama dinjija jiġu mill-irkejjen tal-pjaneta u l-mużika tal-Lvant u Asjatika ħafna drabi tindaqq fis-swali tal-kunċerti Ewropej. Is-sbuħija tal-kanzunetti polifoniċi u melodiċi tal-poplu Maori tan-New Zealand imissu l-qlub mad-dinja kollha.

Madankollu, bħala invenzjoni intellettwali, lingwa mhux magħrufa ma tinftehimx mingħajr l-assistenza ta' traduttur. Dan iwassalni lura għal dak li għidt qabel, li l-iżvantaġġ ta' lingwa huwa żvantaġġ apparenti. Dan għaliex il-lingwa ta' kull nazzjon hija l-iktar element importanti tal-identità tagħha, il-punt ta' riferiment għall-oriġini u għall-kultura tagħha u, bħala tali, jistħoqqilha rispett assolut.

L-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari jieħdu approċċ b'moħħ miftuħ għal multilingwiżmu u, bir-rispett dovut għal dak il-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti domandi legali mill-qrati nazzjonali tal-Istati Membri u rikorsi bil-lingwi stess tal-Istati Membri. Din il-proċedura ma hijiex l-applikazzjoni formalistika ta' regola proċedurali tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija espressjoni tar-rikonoxximent intenzjonat ta' ugwaljanza assoluta bejn Stati Membri u ċ-ċittadini

tagħhom u tal-konvinzjoni li dak ir-rispett għal-lingwi diversi tal-Istati Membri tal-UE jġib il-koeżistenza paċifika bejn in-nazzjonijiet, u prosperità għall-istess nazzjonijiet.

Huwa test għall-imħallfin tagħna fejn partijiet fil-kawża jew konvenuti b'lingwi barranin minn pajjiżi barra mill-UE, bħal-Lvant Nofsani, il-Lvant Imbiegħed u l-Asja, ikunu involuti fi proċedimenti, speċjalment proċedimenti kriminali, għax tradutturi professjonali bil-kemm ikunu disponibbli f'tali każijiet u t-traduzzjoni hija ġeneralment ipprovduta minn ċittadini sħab tal-partijiet involuti. Il-qrati huma ħerqana li jiżguraw li huma jkunu ġew informati b'mod xieraq dwar il-fatti tal-kawża kif trażmessi mit-traduzzjoni, speċjalment fejn l-evidenza tittieħed minn xhieda. Għalkemm dan il-proċess huwa diffiċli u jieħu ħafna ħin, huwa juri l-missjoni nobbli tal-qrati li jikkonvertu lingwa għad-drittijiet fundamentali individwali rrispettati minn kull Stat li japplika d-drittijiet tal-bniedem.

Għalkemm isir kull sforz debitu biex jiġi żgurat li l-proċedimenti kollha li jinvolvu partijiet b'lingwi barranin jipproċedu b'mod sodisfaċjenti, tradutturi professjonali sempliċement ma jeżistux għal dawn il-lingwi u l-idjomi kollha.

Jekk nista' nagħmel osservazzjoni: Kien ikun ta' għajnuna f'termini ta' funzjoni kooperattiva ta' lingwa jekk kienu jipprevalu l-qosor u l-eżattezza kemm fil-kelma mitkellma kif ukoll f'dik miktuba. Naħseb li l-qari ta' xogħlijiet ta' awturi u kittieba ewlenin jgħin biex tali lingwa tiġi kkultivata. Huwa huma li joħolqu lingwa. Lingwa eleganti, preċiża u sempliċi. Dak ikun ta' għajnuna għat-tradutturi, u kien isostni ftehim u koeżistenza reċiproċi.

Jekk tieħdu paċenzja ftit ieħor, nixtieq niddeskrivi episodju immaġinarju. Kieku Mozart kellu jisma' l-kanzunetti tat-tribù tal-Maori, it-talent u l-ġenju sublimi tiegħu kienu jmexxuh direttament lejn il-pjanu biex jagħmel arranġament għal kompożizzjoni ta' mużika melodika/ritmika superlattiva b'kontrappunt perfett. U l-mużika, astratta kif inhi, kienet tmiss il-qlub ta' kull nazzjon fid-dinja, għalkemm ħadd ma jkun jaf il-kliem. Għalkemm il-lingwa hija ħolqien intellettwali, il-kunċetti tagħha jistgħu jiġu rrikonoxxuti jekk tradotti. Għalhekk, jekk membru tat-tribù tal-Maori kellu jidher quddiem qorti li tapplika d-drittijiet fundamentali, kien ikun jista' jitkellem bil-lingwaġġ tat-tribù tiegħu. B'hekk, l-idea ta' ġustizzja tiddi, bħall-mużika ta' Mozart, għalkemm fuq skala ġeografika u etnika iżgħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li taħdem f'24 lingwa tas-27 Stat Membru, tinsab fuq quddiem ta' din l-idea suprema ta' applikazzjoni tal-multilingwiżmu bħala dritt tal-bniedem individwali tal-komunikazzjoni u r-rispett reċiproku bejn il-kulturi. Din l-idea suprema hija espressa fl-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

tal-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha l-ikbar dipartiment ta' traduzzjoni fid-dinja u b'hekk hija għodda valida li biha tikseb suċċess fix-xogħol uniku tagħha.

# Multilingwiżmu: unità espressa bid-diversità

— Roberta Metsola

**Imwielda fl-1979, Roberta Metsola ggradwat mill-Università ta' Malta bħala avukat u kisbet master mill-Collège d'Europe f'Bruges (il-Belġju), fejn speċjalizzat fid-dritt Ewropew u l-politika. Qabel l-elezzjoni tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew, hija eżerċitat il-funzjonijiet tagħha fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u bħala l-konsulent legali lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Hija ġiet eletta għall-ewwel darba fil-Parlament Ewropew fl-2013 u sussegwentement kienet eletta mill-ġdid. Bħala Membru tal-Parlament Ewropew, hija kienet relatriċi għar-Regolament dwar il-Fruntiera Ewropea u l-Gwardja tal-Kosta. Hija wkoll kienet koawtriċi tar-rapport ta' inizjattiva tal-Parlament dwar in-neċessità li jiġu protetti l-ġurnalisti fl-Unjoni Ewropea f'kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP). Fl-2020 hija ġiet eletta bħala l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew. Minn Jannar 2022, hija l-President tal-Parlament Ewropew.**

Il-lingwa hija mezz indispensabbli ta' komunikazzjoni. Din tgħin tittrażmetti ħsibijiet, sentimenti, azzjonijiet, xewqat, strateġiji, u r-realtajiet numerużi u varjati tal-kundizzjoni umana. Hija pont bejn persuni u vettura għall-membri ta' komunità sabiex iħossuhom eqreb ta' xulxin hekk kif jaqsmu mezz komuni u li jingħaraf ta' konverżazzjoni. Lingwa nazzjonali, djalett reġjonali, lingwaġġ lokali, huma identifikaturi, sors ta' konverġenza u aġent qawwi ta' koeżjoni. Wieħed jista' wkoll jgħid li l-iżvilupp tal-lingwi huwa wieħed mill-ikbar kisbiet tal-umanità. Huwa għal dan il-għan li l-lingwi jibqgħu essenzjali hekk kif l-umanità tkompli tevolvi, tiżviluppa u timxi 'l quddiem fit-tfittxija għal ħajja iktar sodisfaċenti u għal dinja aħjar.

L-Unjoni Ewropea hija komunità ta' lingwi. L-24 lingwa uffiċjali jirrappreżentaw il-kompożizzjoni varjata ħafna tal-Unjoni Ewropea, jew b'mod iktar preċiż, il-miljuni ta' persuni li jifformawha. Dak li jkun ma jistax jiċħad li l-lingwi jiffaċilitaw l-inklużività, l-għarfien iktar wiesa', il-familjarità iktar fil-fond u s-sens ta' qrubija fost il-popli, in-nazzjonijiet u l-Istati. Huwa għalhekk li l-multilingwiżmu huwa parti integrali tal-funzjonijiet, tal-avvenimenti, tal-attivitajiet, tal-komunikazzjonijiet u tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji u tal-organi tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, il-motto li l-Unjoni Ewropea adottat, "magħquda fid-diversità", huwa rrappreżentat mill-politika multilingwi tagħha.

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi u tafferma li l-lingwi jgħaqqdu dawk il-komunitajiet li jifformawha u tqis il-mezz tal-lingwa bħala essenzjali għall-aċċess għall-kulturi u għall-promozzjoni ta' fehim interkulturali. Bla dubju, it-tagħlim u li titkellem lingwi differenti joffri lill-individwi prospettiva aħjar ta' reklutaġġ, possibbiltajiet ogħla ta' mobbiltà bejn l-Istati Membri tal-Unjoni, żjara iktar sigura f'pajjiżi differenti u kuntatt ma' soċjetajiet differenti. Din hija r-raġuni għaliex hemm impenn mill-Istati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-multilingwiżmu, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-programmi ta' tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel. L-Unjoni Ewropea qed taħdem mill-qrib mal-gvernijiet nazzjonali li impenjaw ruħhom li jagħtu liċ-ċittadini Ewropej kollha l-possibbiltà li jibdew jitgħallmu mill-inqas żewġ lingwi barranin minn età żgħira ħafna. Fil-fatt, l-Unjoni Ewropea qed tfittex li tagħmel iktar effikaċi leġiżlazzjoni f'setturi li jsaħħu l-eżistenza ta' soċjetà multilingwi koeża.

Sabiex komunità multikulturali tkun tista' taħdem b'mod effiċjenti, il-popolazzjoni kollha, kull ċittadin, għandha tibbenefika mill-aċċettazzjoni manifesta tad-diversità kulturali. Dan huwa l-uniku mod li jwassal għall-koeżistenza armonjuża tal-ħafna kulturi li jarrikkixxu l-Unjoni Ewropea: għaqda fid-diversità fil-prattika. Il-multilingwiżmu huwa għalhekk il-mezz essenzjali sabiex tinkiseb tali koeżjoni u rispett għal kulħadd.

Fil-Parlament Ewropew, il-lingwi uffiċjali kollha jingħataw l-istess piż u importanza. Kull dokument parlamentari jista' jinqara fi kwalunkwe lingwa tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-Membri kollha tal-Parlament Ewropew huma f'pożizzjoni li jitkellmu u jiktbu f'lingwa waħda (jew iktar) mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tali varjetà wiesa ta' lingwi toffri aċċessibbiltà ikbar u parteċipazzjoni sħiħa fix-xogħol tal-Parlament Ewropew. Il-lingwi uffiċjali ma humiex marbuta mad-daqs tal-Istat jew man-numru ta' ċittadini li jgħixu hemm. Kull Stat għandu l-istess piż, l-istess drittijiet u l-istess opportunitajiet. Meta ġie stabbilit il-predeċessur tal-Unjoni Ewropea, kienu jintużaw biss erba' lingwi. Issa, jinstemgħu 24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea waqt dibattiti, diskussjonijiet u deliberazzjonijiet imqanqla fil-Parlament Ewropew. Din hija l-prova ta' kemm irnexxielna nimxu 'l quddiem.

Naturalment, l-użu simultanju ta' dawn il-lingwi kollha jista' jipprovdi sfidi lingwistiċi. Sabiex jiġu rrimedjati l-ostakoli potenzjali, inħoloq dipartiment imdaqqas ta' traduzzjoni li jissaħħaħ kostantement sabiex jiżgura li l-komunikazzjonijiet multilingwi kemm bil-miktub u elettroniċi jiffaċilitaw b'mod korrett ix-xogħol tal-Unjoni Ewropea. Peress li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea taffettwa iktar minn 447 miljun ċittadin, il-Parlament Ewropew iżomm standards għoljin fil-qasam tat-traduzzjoni billi jiggarantixxi traduzzjonijiet leali u ċari fil-lingwi uffiċjali kollha. Għal dan il-għan, il-kwalità lingwistika u ġuridika ta' tali testi tiġi kkontrollata bir-reqqa mill-ġuristi lingwisti tal-Parlament Ewropew.

L-Unjoni Ewropea għandha wkoll korp sod ta' interpreti li jikkontribwixxu sabiex jitnaqqsu l-problemi li jirriżultaw mir-realtà multilingwi tax-xogħol ta' kuljum tal-Unjoni Ewropea. Dan jiffaċilita d-diskussjonijiet u n-negozjati, li jistgħu jinżammu mingħajr xkiel, fi ħdan il-Parlament Ewropew u l-korpi l-oħra tal-Unjoni Ewropea, li jippermetti lill-Membri tal-Parlament Ewropew u lill-uffiċjali l-oħra jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom mingħajr ostakoli lingwistiċi.

L-infrastruttura multilingwi tagħna tiżgura t-trasparenza u tipprovdi rabta reali bejn iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea u d-diversi entitajiet tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa intiż li jiffavorixxi relazzjoni iktar stretta bejn iċ-ċentru u l-periferija fil-livelli kollha tal-Unjoni tagħna.

Dawk li ma jittrattawhiex b'rispett u paċenzja jistgħu jaraw il-multilingwiżmu bħala ostakolu għall-komunikazzjoni, li joħloq possibbiltajiet ta' konfużjoni u li jwaqqaf l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri; madankollu, jekk narawh bħala vantaġġ, l-ambjent multilingwi huwa attraenti u ambjent mili sfidi. Il-fatt li jingħabru flimkien il-kulturi, u li jiġu rrispettati u li jinftiehmu aħjar, huwa dan li jagħmel id-dinja post aħjar. L-umanità

għandha tfittex mezzi kif tqarreb lil kulħadd, u l-għarfien lingwistiku huwa l-ewwel stadju f'din id-direzzjoni. L-eżistenza ta' komunità multilingwi hija simili għal prodott immanifatturat minn diversi komponenti, li minkejja li huma differenti, kull wieħed minnhom huwa essenzjali għal suċċess tal-kollettiv. Dan huwa l-mod kif għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-diversità tal-lingwi; din hija tfakkira tal-espressjoni "il-varjetà tħawwar il-ħajja". Huma jipproduċu togħma, iġibu vitalità u juru splużjoni ta' kulur. Soċjetà multilingwi hija tila ta' lwien u sentimenti differenti, iżda, fl-aħħar mill-aħħar, hija immaġni waħda.

# “Iktar minn lingwa waħda”

## — Barbara Cassin

**Barbara Cassin, midalja tad-deheb tas-Centre national de la recherche scientifique (Ċentru Nazzjonali għar-riċerka xjentifika (CNRS)) u membru tal-Académie française, hija filologa u filosofa. Hija tispeċjalizza fil-Greċja l-qadima u taħdem fuq dak li jistgħu jkunu l-kliem. Hija mexxiet b'mod partikolari l-*Vocabulaire européen des philosophies*, *Dictionnaire des intraduisibles* (Seuil-Robert, 2004), li min-naħa tiegħu huwa tradott, jiġifieri vvintat mill-ġdid, f'madwar għaxar lingwi. Hija kienet kuratriċi tal-wirja Après *Babel, traduire* (Mucem, 2016–2017) li hemm il-ħsieb li ssir b'mod differenti ukoll f'postijiet ġodda (Fondation Bodmer, 2017–2018; Mużew tal-Immigrazzjoni ta' Buenos Aires, 2022), u pproponiet fl-2022 fil-Vieille Charité ta' Marseille wirja dwar *Les Objets migrateurs.***

**L-*aħħar pubblikazzjonijiet***

***Le bonheur, sa dent douce à la mort,* Fayard, 2020**

***Les Maisons de la sagesse-Traduire, une nouvelle aventure,* ma' Danièle Wozny, Bayard, 2021**

Ippermettuli nixhed paradoss, ejja ngħidu, personali. Din hija l-esperjenza tiegħi stess tal-multilingwiżmu fi ħdan l-istituzzjoni li għaliha nappartjeni bi prijorità fi ħdan il-pajjiż tiegħi: l'Académie française

Maħluqa fl-1635 minn Richelieu, din l-għaqda venerabbli ta' "immortali" għandha l-kompitu li "taħdem, bl-attenzjoni u bid-diliġenza kollha possibbli, sabiex tagħti regoli ċerti lill-ilsien tagħna u li tagħmilha pura, elokwenti u kapaċi tittratta l-arti u x-xjenzi" (Artikolu 24 tal-istatuti tagħha). "Ilsien tagħna", jiġifieri l-Franċiż. L-Akkademja hija għalhekk istituzzjoni tal-monolingwiżmu per eċċellenza. Hija tiret mir-rabta politika konxja ħafna tas-setgħa mal-lingwa fi ħdan il-pajjiż tagħna, Franza. Kollox beda bid-digriet ta' Villers-Cotterêts ippromulgat minn François I f'Awwissu 1539 u l-Artikolu 111 tiegħu li jipprevedi: "Irridu li minn issa 'l quddiem is-sentenzi kollha flimkien mal-proċeduri l-oħra kollha [...] jiġu ppronunzjati, irreġistrati u mogħtija lill-partijiet fil-lingwa materna Franċiża, u mhux mod ieħor". Dan huwa rifless fl-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-25 ta' Ġunju 1992: "L-ilsien tar-Repubblika huwa l-Franċiż". Żewġ sentenzi fundamentali għal kważi ħames sekli. It-tnejn li huma jiddikjaraw bil-qawwi li l-lingwa Franċiża tinsab fil-qalba tas-sistema tal-Istat Franċiż. Bħas-soltu, peress li qed nitkellmu dwar lingwa, allura politika, wieħed ikun qed jilgħab man-nar. Meta François I għamilha possibbli li kulħadd jifhem dak li jkun qed jiġri lilu, huwa kien qed jibni nazzjon li jaħrab mill-influwenza tal-Latin tal-kjeriċi u tal-għorrief. Iżda x'jiġri sussegwentement għal dawk kollha li jitkellmu, mhux bil-Latin, iżda dak il-"patois" li r-Rivoluzzjoni Franċiża riedet tneħħi? Fir-rigward tal-"Loi Tubon" (il-Liġi Toubon), konsegwenza tal-Kostituzzjoni, din timponi l-użu tal-Franċiż, iżda spiss wieħed jemmen li hija timponi l-esklużività tagħha mingħajr ma jifhem li hija tiffavorixxi l-istagħnar terminoloġiku u t-traduzzjoni. Anki jekk, fil-fatt, l-Istati-Nazzjon kollha għandhom ilsien wieħed nazzjonali jew iktar, wieħed jifhem, wieħed malajr jifhem, in-nuqqas ta' fiduċja li l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jkollhom, huma li min-natura tagħhom huma essenzjalment multilingwi, fil-konfront ta' Stat li, sabiex intenni dak li Arnoldo Momigliano kien spiss jgħid dwar il-Greċja antika, isostni li huwa "kburi li huwa monolingwi".

## Il-paradoss fil-preżent

Kull akkademiku għandu jkollu xabla — evidentement, l-elezzjoni ta' nisa, li kienet inkonċepibbli sa dik ta' Marguerite Yourcenar fl-1980, ikkumplikat l-affarijiet u Jacqueline de Romilly pereżempju tippreferi basket tal-idejn — u fuq din ix-xabla, għandu jirreġistra motto. Ix-xabla tiegħi hija deliberatament mhux letali, tar-reżina u l-ġilda; il-kustodja tagħha hija komposta minn kompjuter żgħir, bħal arloġġ konness, li jagħti aċċess virtwali

għat-testi kollha tad-dinja. Il-pum tiegħu huwa r-riproduzzjoni ta' figurina żgħira, iżda mhux waħda kwalunkwe: statwa żgħira "barbara", tat-III millennju qabel l-era tagħna, mara b'forom sbieħ, omm jew Alla mara, b'sider, imsielet u stivali tad-deheb. Instabet waqt tfittixija f'qabar ta' Alaca Höyük, preċiżament fejn Schliemann kien qiegħed lil Trojja: din il-mara hija barbara per eċċellenza. Ma ninsewx li "barbara" hija onomatopea, bħal "Babel" jew "blablabla", li l-Griegi kien użaw biss għal dawk kollha li ma kinux jitkellmux bil-Grieg. Fuq din ix-xabla, għażilt li nnaqqax b'fibri ottiċi, imdawwla u viżibbli ħafna, frażi tal-filosofu Jacques Derrida sabiex isservi bħala motto: "Iktar minn lingwa waħda"

"Il-lingwa tagħna", jiġifieri, iżda "Iktar minn lingwa waħda". Monolingwiżmu *u*, jew *mhux mingħajr*, multilingwiżmu. Din hija preċiżament l-esperjenza, tant komuni, li tinteressani. Insejħulha "traduzzjoni". Nemmen li huwa importanti li qatt ma tintesa l-konstatazzjoni tant sempliċi ta' Umberto Eco: "Il-lingwa tal-Ewropa, hija t-traduzzjoni"[1].

Wieħed jitkellem il-Franċiż fl-Académie française, wieħed jikteb ukoll dizzjunarju tal-Franċiż, iżda l-għaqda tagħna tinkludi personalitajiet ġejjin mill-Ġeorġja, mir-Russja, mil-Libanu, miċ-Ċina, mill-Ingilterra, minn Ħaiti, mill-Italja, mingħajr ma ninsew ċertu numru ta' "għorriefa" tal-Ispanjol, tal-Bask, tal-Kors, tal-Kreol, tal-Għarbi letterarju, tal-Latin u tal-Grieg: kull wieħed minna jagħti l-ħajja lil diversi lingwi, "kbar" jew "żgħar", tal-bieraħ jew tal-lum, u aħna kważi lkoll tradutturi ukoll. Xi jfisser dan? Sempliċement li l-ebda lingwa ma teżisti u ssostni lilha nnifisha waħedha, mingħajr l-għaqda ta' oħrajn. U li kulħadd jaf dan, inklużi dawk il-ftit Frankofoni li għandhom bħala xogħol li "juru" l-Franċiż.

Naħseb li għalkemm l-Académie française tabilħaqq riedet tilqa' lili, dan huwa minħabba, tal-inqas parzjalment, il-*Vocabulaire européen de philosophies*. *Dictionnaire des intraduisibles* [2], dan ix-xogħol ftit tal-ġenn, magħmul minn mija u ħamsin awtur matul madwar għaxar snin, b'daħliet li jinvolvu madwar ħmistax-il lingwa tal-Ewropa jew li jikkostitwixxu l-Ewropa. Insejjaħ "mhux traduċibbli" dak is-sintomu ta' differenzi fil-lingwi, kemm jekk jirrigwarda semantika kemm jekk sintassi: mhux li wieħed ma jittraduċix, iżda li wieħed ma jieqaf qatt li (ma) jittraduċix. Dawn ma humiex biss termini omonimi, ekwivoċi jew

1 | U. Eco qal din is-sentenza waqt il-konferenza tiegħu mogħtija lil-laqgħa tat-traduzzjoni letterarja f'Arles, il-Ħadd 14 ta' Novembru 1993, u hija sentenza mill-konferenza tal-bidu tiegħu lill-Collège de France, fit-2 ta' Ottubru 1992.

2 | Seuil-Le Robert, 2004, it-tieni edizzjoni flimkien ma' daħliet ġodda minn traduzzjoni-adattamenti tad-dizzjunarju Franċiż, 2019.

ambigwi, li l-kuntest jiċċara, iżda dak li jgħidu l-kliem fil-lingwi. Meta, għaliex, u kif il-kliem u n-networks li jaqgħu taħthom ma jkunux sovrapponibbli? X'inhuwa l-impatt tal-metodu li bih wieħed jgħid u jaħseb "verità", "ġustizzja" jew "libertà" fuq il-modi ta' kif tħoss u ġġib ruħek, minn naħa, fuq il-problemi ta' komunikazzjoni u, b'mod usa', ta' interoperabbiltà kulturali u politika, min-naħa l-oħra? Nieħdu *dette* (dejn) bil-Franċiż u f'lingwi Latini: *debitum*, tagħti dak li huwa dovut, u huwa solvut, iżda *Schuld* bil-Ġermaniż tfisser kemm id-"dejn" kif ukoll in-"nuqqas", huwa piż li jaqa' fuq l-ispallejn, li Weber, wara Luther, irrenda konsapevoli. Ma huwiex impossibbli li l-perċezzjoni ta' din id-differenza tkun ta' importanza fl-Ewropa. Bl-istess mod, li wieħed jifhem li d-distinzjoni bejn *law* u *right* tikkorrispondi biss parzjalment ħafna għal dik bejn *loi* (liġi) u *droit* (*dritt)* ma huwa xejn ġdid. Sabiex jiġu investigati dawn id-distorsjonijiet, wieħed jista' jaffaċċja nuqqas ta' ftehim li, jekk ma jiġix innotat, isir perikoluż. Ma huwiex daqshekk faċli li tifhem li wieħed ma jifhimx.

Issir l-oġġezzjoni li l-lingwa globali hija hemm sabiex tevita dan il-perikolu. Iżda b'dan taqa' f'perikolu ieħor, mhux inqas gravi fil-fehma tiegħi. Il-*Globish*[3] jew *global English*, ma jistax jiġi sseparat mir-rabta tiegħu mal-Ingliż tal-imperu, dak tad-diplomazija u tal-ekonomija Amerikani. Issa, huwa l-esperanto prattiku li jservi llum, irrispettivament minn jekk wieħed jogħġbux jew le, bħala "suġġett", mhux biss għal Brussell iżda għal Pariġi u għall-Franċiż. Aħna kollha għandna nipproponu *case-studies*, *issues* u *deliverables* lil esperti tan-*knowledge-based society* tagħna, li ħafna drabi ma jistgħux jifhmu l-Ingliż ta' Oxford — kull wieħed minna mingħajr dubju għandu l-esperjenza ta' dan it-tip ta' diskors. Quddiem il-*Globish*, il-lingwi kollha ta' kultura li jagħmlu l-Ewropa huma biss djaletti, *parrokkjali*, li titkellimhom id-dar li għandhom jiġu ppreżervati bħala speċi mhedda permezz ta' politika patrimonjali: li jissopravvivu għad-*Digital Humanities. Globish* u djaletti, li fil-fehma tiegħi huwa wieħed mix-xenarji katastrofiċi li thedded l-Ewropa.

Fil-fatt, id-*Dictionnaire des intraduisibles* ġie maħsub l-ewwel bħala arma, mhux biss filosofika iżda realment politika, kontra żewġ xenarji katastrofiċi potenzjali: il-Globish, minn naħa, u n-nazzjonaliżmu lingwistiku, min-naħa l-oħra. Dan ix-xenarju l-ieħor katastrofiku, simetriku bil-kontra, huwa marbut mal-problema tal-"ġenju tal-lingwi", li tissantifika l-vernakulari, uħud iktar minn oħrajn, u l-ġerarkija bejn lingwi "żgħar" u "kbar"

3 | Il-kelma nħolqot minn Jean-Paul Nerrière, li dak iż-żmien kien viċi president ta' IBM L-Istati Uniti, sabiex tindika l-*ispeċi tal-Ingliż fqir ħafna iżda effikaċi ħafna adottata min-non-native speakers* f'*business* internazzjonali, fejn dawn kienu tassew negozjaturi aħjar, maċ-Ċiniż u l-*Indjan b'mod partikolari, min-native speakers* (ara pereżempju *Don't speak English, parlez Globish*, Pariġi, Eyrolles, 2004–2006).

ġustament. Il-filosofi jafu tajjeb dan il-perikolu, eku tal-*logos* Grieg, kelma tant universali jew "universalizzanti" (*ratio u oratio* jittraduċu l-Latini), li kienet tindika kemm ir-raġuni, il-lingwaġġ u l-lingwa per eċċellenza, jiġifieri l-Grieg. B'hekk il-Franċiż għal Rivarol jiġi konfuż mal-"loġika naturali" u s-"sens komun": "ma hijiex iktar il-lingwa Franċiża, hija l-lingwa umana"[4]. Bħall-Ġermaniż għal Heidegger, iktar Grieg mill-Grieg, huwa "lingwa awtentika" fl-ogħla grad, grad li "jitkejjel fil-fond u s-saħħa tal-eżistenza ta' poplu u ta' razza li jitkellem il-lingwa u jeżisti fiha"[5]. Wieħed jifhem kemm l-approprjazzjoni tal-universali, permezz tal-konfużjoni bejn lingwa, razza, nazzjon, hija potenzjalment sors ta' perikoli kbar.

La *Globish* u lanqas nazzjonaliżmu lingwistiku, "ontoloġiku" sabiex nitkellem bħala Heidegger, iżda liem allura? Preċiżament, it-traduzzjoni, bħala rispett tad-diversità u l-mod tajjeb kif isiru l-affarijiet mad-differenzi. Il-lingwista u diplomatiku kbir Ġermaniż tat-tmiem tas-seklu XIX, Wilhelm von Humboldt, jista' jagħmel kjarifika għalina hawnhekk. Jekk isegwih, wieħed qatt ma jiltaqa' *mal*-lingwaġġ, iżda *ma*' lingwi: "Il-lingwaġġ jidher biss fir-realtà bħala diversità" [6] u jifformaw Panteon, mhux Knisja. Huwa jogħġbu jsemmi l-idea li jista' jkun hemm lingwi daqskemm hemm bnedmin li jabitaw fid-dinja. "Id-diversità tal-lingwi hija kundizzjoni immedjata ta' tkabbir għalina għall-ġid tad-dinja [...]; b'dan il-mod tiġi estiża fl-istess ħin il-firxa tal-eżistenza umana, u manjieri ġodda ta' ħsieb u ta' sentiment jiġu offerti lilna bħala karatteristiċi determinati u reali"[7]. Super Babel radikali, tant kuntent, permezz ta' Għid il-Ħamsin: it-traduzzjoni. Huwa bil-kostruzzjoni tal-wirja *Après Babel, traduir*e [8] li fhimt, naħseb, is-sens ta' dawn il-lingwi żgħar tan-nar fuq ix-xbihat reliġjużi li kienu tant iqanqluni meta kont żgħir. Huma ma jindikawx li l-appostli għandhom id-don tal-lingwi, li jitkellmuhom kollha, iżda pjuttost li dawk li jinsabu hemm jifhmuhom peress li kull wieħed minnhom kien jifhimhom jitkellmu

4 | "Discours sur l'universalité de la langue française" f'*Pensées diverses,* Desjonquères, 1998, p. 134.

5 | M. Heidegger, *De l'essence de la liberté humaine. Introduction à la philosophie (*1930), trad. Martineau E., Gallimard, 1987, p. 57s.

6 | Wilhelm von Humboldt, "Übe die Verschiedenheiten des menschlichen Sprachbaues", fi *Gesammelte Schriften, editur*. A. Leitzmann et *al*., Berlin, Behr, 1907, vol. VI, l-ewwel parti, p. 240.

7 | Wilhelm von Humboldt, iċċitat fi Pierre Caussat, Darius Adamski u Marc Crépon, *La langue comme source de la nation*, Mardaga, 1999, p. 433.

8 | Mużew taċ-Ċiviltajiet fl-Ewropa u fil-Mediterran (MUCEM), u katalgu Actes Sud-Mucem, 2016.

bil-lingwa tiegħu stess, tkun xi tkun dik li biha huma jindirizzawhom. Fi kliem ieħor: huwa Alla, jew l-Ispirtu s-Santu, li huwa l-ewwel traduttur.

Nirritorna lejn l-Ewropa tagħna u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). Iż-żjarat li stajt nagħmel fixkluni ħafna. B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda wieħed mill-kompiti li ġew fdati lilna: nirrappreżenta l-Académie française fil-Commissariat scientifique de la Cité internationale de la langue française f'Villers-Cotterêts, proġett li jissimbolizza l-interess li r-Repubblika Franċiża u l-President tagħha jagħtu lil-lingwa. Fil-QĠUE, il-multilingwiżmu huwa, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, f'daru. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita bi kwalunkwe waħda mill-erbgħa u għoxrin lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Issa, id-deliberazzjonijiet għandhom jiżvolġu fis-sigriet osservat mill-awtoritajiet ġudizzjarji kollha fil-pajjiżi demokratiċi, li jippreklud l-preżenza ta' interpreti. Wara t-tmiem tat-tieni gwerra dinjija, l-imħallfin ħadu d-deċiżjoni li jirrikorru għal-lingwa Franċiża li ġiet imposta bħala lingwa komuni ta' tlieta mis-sitt Stati fundaturi u fid-dawl tal-pożizzjoni tad-dritt Ruman. Iżda s-sentenza stess tingħata fil-lingwa tal-kawża, u hija din li hija awtentika. Is-sentenza tiġi għalhekk tradotta fit-23 lingwa l-oħra tal-Unjoni, ġeneralment għall-jum stess tal-għoti tagħha. Il-ġurisprudenza teżisti għaldaqstant, u bl-istess mod, fil-lingwi kollha tal-Unjoni, li tiżgura l-ugwaljanza quddiem id-dritt. Jidhirli li l-frażi ta' Villers-Cotterêts hija għalhekk żgurata mill-konsegwenzi l-iktar sinjifikattivi: kulħadd ser jiġi ġġudikat fil-lingwa tiegħu u, kull darba, din il-lingwa biss hija awtentika. Ma jkunx hemm bħal fl-ONU r-Riżoluzzjoni 242 li, bejn "le retrait des territoires occupés (l-irtirar mit-territorji okkupati)" u "withdrawal from occupied territories", tipproduċi żewġ mapep differenti ħafna. Għad-domanda li għandha ssir: liema huwa l-ekwivalenti ta' Villers-Cotterêts, illum u band'oħra, fl-Ewropa jew fuq kontinenti oħra? Waħda mit-tweġibiet jidhirli hija: il-QĠUE, magna manjifika li taħdem fil-qalb tal-ħajjiet tagħna ta' Ewropej, għal, jekk ma niżbaljax, xi ħaġa bħall-prezz ta' zokkor kuljum fil-kafè ta' kull ċittadin. Hemm is-sens stess tal-Ewropa ddefinita bħala għaqda fid-diversità.

Peress li din hija xhieda, nixtieq sabiex intemm insemmi żewġ tipi ta' xogħlijiet pendenti. L-ewwel wieħed huwa prattika ta' kuljum. Dan jikkonċerna dawk li waslu milux u l-ħin tal-akkoljenza. Jien naħdem fi ħdan assoċjazzjoni, Maisons de la sagesse-Traduire, li, bl-appoġġ tal-Ministeru għall-Intern u tal-Ministeru għall-Kultura, tipproduċi sensiela ta' *Glossaires bilingues de l'administration française* ta' ġeneru ġdid. Kollox telaq minn din il-konstatazzjoni, li saret waqt il-wirja *Après Babel, traduire*: il-kwistjonijiet l-iktar sempliċi, fl-għexieren ta' kwestjonarji, materjalizzati jew le, li l-operaturi l-ġodda għandhom jimlew malli jqiegħdu saqajhom fuq l-art tagħna, huma kbar fi Franza f'sekli tal-amministrazzjoni Franċiża. Kunjom, isem, data tat-twelid, stat, xejn fih innifsu ma japplika għal min wasal milux, il-mod kif jinħatru, li jiġu indikati r-rabtiet ta' parentela, il-jum u s-sena tat-twelid,

dan kollu jvarja skont il-kulturi, xi drabi jeħtieġ li jiġu vvintati kliem ġdid b'tali jew tali lingwa sabiex jiġu indikati dawn ir-realtajiet evidenti għalina, għalina iżda mhux għal kulħadd. Mill-ġdid, ma huwiex tant sempliċi li tifhem li wieħed ma jifhimx. Minn hemm l-eżasperazzjoni minn naħa, l-iskumdità u s-silenzju mill-oħra, u l-impotenza kullimkien. Huwa sabiex jiġi ffaċilitat dan it-tagħlim tar-reċiproċità elementari li l-glossarji tagħna huma intiżi. Bl-għajnuna, b'mod partikolari, ta' dak li aħna qed nistgħu nsejħu "togħmiet ta' kultura", li jimmarkaw il-ħin ta' waqfien neċessarju sabiex jiġi spjegat dak li jista' jimblokka l-fehim reċiproku, jew li joħloq konfużjoni minħabba n-nuqqas ta' qbil bejn il-prattiki, l-użu, id-drittijiet, ir-regoli fis-seħħ hawnhekk u xi mkien ieħor. Hemm, flimkien ma' dawn il-kwestjonarji kollha, testi żgħar mimlijin kliem l-iktar ta' kuljum, iżda f'daqqa wkoll mimlija b'termini, kultant astratti ħafna u xi drabi għall-kuntrarju konkreti ħafna, tekniċi jew speċjalizzati, marbuta mad-dritt, mas-saħħa, max-xogħol, mal-akkomodazzjoni, mal-għajnuna, mat-taxxi, li ma jeżistux bħala tali fil-lingwa l-oħra, li ma jirreferu għal xejn jew ma għandhomx ekwivalenti eżatt. Inti għidt "iddivorzjat", "f'unjoni ċivili", x'inhuwa dan? Inti tixtieq titkellem dwar "familja kbira"' jew "familja żgħira"? X'inhu "ċentru fiskali" għal Soninkiż jew Sirjan? Kif tindika li fir-Russja "nazzjonalità" u "ċittadinanza" ma għandhomx l-istess tifsira bħal fi Franza? Naturalment il-kwestjonarji huma tradotti, ġeneralment tajjeb ħafna, u naturalment hemm interpreti, iżda huwa fuq il-mertu, ta' kultura għal kultura u ta' lingwa, li kultant huwa diffiċli li jinftiehem. Jekk ikun il-każ, jeħtieġ li jinħolqu kliem f'dawn il-lingwi l-oħra, billi wieħed jibbaża ruħu fuq l-istint u l-kapaċità naturali lingwistika ta' dawk li jitkellmuhom, kif barra minn hekk stess ma waqafniex nimportaw u noħolqu fil-Franċiż matul iż-żmien. It-traduzzjoni hija iktar minn għerf, iktar minn arti, hija ż-żmien tal-ħajja.

Il-proġett l-ieħor, ambizzjuż ħafna, jieħu l-affarijiet fil-għoli. X'għandu jsir sabiex l-Ewropa tkun realment għanja bil-lingwi tagħha? Kif tista' tippromwovi d-diversità tagħhom, iddefinita fl-Ewropa? Hawn xi modi, li jipprova jużaw il-proġett kollettiv li semmejna, u jingħata kreditu lil min jistħoqqlu, *Projet ECO.*

Sabiex wieħed jagħmel vantaġġ minn dak li jista' jidher żvantaġġ, l-24 lingwa tagħna, għandu l-ewwel jittieħed vantaġġ mill-fatt li huma dinjija: l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Franċiż, il-Portugiż, huma fost il-lingwi l-iktar mitkellma fid-dinja — mingħajr ma jintesew il-lingwi mitkellma ma' ġenb il-lingwi nazzjonali, bħall-Għarbi, it-tieni lingwa ta' Franza. Il-lingwi tal-Ewropa huma l-iktar paċifiċi mill-armi tagħha ta' konkwista.

Tali proġett huwa fil-qalba tat-tħassib u tar-rakkomandazzjonijiet l-iktar attwali. Dan jgħaddi mill-istrutturazzjoni ta' umanitajiet diġitali li jixirqilhom dan l-isem: mhux sempliċement iżidu n-numru ta' korpi diġitalizzati, ikunu kemm ikunu interessanti,

iżda jsawwarhom f’wieħed kollu disponibbli minn idea li tmexxi, sabiex jikkostitwixxi parametru ta’ riferiment Ewropew ta’ dak li ma jistax jiġi tradott marbut ma’ mutur Ewropew ta’ traduzzjoni.

Huwa fil-qalba tal-komunikazzjoni fil-ġejjieni: it-traduzzjoni newronali. Il-parametru ta’ riferiment, meħud fuq il-kompetenzi lingwistiċi u terminoloġiċi kunsiderevoli tal-interpreti, tradutturi u ġuristi lingwisti fis-servizz tal-istituzzjonijiet Ewropej, huwa intiż li jkabbar it-tagħlim profond tal-magni li jitgħallmu. Huwa intiż li juża l-552 kombinazzjoni lingwistika, kif ukoll li jinfetaħ għall-kontribuzzjonijiet u l-esperjenzi taċ-ċittadini. Iwitti t-triq billi jagħmel xi mistoqsijiet b’saħħithom: magna titgħallem bħal wild? Kif jiffurmaw kwantità u kwalità? Kif għandhom jiġu stabbiliti l-konnessjonijiet il-ġodda? X’inhu l-istatus ta’ dawn il-metafori invażivi?

Il-progress mistenni mhux biss jirrigwarda l-kwalità u d-diversità tal-korp. Huwa wkoll marbut mal-kostruzzjoni tal-algoritmu. L-iżvilupp tal-mutur ECO jrid juża l-kapaċitajiet kunsiderevoli tat-teknoloġija newronali filwaqt li jieħu ħsieb li ma jintroduċix żball marbut mal-proċess innifsu u billi jippermetti lill-mudelli mħarrġa jesprimu dubji — b’mod li jagħti l-kontroll lill-utent finali u jistabbilixxi fiduċja f’din l-għodda ta’ traduzzjoni innovattiva. It-traduzzjoni newronali b’hekk ikollha r-rwol ta’ informatur fir-rigward tad-diffikultajiet u tal-preġudizzji.

Naqbel mas-sentenza ta’ Jacques Derrida: “Iktar minn lingwa waħda”

Jidher li din is-sentenza tiddefinixxi għalih dak li jsejjaħ id-“dekostruzzjoni”, jiġifieri t-tqegħid inkwistjoni tal-filosofija u tal-istorja tiegħu bħat-tradizzjoni, mil-Latin *tradere,* “tittrażmetti”, l-istorja, — anki jekk il-kelma kellha xortijiet ġodda, b’mod partikolari ffeminizzati. “Kieku kelli nirriskja, Alla jħarisni, definizzjoni waħda tar-dekostruzzjoni, qasira, elittika, ekonomika bħala slogan, jien nagħżel mingħajr sentenza: “Iktar minn lingwa waħda”, kiteb f’*Mémoires pour Paul de Man*[9].

Kif nifhimha, din hija sentenza li tiddeskrivi l-moviment stess tal-kostruzzjoni u taċ-ċittadinanza Ewropea. Hija tiddeskrivi l-enerġija ta’ meta jibda l-moviment, tat-tqegħid inkwistjoni, neċessarja għal kull istituzzjoni fit-tul.

9 | Galilée, 1988, p. 38.

# Il-multilingwiżmu quddiem il-qrati Lussemburgiżi

## — Jean-Claude Wiwinius

**Jean-Claude Wiwinius kien President tal-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja u tal-Qorti Kostituzzjonali fil-Lussemburgu mill-2016 sal-2021. Mill-2019 sal-2021, huwa ppresjeda n-network tal-Presidenti tal-Qrati supremi tal-Unjoni Ewropea. Huwa okkupa diversi pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fil-ġudikatura Lussemburgiża, fil-Qorti ta' Kassazzjoni, fil-Qorti tal-Appell, fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u fil-Qorti Distrettwali tal-Lussemburgu. Huwa għallem id-dritt internazzjonali privat u l-proċedura ċivili fiċ-Ċentru Universitarju tal-Lussemburgu għal 25 sena. Huwa l-awtur tal-ktieb ta' referenza *Le droit international privé au Grand-Duché de Luxembourg*.**

Il-Lussemburgu huwa **pajjiż miftuħ għal kull tip ta' kultura u għandu firxa wiesgħa ta' nazzjonalitajiet.** Huwa jaf jintegra dan il-multikulturaliżmu bħalma ftit soċjetajiet oħra huma kapaċi jagħmlu.

Il-multilingwiżmu u d-diversità kulturali huma intrinsiċi fl-istorja u fl-identità ta' diversi pajjiżi. Il-Lussemburgu huwa eżempju ħaj ta' dan. Il-pajjiż huwa multilingwi, jilqa' numru sinjifikattiv ta' residenti li joriġinaw minn pajjiżi oħra, jimpjega ħaddiema transkonfinali u jaqsam il-fruntieri tiegħu mal-Ġermanja, mal-Belġju u ma' Franza. Il-Gran Dukat huwa mmexxi minn komunità internazzjonali kbira li toffrilu l-firxa ta' kulturi, ta' reliġjonijiet u ta' ambjenti soċjali tagħha.

## IT-TRILINGWIŻMU FIL-LUSSEMBURGU

Is-sistema tal-lingwi ġiet stabbilita legalment fil-Lussemburgu permezz ta' liġi tal-24 ta' Frar 1984. Din tgħid dan li ġej:

**"Artikolu 1** – Il-Lingwa nazzjonali

Il-lingwa nazzjonali tal-Lussemburgu hija l-Lussemburgiż.

**Artikolu 2** – Il-Lingwa tal-leġiżlazzjoni

L-atti leġiżlattivi u r-regolamenti ta' implimentazzjoni tagħhom huma redatti bil-Franċiż. Meta l-atti leġiżlattivi u regolatorji jkollhom traduzzjoni magħhom, it-test Franċiż biss huwa awtentiku.

[...]

**Artikolu 3** – Il-Lingwi amministrattivi u ġudizzjarji

Fil-qasam amministrattiv, kontenzjuż jew mhux kontenzjuż, u fil-qasam ġudizzjarju, jistgħu jintużaw il-Franċiż, il-Ġermaniż jew il-Lussemburgiż, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw ċerti oqsma.

**Artikolu 4** – Rikorsi amministrattivi

Meta rikors isir fil-Lussemburgu, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, l-amministrazzjoni għandha tuża, sa fejn ikun possibbli, il-lingwa magħżula mir-rikorrent għat-tweġiba tagħha. "

B’hekk, il-liġi tal-1984 stabbilixxiet it-“trilingwiżmu” fil-Lussemburgu, fejn il-Franċiż u l-Ġermaniż kienu storikament il-lingwi amministrattivi fil-Lussemburgu, filwaqt li l-Franċiż attwalment baqa’ l-unika lingwa tal-leġiżlazzjoni. Fl-1984, żdiedet il-lingwa lokali li hija l-Lussemburgiż, li saret l-unika lingwa nazzjonali tal-pajjiż. Il-multilingwiżmu fil-Gran Dukat huwa fatt b’popolazzjoni li għandha prattika ta’ kuljum tat-tliet lingwi, peress li l-lingwa ta’ integrazzjoni tibqa’ dejjem il-Lussemburgiż. Il-prattika tal-Lussemburgiż inżammet fil-popolazzjoni parzjalment biex issaħħaħ l-identità nazzjonali (*eis Sprooch*, “il-lingwa tagħna”).

Din il-partikolarità hija dovuta għad-daqs żgħir tal-pajjiż u għall-istorja tal-Gran Dukat, li jinsab f’salib it-toroq taż-żoni li jitħaddtu bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Id-diversi skambji bejn il-Lussemburgu u l-ġirien tiegħu, u, b’mod partikolari, mis-snin 1970, l-emigrazzjoni lejn il-Lussemburgu sabiex isibu xogħol hemmhekk, għamlu mod li ż-żewġ lingwi viċini huma attwalment l-iktar mitkellma fil-pajjiż.

**Kuntrarjament għal pajjiżi** multilingwi **oħra, bħall-**Iżvizzera**, il-**Kanada **jew il-**Belġju**, fejn id-distribuzzjoni tal-lingwi hija ġeografika, din hija funzjonali fil-Lussemburgu, li jfisser li l-użu ta’ lingwa partikolari jew oħra jiddependi mis-sitwazzjoni.** B’mod ġenerali, it-trilingwiżmu parallel huwa aċċettat. Kulħadd jista’ jitkellem fil-lingwa tiegħu, iżda għandu jifhem it-tnejn l-oħra, mingħajr ma jeżiġi traduzzjoni.

Fil-qasam skolastiku, it-tagħlim tat-tliet lingwi huwa obbligatorju. L-istudenti kollha għandhom jistudjaw il-Ġermaniż mill-età ta’ 6 snin, il-Franċiż minn 7 snin u l-Ingliż minn 14-il sena ’il fuq.

Fl-iskola primarja, il-korsijiet jingħataw bil-Ġermaniż u l-ispjegazzjonijiet jingħataw bil-Lussemburgiż. Fl-iskola sekondarja, it-tagħlim klassiku jingħata bil-Ġermaniż fil-klassijiet inferjuri, filwaqt li l-livelli superjuri jużaw il-Franċiż. Fit-tagħlim ġenerali, fil-livell inferjuri, is-suġġetti kollha jiġu mgħallma bil-Ġermaniż, ħlief il-matematika, filwaqt li fil-livell superjuri l-korsijiet jingħataw prinċipalment bil-Franċiż, iżda l-ispjegazzjonijiet jibqgħu jingħataw ta’ spiss bil-Lussemburgiż.

## IL-MULTILINGWIŻMU FIL-LUSSEMBURGU

Iktar minn 200 lingwa huma attwalment mitkellma fil-Lussemburgu. Bi ftit iktar minn 55 %, il-Lussemburgiż jinsab fl-ewwel post, segwit mill-Portugiż (16 %) u mill-Franċiż (12 %).

Skont il-Lussemburgiżi, fl-2012, bl-eċċezzjoni tal-lingwa materna tagħhom, il-lingwi l-oħra li kienu l-iktar utli li jkunu jafu għall-iżvilupp personali tagħhom, kienu b’72 %, il-Franċiż, b’47 %, il-Ġermaniż u, b’40 %, l-Ingliż. Madankollu, ma huwiex eskluż li dan il-proporzjon jgħaddi minn bidliet fil-futur qarib jew inqas qarib. Nirrakkonta dak li ġara lili, jien u ngħaddi l-verbi pronominali man-neputi tiegħi ta’ 11-il sena, dan il-ġuvnott qalli (bil-Lussemburgiż) : “Imma, nannu, dan kollu għal xejn, iktar tard meta naħdem mhux se jkolli iktar bżonn il-Franċiż, għax l-Ingliż se jkun biżżejjed.” Imbasta l-Gran Dukat jiftaħar daqstant ta’ spiss bil-Frankofonija.

Il-multilingwiżmu huwa msaħħaħ ukoll bil-preżenza ta’ diversi ħaddiema transkonfinali bil-Franċiż (75 %) jew bil-Ġermaniż (25 %). Dawn il-ħaddiema transkonfinali jirrappreżentaw kważi nofs il-ħaddiema tal-pajjiż. Mat-tliet lingwi uffiċjali, għandu jiżdied l-użu tal-Portugiż u tal-Ingliż: kważi 18 % tal-popolazzjoni hija Portugiża, dan il-fatt joħloq komunità qawwija fejn il-Portugiż jibqa’ l-lingwa użata anki jekk it-tieni ġenerazzjoni titkellem bil-Lussemburgiż. L-iżvilupp qawwi ħafna tas-settur bankarju għamel frekwenti ħafna l-użu tal-Ingliż bħala lingwa tax-xogħol.

L-istampa nazzjonali hija miktuba fil-parti l-kbira tagħha bil-Ġermaniż u parzjalment bil-Franċiż, mingħajr ma l-artikli jiġu tradotti fil-lingwa l-oħra. Wieħed isib ukoll ftit linji miktuba bil-Lussemburgiż: ittri mill-qarrejja, avviżi personali relatati mal-ħajja privata (nekroloġi, avviżi varji, eċċ.). Ilhom jeżistu wkoll, għal xi snin, gazzetti ta’ kull ġimgħa bl-Ingliż u bil-Portugiż.

Fix-**Chambre des Députés** (il-Parlament Lussemburgiż), il-lingwa kurrenti hija l-Lussemburgiż, flimkien xi drabi mal-użu tal-Franċiż għaċ-ċitazzjoni tat-testi legali. Min-naħa l-oħra, fl-assemblej plenarji tal-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat) jintuża l-Franċiż.

Kif jidher dan kollu fil-prattika fil-ħajja ta’ kuljum fil-Gran Dukat? Nagħti xi eżempji, b’ebda ordni partikolari, li ltqajt magħhom fil-ġimagħtejn qabel ma lestejt din il-kontribuzzjoni. Il-belt ta’ Esch-sur-Alzette, il-kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2022, fejn, barra l-Lussemburgiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, jiġu mitkellma t-Taljan u l-Portugiż fil-bosta familji tal-ħaddiema fl-industrija tal-azzar riżultat tal-immigrazzjoni, qed tiddedika wieħed mill-proġetti tagħha — dramm “poliglott” fejn l-atturi jesprimu ruħhom fil-lingwi materni rispettivi tagħhom —, għall-problemi iżda wkoll għall-komiċità ta’ sitwazzjonijiet li jistgħu jitnisslu mit-taħlita ta’ dawn il-lingwi (“melting pot lingwistiku”). *Flyer* tal-amministrazzjoni tal-komun ta’ residenza tiegħi jħabbar il-kollezzjoni li jmiss tal-oġġetti goffi għar-rimi f’sitt lingwi. F’ittra lill-editur ta’ ġurnal Lussemburgiż, l-awtur jilmenta dwar il-fatt li l-avviżi fit-trams isiru biss bil-Franċiż u bl-Ingliż, u mhux ukoll bil-Ġermaniż u bil-Lussemburgiż.

Il-mara li tkun ġejja lura mill-provi tal-kor tagħha tgħid li hija kellha tesprimi ruħha f'ħames lingwi differenti sabiex tkun tista' titkellem mal-ħbieb koristi tagħha. Eżempju ieħor, jien, li waqt mixja tlift iċ-ċellulari tiegħi, u li, fi triqti lura, kelli nistaqsi, bi tliet lingwi differenti, lil tliet persuni differenti jekk kinux sabu ċ-ċellulari tiegħi. Il-lista ta' eżempji bħal dawn ma tispiċċa qatt. Ħadd fil-Lussemburgu ma jiskanta u, fuq kollox, ħadd ma jieħu għalih.

## IL-LUSSEMBURGIŻ

Il-Lussemburgiż ibbenefika minn dan l-ambjent multilingwi.

Nirrileva fil-qosor li l-Lussemburgiż (*Lëtzebuergesch*), l-unika lingwa tal-Luxembourgeois, huwa lingwa indo-Ewropea tal-familja tal-lingwi Ġermaniċi (il-Frank Mosellan) mitkellem essenzjalment fil-Lussemburgu kif ukoll f'xi muniċipalitajiet konfinanti fil-Belġju, fi Franza u fil-Ġermanja. Wieħed iqis li madwar 600 000 persuna fid-dinja jitkellmu din il-lingwa.

L-istatus irrikonoxxut tal-lingwa nazzjonali tal-Lussemburgu juri realtà: il-lingwa Lussemburgiża ma hijiex djalett. Il-Lussemburgiżi bejniethom jitkellmu biss bil-Lussemburgiż, u dan fil-livelli kollha u fis-sitwazzjonijiet kollha. Huma jitkellmu għalhekk "il-lingwa tagħhom".

Għal diversi snin, għadhom għaddejjin xogħlijiet ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni Lussemburgiża. L-aħħar fażi għadha kif inbdiet. Fil-Kapitolu 1, intitolat "L-Istat, it-territorju u l-abitanti tiegħu", u b'mod iktar preċiż fit-Taqsima 1, intitolata "L-Istat, dwar il-forma politika tiegħu u s-sovranità", hemm l-Artikolu 4 li, fil-paragrafu (1) tiegħu, jipprevedi: "Il-lingwa tal-Lussemburgu hija l-Lussemburgiż. Il-liġi tirregola l-użu tal-lingwi Lussemburgiż, Franċiż u Ġermaniż. "

Il-kummentarju ta' dan it-test jindika li, bħal fil-każ ta' Kostituzzjonijiet Ewropej oħra, l-Artikolu 4 jsemmi s-simbolu tal-Istat li huma l-lingwa, il-bandiera nazzjonali, l-armi u l-innu nazzjonali. F'dak li jirrigwarda s-sistema lingwistika, il-formulazzjoni li tinkludi l-lingwa Lussemburgiża hija intiża li żżomm ċerta flessibbiltà fir-regolamentazzjoni tal-użu tal-lingwi Lussemburgiża, Franċiża u Ġermaniża permezz ta' leġiżlazzjoni. Waqt id-dibattiti fix-Chambre des Députés li tiltaqa' bħala assemblea kostitwenti, il-kelliema qiesu li l-istabbiliment mhux biss tal-lingwa Lussemburgiża iżda wkoll tal-multilingwiżmu fil-Kostituzzjoni tixhed ir-rabta tal-pajjiż mal-multilingwiżmu, li jikkostitwixxi vantaġġ għall-pajjiż u jippermetti li tiġi difiża l-importanza tal-Lussemburgu madwar id-dinja.

## IL-MULTILINGWIŻMU U D-DINJA ĠUDIZZJARJA

### IL-MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA

**Il-liġi emendata tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-attachés de justice** (l-uffiċjali ġudizzjarji) tipprevedi fl-Artikolu 2 tagħha, għall-uffiċjali ġudizzjarji li jiġu rreklutati permezz ta' eżami kompetittiv, li sabiex jiġu ammessi għal dan l-eżami, għandhom jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet, jiġifieri, b'mod partikolari, ikunu ta' nazzjonalità Lussemburgiża, iżda fuq kollox — f'dan il-kuntest — **ikunu jafu b'mod adegwat it-tliet lingwi amministrattivi u ġudizzjarji**, kif iddefiniti mill-Artikolu 3 tal-Liġi tal-24 ta' Frar 1984 dwar is-sistema tal-lingwi.

L-istħarriġ tal-konoxxenzi lingwistiċi huwa previst fl-Artikoli 3 u 4 ta' Regolament Gran Dukali tal-25 ta' Ġunju 2021 dwar ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-uffiċjali ġudizzjarji. Bħala prinċipju, il-kandidati kollha li spiċċaw l-istudji sekondarji tagħhom fi skola li tapplika l-programmi ta' edukazzjoni pubblika Lussemburgiż jiġu eżentati minn eżami lingwistiku. Min-naħa l-oħra, huwa previst eżami bil-Lussemburgiż u, f'każ ta' bżonn, bil-Ġermaniż jew bil-Franċiż. Anki jekk it-test tal-Artikolu 2 jitkellem dwar għarfien "adegwat", huwa aċċettat li l-membru tal-ġudikatura Lussemburgiż ikun jaf "perfettament" it-tliet lingwi. Dawn l-aħħar tliet snin, ġew irrifjutati sitt kandidati mill-Kummissjoni ta' reklutaġġ u ta' taħriġ tal-uffiċjali ġudizzjarji (tlieta fl-2019, wieħed fl-2020 u tnejn fl-2021) minħabba l-insuffiċjenza tal-konoxxenzi lingwistiċi tagħhom. Xi kultant il-kandidat irrifjutat jerġa' jippreżenta ruħu s-sena sussegwenti, wara li jkun segwa b'suċċess korsijiet intensivi tal-Lussemburgiż jew tal-Ġermaniż.

### L-AVUKATI

F'pubblikazzjoni ddedikata għall-"Moviment liberu tal-avukati fil-Lussemburgu", bid-data ta' għaxar snin ilu, l-imħallef Lussemburgiż attwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, François Biltgen, eżamina fid-dettall l-istorja tal-problemi li ltaqgħu magħhom iż-żewġ kmamar tal-avukati Lussemburgiżi, li kellhom adeżjoni ta' numru kbir ħafna ta' avukati mhux Lussemburgiżi, f'dak li jirrigwarda l-għarfien lingwistiku ta' dawn l-avukati barranin u l-kontroll ta' dan l-għarfien fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. L-awtur espona l-isfond fattwali tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2013, li temenda l-Liġi tal-10 ta' Awwissu 1991 dwar il-professjoni ta' avukat, u fakkar il-proċedura ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni Ewropea fl-2011, skont l-Artikolu 258 TFUE fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ammissjoni tal-avukati Ewropej inklużi fil-lista IV tar-Reġistru

tal-Kamra tal-Avukati li jitolbu l-inklużjoni fil-lista I ta' dan ir-reġistru "klawżola ta' assimilazzjoni").

Fil-preżent, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31–1 tal-Liġi dwar il-Professjoni ta' Avukat ċċitata iktar 'il fuq, "[l]-avukati inklużi individwalment għandhom ikunu jafu l-lingwa tal-leġiżlazzjoni fis-sens tal-Liġi tal-24 ta' Frar 1984 dwar is-sistema tal-lingwi kif ukoll kull lingwa oħra neċessarja għall-eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali tagħhom, bla ħsara għall-Artikolu 6(1)(d). L-avukati rreġistrati fil-lista II għandhom, barra minn hekk, ikunu jafu l-lingwi amministrattivi u ġudizzjarji tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu neċessarji għat-twettiq tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-prattika ġudizzjarja. L-avukat li jaċċetta li jieħu ħsieb il-każ għandu jkollu l-kompetenzi professjonali u lingwistiċi neċessarji taħt piena li jkun espost għas-sanzjonijiet dixxiplinari previsti".

L-inklużjoni fil-lista II (avukati apprendisti) tar-Reġistru tal-Kamra tal-Avukati hija possibbli biss jekk il-kandidat ikun jista' juri għarfien tajjeb tal-Lussemburgiż, tal-Franċiż u tal-Ġermaniż. Għal dak li jikkonċerna s-silta mil-lista IV għal-lista I (Avukat tal-Qorti tal-Ġustizzja), ċirkulari tal-President (Nru 1 2013/2014) tipprovdi li l-avukat għandu jippreżenta dikjarazzjoni fuq l-unur li huwa ser jillimita ruħu li jipprattika esklużivament fil-lingwi li huwa jaf bihom, b'indikazzjoni tal-lingwi magħrufa. Ġie adottat regolament tat-8 ta' Ġunju 2016 mill-Conseil de l'Ordre (il-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati) sabiex jispeċifika punti differenti. L-ewwel nett, wieħed jaqra hemmhekk li l-livelli li għandhom jintlaħqu fir-rigward tal-għarfien tal-lingwa huma dawk stabbiliti mil-liġi. Dan ir-regolament sussegwentement jispeċifika li s-suċċess ta' korsijiet komplementari fid-dritt Lussemburgiż iwassal għall-preżunzjoni li l-lingwa Franċiża hija magħrufa fis-sens tal-liġi. Il-kandidati li jkunu kisbu edukazzjoni primarja jew sekondarja f'sistema ta' edukazzjoni Lussemburgiża jew Ġermaniża u li jkunu kisbu, f'din is-sistema, diploma li tippermetti l-aċċess għal studji ta' edukazzjoni ogħla, sa fejn it-tagħlim li jkun wassal għal din id-diploma jkun ingħata bil-Lussemburgiż jew bil-Ġermaniż, jitqiesu li jafu l-Lussemburgiż jew il-Ġermaniż fis-sens tal-liġi. Il-kandidati l-oħra għandhom jipproduċu ċertifikat li jiċċertifika l-livell ta' konoxxenza tal-Lussemburgiż jew tal-Ġermaniż meħtieġa mil-liġi, maħruġ minn professjonist awtorizzat.

Madankollu, dawn it-testi relattivament reċenti ma jiġux dejjem segwiti fil-prattika.

Għalkemm, kif għadu kif ġie espost, l-avukatura tal-Lussemburgu, matul dawn l-aħħar snin, uriet ċerta severità fir-rigward tal-istħarriġ tal-konoxxenzi lingwistiċi tal-membri tagħha billi għamlet minnha, ġustament, kwistjoni ta' etika professjonali, dan mhux dejjem kien il-każ.

Niftakar iż-żmien, fis-snin 1984–1989, fejn bħala kummissarju tal-**ġustizzja f'Esch-sur-Alzette**, kelli naffaċċja sitwazzjonijiet li kienu joqorbu r-ridikolu. Quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja, fejn wieħed jittratta, minbarra l-kwistjonijiet kollha tal-kera u tad-dritt tax-xogħol fl-ewwel istanza, li l-ammont inkwistjoni jkun ta' importanza żgħira (attwalment taħt EUR 15 000), l-individwu jista' jidher mingħajr l-assistenza ta' avukat. Iktar minn darba, kelli nżid mar-rwol tiegħi ta' mħallef dak ta' interpretu, biex nispjega lill-individwu Lussemburgiż dak li l-avukat avversarju, li ma kienx ikun jaf jesprimi ruħu bil-Lussemburgiż, kien għadu kemm qal. Iktar minn hekk kienet is-sitwazzjoni li fiha kien ikolli nispjega lill-avukat dak li l-avversarju tiegħu kien għadu kif qal bil-Lussemburgiż. Evidentement, dan ma huwiex ir-rwol tal-imħallef. Iżda, bħala "juge de proximité" (imħallef lokali) u li jkollu wkoll, skont il-liġi, missjoni ta' konċiljatur, bħall-kollegi tiegħu, kont nippreferi naġixxi b'dan il-mod u b'hekk nevita, minn naħa, li tinbeda l-kawża sabiex parti ssib avukat li jesprimi ruħu bil-Lussemburgiż u, min-naħa l-oħra, spejjeż eventwali inutli ta' interpretu, spejjeż li kienu jirriskjaw li jaqbżu l-ammont tat-talba għall-ħlas. Ovvjament, kellha tingħata soluzzjoni oħra lill-avukat: "Sfortuna għalik - u għall-klijent tiegħek - jekk ma tkunx tista' tifhem x'ikun qed jintqal fil-qorti."

Jidher li, minkejja r-regoli l-ġodda esposti iktar 'il fuq, is-sitwazzjoni fir-rigward tal-użu tal-lingwi — tal-inqas quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja — ma nbidlitx kompletament, jekk mhux it-tixrid ta' ċirkulari komuni tal-kummissarju tal-ġustizzja tal-Lussemburgu u tal-kamra tal-avukati tal-Lussemburgu, iffirmata reċentement ħafna, fit-22 ta' Marzu 2022, ma kinitx tkun neċessarja. Din taqra, taħt it-titolu "Użu tal-lingwi", wara d-dikjarazzjoni tal-Artikolu 31–1 tal-Liġi emendata dwar il-professjoni ta' avukat: "Huwa preżunt li, waqt is-seduta, il-Lussemburgiż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż ikunu suffiċjentement magħrufa sabiex wieħed jifhem, jitkellem u jittratta f'dawn il-lingwi. Ma jaqax taħt il-kompetenzi tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, tal-Assessuri jew tar-Reġistru tal-Qorti li jittraduċu. L-Avukat għandu jkollu konoxxenza tal-lingwa mitkellma tal-interlokutur, kemm jekk ikun avukat kif ukoll jekk ikun individwu privat. Fin-nuqqas ta' dan, huwa jkollu jiġi assistit minn kollega li jkollu l-kompetenzi lingwistiċi meħtieġa."

## IS-SEDUTI

Kif ġie kkonstatat fl-introduzzjoni f'dan l-artiklu, fl-Artikolu 3 tal-liġi tal-24 ta' Frar 1984, iċċitata iktar 'il fuq, l-użu tal-Franċiż, tal-Ġermaniż u tal-Lussemburgiż fil-qasam ġudizzjarju huwa awtorizzat b'mod wiesa'. Bħala prinċipju, it-**trilingwiżmu huwa rrispettat bis-sħiħ**.

Konkretament, fil-proċessi kollha li jgħaddu minn **proċedura bil-miktub** u fejn l-assistenza ta' avukat tkun meħtieġa (jiġifieri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Qorti Amministrattiva, l-Awli Ċivili, Kummerċjali u Industrijali tal-Qorti tal-Appell u quddiem il-qrati distrettwali f'materji ċivili), id-dokumenti jinkitbu bil-Franċiż. Jekk, waqt is-seduta, ikun meħtieġa spjegazzjonijiet, dawn isiru wkoll (ġeneralment) bil-Franċiż.

Fil-**kawżi l-oħra** kollha (jiġifieri, f'materji kriminali quddiem il-qrati kollha, quddiem il-qrati distrettwali — ħlief fil-qasam ċivili — quddiem il-qorti amministrattiva u quddiem il-Kummissarji tal-Ġustizzja), fejn l-individwu jista' jippreżenta ruħu mingħajr l-assistenza ta' avukat, **is-sottomissjonijiet orali jistgħu jinżammu f'waħda mit-tliet lingwi** uffiċjali tal-pajjiż. F'dawn il-kawżi, anki l-avukati mhux dejjem jittrattaw bil-Franċiż. U taħdem il-ħaġa.

Evidentement, l-individwi kollha ma jafux (jew ma jridux) jesprimu ruħhom f'waħda minn dawn it-tliet lingwi. Huma għandhom għalhekk id-dritt li jesprimu ruħhom fil-lingwa tal-għażla tagħhom u li jkunu assistiti minn interpretu. Jien, li ppresjedejt awla kriminali tal-Qorti tal-Appell għal diversi snin, inqis li **kważi nofs il-kawżi kriminali jseħħu bl-assistenza ta' interpretu**.

F'dan ir-rigward, għandu jsir riferiment għal-Liġi tat-8 ta' Marzu 2017 li ssaħħaħ il-garanziji proċedurali fil-qasam kriminali u li, fost oħrajn, tittrasponi d-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ottubru 2010, dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, li introduċiet l-Artikoli 3–2 sa 3–5 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

Dawn l-artikoli jipprevedu li persuna li ma titkellimx jew li ma tifhimx il-lingwa tal-kawża għandha dritt għall-assistenza bla ħlas ta' interpretu hekk kif tiġi interrogata (Artikolu 3–2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) u għandha dritt għal traduzzjoni bla ħlas tad-dokumenti kollha li jiġu nnotifikati lilha f'lingwa li tifhem (Artikolu 3–3 tal-istess kodiċi). L-istess ħaġa tgħodd għall-vittmi u għall-partijiet ċivili (Artikoli 3–4 u 3–5 tal-istess kodiċi).

Għandhom isiru diversi osservazzjonijiet f'dan ir-rigward. Qabelxejn, minħabba n-numru kbir ta' residenti barranin fil-Gran Dukat u minħabba d-diversità tal-lingwi mitkellma, spiss ikun hemm **problemi serji biex jinstabu interpreti** jew tradutturi disponibbli fil-lingwa mixtieqa, peress li l-parti l-kbira ta' dawn il-persuni jkollhom okkupazzjoni prinċipali oħra, u dan jirrestrinġi d-disponibbiltà tagħhom. Hemm ħtieġa ta' "Dipartiment ta' Traduzzjoni" proprju fl-amministrazzjoni ġudizzjarja sabiex jiġu rrimedjati dawn il-

problemi prattiċi. Jiġri wkoll li l-avukat jitlob l-assistenza ta’ interpretu sabiex ikun jista’ jiltaqa’ mal-klijent tiegħu stess. Sfortunatament, il-kwalità tal-interpretazzjonijiet spiss ma tkunx tal-livell mixtieq. It-talbiet għal interpretazzjoni, kemm jekk ikunu abbużivi jew le, isiru kultant fl-aħħar mument, qabel is-seduta, li jwassal għal differiment tal-kawża.

Inutli li jiġi ppreċiżat li l-ispejjeż **tat-traduzzjonijiet u tal-interpretazzjonijiet** huma kbar. Fl-2021, l-amministrazzjoni ġudizzjarja ħallset EUR 577 600 lill-interpreti tal-pulizija, EUR 300 647.62 għall-interpreti quddiem il-qrati, u EUR 980 940 għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti, li jammonta għal total ta’ EUR 1 859 187.62.

Jibqa’ ta’ interess li tissemma’ **ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali** dwar l-użu tal-Ġermaniż u tal-Franċiż fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja tas-16 ta’ Settembru 1879, li — uffiċjalment — għadha fis-seħħ. Skont din iċ-ċirkulari, “[f] l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ċivili u kummerċjali, fejn il-partijiet ikunu rrappreżentati minn avukati-prokuraturi, wieħed juża l-lingwa Franċiża, il-ġudikanti u l-uffiċjali tal-pulizija ġudizzjarja tagħna jużaw il-lingwa Ġermaniża fl-atti kollha tal-ġustizzja kriminali”. Jingħad ukoll li “[i]l-kummissarji tal-ġustizzja għandhom għalhekk dejjem jiktbu s-sentenzi li huma jagħtu bħala mħallef tal-pulizija bil-Ġermaniż, u r-reġistraturi tal-kummissarju tal-ġustizzja għandhom jużaw din il-lingwa fin-noti sommarji li huma għandhom jifformulaw fil-qasam tal-infurzar tal-liġi fl-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet legali”.

Madankollu, din l-aħħar ordni ma għadhiex, fil-prattika, segwita mill-kummissarji tal-ġustizzja. Matul il-ħames snin li matulhom huwa kont noqgħod bħala mħallef tal-pulizija fil-qorti distrettwali, niftakar deċiżjoni waħda li kelli jagħti bil-Ġermaniż, fuq talba espressa tal-akkużat.

Il-qrati kemm ġudizzjarji kif ukoll amministrattivi żviluppaw ġurisprudenza interessanti għal dak li jirrigwarda, minn naħa, ir-risposta għal rikors miktub f’lingwa li ma tkunx waħda mit-tliet lingwi uffiċjali u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li tingħata risposta fil-lingwa magħżula mill-persuna kkonċernata.

B’hekk, ġie deċiż li għalkemm huwa minnu li la l-Liġi tat-24 ta’ Frar 1984, u lanqas xi dispożizzjoni legali oħra ma jissanzjonaw espliċitament l-inammissibbiltà ta’ rikors miktub f’lingwa oħra għajr it-tliet lingwi uffiċjali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu li jistgħu jintużaw fil-qasam ġudizzjarju, madankollu xorta waħda jibqa’ l-fatt li r-redazzjoni ta’ rikors promotur f’lingwa oħra li ma tkunx waħda mit-tliet lingwi uffiċjali previsti fl-Artikolu 3 tal-Liġi tal-1984, fin-nuqqas li tinkludi traduzzjoni f’waħda mit-tliet lingwi uffiċjali, mhux biss x'aktarx tikser id-drittijiet tad-difiża tal-konvenut u, fejn applikabbli, tal-parti terza interessata fil-proċedimenti, iżda wkoll ixxekkel lill-imħallef milli jkollu komprensjoni tajba u sħiħa tal-proċess, peress li r-redazzjoni tar-rikors promotur f’waħda mit-tliet lingwi uffiċjali tal-pajjiż hija l-garanzija ta’ tali komprensjoni sħiħa tal-proċess, tant li tali rikors ikun inammissibbli (ara TA 12 ta’ Frar 2020, Nru 42194).

Ġie deċiż ukoll li "[l]-obbligu impost fuq l-amministrazzjonijiet mil-Liġi tal-24 ta' Frar 1984 dwar is-sistema tal-lingwi ma japplikax għall-qrati; dawn huma liberi li jużaw il-lingwa Franċiża li tintuża tradizzjonalment għar-redazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji" (ara Cass tat-30 ta' Ġunju, 2011, Pas tal-2012, p.592; TA tat-23 ta' Settembru, 2015, Nru 35036).

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-**preżentata tad-dokumenti f'lingwa mhux uffiċjali**, il-ġurisprudenza tagħmel minnha kwistjoni ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża.

B'hekk, il-Qorti tal-Appell, wara li fakkret li l-Liġi tal-1984, li tipprevedi li l-Franċiż, il-Ġermaniż jew il-Lussemburgiż jintużaw quddiem il-qrati, tapplika biss għall-atti ġudizzjarji nnifishom, jiġifieri għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u għat-talbiet skambjati bejn partijiet fil-kawża, bl-esklużjoni tal-atti u tad-dokumenti li huma mid-definizzjoni tagħhom pre-eżistenti fil-kawża u li jinżammu fil-proċedura sa fejn l-intervenjenti fil-kawża jifhmu l-kontenut tagħhom, ċaħdet il-motiv intiż li jitwarrbu dibattiti tad-dokumenti redatti bl-Ingliż (ara l-Qorti tal-11 ta' Diċembru, 2019 CAL-2017-71).

Fl-istess sens, il-Qorti Distrettwali tal-Lussemburgu, wara li fakkret li l-materja ġudizzjarja ġiet espressament inkluża, fuq proposta tal-Kunsill tal-Istat, fil-liġi ċċitata iktar 'il fuq tal-1984, qieset li, f'dan il-qasam, l-użu tal-lingwi ma kienx liberu, peress li l-liġi tipprevedi biss il-possibbiltà li jintużaw il-Franċiż, il-Ġermaniż jew il-Lussemburgiż. Peress li, f'dan il-każ, id-dokumenti ċċitati ma kinux dokumenti tal-ħajja ta' kuljum miktuba b'Ingliż kurrenti u bil-kontenut li jinftiehem faċilment, iżda dokumenti ta' natura ġuridika, redatti f'Ingliż legali, li l-interpretazzjoni tiegħu setgħet tagħti lok għal kontroversja u li, barra minn hekk, dawn id-dokumenti kienu jikkostitwixxu elementi determinanti sabiex tiġi stabbilita d-deċiżjoni tal-qorti, hija ddeċidiet li dawn ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala tali, fin-nuqqas li jiġu redatti f'waħda mil-lingwi previsti fil-qasam ġudizzjarju. Konsegwentement, il-qorti stiednet lill-partijiet jippreżentaw traduzzjoni ċċertifikata ta' dawn id-dokumenti (ara TA 14 ta' Novembru 2017, Nru 228/2017).

Fil-**qasam fiskali**, il-Qorti Amministrattiva ddeċidiet li "[i]l-karatteristiċi partikolari tad-dritt fiskali Lussemburgiż, b'mod partikolari fid-dawl tal-oriġini parzjalment Ġermaniża tiegħu, jistgħu jiġġustifikaw, minbarra dawk marbuta mal-identità tal-partijiet jew ma' kawża partikolari, l-użu tal-Ġermaniż quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, anki jekk l-użu tal-Franċiż huwa tradizzjonali, minn tal-inqas għar-redazzjoni tal-atti proċedurali" (ara TA tal-4 ta' Frar 1998, Nru 9850).

Waqt l-**investigazzjonijiet**, ċivili u kriminali, ħafna drabi, il-qorti tistaqsi lix-xhud bil-Lussemburgiż, tippubblika d-dikjarazzjonijiet bil-Ġermaniż u tikteb is-sentenza tagħha bil-Franċiż.

Il-qrati **amministrattivi**, kompetenti fil-qasam fiskali, wara li — normalment — ikunu semgħu sottomissjonijiet bil-Franċiż, jiddeliberaw fil-lingwa materna tagħhom, il-Lussemburgiż, dwar test bil-Ġermaniż, l-*Abgabenordnung,* sabiex fl-aħħar nett jiktbu sentenza bil-Franċiż. Dan ma huwiex żbaljat.

## KELMA TAL-AĦĦAR

Mill-2023, l-ispazju liberu li jinsab fil-livell tat-tielet torri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, sede tal-ġuristi u tal-ġuristi lingwisti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ser jinbidel fi ġnien intiż li jwassal ftit ħdura f'din il-parti tal-plateau intensament urbanizzata. Imsejjaħ "Ġnien il-Multilingwiżmu" minħabba, b'mod partikolari, il-prossimità tiegħu mal-ġuristi lingwisti tal-Qorti tal-Ġustizzja li jittrasponu d-deċiżjonijiet fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni (il-Lussemburgiż mhux inkluż), dan l-ispazju aħdar futur għandu jkun "minjatura tal-għoljiet bis-siġar u l-għelieqi agrikoli tal-pajsaġġ Lussemburgiż", skont id-deskrizzjoni tad-disinjatur tal-pajsaġġi Franċiż.

Skont l-imħallef Lussemburgiż François Biltgen, President tal-Kummissjoni tal-Bini tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-ġnien huwa wkoll tribut lil-Lussemburgu li jilqa' l-istituzzjoni sa mill-ħolqien tagħha u li għandu tradizzjoni ta' sekli sħaħ ta' multilingwiżmu.

Intemmu din il-kontribuzzjoni permezz tar-riflessjoni ta' dan l-istess Imħallef, waqt it-tnedija tax-xogħlijiet: "Il-multilingwiżmu, bħal ġnien, għandu jiġi kkoltivat."

## Bibljografija

François Biltgen, *La libre circulation des avocats au Luxembourg*, Annales du droit luxembourgeois, 2012, p. 11.

Fernand Fehlen u Andreas Heinz, Università tal-Lussemburgu, *Die Luxemburger Mehrsprachigkeit. Ergebnisse einer Volkszählung* (il-Lussemburgu, 2016, ISBN 978-3-8376-3314-6). Paul Dickes u Guayarmina Berzosa, Les cahiers du CEPS/INSTEAD, *Pays multiculturel, pays multilingue ? Un modèle pragmatique pour l'analyse des relations langagières au Luxembourg, Lulju* 2010.

Paul Dickes u Guayarmina Berzosa, Les cahiers du CEPS/INSTEAD, *Les compétences linguistiques auto-attribuées,* Settembru 2010.

Università tal-Lussemburgu, riċerki fuq il-multilingwiżmu.

Dokumenti parlamentari dwar ir-reviżjoni tal-Kostituzzjoni – Abbozz Nru 7700.

Dokumenti parlamentari relatati mal-Liġi tal-24 ta' Frar 1984 dwar is-sistema tal-lingwi – Abbozz Nru 2535.

Vademecum "*Ma vie au barreau de Luxembourg*"

Wikipedia, artiklu "Multilinguisme au Luxembourg".

Wikipedia, artiklu "il-Lussemburgiż".

# L-Irlandiż fl-Ewropa

## — Michael D. Higgins

**Kontribuzzjoni mill-President tal-Irlanda, Michael D. Higgins, il-President tal-Irlanda mill-2011 (kien elett mill-ġdid fl-2018). Qabel dan serva bħala Senatur (25 sena) u bħala Teachta Dála [membru tal-Parlament Irlandiż] (9 snin). Huwa kien l-ewwel Ministru għall-Arti mill-1993 sal-1997 u waqqaf it-Teilifís na Gaeilge [l-istazzjon televiżiv bil-lingwa Irlandiża] matul dak il-perjodu. Bħala Ministru kellu responsabbiltà diretta għall-promozzjoni tal-lingwa Irlandiża għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni fejn huwa mitkellem l-Irlandiż. Kien Lord Mayor ta' Galway f'żewġ okkażjonijiet u qabel ma kien politiku kien lettur tal-edukazzjoni għolja. Michael D. Higgins huwa poeta, kittieb, akkademiku, difensur tad-drittijiet tal-bniedem u promotur taċ-ċittadinanza inklużiva.**

Il-multilingwiżmu jinsab fil-qalba tas-soċjetà Irlandiża u jien kburi immens bil-komunitajiet multilingwi f'din il-gżira. Huwa xieraq li meta tfakkar is-70 sena ta' eżistenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għażlet li tirrikonoxxi b'dan il-mod speċjali l-valur tal-multilingwiżmu mhux biss fix-xogħol tagħha stess, iżda fil-ħajja ta' tant ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Jagħtini pjaċir kbir li ġejt mistieden nikkontribwixxi għal din il-pubblikazzjoni u nixtieq infaħħar u nirringrazzja lill-organizzaturi.

It-trawwim tal-multilingwiżmu mhux dejjem huwa kompitu faċli. Madankollu, huwa wieħed importanti li jixhed il-valur tagħna ta' għaqda fid-diversità fl-Ewropa. Il-Qorti tal-Ġustizzja jistħoqqilha kreditu enormi għal 70 sena bħala istituzzjoni multilingwi. Il-kuntest li fih topera l-Qorti tal-Ġustizzja nbidel kunsiderevolment mit-twaqqif tagħha fl-1952 bħala parti mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Min seta' jipprevedi dak iż-żmien li fl-2022 il-Qorti tkun qiegħda twettaq b'suċċess il-mandat ewlieni tagħha li tiżgura uniformità ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'27 Stat Membru f'mhux inqas minn 24 lingwa uffiċjali? It-trasformazzjoni tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni f'dawn l-aħħar deċennji bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ ta' Trattati suċċessivi u istanzi ta' tkabbir multipli bla dubju tippreżenta numru ta' sfidi. It-twessiegħ sinjifikattiv ta' tali unjoni jġorr miegħu riskju li titnaqqas ir-rabta li jħossu ċ-ċittadini mal-istituzzjonijiet ċentrali. Element ewlieni sabiex jiġi żgurat li r-rabta tibqa' soda huwa li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha bl-istess mod irrispettivament minn fejn jgħixu jew mil-lingwa li jitkellmu. Għalhekk, għalkemm naturalment l-eżerċizzju tal-attivitajiet tal-Unjoni f'24 lingwa timplika spiża finanzjarja, l-importanza ta' dan l-investiment ma tistax tiġi ddikjarata żżejjed.

Meta nirrifletti fuq il-valur tal-multilingwiżmu fl-Unjoni Ewropea tal-lum, jolqtuni erba' argumenti ewlenin favurih. L-ewwel, kif issemma hawn fuq, sabiex entità supranazzjonali *sui generis* bħall-Unjoni tirnexxi, huwa fundamentali li ċ-ċittadini jħossuhom involuti fl-Unjoni u parti mill-Unjoni. Għal dan il-għan, iridu jkunu kapaċi jifhmu l-attivitajiet tal-Unjoni, ikollhom aċċess għall-vantaġġi tal-Unjoni u jikkomunikaw mal-istituzzjonijiet u mal-aġenziji tal-Unjoni bil-lingwa li biha jħossuhom l-iktar komdi. Fil-każ tal-lingwa Irlandiża, saru avvanzi kbar f'dan ir-rigward f'dawn l-aħħar snin. Kien sors ta' kburija fl-Irlanda li wieħed jara lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tisma' l-ewwel kawża tagħha bl-Irlandiż fl-2020 (*An tAire Talmhaíochta Bia agus Mara et)*. Kien simboliku għall-qorti li tagħti s-sentenza tagħha f'dik il-kawża bl-Irlandiż fil-festa nazzjonali tagħna, Jum San Patrizju, 2021. Ftit ġimgħat biss wara t-tmiem tad-deroga dwar l-Irlandiż f'Jannar ta' din is-sena, il-Parlament Ewropew ra l-proposta tal-ewwel emenda leġiżlattiva tiegħu bl-Irlandiż. Dawn il-passi pożittivi jsaħħu l-opportunitajiet għall-kelliema Irlandiżi sabiex

jikkomunikaw mal-Unjoni u nittama li dawn l-eżempji ser jinkoraġġixxu iktar persuni sabiex jagħmlu l-istess fil-futur.

It-tieni vantaġġ tal-multilingwiżmu fl-Unjoni huwa l-perspettivi differenti li kelliema ta' varji lingwi jistgħu jġibu fil-proċess deċiżjonali tal-Unjoni. Ħafna drabi dawk li huma multilingwi jgħidu li waqt li jitkellmu ċertu lingwa, għandhom it-tendenza li jaħsbu b'ċertu mod. Fil-fatt, il-lingwa toffrilna l-lenti li biha naraw u nifhmu d-dinja ta' madwarna. Hekk kif id-diversità fil-forom kollha hija magħrufa li tarrikkixxi l-istrutturi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-isfondi lingwistiċi varjati ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni jistgħu jaġixxu bħala salvagwardja kontra l-group think u jiffaċilitaw it-teħid inkunsiderazzjoni ta' diversi perspettivi kemxejn differenti.

It-tielet, il-lingwa tirrakkonta l-istorja ta' minn fejn ġie poplu u fejn sejjer. F'kuntest Ewropew, il-lingwi jistgħu jservu sabiex ifakkruna fl-interkonnettività tal-kontinent tagħna matul is-sekli, u saħansitra l-millennji. Pereżempju, filwaqt li l-Irlandiż huwa lingwa Ċeltika, li taqsam l-għeruq tagħha mal-Galliku Skoċċiż, mal-Welsh, mal-Breton, mal-Manx u mal-Cornish, ħbieb madwar l-Ewropa jistgħu jkunu interessati jitgħallmu l-impatt li ħafna mil-lingwi tagħhom stess kellhom fuq l-Irlandiż. Kliem Irlandiż relatat mat-tbaħħir u mal-kummerċ, pereżempju, ħafna drabi joriġina minn lingwi Skandinavi bħala riżultat tal-kuntatt mal-Vikingi bejn 900-1200 AD. Xi eżempji ta' dan jinkludu 'pingin' (penny) u 'margadh' (suq). Bl-istess mod, l-impatt tal-Franċiż fuq il-lingwa Irlandiża jista' jidher b'mod ċar fi kliem bħal 'seomra' (kamra, chamber) u 'séipéal' (kappella) li huma mifhuma li għandhom l-għeruq tagħhom fil-wasla Normanna fl-Irlanda mill-1169.

Jiena kuntent li din l-interkonnettività lingwistika mal-ġirien Ewropej tagħna kompliet tikber f'dawn l-aħħar snin, fejn illum l-Irlandiż jiġi studjat f'universitajiet fi Franza, fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Isvezja, fis-Slovakkja, fil-Ġermanja u fl-Awstrija.

Fl-aħħar, u fuq kollox, il-lingwa tifforma element intrinsiku tal-identità ta' nazzjon. Ir-rikonoxximent tal-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni huwa tfakkira li l-pajjiżi kollha, kbar jew żgħar, huma ugwali fl-Unjoni.

## L-Irlandiż fl-Ewropa

Bħall-Qorti tal-Ġustizzja, l-Irlanda qiegħda tiċċelebra għadd ta' ġrajjiet importanti din is-sena. L-2022 timmarka 50 sena mill-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-1972, li jipprovdi għall-adeżjoni tal-Irlanda mal-Komunitajiet Ewropej. L-anniversarju tal-iffirmar ta' dan it-trattat, li kien jikkostitwixxi l-ewwel pass fil-vjaġġ tal-Irlanda lejn is-sħubija sħiħa

fl-Unjoni, ikkoinċida mat-tmiem tad-deroga dwar l-Irlandiż fl-Unjoni f'Jannar ta' din is-sena. Huwa faċli, meta wieħed iħares lura lejn dawn id-dati, li wieħed jaħseb li x-xogħol jibda biss wara dawn il-ġrajjiet importanti, u li huwa sempliċi li wieħed jasal għal dawn l-ewwel passi kbar. Fil-każ tal-Irlanda, ma kienx hekk fiż-żewġ każijiet.

Meta l-Irlanda applikat għall-ewwel darba sabiex tissieħeb fil-Komunità Ekonomika Ewropea fl-1961, l-applikazzjoni kienet ġiet effettivament imblukkata meta l-Ġeneral de Gaulle għamel veto għall-applikazzjoni tar-Renju Unit. It-tieni applikazzjoni mal-Komunitajiet Ewropej sitt snin wara kellha destin simili u, f'Diċembru 1967, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li ma kinitx ser tipproċedi bl-applikazzjoni tal-Irlanda sabiex tissieħeb. Il-politiki ekonomiċi protezzjonisti tal-Irlanda wara l-indipendenza dehru li jmorru kontra l-għan tal-Komunità Ewropea ta' kummerċ ħieles bejn l-Istati Membri. Madankollu, il-Gvern Irlandiż emmen li l-futur tal-Irlanda kien fil-qalba tal-Ewropa u ħadem ħafna sabiex jipperswadi lill-membri ta' dak iż-żmien sabiex jippermettu lill-Irlanda tissieħeb. Il-frott ta' din il-ħidma ġie fil-forma tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-1972 li ġie rratifikat bi 83 % tal-voti f'referendum f'Mejju ta' dik is-sena.

Din l-istorja ta' perseveranza u ta' impenn lejn il-proġett Ewropew hija riflessa fix-xorti tal-lingwa Irlandiża matul is-sħubija tal-Irlanda fl-Unjoni. Mill-1973, l-Irlandiż kien lingwa ta' trattati, li jfisser li t-Trattati tal-Unjoni biss ġew tradotti bl-Irlandiż. Fl-2005, il-Gvern applika sabiex l-Irlandiż isir lingwa uffiċjali u ta' ħidma tal-Unjoni, status li huwa kiseb fl-1 ta' Jannar 2007. Madankollu, nuqqas ta' tradutturi kkwalifikati kif ukoll ta' riżorsi teknoloġiċi fissru li ngħatat deroga fuq il-lingwa għal ħames snin. Din id-deroga ġiet estiża darbtejn, peress li kien għad jeżisti tħassib dwar id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet meħtieġa fil-lingwa Irlandiża. Mill-2017, Regolament tal-Kunsill ippermetta żieda inkrementali fil-kategoriji ta' leġiżlazzjoni li għandha tiġi tradotta bl-Irlandiż mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fil-fatt, matul dawk il-ħames snin, il-kapaċità ta' traduzzjoni bl-Irlandiż fl-Unjoni żdiedet b'mod drammatiku. Kreditu għal dan huwa dovut fil-biċċa l-kbira għall-ħidma tad-Dipartiment tat-Turiżmu, Kultura, Arti, Gaeltacht [1], Sport u Media sabiex jiżdiedu n-numri tal-persunal permezz tal-Inizjattiva Avvanzata għall-Ħiliet fil-Lingwa Irlandiża kif ukoll permezz ta' inizjattivi diġitali u teknoloġiċi. Ir-riżultati ta' dawn l-isforzi bdew jidhru minnufih: il-volum ta' materjal disponibbli bl-Irlandiż żdied kważi b'sitt darbiet bejn l-2016 u l-2021 u n-numru ta' persunal li jitkellem bil-lingwa Irlandiża

1 | Żoni fejn l-Irlandiż huwa mitkellem bħala lingwa primarja.

fis-servizzi lingwistiċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni żdied minn 58 għal kważi 200 bejn Jannar 2016 u Jannar 2022.

Illum, l-Irlandiż ingħaqad mat-23 lingwa l-oħra tal-Unjoni bħala lingwa uffiċjali sħiħa, li jfisser li l-leġiżlazzjoni Ewropea kollha adottata issa tiġi tradotta bl-Irlandiż. It-tmiem tad-deroga għamel id-dipartimenti tal-Unjoni iktar aċċessibbli għall-kelliema Irlandiżi f'pajjiżhom u barra mill-pajjiż. Dan jirrappreżenta pass kruċjali 'l quddiem, mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll fl-Irlanda, peress li l-lingwa nazzjonali tagħna qiegħda tieħu postha fix-xena internazzjonali. Il-prospetti ta' żvilupp ulterjuri tal-lingwa Irlandiża huma msaħħa mill-istatus uffiċjali tagħha fl-Unjoni.

## L-Irlandiż fl-Irlanda

Ċertament, l-Irlandiż bħala parti mill-Unjoni huwa biss parti żgħira tal-istorja iktar wiesgħa tiegħu fuq il-gżira tal-Irlanda. L-istorja tal-lingwa Irlandiża hija waħda familjari għal ħafna popli kkolonizzati madwar id-dinja. Għal sekli sħaħ, l-Irlandiż kien il-lingwa franca tal-gżira tagħna, minkejja sforzi kontinwi għall-promozzjoni tal-Ingliż. Kienet il-Karestija l-Kbira mill-1845 sal-1850 li wasslet għat-tnaqqis eventwali tal-lingwa. Hekk kif mewġiet ta' persuni emigraw mill-Punent tal-Irlanda, kelliema nattivi Irlandiżi ġew sfurzati jitgħallmu l-Ingliż sabiex jintegraw fis-soċjetà Brittanika u tal-Amerika ta' Fuq. Anki għal ħafna minn dawk li baqgħu l-Irlanda, l-art ma setgħetx iktar titma' lill-familji tagħhom u kellhom jiċċaqilqu lejn bliet fejn l-Ingliż kien qiegħed isir iktar u iktar il-lingwa tan-negozju. Ġie stmat li kważi nofs il-persuni mwielda fl-Irlanda fl-ewwel nofs tas-seklu 19 trabbew bħala kelliema Irlandiżi, iżda saċ-ċensiment tal-1891, 3.5 % biss tal-popolazzjoni trabbiet bl-Irlandiż. Arnold, fi *The Study of Celtic Literature*, kiteb li l-Irlandiż kien "is-simbolu ta' razza megħluba".

Għal 130 sena minn dak iż-żmien, saru sforzi miftiehma sabiex tiġi pprezervata l-lingwa. Fost l-ewwel minn dawn kien hemm il-Lega tal-Galliku, organizzazzjoni soċjali u kulturali mwaqqfa fl-1893 sabiex tippromwovi l-lingwa Irlandiża fl-Irlanda u madwar id-dinja. Il-Lega kellha numru ta' suċċessi bikrija, mhux limitati għar-rikonoxximent ta' Jum San Patrizju bħala festa nazzjonali u l-introduzzjoni tal-Irlandiż fil-kurrikulu nazzjonali tal-iskola. Hekk kif għadda ż-żmien, il-kawża tal-Lega ngħaqdet mal-kawża għal Irlanda indipendenti: għal dawk il-pijunieri oriġinali tal-moviment sabiex terġa' tingħata l-ħajja lill-Irlandiż, il-lingwa kellha bżonn Stat indipendenti sabiex tiżviluppa b'mod sħiħ u, bl-istess mod, Stat indipendenti jkollu bżonn l-ilsien tiegħu stess sabiex jirnexxi. Kif sostna Patrick Pearse, "*Chan amháin saor ach Gaelach chomh maith. Chan amháin Gaelach ach saor chomh maith*" (Mhux ħielsa biss, iżda Galliċi wkoll; mhux Galliċi biss, iżda ħielsa wkoll).

Madanakollu, kien diffiċli għal Stat Irlandiż li kien għadu ġdid li jistabbilixxi ruħu fix-xena dinjija mingħajr ma jagħmel użu mill-Ingliż. Bħala lingwa uffiċjali tal-Lega tan-Nazzjonijiet, l-Ingliż kien, b'ħafna modi, essenzjali sabiex jitressqu l-argumenti favur Stat Irlandiż. Għal Stat imwieled mill-vjolenza u li għadu marbut mill-qrib mal-Imperu Brittaniku, l-Irlanda għamlet użu effettiv ħafna mil-lingwa Ingliża sabiex tikkomunika u tibni relazzjonijiet mal-imsieħba internazzjonali. Hekk kif l-ekonomija tal-Irlanda kibret matul l-aħħar nofs tas-seklu 20, il-lingwa Ingliża kienet għodda utli għall-iżvilupp tar-rabtiet kummerċjali madwar id-dinja u sabiex wieħed iħares 'il barra, aktar milli 'l ġewwa. Il-ftuħ tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Irlanda f'dan il-perijodu wassal għal era ġdida għan-nazzjon, inkluż it-taqlib tat-tnaqqis fil-popolazzjoni għall-ewwel darba mill-Karestija.

Dan ma jfissirx li s-suċċess tal-Irlanda ntlaħaq għad-detriment tal-lingwa Irlandiża jew li l-Irlanda rnexxielha tikseb dak li kisbet permezz tal-Ingliż. Flimkien mal-isforzi bikrija bl-Ingliż sabiex tiżviluppa internazzjonalment, ilhom jeżistu għal żmien twil miżuri sabiex jippromwovu l-lingwa Irlandiża fid-dar. Jien stess kelli l-privileġġ li nservi bħala Ministru għall-Arti, għall-Kultura u għall-Gaeltacht bejn l-1993 u l-1997. Matul dan iż-żmien, waqqaft it-Teilifís na Gaeilge, issa TG4, l-istazzjon televiżiv nazzjonali tal-lingwa Irlandiża. TG4 issa għandu 650 000 telespettatur kuljum u jxandar sigħat ta' programmazzjoni ġdida bil-lingwa Irlandiża kuljum. Minbarra l-media bil-lingwa Irlandiża, dan l-aħħar iffirmajt l-Att tal-2021 dwar il-Lingwi Uffiċjali (Emenda), li ser itejjeb id-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi bl-Irlandiż. Ma għandi l-ebda dubju li din il-leġiżlazzjoni ser ikollha impatt profond fuq l-użu tal-Irlandiż f'pajjiżna matul is-snin li ġejjin, l-istess kif ser ikollu n-numru dejjem jikber ta' ġenituri fl-Irlanda li jagħżlu li jedukaw lil uliedhom bl-Irlandiż, u b'hekk jagħtuhom ir-rigal tal-bilingwiżmu.

Ser nikkonkludi bil-ħsieb li ġej - it-tagħlim u t-taħdit b'lingwi multipli ma jwasslux għall-gwadann ta' xi ħaġa permezz tat-telf ta' oħra. Ma hemm l-ebda aspett negattiv fil-kisba ta' lingwa addizzjonali. L-ewwel President tal-Irlanda, Dubhghlas de hÍde, kien jitkellem b'seba' lingwi u kien il-fundatur tal-grupp tad-drittijiet tal-lingwa Conradh na Gaeilge. Huwa ma kkonstatax li l-affinità tiegħu għall-Irlandiż effettwat il-kapaċità tiegħu li jitkellem bil-Ġermaniż ma' martu, li jitkellem bl-Ebrajk, li jkun familjari mat-testi bil-Latin u bil-Grieg jew li jitkellem bil-Franċiż. Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' lingwi uffiċjali ġodda fl-Unjoni ma tikkawża l-ebda detriment għal dawk li huma diġà stabbiliti. Hekk kif niċċelebraw id-diversità tal-ħafna lingwi u tat-tradizzjonijiet lingwistiċi tal-Ewropa, inħeġġeġ lil kulħadd iħaddan id-diversi opportunitajiet ta' arrikkiment li jista' jġib miegħu l-multilingwiżmu.

# Dwar it-tifsira tal-multilingwiżmu fid-dritt

— Marin Mrčela

**Marin Mrčela, imħallef tal-Vrhovni sud Republike Hrvatske (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Kroazja), Professur Assoċjat fil-Fakultà tal-Liġi f'Osijek, u President tal-Grupp tal-Istati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa.**

# I. Introduzzjoni

1. Fid-dritt, il-lingwa għandha importanza partikolari. "Il-lingwa hija l-mezz li bis-saħħa tagħha jiġi espress id-dritt" [1]. Mingħajr il-lingwa d-dritt ma jeżistix, għaliex huwa permezz tal-lingwa li n-norma legali tiġi kkomunikata u applikata f'każijiet speċifiċi u fil-ħajja ta' kuljum. Id-dritt jiddetermina r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, id-drittijiet u l-obbligi tal-individwu fi ħdan il-komunità, u ta' spiss anki l-libertajiet tal-bniedem. Għalhekk huwa essenzjali kif tinkiteb regola, iżda anki kif din tiġi applikata f'deċiżjoni ġudizzjarja. Id-destinatarji tagħha għaldaqstant għandhom jifhmu regola, u speċjalment l-applikazzjoni tagħha, fid-deċiżjoni. Il-partijiet fit-tilwima, il-professjonisti, kif ukoll il-pubbliku ġenerali għandu jkun jista' jifhem ir-raġunijiet li għalihom tkun ingħatat dik id-deċiżjoni, u mhux deċiżjonijiet oħrajn. Huwa għalhekk li huwa partikolarment importanti kif tinkiteb.

2. L-użu tal-lingwa jista' jiġi analizzat minn ħafna perspettivi u fuq ħafna livelli. Kull dixxiplina professjonali jew xjentifika għandha r-regoli tagħha stess, li ta' spiss jinkitbu bl-għajnuna ta' termini tekniċi, ta' spiss magħrufa biss minn dawk li jaħdmu f'qasam partikolari. Dan huwa wkoll il-każ tad-dritt, ħlief għall-fatt li huwa għandu ċertu karatteristika ġenerali – huwa japplika għal kulħadd, għaliex anki l-ġurisprudenza li taqta' tilwim bejn partijiet partikolari tista' tkun rilevanti għal persuni oħrajn li jkunu jinsabu fl-istess sitwazzjoni ġuridika jew f'sitwazzjoni ġuridika simili. Minħabba t-tul limitat ta' dan it-test, hawnhekk ser niddedika l-attenzjoni tiegħi biss għal żewġ aspetti tal-kwistjoni tal-użu tal-lingwa fid-dritt [2]. L-ewwel wieħed jikkonċerna l-użu tal-lingwa f'deċiżjonijiet ġudizzjarji, u t-tieni wieħed huwa l-multilingwiżmu, inkluża t-terminoloġija ġuridika barranija, li tidħol fid-dritt nazzjonali bħala riżultat tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ġuridiċi u deċiżjonijiet tal-qrati supranazzjonali.

1 | J. Barbić: Jezik u propisima, fi Okrugli stol „Jezik u pravu", L-Akkademja Kroata tax-Xjenzi u l-Arti, Modernizacija prava, Vol. 20, Zagreb, 2013, p. 49.

2 | Il-kwistjoni tal-użu tal-lingwa fil-liġijiet u f'dispożizzjonijiet oħra hija kwistjoni separata, li ma tistax tiġi ttrattata hawnhekk, minkejja li din hija kwistjoni partikolarment importanti. Għalhekk, nirreferi lill-qarrej għall-pubblikazzjoni msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti, li tinkludi diskussjoni iktar wiesgħa dwar din il-kwistjoni.

## II. Fuq il-lingwa fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji

3. Ir-redazzjoni tas-sentenzi hija sengħa li ta' spiss ma tingħatax l-importanza li jistħoqqilha. Huwa rrikonoxxut illi, li huwa importanti huwa dak li jkun miktub, u mhux kif ikun miktub. Wieħed jista' jara dan b'mod partikolari fil-motivazzjonijiet tas-sentenzi, li kultant ikunu twal wisq, u dan minħabba repetizzjonijiet mhux meħtieġa. Fis-Sudski poslovnik (ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati) tinsab dispożizzjoni li tistabbilixxi li "t-test tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u ta' atti oħrajn għandu jkun konċiż u ċar" [3]. Konċiż – dan ifisser li deċiżjoni ġudizzjarja għandha tinkludi biss dak li huwa previst fid-dispożizzjonijiet, u fi kliem ġuridiku, biss dak li huwa neċessarju mill-perspettiva tal-kwistjoni ġuridika inkwistjoni. Il-konċiżjoni tiddependi fuq kollox mill-għarfien tad-dritt, u ta' dak li huwa essenzjali għad-dimensjoni ġuridika tas-sentenza. Iċ-ċarezza tfisser li d-deċiżjoni għandha tkun tista' tinftiehem mhux biss mill-avukati iżda wkoll mill-partijiet u minn kull minn jaqraha. Iċ-ċarezza tat-test tiġi affettwata ħafna mill-istil, mill-għażla tal-kliem u mill-użu korrett tal-lingwa Kroata standard, li fiha regoli u normi ta' diversi livelli (ortografiċi, grammatikali, lessikali u stilistiċi).

4. Fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji għandha tintuża terminoloġija ġuridika jew, kif espress mis-SP, "għandhom jintużaw termini legali" [4]. Dan wieħed jista' jifhmu, peress li ninsabu quddiem applikazzjoni tad-dritt u t-terminoloġija ġuridika għandha kontenut u tifsira ċari. Għalhekk ma huwiex irrakkomandat li fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji niktbu "vještvo", peress li l-isem uffiċjali tal-opinjoni esperta hija "vještačenje". Bl-istess mod, l-awtopsja ma hijiex deskritta bħala "razudba" iżda "obdukcija", il-motivazzjoni ma hijiex "obrazložba" iżda "obrazloženje", u s-seduta magħluqa ma ngħidux li hija "dokončana" iżda "zaključena".

3 | Artikolu 59(1) tas-Sudski poslovnik (ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati) (*Narodne novine* (Ġurnal Uffiċjali), Nri°37/2014, 49/2014, 8/2015, 35/2015, 123/2015, 45/2016, 29/2017, 33/2017 – emendi, 34/2017, 57/2017, 101/2018, 119/2018, 81/2019, 128/2019, 39/2020, 47/2020, 138/2020, 147/2020, 70/2021, 99/2021, 145/2021, iktar 'il quddiem is-"SP").

4 | Artikolu 59(4) tas-SP.

4.1. Madankollu, sabiex jinftiehmu d-deċiżjonijiet ġudizzjarji, minbarra t-terminoloġija ġuridika huwa wkoll importanti l-użu tal-lingwa Kroata standard. L-istandard jiżgura li dawk kollha li jitkellmu l-Kroat jifhmu lil xulxin. L-użu ta' reġjonaliżmi ma huwiex ipprojbit, iżda t-tifsira tagħhom għandha tiġi kkjarifikata fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u dan sabiex l-utenti kollha tal-lingwa jkunu jistgħu jifhmuhom. L-espressjoni f'deċiżjoni ġudizzjarja "baltica je pronađena u ganjku" (instabet axxa żgħira fuq it-turġien ta' barra d-dar) tinftiehem mill-utenti tal-lingwa Kroata fir-reġjuni ta' Hrvatsko Zagorje u Prigorje, iżda mhux neċessarjament fir-reġjuni kostali jew ta' Dalmacija. Għall-kuntrarju, l-espressjonijiet "pucao je iza štekata" (spara minn wara t-terrazza ta' kafetterija) jew "droga je bila u buži ispod pitara" (id-droga kienet f'toqba taħt qasrija) ikunu ċari fir-reġjun ta' Dalmacija, iżda mhux neċessarjament fir-Reġjuni ta' Zagorje jew Slavonija. Huwa għalhekk li huwa tant importanti l-użu tal-lingwa Kroata standard, li bis-saħħa tal-espressjonijiet standard u r-regoli tagħha tgħin sabiex testi ġuridiċi jiġu redatti u jinftiehmu.

5. Ir-regoli tal-lingwa Kroata standard hemm bżonn li dak li jkun jitgħallimhom. "Ničija baba ne govori hrvatski standardni jezik" (In-nanna ta' ħadd ma titkellem Kroat standard), kif darba qal lingwista Kroat eminenti b'ċajta. Sfortunatament, fis-sistema Kroata ta' tagħlim ġuridiku fl-universitajiet, ma jsirux korsijiet li fihom l-avukati futuri jitgħallmu r-regoli tal-lingwa Kroata standard u l-importanza ta' kif wieħed jesprimi ruħu f'kuntest ġuridiku. Fi Pravosudne akademije (l-Akkademja Ġudizzjarja) jitwettqu workshops iddedikati għall-użu korrett tat-terminoloġija ġuridika u l-lingwa Kroata standard. Il-workshops huma intiżi għall-ħaddiema tal-ġudikatura (imħallfin, prosekuturi, konsulenti) [5].

6. Fil-lingwa Kroata standard issir distinzjoni bejn ħames stili funzjonali: letterarju-artistiku, kollokwjali, ġurnalistiku, amministrattiv u xjentifiku. It-testi ġuridiċi jinkitbu bl-istil funzjonali amministrattiv, li huwa kkaratterizzat minn: "fattwalità, oġġettività, eżattezza, kjarezza, sempliċità, loġika, konċiżjoni, trasparenza, analitiċità, newtralità u konformità mar-regoli tal-lingwa Kroata standard [6].

5 | https://www.pak.hr/iz-godisnjeg-kalendara-programa-pa-2/

6 | IM. Mrčela, K. Lewis, *I u pravu treba biti u pravu – o jeziku hrvatskih pravnih tekstova*, Hrvatski jezik, Istitut għal-Lingwa u l-Lingwistika Kroata, Zagreb 2017, Nru˚3, p. 32.

7. Il-karatteristiċi tal-istil funzjonali amministrattiv għandhom ikunu viżibbli anki f'sentenzi tal-qrati. Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ. Fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji, il-kostruzzjoni tas-sentenzi joħolqu problemi partikolari. Ta' spiss insibu sentenzi twal, li l-kontenut tagħhom ikun diffiċli għal min ma huwiex avukat, iżda anki għall-avukati, biex isegwuhom, aħseb u ara biex jifhmuhom. Sentenza li tkun twila paġna sħiħa prattikament ma tinqarax u ma tinftehimx. Għalhekk, is-sentenzi f'testi ġuridiċi, u speċjalment f'deċiżjonijiet ġudizzjarji, għandhom ikunu qosra u ċari. "Meta bniedem jaħseb b'ċertu ordni, ikun faċli għalih jesprimi ruħu b'mod ċar" [7]. Jingħad li l-preżentazzjoni fil-qosor u ċara tal-argumenti ġuridiċi hija arti. Il-preżentazzjoni ta' argumenti ġuridiċi b'mod ċar u konċiż hija sengħa li tinkiseb biż-żmien u tiġi żviluppata.

7.1. Id-deskrizzjonijiet tal-fatti fir-rigward ta' atti kriminali, speċjalment dawk li jinvolvu reati ekonomiċi jikkostitwixxu problema partikolari. Ta' spiss ikunu twal diversi paġni u jkunu jinkludu partijiet li, mill-perspettiva ġuridika, ma jkunux neċessarji. Huwa rrakkomandat li wieħed iwarrab id-deskrizzjoni tradizzjonali tal-fatti f'sentenza waħda u jimxi lejn mudell fejn il-fatti jiġu ppreżentati f'diversi sentenzi, u bis-saħħa ta' dan id-deskrizzjoni tkun iktar ċara. Barra minn hekk, dan jiffaċilita l-proċedura, u b'mod partikolari l-ġbir tal-evidenza u l-istabbiliment tal-fatti fil-proċedura.

7.2 Is-sentenzi twal ma humiex xi ħaġa partikolari għall-ġurisprudenza Kroata. Dawn jistgħu jinsabu anki f'deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [8]. Ovvjament jeżistu wkoll eżempji ta' deċiżjonijiet li fihom is-sentenzi jkunu fil-parti l-kbira tagħhom qosra u li bis-saħħa t'hekk huma iktar ċari [9].

7 | Nives Opačić, https://slobodnadalmacija.hr/vijesti/hrvatska/nives-opacic-poplava-stranih-izraza-lakse-siri-kod-ljudi-koji-pate-od-sindroma-manje-vrijednosti-a-da-je-hrvate-briga-za-pravopis-odavno-bi-ga-naucili-1082177

8 | Pereżempju, id-dispożittiv tas-sentenza fil-Kawża C-128/18 tal-15 ta' Ottubru 2019. Id-dispożittiv jikkonsisti f'erba' paragrafi u l-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu fiha 13-il linja.

9 | Pereżempju s-sentenza tal-Westminister Magistrates' Court tat-23 ta' April 2018. Is-sentenza fiha 17-il paġna u hija maqsuma f'86 punt. L-itwal punt fih 13-il linja, iżda fih seba' sentenzi. Barra minn hekk, għalkemm ovvjament hija miktuba bl-Ingliż, hija miktuba b'mod li jista' jinftiehem faċilment anki minn persuna li l-Ingliż ma jkunx ilsien twelidha iżda li jkollha livell medju ta' Ingliż. Fis-sentenza hemm frażi li jaf hemm bżonn li wieħed ifittixha f'dizzjunarju, fis-sentenza: "That sort of case is a far cry from the fraud alleged in this case" (*a far cry is something notably different*, jiġifieri xi ħaġa sinjifikattivament differenti).

8. Minbarra s-sentenzi twal, fid-deċiżjonjiet ġudizzjarji ta' spiss insibu espressjonijiet (sintagmi) li jtellfu. Il-pleonażmi, bħal "no međutim" (iżda madankollu), "čak štoviše" (saħansitra iktar), "kako i na koji način" (kif u b'liema mod), "zato jer" (għaliex għaliex), "javno objaviti" (tippubblika pubblikament), "vremensko razdoblje" (tul ta' żmien) jew agħar "vremenski period" (perijodu ta' żmien) jistgħu ma jaffettwax it-tifsira ġuridika, iżda ċertament jagħtu ċertu stampa tal-persuna li tkun qiegħda tikteb id-deċiżjoni ġudizzjarja.

## III. It-terminoloġija ġuridika barranija u l-multilingwiżmu

9. Din il-kwistjoni nistgħu nanalizzawha fuq tliet livelli: l-infiltrazzjoni ta' terminoloġija (ġuridika) barranija fis-sistema ġuridika Kroata, it-traduzzjoni ta' testi ġuridiċi barranin għall-Kroat u viċi versa, u l-multilingwiżmu fl-applikazzjoni, qabel kollox, tad-dritt tal-Unjoni.

10. Il-kwistjoni tal-użu ta' terminoloġija ġuridika barranija tikkonċerna, qabel kollox, il-kliem barrani li jiġi introdott fit-testi ġuridiċi bil-Kroat. Eżempju huwa l-kelma "transparentan", li bil-Kroat għandha diversi tifsiriet – "trasparenti, semi-trasparenti, faċli tarah, ċar, jidher", u metaforikament "faċli li jinftiehem". Diversi traduzzjonijiet ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni jinkludu din il-kelma [10]. Għaldaqstant, ma huwiex sorprendenti l-fatt li dawn jistgħu jinsabu, per eżempju, fiż-Zakon o tržištu kapitala (il-Liġi dwar is-Swieq Kapitali), li fiha hemm miktub li "is-suq għandu jkollu regoli ċari u trasparenti" [11]. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tirrendi dawn ir-regoli pubbliċi, u hekk messha ġiet ifformulata.

10 | Direktiva 2004/109/EZ Europskog parlamenta i Vijeća od 15. prosinca 2004. o usklađivanju zahtjeva za **transparentnošću** u vezi s informacijama o izdavateljima čiji su vrijednosni papiri uvršteni za trgovanje na uređenom tržištu (Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat), Uredba (EU) 2017/2402 Europskog parlamenta i Vijeća od 12. prosinca 2017. o utvrđivanju općeg okvira za sekuritizaciju i o uspostavi specifičnog okvira za jednostavnu, **transparentnu** i standardiziranu sekuritizaciju (Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata), eċċ. Hawnhekk m'aħniex se nelaboraw dwar il-kunċett ta' "sekuritizacija" (titolizzazzjoni) bħala t-trasformazzjoni ta' strumenti finanzjarji mhux negozjabbli fi strumenti negozjabbli, jiġifieri titoli.

11 | Artikolu 110(3)(2) tal-imsemmija liġi.

10.1 Ta' spiss fil-mitkellem u fil-miktub jintużaw "implementacija" (implimentazzjoni) u "trasnponiranje" (traspożizzjoni), għalkemm ma huwiex ċar x'hemm ħażin fil-kliem Kroat "primjena" (applikazzjoni) u "prenošenje" (trasferiment) peress li dak li huwa deskritt huwa preċiżament l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sistema ġuridika Kroata jew it-trasferiment ta' dik il-leġiżlazzjoni lejn dik is-sistema.

10.2 L-użu ta' kliem barrani fit-titoli ta' liġijiet Kroati hija problema partikolari. Għaldaqstant għandna ż-Zakon o faktoringu (il-Liġi dwar il-Fatturazzjoni), li fiha, il-kelma Ingliża factoring ġiet sempliċement ittrasferita għal-lingwa Kroata [12]. Is-sitwazzjoni hija saħansitra agħar fil-każ tal-liġi fejn lanqas biss sar sforz sabiex il-kelma Ingliża tiġi ttrasferita għall-Kroat, peress li għandna ż-Zakon o *leasingu* (il-Liġi dwar il-Leasing) [13]. Huwa minnu li probabbli huwa impossibbli li tingħata t-tifsira ta' dan il-kliem Ingliż permezz ta' espressjoni Kroata waħda. Madankollu, ma nafux jekk sarux xi sforzi sabiex jinstab kliem bil-Kroat li jista' jintuża fit-titoli tal-liġijiet. Dan kien ikun irrakkomandat anki fid-dawl tal-fatt li l-Ustav Republike Hrvatske (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja) tinkludi dispożizzjoni li tipprevedi li l-lingwa uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja hija l-Kroat [14]. Għaldaqstant jidher li t-titolu tal-liġi jmur kontra l-Kostituzzjoni tal-Kroazja.

11. Fil-proċess tal-Ewropeizzazzjoni tad-dritt Kroat jew l-adattament tagħha għall-acquis Ewropew, ħafna dispożizzjonijiet nazzjonali kellhom jiġu tradotti għall-Ingliż. Dan il-proċess sar ta' malajr, bħalma saret l-adozzjoni tal-liġijiet, li ħafna minnhom ġew adottati b'urġenza. Din l-għaġla wasslet għal xi traduzzjonijiet li jnisslu tbissima. Per eżempju, il-Vrhovni sud (il-Qorti Suprema), f'abbozz ta' dokument ġiet tradotta bħala "Vrhunsko igralište" (l-aħjar grawnd tal-logħob). Fl-ewwel traduzzjoni tad-dispożizzjoni tas-SP dwar l-illegar tal-paġni ta' deċiżjoni ġudizzjarja billi jinħietu jew jitwaħħlu flimkien bil-kolla, il-kelma 'paġni' ġiet tradotta bħala leaves (weraq), jiġifieri rriżulta li d-deċiżjoni ġudizzjarja hija magħmula mill-weraq.

12 | Zakon o faktoringu (il-Liġi dwar il-Fatturament), Narodne novine, Nri˚94/2014, 85/2015 u 41/2016

13 | Narodne novine, Nru˚141/2013

14 | Artikolu 12 tal-Ustava Republike Hrvatske (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja), https://www.usud.hr/hr/ustav-RH

11.1 Fil-każ ta' traduzzjonijiet bil-kontra, minbarra l-istramberiji diġà indikati fit-traduzzjoni tal-kliem Ingliż transparent, implementing u transposing, hemm ukoll problemi iktar serji. Per eżempju, ma huwiex magħruf għaliex l-Avukat Ġenerali (bl-Ingliż "*Advocate General*", bil-Ġermaniż "*Generalanwat*", bil-Franċiż "*avocat général*") ġiet tradotta għal "nezavisni odvjetnik" (avukat indipendenti). Ir-rwol tiegħu huwa li jassisti lill-Qorti tal-Ġustizzja [15]. Huwa għandu jaġixxi "bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa"[16]. Għaldaqstant dan huwa assistent jew konsulent tal-Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk l-Avukat Ġenerali ma huwiex avukat indipendenti ("*Independent Lawyer*", "*Unabhängiger Anwalt*", "*avocat indépendant*").

11.2 Problema kbira għall-prattika ġudizzjarja kienet ikkawżata mit-traduzzjoni żbaljata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"TFUE"). Bl-Ingliż, din id-dispożizzjoni taqra hekk: *The Court of Justice of the European Union shall have jurisdiction to give preliminary rulings concerning [...]* . Bil-Franċiż, din id-dispożizzjoni taqra hekk: *La Cour de justice de l'Union européenne est compétente pour statuer, à titre préjudiciel [...]* . Il-verżjoni bil-Ġermaniż tipprevedi: *Der Gerichtshof der Europäischen Union entscheidet im Wege der Vorabentscheidung [...].* Għaldaqstant, it-tliet verżjonijiet jirreferu kollha għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tagħti sentenzi preliminari [17].

11.2.1. Madankollu, it-traduzzjoni bil-Kroat ta' din id-dispożizzjoni taqra hekk: *Sud Europske unije nadležan je odlučivati o prethodnim pitanjima koja se tiču [...]* (Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li tagħti deċiżjonijiet dwar domandi preliminari [18] li jikkonċernaw [...]). Din it-traduzzjoni żbaljata wasslet sabiex id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ġiet trasposta fiż-Zakon o kaznenom postupku (il-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali) u mqiegħda b'mod żbaljat fid-dispożizzjoni dwar id-domandi

15 | Artikolu 19(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:12016M019.

16 | It-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE.

17 | Nota tat-traduttur: Fil-verżjoni Maltija, din id-dispożizzjoni taqra hekk: "Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari [...]".

18 | Nota tat-traduttur: Bil-Kroat, "prethodno pitanje" tfisser domanda preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, iżda wkoll kwistjoni ġuridika preliminari li għandha tiġi deċiża skont il-liġi proċedurali Kroata.

preliminari (Artikolu 18 tal-imsemmija liġi). Dan wassal għall-applikazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni fil-prattika ġudizzjarja, li ġiet ikkorreġuta permezz ta' interpretazzjoni u emenda sussegwenti tal-liġi [19].

12. Fl-aħħar nett, l-importanza tal-multilingwiżmu saret partikolarment ċara sa mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja *CILFIT II* [20]. Hija titkellem dwar il-fatt li, meta tiddeċiedi dwar jekk isirx rinviju għal deċiżjoni preliminari, qorti nazzjonali hija meħtieġa "tieħu inkunsiderazzjoni d-diverġenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi" tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni. Jifdal li wieħed jara kif dan ser jiġi applikat fil-prattika, jiġifieri kif, per eżempju, imħallef Grieg ser jieħu kont tal-verżjoni bl-Estonjan ta' dispożizzjoni partikolari.

## IV. Konklużjoni

13. Il-kwistjoni tal-lingwa fid-dritt hija waħda delikata u importanti. Hawnhekk ġew indikati biss xi ftit problemi li s-soluzzjoni tagħhom tista' tikkontribwixxi għal interpretazzjoni u applikazzjoni aħjar tad-dritt u tikkontribwixxi sabiex id-deċiżjonijiet ġudizzjarji jinftiehmu aħjar. Il-punt tat-tluq hija l-konsapevolezza ta' ħtieġa ta' bidliet, per eżempju fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-użu korretti ta' espressjonijiet ġuridiċi, iżda wkoll fir-rigward tal-istili u r-regoli tal-lingwa. Huwa rrakkomandat li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji jinkitbu b'mod ċar u konċiż. L-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba jista' jkun l-użu ta' sentenzi qosra skont il-prinċipju: "ħsieb wieħed – sentenza waħda". Madankollu, għall-użu korrett tal-lingwa fid-dritt, hija meħtieġa l-kooperazzjoni tal-avukati u l-lingwisti. Dan ma jfissirx biss kooperazzjoni sporadika fix-xogħol professjonali u xjentifiku, iżda t-tagħlim kontinwu tul il-ħajja għal persuni li jaħdmu fil-ġudikatura. Barra minn hekk, jidher li huwa neċessarju li jiġi introdott tagħlim sistemiku ta' avukati futuri, fejn il-fakultajiet tal-liġi jipprovdu korsijiet speċjali ddedikati għall-użu korrett tal-lingwa u tat-terminoloġija ġuridika.

| 19 | Għal iktar dwar dan il-punt: M. Mrčela, Utjecaj odluka europskih sudova na odluke hrvatskih sudova u kaznenim predmetima, fi: Okrugli stol „Europska budućnost hrvatskoga kaznenog pravosuđa", L-Akkademja Kroata tax-Xjenzi u l-Arti, Modernizacija prava, Vol. 44, Zagreb 2018., p. 69 – 77. Bis-saħħa tal-emenda tal-liġi, it-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet isseparata mill-Artikolu 18, li jikkonċerna d-domanda preliminari, u tressqet għal Artikolu 18a separat. (Narodne novine Nru °126/2019.).

20 | C-561/19, ECLI:EU:C:2021:799.

# Il-multilingwiżmu ta' ħajja sħiħa

## — Prof. Dr. Barbara Pozzo

**Barbara Pozzo ilha professur tad-dritt komparattiv privat mill-2001 mal-Università degli Studi dell'Insubria (Como, Italja), fejn kienet Direttriċi tad-Dipartimento di Diritto, Economia e Culture (Dipartiment tad-Dritt, tal-Ekonomija u tal-Kulturi) (2015-2021) u fejn fil-preżent hija Delegata tar-Rettore per l'Uguaglianza di Genere e le Pari Opportunità (Rettur għall-Ugwaljanza tas-Sessi u tal-Opportunitajiet Indaqs). Mill-2016 hija Koordinatriċi tad-Dottorato di ricerca internazionale e interdisciplinare in Diritto e Scienze Umane (Dottorat tar-Riċerka Internazzjonali u Interdixxiplinari fid-Dritt u fix-Xjenzi Umani). Fl-2018 rebħet il-katedra tal-UNESCO "Gender Equality and Women's Rights in the Multicultural Society". Hija Membru Titolari tal-International Academy of Comparative Law (IACL), u Membru tad-Direttivo tas-Società Italiana di Diritto Comparato (SIRD) u tad-Direttivo Italiano della Association Capitant – Amis de la Culture Juridique Française.**

## Daħla

Kemm-il darba staqsejt lili nnifsi jekk id-deċiżjoni li nittratta l-multilingwiżmu fil-kuntest tal-attività akkademika tiegħi, bħala professur tat-dritt komparattiv privat, kinitx tiddependi – għall-inqas parzjalment – mill-fatt li kbirt f'ambjent multilingwi, fatt li kellu vantaġġi u żvantaġġi tul iż-żmien, iżda li mingħajr dubju dejjem eżerċita attrazzjoni fil-konfront tiegħi.

Twelidt f'Calcutta minħabba raġunijiet marbuta mal-għażliet ta' xogħol tal-ġenituri tiegħi, kbirt bejn Milano u Ruma, dejjem iffrekwentajt – mill-kindergarten sal-eżami tal-maturità – l-iskola Svizzera, fejn l-ewwel lingwa li biha kienu jiġu mgħallma s-suġġetti varji kienet il-Ġermaniż, u warajh kienu jiġu l-Franċiż u l-Ingliż. L-għażla favur din l-iskola ma tmurx lura għal xi axxendenza Svizzera fil-bogħod fl-arblu tar-razza tiegħi, iżda pjuttost kienet tirriżulta mill-konvinzjoni tal-ġenituri tiegħi li edukazzjoni tajba setgħet tirriżulta biss mill-għarfien tal-lingwi barranin.

Mill-ewwel indunajt bil-potenzjalità li nkun naf lingwa barranija. Id-dar, jekk il-ġenituri tiegħi riedu jgħidu lil xulxin xi ħaġa li ma tinftiehemx mill-bniet tagħhom, kienu jitkellmu bil-Hindi; iżda wara ftit anki aħna l-bniet bdejna nużaw l-istess arma – jekk xi ħaġa kellha tibqa' sigrieta bejnietna l-bniet – kienet tiġi ċċirkolata bejnietna bil-Ġermaniż, lingwa li l-ġenituri tiegħi ma kinux jafu …. B'diżappunt kbir għal ommi fuq kollox, li rat l-investiment tagħha jdur kontriha.

L-istudju bħala Taljana, fl-Italja, iżda fi skola barranija kellu – kif mistenni – vantaġġi e żvantaġġi. Kien ifisser li jkollok titgħallem lingwa kumplessa bħall-Ġermaniż minn età żgħira ħafna permezz ta' logħob kważi mingħajr ma tinduna. Madankollu kien jinvolvi wkoll, fl-assenza ta' ġenituri li tista' tikkomunika magħhom bl-istess lingwa, li mingħajr dubju tintilef meta d-diskors lingwistiku beda jsir iktar kumpless u ma kienx iktar biżżejjed li titgħallem bl-amment xi kanzunetta li titgħallem fil-kindergarten, iżda kien ikollok tiffaċċja testi ta' Goethe, Schiller, u iktar tard ta' Mann, Dürrenmatt u ħafna oħrajn. Biex ma nsemmix li mis-sekondarja 'l quddiem kien jinbeda anki l-kors tal-Latin li kien jiġi mgħallem minn għalliem li kien jitkellem il-Ġermaniż bħala l-ewwel lingwa. Fl-aħħar mill-aħħar kienet skola impenjattiva ħafna, li kienet iżżommna okkupati matul filgħodu kollu, iżda wkoll matul xi waranofsinhar fil-ġimgħa u li ċertament kienet tikkostitwixxi sfida ta' vera għal ħafna minna l-istudenti, b'mod partikolari fil-każijiet fejn fil-familja kien jiġi mitkellem it-Taljan biss.

Minkejja t-tgergir inevitabbli li esprimejt fl-adolexxenza tiegħi fil-konfront ta’ ambjent partikolarment dixxiplinat u eżiġenti, meta sirt adulta kelli nirrikonoxxi li dik it-triq kienet wasslet għal ħafna ġid: l-għarfien li lingwi differenti kellhom ħsejjes differenti, kunċetti differenti, espressjonijiet u metafori differenti, iżda xi kultant differenzi kulturali kbar ukoll, akkumpanja t-tkabbir tiegħi u ċertament ifforma ġewwa fija ċerta kurżità u disponibbiltà biex nifhem lin-naħa l-oħra, id-differenza. Meta ta’ tifla kont nirrifletti kif bit-Taljan u bil-Franċiż ikollok ġuħ ta’ lupu (fame da lupi) (faim de loup), filwaqt li bil-Ġermaniż il-ġuħ ta’ veru huwa dak tal-ors (Bärenhunger) kien jgħin biex nifhem li jista’ jkun hemm perspettivi differenti fir-rigward tan-nuqqas ta’ ikel. Fil-moħħ ta’ tifel li jitgħallem espressjoni l-ewwel darba, ta’ spiss jiġu assoċjati immaġini intiżi biex tinftiehem l-oriġini tagħha, iżda anki biex isiru paraguni: u b’hekk għalkemm l-espressjoni li tintilef f’tazza ilma (perdersi in un bicchier d’acqua) tidher espressjoni komika, huwa iktar traġiku d-destin ta’ min jegħreq f’għadira żgħira (affoghi in una pozzanghera) (in einer Pfütze ertrinken).

Hemm episodju minn ħajti li spiss jiġi f’moħħi, meta ta’ ħdax il-sena, studentessa fl-iskola sekondarja, ommi kienet tiċċekkja li kont għamilt ix-xogħol tad-dar u fuq kollox li kont insegwi l-lezzjonijiet b’attenzjoni. Fil-verità, mhux dejjem kien faċli li nispjega bit-Taljan x’konna għamilna l-iskola bil-Ġermaniż, peress li iktar ma kont navvanza, iktar kont niltaqa’ ma’ kunċetti astratti u kumplessi fis-suġġetti speċifiċi li qatt ma kont iltqajt magħhom fil-lingwa mitkellma Taljana, u għalhekk xi drabi ma kontx insib il-kliem f’dik li setgħet titqies bħala l-lingwa materna tiegħi, filwaqt li kont inkun naf il-kelma teknika bil-Ġermaniż. Peress li kellha karattru simili għal dak ta’ *Feldmarschall* mill-Prussja, ommi spiss kienet tistaqsini dwar il-kontenut tal-lezzjonijiet li attendejt, u kien meħtieġ li nirrispondi fil-pront. F’dik l-okkażjoni kont niftakar tajjeb li l-*għalliem kien spjegalna l-Völkerwanderungen,* u kont fhimt tajjeb ħafna dwar xiex kien qed jitkellem, iżda ma kontx naf kif nesprimi l-kunċett bit-Taljan fil-pront. Għalhekk għamilt traduzzjoni approssimattiva taż-żewġ kelmiet prinċipali li kienu jiffurmaw il-kelma u ttraduċejt lill-ommi li konna qed nistudjaw il-*perijodu meta l-popli (Völker)* kienu qed jippassiġġaw (wandern) mal-Ewropa.

“Kif jippassiġaw? Liema popli?” staqsietni ommi bil-kurżità.

“Iva!” – irrispondejtha fil-pront – hemm il-Viżigoti, l-Ostrogoti u l-Burgundi u l-Franki li ‘jippassiġġaw’ mal-Ewropa”.

Dejjem iktar sorpriża ommi staqsiet: “Jista’ jkun li l-għalliem kien qiegħed jispjegalek l-invażjonijiet Barbariċi?

"Le!,Ma huma la invażjonijiet u lanqas Barbariċi! U dawn il-popli jiċċaqilqu għax għandhom bżonn!".

"Forsi mill-perspettiva tagħhom, imma mill-perspettiva ta' min kien jiġi ssuġġettat għal dawn il-'passiġġati' dawn kienu effettivament invażjonijiet".

Jien madankollu, minkejja ċ-ċanfira ta' ommi li kienet tirrepeti t-tagħlim li kienet irċeviet fi żmienha mill-iskola Taljana, ma kienx qegħda jirnexxieli nsib f'dik il-kelma sabiħa "newtrali", kważi poetika: *Wanderungen*, li kienet tevoka l-passiġġati f'masġar, l-istess ostilità u l-istess aggressività li kienet tqajjem fija l-kelma "invażjoni".

Kellu jgħaddi ż-żmien biex nifhem kif "il-perspettiva" hija importanti u kif il-kliem iġorr tifsiriet profondi, li stabbilixxew ruħhom matul is-sekli, u kif it-traduzzjoni litterali minn lingwa għal oħra mhux dejjem tkun tista' tittrasferixxi dak il-grupp ta' valuri li żviluppaw kliem u kunċetti. Anki llum, jekk titfittex il-kelma: *Völkerwanderungen* fuq Wikipedia u mbagħad il-kelma korrispondenti bit-Taljan, għadek issib artiklu intitolat Invażjonijiet Barbariċi (Invasioni barbariche); bil-Franċiż il-frażi hija invasions barbares, bl-Ispanjol invasiones bárbaras, sinjal li l-popli tan-Nofsinhar tal-Ewropa għexu dawk il-"passiġġati" b'mod tassew iktar drammatiku mill-popli Ġermaniċi.

Li taħdem b'diversi lingwi minn meta tkun għadek tifel jew tifla jikkostitwixxi medda ta' esperjenzi u ta' emozzjonijiet li tiftaħ orizzonti ġodda u li ġġib arrikkiment tul il-ħajja, tkun xi tkun il-professjoni li jkollok l-intenzjoni li teżerċita, anki dik tal-avukat li – meta ħriġt mil-liċeo – iddeċidejt li naffronta.

## Lingwi, dritt, komparazzjoni

Fil-format klassiku tal-fakultà tal-liġi, kif iffrekwentajtha jien fis-snin 80 tas-seklu li għadda, ma kienx hemm ħafna spazju ddedikat għall-istudju tal-lingwi barranin. L-istudenti kienu ġeneralment ikunu rċevew edukazzjoni klassika u forsi kienu iktar esposti għall-Grieg u għal-Latin milli għal xi waħda mil-lingwi Ewropej. L-istabbiliment tal-proġett Erasmus kien għadu 'l bogħod u l-idea li tkun tista' tiffrekwenta parti mill-korsijiet kurrikulari f'pajjiż barrani kienet tidher bħala ħolma li ma tista' tinkiseb qatt. Il-parti l-kbira tal-attenzjoni kienet tingħata lill-għarfien tad-dritt nazzjonali biex jiġu mħarrġa l-maġistrati, l-avukati u n-nutara futuri.

Madankollu, il-korsijiet tad-dritt komparattiv li dak iż-żmien bdew iżidu fis-suċċess biex wara saru korsijiet obbligatorji għall-istudenti Taljani kollha, malajr urew b'mod ċar li

l-esplorazzjoni analitika u l-istudju ta' kwalunkwe sistema ġuridika barranija kellha tgħaddi mill-filtru lingwistiku.

Dawk bl-iktar xorti tajba fostna setgħu jattendu l-Faculté Internationale de Droit Comparé fi Strasbourg, inkoraġġiti minn xi professur illuminat u fejn kellna l-okkażjoni li niltaqgħu ma' professuri u ma' studenti Ġermaniżi, Ingliżi, Franċiżi, Belġjani, kif ukoll Pollakki, Ċekoslovakki, Ungeriżi, li kienu għadhom ma humiex ċittadini Ewropej, u b'hekk stajna nikkonfrontaw ruħna ma' realtajiet kulturali, lingwistiċi u politiċi qabel dawk legali kompletament alternattivi għal dawk magħrufa.

F'dak il-mument storiku partikolari, f'nofs is-snin 80, fejn kien qed jinbet l-interess fid-dritt komparattiv, min kien diġà jitkellem xi lingwi barranin kellu ċertament vantaġġ biex isegwi karriera akkademika f'dak il-qasam, u ma hijiex kumbinazzjoni li l-akkademiċi komparattivi li ġew imħarrġa f'dak il-qasam żviluppaw interess kbir fit-tema tat-traduzzjoni legali, peress li fl-istudju tan-naħa l-oħra u tad-differenza fil-qalba tal-fenomenu ġuridiku, kienu l-ewwel li kellhom jikkonfrontaw – naturalment u neċessarjament – il-problema lingwistika.

Fl-istudju tat-traduzzjoni legali, il-perspettiva komparattiva kienet tingħaqad ma' dik storika. Fl-ewwel lok, għaliex il-fehma tal-evoluzzjoni tal-lessiku ġuridiku u tal-ħolqien tad-diversi lingwaġġi ġuridiċi nazzjonali mill-perspettiva storika kienet toffri ċ-ċavetta biex jinftiehmu d-diffikultajiet ta' traduzzjoni eżistenti. Fit-tieni lok, għaliex kien minħabba l-perspettiva storika li kien jinftiehem kif kliem partikolari kien kiseb jew tilef valur speċifiku, u b'hekk tefa' dawl fuq kif il-lingwaġġ ġuridiku seta' jinftiehem b'mod sħiħ biss b'riferiment għal kuntest kulturali partikolari.

Bit-twettiq tal-programm Erasmus sa minn tmiem is-snin 80 u, suċċessivament, bit-tixrid tat-titoli doppji, jiġifieri dawk il-korsijiet ta' studji f'żewġ pajjiżi organizzati mill-istituti universitarji ta' żewġ pajjiżi differenti, it-tagħlim tal-lingwi barranin sar b'mod gradwali – anki fil-fakultà tal-Liġi – dejjem iktar preżenti.

Fl-istess ħin, id-dimensjoni Ewropea tad-dritt daħlet fis-setturi kollha tat-tagħlim tad-dritt, u b'hekk motivat l-attenzjoni lejn l-aspetti lingwistiċi li jinbtu kull darba li l-leġiżlatur nazzjonali jkollu jikkonfronta l-ħtieġa li jittrasponi d-dritt Ewropew fil-lingwa tiegħu stess, aspett li sar iktar kumpless, fuq kollox wara l-2004 bis-sħubija ta' għaxar pajjiżi ġodda mal-Unjoni Ewropea biż-żieda progressiva fin-numru tal-lingwi uffiċjali għal 24, u bit-tmiem reċenti tad-deroga mit-traduzzjoni għal-lingwa Irlandiża.

Fl-Italja, fil-korsijiet tal-lawrea fil-Ġurisprudenza llum jeżistu korsijiet tal-lingwa ġuridika u – għalkemm dejjem iktar rari – korsijiet tat-traduzzjoni ġuridika, li jippermettu lill-istudenti jaffrontaw id-dimensjoni dejjem iktar sovranazzjonali tad-dritt tagħna, billi jsiru jafu bid-diffikultajiet, iżda wkoll bl-interess intellettwali evidenti, li għandu d-djalogu bejn kulturi ġuridiċi diversi. Fuq livell post-lauream qed jinfirxu l-korsijiet ta' traduzzjoni legali ddedikati għal setturi speċifiċi tad-dritt, filwaqt li fid-dottorati ta' riċerka l-approċċ interdixxiplinari jwassal għad-djalogu bejn ġuristi u lingwisti. Jekk tiġi pparagunata ma' dik ta' xi għexur ta' snin ilu, il-preparazzjoni tal-ġurista Taljan hija dejjem iktar diretta lejn il-perspettiva Ewropea, li minnha jirriżulta l-multilingwiżmu.

## It-tagħlim tal-multilingwiżmu lill-ġuristi ta' għada

F'din id-dimensjoni l-ġdida ta' korsijiet tal-Ġurisprudenza li llum il-ġurnata taqbeż il-fruntieri nazzjonali, għal dawk li jieħdu ħsieb it-tagħlim tal-ġuristi ż-żgħar huwa importanti li jintwerew id-diffikultajiet u l-potenzjalità tal-multilingwiżmu Ewropew.

Minn naħa huwa fil-fatt meħtieġ li jiġi spjegat is-sabiħ u l-ikrah tat-traduzzjoni ġuridika, il-kumplessità tat-traduzzjoni minn lingwa għal oħra ta' kliem tekniku li huma r-riżultat ta' elaborazzjonijiet imwettqa matul sekli sħaħ, billi tinġibed l-attenzjoni għall-kliem simili b'tifsira differenti (falsi amici), b'enfasi fuq l-*irriduċibbiltà u fuq is-sbuħija ta' ċerti kliem li huma u għadhom ma jistgħux jiġu tradotti. Kif tista', pereżempju, tittraduċi l-kunċett ta' "interessi le*ġittimi", li għalina t-Taljani jistabbilixxi s-separazzjoni tal-kompetenza tal-imħallfin amministrattivi fil-konfront ta' dik tal-imħallfin ordinarji, fi kwalunkwe lingwa Ewropea oħra?

Min-naħa l-oħra huwa madankollu importanti li jiġi enfasizzat ir-rwol politiku tal-lingwa fil-proċess ta' armonizzazzjoni tad-dritt fl-Ewropa. It-traduzzjoni f'kuntest multilingwi fil-fatt ma hijiex limitata għas-somma ta' ħafna traduzzjonijiet bejn id-diversi lingwi Ewropej, iżda għandha minflok issegwi l-istess għanijiet li timplimenta l-istess leġiżlazzjoni multilingwi, u b'mod partikolari dak tal-armonizzazzjoni tad-dritt.

B'hekk, il-mudell li għandna llum jeċċedi l-loġika binarja ta' min jittraduċi minn lingwa għal oħra: operazzjoni li, għalkemm hija kumplessa, illum tgawdi minn esperjenza millenarja. L-isfida li l-multilingwiżmu jipproponi lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda hija differenti u tirriżulta mill-ħsieb li r-regoli Ewropej, ladarba jiġu mfassla fl-24 lingwa uffiċjali u ladarba jiġu trasposti fit-28 (27, sfortunatament, wara l-Brexit) Stat Membru, jilħqu kullimkien l-istess riżultat, fejn jagħtu drittijiet ugwali liċ-ċittadini Ewropej kollha.

Il-kuntest multilingwi tad-Dar Ewropea tagħna huwa sinjur u kumpless. Minn naħa, jistrieħ fuq pedamenti sodi. L-ewwel fosthom kollha hija l-affermazzjoni tal-prinċipju ta' "multilingwiżmu uffiċjali", jiġifieri tal-ugwaljanza tal-lingwi, riżultat ovvju tal-prinċipju li abbażi tiegħu kull lingwa uffiċjali għandha l-istess dinjità fil-konfront tal-oħrajn, indipendentement min-numru ta' nies li jitkellmuha, u li jimplika mhux biss li t-testi leġiżlattivi għandhom jiġu adottati fil-lingwi uffiċjali kollha, iżda wkoll li d-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-istess att leġiżlattiv għandhom l-istess validità. L-istess Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'ġurisprudenza kkonfermata, li l-verżjoni f'lingwa ta' test leġiżlattiv tal-Komunità ma tistax minnha nnifisha titqies li hija superjuri għall-verżjonijiet f'lingwi oħra, peress li l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju teżiġi li l-interpretazzjoni tiegħu inkunsiderazzjoni anki l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra (ara s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, *Stauder*, Kawża 29/69, EU:C:1969:57, punt 3, u tas-17 ta' Lulju 1997, *Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, Kawża C*-219/95 P, EU:C:1997:375, punt 15).

Wara kollox, għandu jitfakkar ukoll kif, fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-multilingwiżmu uffiċjali huwa bbażat fuq finzjoni ġuridika, u b'mod partikolari fuq il-preżunzjoni tat-tfassil simultanju u tal-identiċità tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha, liema ħaġa fir-realtà ma tiġri kważi qatt. Wara kollox, peress li t-tfassil f'ħafna lingwi għandu jipprova jwassal għal test li jesprimi t-tifsira u li jipproduċi l-effetti mixtieqa mil-leġiżlatur Ewropew, u peress li l-affidabbiltà ta' test awtentiku titkejjel abbażi tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni konkreta tiegħu, l-għan tat-tfassil f'ħafna lingwi għandu jkun dak li jinħolqu testi li jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi mill-qrati fil-kuntesti nazzjonali differenti kollha. Madankollu, il-probabbiltà li l-interpreti jattribwixxu l-istess tifsira lill-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' att leġiżlattiv hija inqas fil-każijiet fejn it-testi differenti ma jużawx l-istess sistema ta' riferiment, skont il-lingwa użata. U s-sistema ta' riferiment komuni fl-Ewropa ma hijiex fatt: Għadna qegħdin nibnuha.

Il-multilingwiżmu Ewropew huwa avventura unika. Hija unika għaliex qatt fil-passat ma kien hemm sistema ġuridika li operat b'24 lingwa uffiċjali li fiha huma possibbli 552 kombinazzjoni lingwistika, fid-dawl tal-fatt li kull lingwa tista' u għandha tiġi tradotta fit-23 l-oħra. Hija unika, iżda hija wkoll possibbli. U hija possibbli għaliex nemmnu fiha, aħna l-Ewropej, magħqudin fid-diversità.

# Il-lingwa Latvjana u l-multilingwiżmu fil-Latvja

— Prof. Dr. iur. Sanita Osipova

**Sanita Osipova hija Mħallef, dottorat fil-liġi u professoressa universitarja. Fil-perijodu bejn Awwissu 2011 u Frar 2022, hija kienet Imħallef tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja, Viċi Presidenta tal-imsemmija qorti u, minn Ottubru 2020 sa Frar 2022, Presidenta tal-Qorti Kostituzzjonali. Fl-2006, Sanita Osipova nħatret professoressa tal-Katedra tat-Teorija u Storja tad-Dritt tal-Fakultà tal-Liġi tal-Università tal-Latvja. L-attività xjentifika tagħha tinkludi preżentazzjonijiet f'kungressi xjentifiċi nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll iktar minn 100 pubblikazzjoni fuq kwistjonijiet tat-teorija u tal-istorja tad-dritt, dritt kostituzzjonali, soċjoloġija tad-dritt u etika ġuridika. Fl-2020, Sanita Osipova ngħatat it-titolu "Persuna Ewropea tas-Sena 2020 fil-Latvja". Fid-19 ta' Jannar 2021, hija rċeviet il-Premju Arveds Švābe tal-Istorja tal-Latvja, mogħti mill-Akkademja tax-Xjenzi tal-Latvja, għas-serje ta' artikli "Nazzjon, Lingwa, Stat tad-Dritt: Fit-Triq għal Għada". Mill-2021, hija membru korrispondenti tal-Akkademja tax-Xjenzi tal-Latvja.**

*"[...] wieħed mill-ikbar meravilji: IL-FERĦ TAL-KITBA.*
*L-id qiegħda tħażżeż kull tip ta' sinjali, billi tpinġi singijiet vertikali u orizzontali,*
*u, billi tagħmel dan, qiegħda tibni strutturi kumplessi ta' ħsieb, disponibbli għal biljuni ta' nies".*

Zenta Mauriņa [1]

Il-Latvjani jgħidu: "Patrija u lingwa materna". Dan jesprimi l-konvinzjoni tagħna li l-bażijiet tal-personalità ta' individwu jiġu fformati mill-art, li huwa jiret mill-antenati tiegħu, u l-lingwa, li tippermettilu jintegra ruħu fil-poplu tiegħu. Dawn iż-żewġ partijiet – l-art u l-lingwa – jiżguraw il-kontinwità u s-sostenibbiltà tan-nazzjon, billi joħolqu pont bejn il-passat u l-futur u billi jgħaqqdu dak li persuna tirċievi mill-ġenituri tagħha u dak li hija toħloq hija stess matul ħajjitha sabiex tittrasferixxih lil uliedha.

Ma nistax nenfasizza biżżejjed l-importanza tal-lingwa fil-formazzjoni individwali u soċjali ta' persuna. Hija l-lingwa li tittrasforma lil individwu minn ħlejqa bijoloġika għal ħlejqa soċjali: issawwar il-personalità tiegħu, tkun il-bażi għal ħsibijietu, tippermettilu jikkomunika ma' persuni oħrajn, tiftaħlu dinja li fiha ħafna jista' jissemma u jiġi deskritt. Il-lingwa, li fiha jimmaterjalizza l-ħsieb u li fiha l-persuni jiffurmaw nisġa moħbija ta' relazzjonijiet u kollaborazzjonijiet, hija waħda mill-prerekwiżiti għall-ħolqien u l-eżistenza ta' kwalunkwe soċjetà organizzata, inkluż in-nazzjon. Il-lingwa tgħaqqad lil diversi individwi f'totalità kollettiva u magħquda u tippermettilhom jaqsmu, jaħdmu flimkien, jissimpatizzaw, jiċċelebraw, jitnikktu, u b'dan il-mod joħolqu kuxjenza kollettiva li fiha jkun hemm kemm il-ħsibijiet il-kbar kif ukoll is-sentimenti profondi u l-esperjenzi qarsa li jikkaratterizzaw b'mod partikolari din il-kultura. Lingwa hija differenti minn oħra mhux biss minħabba l-ħoss, l-istruttura u karatteristiċi oħra li jikkaratterizzawha, iżda wkoll minħabba l-kunċetti li huma magħrufa minn soċjetà partikolari biss, peress li l-lingwa hija mera tal-kultura ta' soċjetà. Il-lingwa tissepara soċjetà mill-bqija tad-dinja, billi tgħaqqadha f'poplu, tunifikaha f'nazzjon. Hemm kliem li ma humiex faċli li jiġu tradotti f'lingwi oħra. Pereżempju, fil-Latvjan, waħda minn dawn il-kliem hija *talka*, li tagħmel riferiment għat-tradizzjoni li wieħed jgħin lill-ġirien iwettqu kompiti importanti – bħall-ħsad tal-ħuxlief jew il-patata – bla ħlas. Il-lingwa tippermetti lil nazzjon joħloq il-maġija tiegħu ta' unjoni li huwa biss jifhem u li tista' tiġi trażmessa lill-ġenerazzjonijiet futuri.

1 | Zenta Mauriņa. "Sirds mozaīka". Atbalsis. Riga: Jumava, 2019, p. 50. Il-kittieba u traduttriċi Zenta Mauriņa (1897-1978) hija fundatriċi u kompilatriċi tal-ġeneru tat-test letterarju u filosofiku Latvjan.

*"Pontijiet pedonali magħmula mill-ġenituri tal-ġenituri,*

*It-tfal tat-tfal jaqsmu;*

*Tfal, jaqsmuhom b'tali mod*

*li jdumu għall-ħajja kollha."*

*Kanzunetta folkloristika Latvjana* [2]

Il-lingwa hija ċ-ċavetta tar-ruħ ta' nazzjon. Min-naħa tagħha, kull lingwa ġdida li nitgħallmu tiftħilna l-bieb għal dinja unika u kkulurita fformata minn kultura oħra.

Niklas Luhmann kiteb li "s-soċjetà ma tistax taqsam il-fruntieri stabbiliti fil-lingwa" [3]. Fl-istess ħin, is-soċjetà kontinwament tikkompleta l-lingwa u tkompli testendi dawn il-fruntieri. Persuna għandha titgħallem il-lingwa materna matul il-ħajja kollha, għaliex kull esperjenza ġdida li jkollna żżid kliem ġdid għal-lingwa u tiftaħ fruntieri ġodda. Kull lingwa ġdida li nitgħallmu tiftaħ ukoll orizzonti usa' għall-ispirtu tagħna.

Il-lingwa hija kjarament karatteristika essenzjali, element unifikatur u valur tas-soċjetà, li jippermetti s-sostenibbiltà tagħha. It-telf ta' lingwa jkun ifisser ukoll telf ta' parti importanti mill-identità u mill-patrimonju kulturali ta' individwu. F'kull kultura, parti sinjifikanti minnha hija marbuta mal-kelma: folklor, letteratura, films, lirika ta' kanzunetti. Dan jinkludi l-qasam ġuridiku kollu, jiġifieri r-regoli ġuridiċi, il-ġurisprudenza u d-duttrina, li huma fformulati bil-kliem. Li wieħed jitlef il-lingwa tiegħu huwa wkoll li jitlef parti mill-memorja kollettiva.

Il-lingwa hija partikolarment importanti għan-nazzjon Latvjan għaliex, matul is-seklu, hija l-lingwa biss li għaqqditna bħala Latvjani. L-ispjegazzjoni tinsab fl-istorja. Għalkemm l-għeruq storiċi tal-Latvjani jmorru lura għal iktar minn elf sena, l-Istat tal-Latvja, li issa jgħaqqad u jipproteġi n-nazzjon, għadu kif iċċelebra ċ-ċentenarju tiegħu. U, matul nofs dawn il-mitt sena, il-Latvja kienet okkupata. Matul l-istorja, l-artijiet Latvjani u Livonjani

2 | L-espressjoni "kanzunetta folkloristika" (mill-Ġermaniż "Volkslied") daħlet fil-kultura internazzjonali ewlenija bil-kitbiet tal-filosfu u kittieb tal-Illuminiżmu Johann Gottfried Herder (tissemma l-ewwel darba fl-1773). F'sens usa', il-kanzunetti folkloristiċi Latvjani huma l-folklor ta' kant kollu trażmess oralment fi ħdan il-poplu, iżda l-kunċett ta' spiss jintuża sabiex isir riferiment għall-parti l-iktar antika tal-folklor tal-kant: l-hekk imsejħa kanzunetti tal-poplu klassiċi, li s-sinonimu tagħhom huwa dainas (mil-Litwan "dainà" (kanzunetta).)

3 | Луман, Н. Общество как система. Москва: Логос, 2004, с. 45.

kienu inkorporati fit-territorji ta' Livonja, il-Polonja-Litwanja, l-Isvezja u l-Imperu Russu, u l-Latvja kienet ġiet okkupata mill-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi, filwaqt li l-bliet ta' Livonja kienu membri tal-Lega Anseatika fil-Medju Evu. Sa mis-seklu XIII, meta nħolqot l-ewwel formazzjoni statali fil-Latvja attwali, l-awtoritajiet tkellmu mal-poplu b'lingwa barranija. Il-Latin, il-Ġermaniż, l-Isvediż, il-Pollakk u r-Russu ġew introdotti suċċessivament fuq l-artijiet Latvjani u Livonjani mal-ħakkiema. Barra minn hekk, kien hemm perijodu fejn l-antenati tagħna ma kinux kollha suġġetti għal awtorità pubblika waħda, għaliex kienu maqsumin bejn pajjiżi differenti. Pereżempju, fis-seklu XVII, l-istadisti tal-artijiet anċestrali tagħna kienu jitkellmu parzjalment Pollakk u parzjalment Svediż, u l-ħakkiema kienu josservaw il-privileġġi tan-nobbiltà lokali, li kienu jinkludu l-użu tal-Ġermaniż fl-amministrazzjoni lokali. Fis-seklu XVIII, magħquda fl-Imperu Russu, l-antenati tagħna kienu diviżi f'reġjuni differenti. Fir-reġjuni Baltiċi, bħala rikonoxximent tat-tradizzjonijiet lokali, il-Ġermaniż kienet il-lingwa uffiċjali sat-tieni nofs tas-seklu XIX, filwaqt li għal-Latvjani tal-Lvant – il-Latgaljani, inklużi fir-reġjun ta' Vítebsk – il-lingwa uffiċjali kienet ir-Russu. Il-Knisja Kattolika, min-naħa tagħha, kienet tindirizza lill-fidili tagħha bil-Latin fil-Medju Evu. Il-lingwa Latvjana daħlet fil-Knisja biss mis-seklu XVI, meta, wara r-Riforma, kongregazzjonijiet Latvjani daħlu fil-Knisja Luterana u dehru l-ewwel traduzzjonijiet tal-Iskrittura Sagra bil-Latvjan.

L-esperjenza storika tal-Latvjani hija varjata, multikulturali u multilingwi, peress li ilna sekli sħaħ nistinkaw biex nitkellmu bil-lingwi barranin. Huma biss l-lingwa Latvjana u l-wirt kulturali maħluq fiha, partikolarment id-*dainas* (jew kanzunetti popolari), li għenuna nġorru l-idea ta' unità tul is-sekli, inrawmu u nippreżervaw l-identità tagħna mingħajr ma nintilfu fil-gruppi nazzjonali kbar, sabiex morna milli nkunu tribujiet Baltiċi għal li nkunu nazzjon, għal li finalment nirrikonoxxu (forsi tard wisq) id-dritt tal-poplu Finno-Ugriku – il-Livonjani – għall-identità rispettiva tagħhom, li naċċettaw id-diversi minoranzi li baqgħu matul l-istorja u, fl-aħħar, sabiex nikkonċepixxu u nilħqu l-ħolma ta' Stat tagħna. Il-lingwa Latvjana bħala valur kostituzzjonali u bażi tal-identità kostituzzjonali hija stabbilita fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja [4]. "L-identità tal-Latvja fl-ambitu kulturali Ewropew hija fformata sa mil-antikwità mit-tradizzjonijiet Latvjani u Livonjani, il-mod tal-ħajja Latvjan, il-lingwa Latvjana u l-valuri tal-bniedem u Kristjani universali", jiddikjara l-preambolu tal-Kostituzzjoni.

4 | Fil-15 ta' Frar 1922, l-Assemblea Kostitwenti tal-Latvja adottat il-Liġi Fundamentali tar-Repubblika tal-Latvja (il-Kostituzzjoni), li tiddetermina l-bażijiet kostituzzjonali tal-Istat Latvjan, l-organizzazzjoni tal-Istat u r-relazzjoni tal-individwu mal-Istat.

Fl-istess ħin, il-poplu Latvjan żviluppa storikament u dejjem għex fi spazju multilingwi, fejn numru kbir ta' persuni jitkellem diversi lingwi. Tradizzjonalment, sat-tieni nofs tas-seklu XX, dawn il-lingwi kienu l-Latvjan, il-Ġermaniż u r-Russu, iżda issa, minħabba l-globalizzazzjoni, il-Ġermaniż qiegħed inaqqas meta mqabbel mal-Ingliż. Għaliex dawn il-lingwi? Il-Latvjan, għaliex, minn meta twaqqfet ir-Repubblika tal-Latvja fl-1918, ġie indikat bħala l-lingwa statali li fiha jikkomunikaw kemm il-Latvjani kif ukoll il-membri tad-diversi minoranzi. Il-Ġermaniż, għaliex għal kważi 700 sena, kien il-lingwa tal-Amministrazzjoni Pubblika fil-parti l-kbira tat-territorju tal-Latvja, il-lingwa tal-proċeduri ġudizzjarji u li fiha wieħed seta' jirċievi edukazzjoni. Barra minn hekk, sal-1939, il-Latvja kellha minoranza nazzjonali Ġermano-Baltika sinjifikattiva. Il-lingwa Russa, għaliex kienet serviet bħala lingwa statali mill-aħħar tas-seklu XIX sa meta twaqqaf l-Istat Latvjan. Ir-Russi kienu wkoll storikament minoranza sinjifikattiva, flimkien mal-Estonjani, il-Litwani, il-Pollakki, il-Lhud u r-Roma.

Storikament, Latvjani u membri ta' popli oħra dejjem għexu flimkien fil-Latvja. Il-kultura nazzjonali Latvjana, li kienet diġà żviluppat qabel il-ħolqien tal-Istat Latvjan, saret il-bażi għall-kultura tal-Istat indipendenti. Il-kulturi tal-minoranzi Latvjani bdew il-vjaġġ speċjali tagħhom tal-iżvilupp wara t-18 ta' Novembru 1918, meta l-gruppi etnokulturali saru minoranzi nazzjonali u l-membri tagħhom saru ċittadini Latvjani. Id-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali ġew irrispettati fir-Repubblika tal-Latvja sa mill-ħolqien tal-Istat. Fis-17 ta' Novembru 1918 ġiet adottata l-pjattaforma politika tal-Kunsill tal-Popli [5], li stabbilixxiet il-bażijiet tal-Istat, u li kienet tistipula: "Id-drittijiet kulturali u nazzjonali tal-gruppi nazzjonali ser jiġu żgurati fil-liġijiet fundamentali".

Wara l-ħolqien tar-Repubblika tal-Latvja, minkejja li l-lingwa uffiċjali kienet il-Latvjan, l-Istat kien jikkomunika maċ-ċittadini tiegħu bi tliet lingwi; il-Latvjan, il-Ġermaniż u r-Russu. Dawn it-tliet lingwi kienu jinstemgħu ukoll fil-qasam leġiżlattiv, peress li l-minoranzi nazzjonali kienu rrappreżentati kemm fl-Assemblea Kostitwenti [6] kif ukoll wara fis-*Saeima* [7]. Il-maġġoranza tal-ġuristi Latvjani kienu studjaw bil-Ġermaniż f'Tartu,

5 | L-ewwel u l-ogħla korp leġiżlattiv temporanju tar-Repubblika tal-Latvja fl-1918–1920 (sakemm issejħet l-Assemblea Kostitwenti tal-Latvja).

6 | L-ewwel Parlament elett, li ffunzjona mill-1 ta' Mejju 1920 sas-7 ta' Novembru 1922, ta bidu għall-perijodu ta' demokrazija Parlamentari fir-Repubblika tal-Latvja.

7 | Korp rappreżentattiv tal-poplu Latvjan (il-Parlament), li jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi u huwa magħmul minn 100 rappreżentant tal-poplu (deputati tas-*Saeima*).

bir-Russu fl-universitajiet ta' Moska, Sankt-Peterburg jew universitajiet imperjali oħra, bil-Franċiż barra mill-imperu, pereżempju f'Pariġi, filwaqt li l-Ġermano-Baltiċi kienu jistudjaw f'universitajiet Ġermaniżi. It-terminoloġija legali Latvjana kienet għadha emerġenti u l-letteratura legali bil-Latvjan kienet nieqsa. Barra minn hekk, fil-prattika ġuridika kienu meħtieġa avukati mħarrġa b'konoxxenza tajba tat-tliet lingwi, peress li l-klijenti kienu ta' nazzjonalitajiet differenti. Diġà fl-ewwel Kungress tal-Ġuristi tal-Latvja, li fl-1932 ġabar flimkien ġuristi Latvjani ta' kull nazzjonalità, ġiet adottata riżoluzzjoni dwar il-formazzjoni ġuridika: "Fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-istudju tal-letteratura ġuridika, kif ukoll taċ-ċirkustanzi partikolari tal-Latvja, it-taqsima dwar il-formazzjoni ġuridika u l-istatus professjonali tal-ġuristi tesprimi x-xewqa tagħha li l-gradwati tal-Fakultà tal-Liġi tal-L.U. (l-Università tal-Latvja) għandu jkollhom għarfien tajjeb tal-Ġermaniż u tar-Russu" [8]. Il-multilingwiżmu fl-Amministrazzjoni Pubblika u fl-edukazzjoni kompla fil-Latvja sal-1934, meta kolp ta' Stat [9] ta' Kārlis Ulmanis wassal għall-konsolidazzjoni ta' Stat nazzjonali li kien juża biss il-lingwa Latvjana.

Matul l-okkupazzjoni Sovjetika, it-territorju tal-Latvja kien suġġett għal multilingwiżmu forzat. Għalkemm l-Unjoni Sovjetika kompliet il-politika ta' Russifikazzjoni diġà mibdija mill-Imperu Russu fit-tieni nofs tas-seklu XIX u fit-territorji kollha okkupati l-popolazzjoni kienet obbligata tkun taf ir-Russu, inżammet il-possibbiltà, għall-popolazzjoni tar-repubbliki magħquda, li tintuża l-lingwa materna, inkluż fil-leġiżlazzjoni u fil-proċeduri ġudizzjarji. It-tfal tar-Repubblika Soċjalista Sovjetika tal-Latvja kienu jitgħallmu r-Russu u l-Latvjan l-iskola, kif ukoll lingwa barranija: l-iktar frekwenti l-Ġermaniż jew l-Ingliż, inqas frekwenti l-Franċiż.

Il-Latvja, wara l-istabbiliment mill-ġdid tal-indipendenza tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-użu tal-Latvjan bħala lingwa uffiċjali, tippromwovi wkoll l-iżvilupp tal-kulturi minoritarji u tal-multilingwiżmu. Il-Qorti Kostituzzjonali enfasizzat: "L-Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni jesprimi l-kontenut tal-prinċipju ta' dinjità tal-minoranzi nazzjonali stabbilit fil-preambolu tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement, minbarra l-valuri Latvjani, il-karatteristiċi uniċi tal-minoranzi nazzjonali huma wkoll protetti" [10]. Il-Latvja tirrikonoxxi li l-Istat għandu

8 | Jurovska, O. Pirmais juristu kongress. Atreferējums. Jurists, 1932, Nru 1 (35), p. 10.

9 | Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Mejju 1934, grupp ta' kospiraturi mmexxija mill-Prim Ministru Kārlis Ulmanis wettqu kolp ta' Stat. B'riżultat ta' dan, il-Kostituzzjoni ġiet sospiża, is-Saeima ġie xolt, il-Gvern ġie organizzat mill-ġdid u ġiet imposta l-liġi marzjali. B'dan il-mod, ġie stabbilit reġim awtoritarju fir-Repubblika tal-Latvja.

10 | Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja tat-23 ta' April 2019 fil-Kawża Nru 2018-12-01, punt 23.

jiggarantixxi d-dritt tat-tfal li jappartjenu għal minoranza nazzjonali sabiex jitgħallmu l-lingwa materna tagħhom fi stadju bikri tal-edukazzjoni. Dan ifisser li l-Istat għandu jiżgura li t-tfal ikollhom il-possibbiltà li jikkomunikaw bejniethom fil-lingwa materna tagħhom. Dan jista' jiġi żgurat billi t-tfal jingħataw il-possibbiltà li jitgħallmu l-lingwa materna tagħhom jew li jirċievu edukazzjoni fil-lingwa materna tagħhom fl-edukazzjoni preskolari u primarja [11].

Bl-adeżjoni tal-Latvja mal-Unjoni Ewropea, il-Latvjan sar wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-Latvja tkompli tikkoltiva t-tradizzjoni tal-multilingwiżmu, iżda issa fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat demokratiku tad-dritt. B'mod partikolari, l-interazzjoni taċ-ċittadini Latvjani maċ-ċittadini l-oħra tal-Unjoni u l-moviment liberu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jikkostitwixxu inċentiv għaċ-ċittadini Latvjani li jixtiequ jżommu t-tradizzjoni twila tal-Latvja li wieħed ikun jaf ħafna lingwi.

Matul l-istorja, il-Latvjani ppreżervaw l-identità nazzjonali tagħhom, billi tkellmu bil-Latvjan, u fl-istess ħin tgħallmu lingwi barranin, kemm taħt koerċizzjoni, suġġetti għall-Gvern ta' kapijiet barranin, kif ukoll volontarjament, sabiex itejbu konoxxenzi, jikkummerċjaw, jivvjaġġaw liberament madwar id-dinja, jikkooperaw fix-xjenza jew fil-kultura, jew sempliċement sabiex jifhmu aħjar il-ġirien li jappartjenu għall-minoranzi nazzjonali. Il-multilingwiżmu huwa l-uniku mezz sabiex jinħoloq, f'soċjetà multikulturali, djalogu ugwali li fih l-identità ta' kull parteċipant mhux biss tinżamm, iżda tittejjeb, għaliex, bl-għarfien ta' lingwi barranin, aħna nwessgħu wkoll l-orizzonti lingwistiċi tagħna.

11 | Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja tad-19 ta' Ġunju 2020 fil-Kawża Nru 2019-20-03, punt 18.1.

# Il-lingwa uffiċjali u l-interpretazzjoni ta’ garanziji kostituzzjonali relatati mal-istatus tagħha fil-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja

— Prof. Dr Danutė Jočienė

**President tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja, professur fl-Università Mykolas Romeris, Imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (mill-2004 sa l-2013), awtur ta’ diversi kotba u bosta artikli dwar id-drittijiet tal-bniedem.**

## Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea, li hija mibnija fuq id-diversità lingwistika [1], hija bbażata, fost affarijiet oħra, fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri tagħha, u waħda minn dawn it-tradizzjonijiet kostituzzjonali hija li tiżgura li l-lingwa nazzjonali jew uffiċjali għandha l-protezzjoni legali fl-Istati Membri.

Fl-istess ħin, madankollu, il-protezzjoni tal-lingwa nazzjonali jew uffiċjali fis-sistemi legali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, inkluż fil-livell kostituzzjonali, ma għandhiex tipperikola l-prinċipju ġenerali tan-nondiskriminazzjoni u tal-ugwaljanza bejn il-persuni, li japplika kemm fid-dritt tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fis-sistemi legali nazzjonali tal-Istati Membri tagħha, billi jiġi żgurat in-nondiskriminazzjoni ta' persuni fuq il-bażi tal-lingwa, u billi jiġu żgurati wkoll il-valuri ta' soċjetà demokratika bħat-tolleranza, il-ġustizzja u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-Istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà li fiha jipprevalu n-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Barra minn hekk, l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jenfasizza, *inter alia*, li l-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha, u għandha tiżgura li l-wirt kulturali Ewropew ikun issalvagwardat u msaħħaħ. Għalhekk, ir-rispett, fost affarijiet oħra, għad-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali li l-Istati Membri tagħha għandhom ukoll jieħdu inkunsiderazzjoni meta jintroduċu ċerti miżuri fis-sistemi kostituzzjonali tagħhom għall-protezzjoni tal-lingwa nazzjonali jew uffiċjali (inter alia fil-livell tal-Kostituzzjoni).

Għalhekk, filwaqt li jipproteġu u jrawmu l-lingwa nazzjonali jew uffiċjali tagħhom, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jirrispettaw il-valuri fundamentali li fuqhom l-Unjoni Ewropea nnifisha hija stabbilita, filwaqt li jippromwovu r-rispett, *inter alia*, tad-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea.

1 | Kalbų įvairovės svarba ("L-importanza tad-diversità lingwistika"), https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/file_import/lt_lithuanian_24.pdf.

Fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali dwar il-lingwa nazzjonali jew uffiċjali u/jew id-drittijiet u l-libertajiet speċifiċi tal-bniedem relatati mal-użu tal-lingwa u l-garanziji tagħhom huma suġġetti għal interpretazzjoni mill-istituzzjonijiet ġudizzjarji mwaqqfa taħt il-kostituzzjoni. Ir-Repubblika tal-Litwanja ma hijiex eċċezzjoni, u f'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja (iktar 'il quddiem il-"Qorti Kostituzzjonali" jew il-"Qorti") diversi drabi ġiet mitluba tinterpreta l-garanziji relatati mal-istatus kostituzzjonali tal-lingwa nazzjonali fil-Litwanja.

Għandu jiġi nnotat li l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja (iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni") tistabbilixxi garanziji għall-protezzjoni tal-lingwa nazzjonali, filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali, abbażi tal-Kostituzzjoni, diġà ddeċidiet numru ta' kawżi tad-dritt kostituzzjonali li fihom interpretat dawn il-garanziji u gradwalment żviluppat il-pożizzjoni legali kostituzzjonali uffiċjali dwar il-protezzjoni tal-lingwa nazzjonali u l-garanziji tagħha.

Għalhekk, dan l-artiklu l-ewwel ser jeżamina l-interpretazzjoni tal-istatus tal-lingwa Litwana bħala l-lingwa uffiċjali fil-ġurisprudenza kostituzzjonali tal-Qorti Kostituzzjonali. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza tiċċara wkoll żewġ garanziji kostituzzjonali oħra relatati mal-istatus kostituzzjonali tal-lingwa nazzjonali: l-ewwel, il-garanzija ġenerali ta' nondiskriminazzjoni bejn il-persuni fuq il-bażi tal-lingwa (jew il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-lingwa) u, it-tieni, il-garanzija proċedurali speċifika tad-dritt għal interpretu.

Dawn il-garanziji kostituzzjonali kellhom u għad ikollhom rilevanza partikolari sabiex jiġu żgurati d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali [2] fil-Litwanja, ukoll fid-dawl tan-numru dejjem jikber ta' barranin residenti fil-Litwanja (kemm barranin legalment preżenti

2 | Skont iċ-ċensiment ġenerali tal-popolazzjoni tal-2011, il-Litwani kienu jammontaw għal 84.2 % tal-popolazzjoni tal-Litwanja, il-Pollakki – 6.6 %, ir-Russi – 5.8 %, il-Bjelorussi, l-Ukraini u n-nies ta' nazzjonalitajiet oħra – 2.3 %. Il-lingwa nazzjonali kienet indikata bħala l-lingwa materna tagħhom minn, pereżempju, 77.1 % tal-Pollakki u 87.2 % tar-Russi. Data tad-Dipartiment tal-Istatistika Litwan, https://osp.stat.gov.lt/documents/10180/217110/Gyv_kalba_tikyba.pdf/1d9dac9a-3d45-4798-93f5-941fed00503f. Skont iċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar tal-2021, 84.6 % tal-popolazzjoni huma Litwani bħala etniċità (fl-2011 – 84.2 %); il-Pollakki jibqgħu l-ikbar minoranza nazzjonali fil-pajjiż u jagħmlu 6.5 %, ir-Russi – 5 %, il-Bjelorussi – 1 %. Ara https://osp.stat.gov.lt/informaciniai-pranesimai?eventId= 288049. Mil-lat storiku, f'konformità mad-diviżjoni ta' N. Girasoli tal-minoranzi nazzjonali f'minoranzi nazzjonali b'għeruq storiċi u minoranzi nazzjonali etniċi, fl-opinjoni ta' G. Potašenko, pereżempju, il-minoranzi Pollakki u dawk Russi fil-Litwanja jappartjenu għal dawk tal-ewwel. S. Katuoka et al., *Tautinių mažumų apsauga: tarptautinės teisės aspektai ("Il-Protezzjoni tal-*minoranzi: aspetti tad-dritt internazzjonali"). Vilnjus: Università Mykolas Romeris, 2013, p. 14.

fit-territorju tal-Istat kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li qasmu l-fruntiera tal-Litwanja illegalment [3]) u, konsegwentement, tal-importanza dejjem tikber tal-użu ta' lingwi li ma humiex il-Litwan (jiġifieri lingwi barranin) fis-soċjetà u fil-ħajja pubblika. Dawn il-garanziji jistgħu wkoll jitqiesu bħala li jiżguraw il-multilingI. wiżmu [4] tal-individwi, u wkoll bħala li jippromwovu r-rispett, *inter alia*, għad-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea.

## I. L-interpretazzjoni tal-istatus tal-lingwa Litwana bħala l-lingwa uffiċjali fil-ġurisprudenza kostituzzjonali

Fl-eżerċizzju tal-ġustizzja kostituzzjonali, li tiggarantixxi s-supremazija tal-Kostituzzjoni fis-sistema legali u l-legalità kostituzzjonali, il-Qorti Kostituzzjonali hija l-protettriċi u l-promotriċi tal-valuri kostituzzjonali, filwaqt li tiżgura l-bilanċ tagħhom f'tilwimiet kostituzzjonali speċifiċi. Wieħed mill-valuri kostituzzjonali li fuqhom hija bbażata l-Kostituzzjoni adottata miċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja fir-referendum tal-25 ta' Ottubru 1992, u li l-konsolidazzjoni, id-difiża u l-protezzjoni reali tagħha huma r-raison d'être [5] tal-Istat innifsu, huwa l-lingwa uffiċjali stabbilita fl-Artikolu 14 tal-Kostituzzjoni.

Wara li, fil-preambolu tal-Kostituzzjoni, huwa enfasizzat li n-nazzjon Litwan jadotta u jipproklama li din il-Kostituzzjoni ssalvagwardat, fost affarijiet oħra, il-lingwa u l-kitba nattiva tiegħu, l-istatus tal-lingwa Litwana bħala l-lingwa uffiċjali huwa *expressis verbis* iċċarat iktar fil-Kapitolu I tal-Kostituzzjoni, intitolat "L-Istat tal-Litwanja", li għad-dispożizzjonijiet tiegħu ġie stabbilit livell ogħla ta' protezzjoni kostituzzjonali peress li dawn

3 | Il-flussi ta' migrazzjoni illegali (total ta' 4 309 migrant) irreġistrati mill-1 ta' Jannar 2021 fil-Litwanja juru li, skont iċ-ċittadinanza ddikjarata, il-maġġoranz a huma ċittadini mill-Iraq (2 858), mill-Kongo (203), mis-Sirja (170), mill-Kamerun (135) , mill-Bjelorussja (102) u mill-Afganistan (101). Data mid-Dipartiment tal-Istatistika Litwan mit-13 ta' Diċembru 2021, https://ls-osp-sdg.maps.arcgis.com/apps/dashboards/9b0a008b1fff41a88c5efcc61a876be2.

4 | Għalkemm il-Kunsill tal-Ewropa jagħmel distinzjoni bejn il-multilingwiżmu, bħala l-preżenza ta' diversi lingwi użati f'żona ġeografika partikolari, u l-plurilingwiżmu (jew multilingwiżmu individwali), bħala r-repertorju ta' lingwi individwali (jew, għalhekk, varjetajiet) użati minn kelliem, l-Unjoni Ewropea tuża t-terminu "multilingwiżmu" għat-tnejn (xi kultant tenfasizza l-"multilingwiżmu tal-individwu"). *Language Rich Europe: Trends in policies and practices for multilingualism in Europe* (edituri: G. Extra u K. Yağmu), 2012, https://www.teachingenglish.org.uk/sites/teacheng/files/pub_LRE_English_version_final_01.pdf.

5 | Sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' Awwissu 2006 (Žin. (Gazzetta Uffiċjali *Valstybės žinios*), 2006, Nru°90-3529), tal-24 ta' Settembru 2009 (*ibid.*, 2009, Nru 115-4888), u tal-24 ta' Jannar 2014 (TAR (Reġistru tal-Atti Legali), 2014-01-24, Nru°478).

jistabbilixxu valuri kostituzzjonali fundamentali speċjali (dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu emendati biss b'referendum (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 148 tal-Kostituzzjoni)).

L-Artikolu 14 tat-Taqsima I tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "il-Litwan għandu jkun il-lingwa uffiċjali" [6]. Fid-duttrina, din id-dispożizzjoni hija ttrattata wkoll bħala prinċipju kostituzzjonali primarju minħabba l-istabbiliment u s-sinjifikat tagħha [7].

Fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali ripetutament innotat li l-lingwa Litwana hija valur kostituzzjonali speċjali, hija l-bażi tal-identità etnika u kulturali tan-nazzjon Litwan, il-garanzija tal-identità u s-sopravivenza tan-nazzjon; il-lingwa uffiċjali – il-lingwa Litwana standard – hija mezz sabiex tilleġittima s-sovranità tan-nazzjon u l-komunikazzjoni tagħha mad-dinja [8].

L-ewwel deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li turi l-interpretazzjoni tal-istatus tal-lingwa Litwana bħala l-lingwa uffiċjali ġiet adottata fil-**21 ta' Ottubru 1999** [9]. Din hija relatata mal-mod li jinkitbu, fil-passaport ta' ċittadin Litwan, l-ismijiet personali ta' ċittadini li jappartjenu għal gruppi etniċi.

F'azzjoni ċivili quddiem qorti partikolari, ir-rikorrent f'din il-kawża kostituzzjonali talab li l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi ordnat li jdaħħal l-isem u l-kunjom tar-rikorrent bil-lingwa nattiva tiegħu (il-Pollakk) f'passaport ġdid ta' ċittadin Litwan maħruġ lilu. Il-qorti li semgħet il-kawża tar-rikorrent kellha dubji dwar jekk id-dispożizzjoni kinitx konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Suprem ta' dak iż-żmien [10] tal-31 ta' Jannar 1991 dwar id-dħul ta' ismijiet u kunjonimijiet fil-passaporti ta' ċittadini tar-Repubblika tal-

6 | Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja (Žin., 1992, Nru 33-1014; 1996, Nru 64-1501, 122-2863; 2002, Nru 65-2629; 2003, Nru 14-540, 32-1315, 32-1316; 2004, Nru 111-1423, 111-4124; 2006, Nru 48-1701; TAR, 2019-04-02, Nru 5330).

7 | Il-prinċipju tal-lingwa uffiċjali huwa minqux f'dispożizzjoni waħda tal-Kostituzzjoni; "Ma hemm bżonn xejn ħlief riferiment għal din id-dispożizzjoni sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tagħha". E. Kūris. Konstituciniai principai ir Konstitucijos tekstas ("Prinċipji kostituzzjonali u t-test tal-Kostituzzjoni") (2). *Jurisprudencija (Ġurisprudenza)*, 2002, v. 24 (16), p. 59.

8 | Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Mejju 2007 (Žin., 2007, Nru 52-2025) u deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2014 (TAR, 2014-02-28, Nru°2336).

9 | Žin., 1999, Nru°90-2662.

10 | Ukoll is-Seimas Rikostituttiv (mill-1990 sal-1992); issa – is-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja.

Litwanja [11], li skontha l-ismijiet u l-kunjomijiet ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja li ma għandhomx nazzjonalità Litwana għandhom jinkitbu wkoll b'karattri Litwani, u *inter alia*, mal-Artikolu 22 tal-Kostituzzjoni li jistabbilixxi d-dritt tal-individwu għall-privatezza, mal-Artikolu 29 li jistabbilixxi l-prinċipju kostituzzjonali tal-ugwaljanza bejn il-persuni, u mal-Artikolu 37 li jiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini li jappartjenu għal komunitajiet etniċi li jippromwovu, fost affarijiet oħra, il-lingwa tagħhom.

Meta eżaminat il-kostituzzjonalità ta' din id-dispożizzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali enfasizzat is-sinjifikat tal-lingwa uffiċjali li jirriżulta mill-fatt li l-istatus tal-lingwa uffiċjali huwa stabbilit fil-Kostituzzjoni, jiġifieri l-fatt li l-lingwa uffiċjali tissalvagwarda l-identità tan-nazzjon, tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' nazzjon ċiviku, u tiżgura l-espressjoni tas-sovranità nazzjonali, l-integrità u l-indiviżibbiltà tal-Istat, u l-funzjonament tajjeb ta' korpi statali u muniċipali, filwaqt li tipprovdi wkoll garanziji importanti għall-ugwaljanza taċ-ċittadini, billi tippermetti liċ-ċittadini kollha jinteraġġixxu mal-korpi statali u muniċipali b'mod ugwali u jeżerċitaw id-drittijiet u l-interessi leġittimi tagħhom.

F'din il-kawża kostituzzjonali, il-Qorti Kostituzzjonali enfasizzat ukoll il-fatt li, bħala riżultat ta' dan l-istatus tal-lingwa uffiċjali, il-leġiżlatur għandu jistabbilixxi, permezz ta' liġi, kif l-użu ta' din il-lingwa ser jiġi żgurat fil-ħajja pubblika, u għandu jistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tagħha.

Għalhekk, huwa evidenti minn din id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li **l-istatus kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali jfisser li l-użu tal-Litwan huwa obbligatorju biss fil-ħajja pubblika tal-Litwanja.** Skont il-Qorti Kostituzzjonali, il-lingwa Litwana hija obbligatorja fl-oqsma pubbliċi li ġejjin: fl-istituzzjonijiet kollha statali u muniċipali, fil-korpi kollha, fl-intrapriżi u fl-organizzazzjonijiet li jinsabu fil-Litwanja; il-liġijiet u leġiżlazzjonijiet oħra għandhom jiġu ppubblikati bil-lingwa uffiċjali; id-dokumenti dwar ix-xogħol klerikali, il-kontabbiltà, ir-rappurtar, u dawk finanzjarji għandhom jiġu ttrattati bil-Litwan; l-istituzzjonijiet statali u muniċipali, il-korpi, l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet għandhom jikkomunikaw ma' xulxin bil-lingwa uffiċjali. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat

11 | Din ir-riżoluzzjoni tħassret bil-Liġi Nru XIV-903 tar-Repubblika tal-Litwanja dwar id-Dħul tal-Isem u tal-Kunjom ta' Individwu f'Dokumenti Adottati mis-Seimas fit-18 ta' Jannar 2022, li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2022 (suġġett għal eċċezzjoni fir-rigward tat-tħejjija tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni għal dik il-liġi). Grupp ta' membri tas-Seimas ippreżenta talba fl-20 ta' Jannar 2022 quddiem il-Qorti Kostituzzjonali dwar il-konformità ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din ir-riżoluzzjoni mal-Kostituzzjoni (b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 29 tagħha).

li f'oqsma oħra tal-ħajja, in-nies huma liberi li jużaw kwalunkwe lingwa li hija aċċettabbli għalihom.

Fl-imsemmija deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 1999, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet, fir-rigward taċ-ċittadini li jappartjenu għal gruppi etniċi, li l-att tad-dħul ta' entrati f'passaport ta' ċittadin Litwan bil-lingwa uffiċjali ma jiċħadx iċ-ċittadini li jappartjenu għal diversi gruppi etniċi mid-dritt li jiktbu isimhom bi kwalunkwe lingwa oħra, sakemm dan ma jikkonċernax il-qasam tal-użu tal-lingwa uffiċjali stabbilit mil-liġi. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni enfasizzat li l-passaport ta' ċittadin tar-Repubblika tal-Litwanja huwa dokument uffiċjali li jiċċertifika r-relazzjoni legali permanenti bejn persuna u l-Istat, jiġifieri, iċ-ċittadinanza ta' individwu, u r-relazzjonijiet taċ-ċittadinanza jappartjenu għal qasam tal-ħajja pubblika tal-Istat; għalhekk, skont il-Qorti Kostituzzjonali, l-isem u l-kunjom ta' individwu fil-passaport ta' ċittadin għandhom jinkitbu bil-lingwa uffiċjali. Inkella, l-istatus kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali ma jkunx ġie osservat.

Madankollu, ta' min jinnota li dawn il-kwistjonijiet relatati mal-kitba, fil-passaport ta' ċittadin Litwan, tal-ismijiet personali ta' ċittadini li jappartjenu għal diversi minoranzi (gruppi) nazzjonali ilhom is-suġġett ta' dibattitu sensittiv fis-soċjetà, u l-Qorti Kostituzzjonali eżaminathom f'diversi interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ifformulati fl-imsemmija deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 1999 u/jew tfittex li tiċċarahom iktar.

Fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 1999, inkluż il-fatt li l-isem u l-kunjom tal-individwu għandhom jinkitbu fil-passaport ta' ċittadin bil-lingwa uffiċjali, meta qamet il-kwistjoni dwar il-possibbiltà li jsiru entrati addizzjonali fil-passaport ta' ċittadin Litwan, jiġifieri, billi jiddaħħlu l-ismijiet personali ta' individwi li jappartjenu għal gruppi etniċi b'karattri mhux Litwani u f'forma mhux grammatizzata, il-Qorti Kostituzzjonali waslet għal konklużjoni partikolarment importanti fid-**deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Novembru 2009** li, ladarba l-isem u l-kunjom ta' individwu jkunu nkitbu fil-passaport ta' ċittadin Litwan bil-lingwa uffiċjali l-isem u l-kunjom tal-individwu jistgħu jinkitbu b'karattri oħra, li ma jkunux Litwani, u f'forma mhux grammatizzata fit-taqsima "entrati oħra" tal-istess passport, jekk l-individwu jagħmel talba b'dan il-mod. F'każijiet bħal dawn, skont il-Qorti, ma jkun hemm l-ebda bażi sabiex jiġi sostnut li għandhom ikunu miċħuda r-rekwiżiti li joħorġu mill-Kostituzzjoni li "l-isem u l-kunjom ta' individwu għandhom jinkitbu bil-lingwa uffiċċjali" u li għandha tintuża l-lingwa uffiċjali fil-ħajja pubblika tal-Istat.

Għalhekk, id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Novembru 2009 hija partikolarment importanti fir-rigward tal-promozzjoni tal-multilingwiżmu fl-Unjoni Ewropea u fir-rigward

tat-trawwim tad-diversità lingwistika; din id-deċiżjoni ċċarat li entrati oħra jistgħu jiddaħħlu fil-passaport ta' ċittadin Litwan li fih l-ismijiet personali ta' individwi li jappartjenu għal gruppi etniċi huma miktubin b'karattri mhux Litwani u f'forma mhux grammatizzata. Għalhekk, l-imsemmija deċiżjoni mhux biss tippromwovi l-multilingwiżmu fir-rigward ta' dawn il-gruppi ta' persuni, iżda ħolqot ukoll kundizzjonijiet (għalkemm pjuttost limitati) għall-użu tal-lingwa materna tagħhom fil-ħajja pubblika tal-Litwanja.

Tali inċentiv jista' jitqies ukoll bħala opportunità sabiex jiġu stabbiliti (fid-diskrezzjoni tal-leġiżlatur jew f'isem istituzzjoni speċjali tal-Istat awtorizzata minnu) **regoli rigward il-kitba tal-isem u l-kunjom ta' persuna fil-passaport ta' ċittadin Litwan li ma humiex dawk ir-regoli li jgħidu li l-ismijiet personali għandhom jinkitbu b'karattri Litwani u skont il-pronunzja Litwana** (jiġifieri li l-ismijiet u l-kunjomijiet mhux Litwani jistgħu jinkitbu mhux biss bl-użu tal-ittri tal-alfabett Litwan iżda wkoll b'karattri oħra li huma esklużivament ibbażati fuq il-Latin) [12]; madankollu, meta jsir dan, huwa meħtieġ li jiġi osservat ir-rekwiżit kostituzzjonali li tiġi protetta l-lingwa uffiċjali Litwana.

Din il-possibbiltà ġiet diskussa mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Frar 2014**, li interpretat ukoll id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 1999 rigward id-dħul ta' ismijiet personali fil-passaport ta' ċittadin Litwan, filwaqt li kkunsidrat ukoll il-kwistjoni dwar il-karattri Litwani u l-aspetti relatati mal-użu tagħhom.

Sitwazzjoni oħra relatata mal-użu ta' lingwi minoritarji tidher fid-**deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Mejju 2006**. Din qajmet il-kwistjoni dwar l-użu ta' dawn il-lingwi minn ċerti gruppi ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja fl-eżerċizzju tad-dritt kostituzzjonali tagħhom li jivvutaw f'referendum. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet dwar il-konformità mal-Artikoli 14 u 29 tal-Kostituzzjoni tad-dispożizzjoni tal-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, ikkontestata mir-rikorrent, li pprovdiet għall-istampar ta' poloz tal-votazzjoni tar-referendum bil-lingwa uffiċjali u wkoll għat-traduzzjoni tagħhom lejn il-lingwa ta' minoranza nazzjonali li tradizzjonalment tgħix

12 | Għandu jiġi nnotat li l-kitba b'dan il-mod tkompli tagħti lok għal dibattitu intens fost il-politiċi, diversi akkademiċi, speċjalisti tal-lingwa, professjonisti legali u fis-soċjetà inġenerali. Barra minn hekk, jinqala' wkoll nuqqas ta' qbil dwar, pereżempju, il-kitba tal-ismijiet tal-postijiet.

fit-territorju muniċipali f'numri sinjifikattivi [13]. F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li, kif sostnew il-grupp ta' membri tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja insostenn tat-talba tagħhom f'din il-kawża kostituzzjonali, konċentrazzjoni kbira ta' minoranzi nazzjonali li jużaw il-Pollakk u r-Russu tradizzjonalment jgħixu fil-Litwanja [14].

Wara li enfasizzat, fl-imsemmija sentenza, li l-lingwa uffiċjali hija prerekwiżit u kundizzjoni meħtieġa għall-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni tal-Istat (u għall-eżerċizzju tad-dritt kostituzzjonali ta' kull ċittadin li jivvota fir-referenda), il-Qorti Kostituzzjonali tenniet il-pożizzjoni preċedenti tagħha dwar l-użu, barra l-ħajja pubblika tal-Litwanja, ta' kwalunkwe lingwa aċċettabbli għall-individwi u enfasizzat li "il-fatt li d-dokumenti uffiċjali jinkitbu bil-lingwa uffiċjali ma jiċħadx id-drittijiet taċ-ċittadini li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali li jiktbu, jaqraw u jikkomunikaw bi kwalunkwe lingwa oħra, sakemm dan ma jikkonċernax il-qasam tal-użu tal-lingwa uffiċjali ddeterminata mill-Kostituzzjoni".

Konsegwentement, f'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali enfasizzat b'mod ċar li l-poloz tal-votazzjoni tar-referendum għandhom jiġu stampati biss bil-lingwa uffiċjali Litwana. Inkella, kif sostniet il-Qorti Kostituzzjonali, jiġi injorat il-kunċett kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali, li b'mod ċar jippreżumi l-użu tal-lingwa uffiċjali fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' sinjifikat nazzjonali, u b'hekk jinkiser l-Artikolu 14 tal-Kostituzzjoni.

Madankollu, il-Qorti Kostituzzjonali ma kkonstatatx li d-dispożizzjoni tal-Liġi dwar il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali inkwistjoni kienet tmur kontra l-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni. F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet, b'mod partikolari, li

13 | Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(6) tal-Liġi dwar il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (il-verżjoni tal-10 ta' April 2003; Žin., 2003, Nru 38-1737) dwar l-istampar ta' poloz tal-votazzjoni tar-referendum bil-lingwa uffiċjali u t-traduzzjoni tagħhom lejn il-lingwa ta' minoranza nazzjonali li tradizzjonalment tgħix fit-territorju muniċipali f'numri sinjifikattivi: "Meta jsiru r-referenda [...] il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali għandha [...] (5) torganizza stampar addizzjonali tal-poloz tal-votazzjoni ta' referendum dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja f'organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn il-poloz tal-votazzjoni, flimkien mat-test ta' polza tal-votazzjoni ta' referendum bil-lingwa tal-Istat, għandu jkun fihom it-traduzzjoni ta' dak it-test lejn il-lingwa ta' minoranza nazzjonali li tradizzjonalment tgħix fit-territorju muniċipali f'numri sinjifikattivi. Dawn il-poloz tal-votazzjoni għandhom jintużaw għall-votazzjoni f'dawk id-distretti referendarji li fihom tradizzjonalment minoranza nazzjonali tkun tgħix f'numri sinjifikattivi, kif ukoll għall-votazzjoni fl-uffiċċji postali tal-belt u tad-distrett."

14 | Skont id-Dipartiment tal-Istatistika Litwan, il-komunitajiet etniċi huma kkonċentrati prinċipalment f'ċerti żoni fix-Xlokk tal-Litwanja – id-distrett ta' Vilnjus, Švenčionys, Švenčionėliai, Visaginas, id-distrett ta' Trakai, u Klaipeda.

l-istabbiliment tal-lingwa uffiċjali fil-Kostituzzjoni u r-rekwiżit li tiġi osservata l-importanza kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali, *inter alia*, meta jiġu adottati deċiżjonijiet ta' sinjifikat nazzjonali, ma jistgħux jiġu interpretati bħala ksur tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali. Għall-kuntrarju, kif diġà ntqal, huwa l-għarfien tal-lingwa uffiċjali li jiżgura l-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha tal-Istat.

Għalhekk, minn eżami tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali żewġ tendenzi jirriżultaw b'mod ċar: minn naħa, il-Qorti Kostituzzjonali tiddefendi l-istatus kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali Litwana billi tenfasizza d-dmir universali taċ-ċittadini kollha tar-Repubblika tal-Litwanja (irrispettivament mill-oriġini etnika tagħhom, jekk jappartjenux għal minoranza nazzjonali partikolari, eċċ.) li jużaw il-lingwa Litwana fil-ħajja pubblika tal-Istat Litwan; min-naħa l-oħra, din ma tippermettix l-interpretazzjoni li l-importanza kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali tikser id-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali. Din it-tendenza tidher, pereżempju, mill-fatt li, ladarba l-isem u l-kunjom ta' individwu jinkitbu fil-passaport ta' ċittadin Litwan bil-lingwa uffiċjali, huwa permess li l-isem u l-kunjom tal-individwu jinkitbu b'karattri oħra, li ma humiex Litwani, u f'forma mhux grammatizzata fit-taqsima għal entrati oħra f'dak il-passaport, jekk l-individwu jitlob li dan isir.

Għalhekk, jista' jiġi konkluż li, billi żgurat li l-użu tal-lingwa uffiċjali f'diversi oqsma tal-ħajja pubblika fil-Litwanja (bħall-kitba tal-ismijiet personali taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja fil-passaport tagħhom u l-eżerċizzju, min-naħa ta' dawn il-persuni, tad-dritt kostituzzjonali tal-vot f'referendum), II. il-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li pproteġiet u ssalvagwardat l-istatus kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali, żgurat ukoll l-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha tar-Repubblika tal-Litwanja billi enfasizzat li r-rekwiżit ta' għarfien tal-lingwa uffiċjali fil-ħajja pubblika tal-Istat japplika b'mod ugwali għaċ-ċittadini kollha mingħajr distinzjoni, irrispettivament, pereżempju, mill-appartenenza tagħhom għal minoranza nazzjonali partikolari. Għalhekk, il-Qorti Kostituzzjonali tfittex li tilħaq bilanċ bejn l-oqsma tal-ħajja pubblika u oqsma oħra, bħall-ħajja privata ta' dawk li jappartjenu għal ċerti minoranzi nazzjonali, sabiex jintlaħaq bilanċ xieraq bejn interessi kunfliġġenti sabiex jiġi żgurat li, fost affarijiet oħra, ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, inkluża l-abbiltà tagħhom li jużaw l-ilsien matern tagħhom f'oqsma barra l-ħajja pubblika tal-Istat (u wkoll fil-ħajja pubblika tal-Istat sal-punt permess mill-ġurisprudenza kostituzzjonali). Dawn il-garanziji għandhom jiġu analizzati f'iktar dettall.

## II. Garanziji kostituzzjonali importanti sabiex jiġi żgurat l-użu ta' lingwi li ma humiex il-lingwa uffiċjali

Garanziji kostituzzjonali oħra relatati direttament mal-użu ta' lingwi minoritarji u dawk barranin huma wkoll importanti sabiex jiġu ssalvagwardati d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, kif ukoll tan-numru dejjem jikber ta' barranin fil-Litwanja.

Pereżempju, il-Kapitolu II tal-Kostituzzjoni, intitolat "Il-Bniedem u l-Istat" jispeċifika d-drittijiet tal-bniedem li għandhom ikunu ggarantiti lill-individwi kollha (b'ċerti eċċezzjonijiet bħal, pereżempju, l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, li jagħti liċ-ċittadini, *inter alia*, id-dritt li jitilqu mil-Litwanja liberament u jipprojbixxi li ċittadin ikun imċaħħad milli jirritorna lejn il-Litwanja, jew l-Artikoli 33 u 34 tal-Kostituzzjoni, li jagħtu liċ-ċittadini ċerti drittijiet politiċi, inkluż id-dritt li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-Istat tagħhom u d-dritt tal-vot) fil-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja. L-Artikolu 37, li jinsab f'dan il-kapitolu, fih dispożizzjoni partikolarment importanti li tipprezumi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali u r-rispett tagħhom, li tgħid li "iċ-ċittadini li jappartjenu għal komunitajiet etniċi għandu jkollhom id-dritt li jrawmu l-lingwa, il-kultura u d-drawwiet tagħhom".

Fl-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali diġà ddikjarat, fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ottubru 1999, li din in-norma kostituzzjonali tiggarantixxi l-preservazzjoni tal-identità etnika, il-kontinwità kulturali u l-awtoespressjoni nazzjonali lill-komunitajiet etniċi kollha li jgħixu fit-territorju tal-Litwanja.

Għandu jiġi nnotat ukoll li l-imsemmija dispożizzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni bla dubju tiggarantixxi tali kunċett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet li jinsab fil-Kostituzzjoni fejn id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuna waħda jeżistu flimkien mad-drittijiet u mal-libertajiet ta' persuni oħra [15], peress li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni jikkostitwixxu sistema waħda koerenti [16]. Għalhekk, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali huma parti integrali mill-qafas tad-drittijiet tal-bniedem iggarantit minn din il-Kostituzzjoni.

Filwaqt li l-preambolu tal-Kostituzzjoni jenfasizza li n-nazzjon Litwan jadotta u jipproklama din il-Kostituzzjoni fl-interess li jrawwem l-għaqda nazzjonali fil-Litwanja, ta' min jinnota li

---

15 | Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Diċembru 2004 (Žin., 2005, Nru 1-7).

16 | *Ibid.*

l-Qorti Kostituzzjonali diġà indikat li t-trawwim tal-għaqda nazzjonali, u għalhekk l-għaqda mal-minoranzi nazzjonali, fil-Litwanja huwa tradizzjoni storika tal-Istat tal-Litwanja.

Fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2006 dwar iċ-ċittadinanza tar-Repubblika tal-Litwanja, il-Qorti Kostituzzjonali preċedentement enfasizzat il-koeżistenza paċifika tan-nazzjon Litwan u ta' komunitajiet etniċi oħra li jgħixu fit-territorju tal-Litwanja, kif ukoll it-tolleranza reċiproka tan-nies ta' nazzjonijiet differenti: "[...] persuni li ma humiex Litwani – nies ta' nazzjonijiet etniċi oħra – għexu wkoll fl-artijiet tal-Litwanja minn żmien il-qedem. Flimkien mal-Litwani, dawn ħolqu u ddefendew l-Istat tal-Litwanja, u ħadu ħsieb il-futur tiegħu. Għalhekk, ix-xejra tal-ħajja tan-nazzjon Litwan ilha bbażata fuq il-koeżistenza paċifika tan-nazzjon Litwan u ta' komunitajiet etniċi oħra li jgħixu fit-territorju tal-Litwanja u fuq it-tolleranza ta' nies ta' diversi nazzjonijiet għal xulxin [...]"

Prerekwiżit għal tali tolleranza, li hija wkoll sinjifikattiva mill-perspettiva tal-użu tal-lingwa, hija l-prinċipju tal-ugwaljanza ggarantit fl-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni, li jiżgura n-nondiskriminazzjoni bejn il-persuni. Għalkemm il-lista stabbilita fit-test tal-Kostituzzjoni (fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 29) ta' raġunijiet għan-nondiskriminazzjoni (ara, bl-istess mod, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar in-nondiskriminazzjoni [17]) ma hijiex eżawrjenti [18], il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara fil-ġurisprudenza tagħha li, essenzjalment, il-Kostituzzjoni ma tippermetti diskriminazzjoni fuq l-ebda bażi. L-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-lingwa (il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-lingwa hija msemmija espliċitament fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni) [19].

Ta' min isemmi li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Diċembru 2004 tindika li ma jista' jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini, u lanqas ma jistgħu

17 | Manwal tad-Dritt Ewropew dwar in-Nondiskriminazzjoni, edizzjoni 2018, https://op.europa.eu/lt/publication-detail/-/publication/494aec98-2803-11e8-ac73-01aa75ed71a1.

18 | It-tieni paragrafu tal-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni jipprovdi: "Id-drittijiet ta' persuna ma jistgħux jiġu ristretti, u lanqas ma jista' jingħata privileġġ fuq il-bażi ta' sess, razza, nazzjonalità, lingwa, oriġini, status soċjali, fidi, twemmin, jew opinjonijiet."

19 | Konklużjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Jannar 1995 (Žin., 1995, Nru 9-199). Barra minn hekk, kif ġie kkonstatat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' Diċembru 2017: "Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra persuni fuq il-bażi ta' sess, razza, nazzjonalità, lingwa, oriġini, status soċjali, fidi, twemmin, jew opinjonijiet, li tirriżulta mill-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni, li jistabbilixxi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-persuni, għandu jitqies ukoll bħala element tal-protezzjoni kostituzzjonali tad-dinjità tal-bniedem."

jingħatawlhom xi privileġġi fuq il-bażijiet speċifikati *expressis verbis* fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni jew fuq kwalunkwe bażi oħra mhux iġġustifikata mill-Kostituzzjoni.

F'dan il-kuntest, ta' min jinnota wkoll li l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi wkoll kull diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, **lingwa**, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali. Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi, *inter alia*, tal-lingwa hija pprojbita wkoll mill-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi adottat min-Nazzjonijiet Uniti fl-1966, li l-Artikolu 26 tiegħu jipprovdi li kull persuna hija ugwali quddiem il-liġi u għandha dritt għall-protezzjoni ugwali tal-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni fuq xi bażi bħal razza, kulur, sess, **lingwa**, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, proprjetà, twelid jew status ieħor. Ta' min jinnota li r-Repubblika tal-Litwanja hija Stat parti għal dan it-trattat internazzjonali universali u, għalhekk, id-dispożizzjonijiet tiegħu jorbtuha.

Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bejn il-persuni u sabiex jiġi ggarantit bilanċ bejn il-prinċipju tal-lingwa uffiċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi kif ukoll l-użu ta' lingwi barranin, ċerti garanziji proċedurali speċifiċi stabbiliti fil-Kostituzzjoni huma ta' importanza partikolari.

Pereżempju, il-Kapitolu IX tal-Kostituzzjoni, intitolat 'Il-Qorti', jikkonċerna l-bażi kostituzzjonali tas-sistema ġudizzjarja. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 117, li jinsab f'dan il-kapitolu, jipprovdi li "fir-Repubblika tal-Litwanja, il-proċeduri ġudizzjarji għandhom isiru bil-lingwa uffiċjali", filwaqt li t-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu jistabbilixxi li "persuni li ma jafux il-lingwa Litwana għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet u f'proċeduri ġudizzjarji permezz ta' interpretu".

Għalkemm il-kontenut ta' dan id-dritt għal assistenza minn interpretu f'każ fejn persuna ma tifhimx jew ma titkellimx il-lingwa uffiċjali – il-Litwan – użata f'investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess jew f'proċeduri ġudizzjarji għadu ma ġiex iċċarat fil-ġurisprudenza kostituzzjonali, ma hemmx dubju li l-imsemmija dispożizzjoni kostituzzjonali fil-Litwanja tiżgura l-possibbiltà li jintużaw lingwi minoritarji u barranin fl-oqsma speċifikati, *inter alia*, permezz tal-garanzija ta' interpretazzjoni lejn il-lingwa uffiċjali waqt l-investigazzjonijiet jew il-proċeduri ġudizzjarji.

Bħala konklużjoni, jista' jiġi sostnut li, billi jinżamm il-bilanċ bejn il-valuri stabbiliti fil-Kostituzzjoni u billi l-Kostituzzjoni tiġi interpretata bħala att integrali (l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni) mhux biss fuq il-bażi tal-interpretazzjoni lingwistika, iżda wkoll, u fuq kollox, fuq il-bażi tal-interpretazzjoni sistematika tal-Kostituzzjoni, f'każijiet kostituzzjonali speċifiċi l-Qorti Kostituzzjonali mhux biss tipproteġi l-istatus tal-lingwa Litwana bħala l-lingwa uffiċjali u l-garanziji li joħorġu minn dak l-istatus, iżda tippromwovi wkoll id-drittijiet tal-individwi, inklużi dawk li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali jew iċ-ċittadini barranin residenti fil-Litwanja. Il-promozzjoni tal-multilingwiżmu u r-rispett għad-diversità lingwistika huma valuri partikolarment sinjifikattivi li huma meħtieġa kemm sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza kostituzzjonali bejn il-persuni kif ukoll sabiex tiġi promossa t-tolleranza fis-soċjetà u sabiex titrawwem il-koeżistenza paċifika tal-persuni kollha fil-Litwanja.

## Konklużjonijiet

Il-protezzjoni speċjali tal-lingwa Litwana bħala l-lingwa uffiċjali hija ddeterminata u żgurata mill-Kostituzzjoni (l-Artikolu 14) u mill-ġurisprudenza kostituzzjonali rilevanti. Filwaqt li tipproteġi u tissalvagwarda dan l-istatus tal-lingwa uffiċjali, li, skont il-Kostituzzjoni, hija l-lingwa Litwana, il-Qorti Kostituzzjonali tiżgura wkoll li ma jkunx ippreġudikat id-dritt tal-minoranzi nazzjonali residenti fil-Litwanja li jrawmu l-lingwa, il-kultura u d-drawwiet tagħhom (l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni), billi jiġu ċċarati l-garanziji kostituzzjonali li huma importanti sabiex jiġi żgurat l-użu ta' dawn il-lingwi l-oħra fil-Litwanja. Fil-ġurisprudenza kostituzzjonali tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat b'mod ċar li din in-norma kostituzzjonali tiggarantixxi l-preservazzjoni tal-identità etnika, il-kontinwità kulturali u l-awtoespressjoni nazzjonali għall-komunitajiet etniċi kollha residenti fit-territorju tal-Litwanja, filwaqt li fl-istess ħin enfasizzat il-koeżistenza paċifika bejn in-nazzjon Litwan u l-komunitajiet etniċi l-oħra li jgħixu fit-territorju tal-Litwanja, kif ukoll it-tolleranza reċiproka tan-nies ta' nazzjonijiet differenti.

Il-garanziji kostituzzjonali tal-użu ta' lingwi minoritarji u barranin relatati mal-istatus tal-lingwa uffiċjali, kif diskuss f'dan l-artiklu, jinkludu b'mod partikolari l-garanzija ta' nondiskriminazzjoni ta' persuni fuq il-bażi tal-lingwa, stabbilita fl-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni, u l-garanzija tad-dritt għal persuna mingħajr għarfien tal-lingwa Litwana li tipparteċipa f'investigazzjonijiet u f'proċeduri ġudizzjarji permezz ta' interpretu, stabbilita fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 117.

Fir-rigward tal-kitba, fil-passaport ta' ċittadin Litwan, tal-ismijiet personali ta' ċittadini li jappartjenu għal gruppi etniċi, għandu jiġi nnotat li, għalkemm id-distinzjoni bejn l-użu tal-lingwa uffiċjali fil-ħajja pubblika tal-Litwanja u fil-ħajja privata tal-individwi, kif deskritta fil-ġurisprudenza kostituzzjonali, xorta għadha sinjifikattiva, huwa partikolarment kruċjali li jiġi enfasizzat li entrata f'passaport bil-lingwa uffiċjali tista' madankollu tiġi ssupplimentata billi l-isem u l-kunjom ta' individwu jinkitbu wkoll bil-lingwa materna tiegħu fit-taqsima għal entrati oħra. Din il-garanzija kostituzzjonali hija estremament importanti għall-individwi li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, peress li l-isem u l-kunjom ta' dawn l-individwi jistgħu jinkitbu f'dokumenti uffiċjali b'karattri oħra, li ma jkunux Litwani, u f'forma mhux grammatizzata, jekk ikun hekk mitlub. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali kemm-il darba ddikjarat li "il-fatt li d-dokumenti uffiċjali jinkitbu bil-lingwa uffiċjali ma jiċħadx id-drittijiet taċ-ċittadini li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali li jiktbu, jaqraw u jikkomunikaw bi kwalunkwe lingwa oħra, sakemm dan ma jikkonċernax il-qasam tal-użu tal-lingwa uffiċjali ddeterminata mill-Kostituzzjoni".

Għalhekk, l-istabbiliment kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali, u r-rekwiżit li titqies l-importanza kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali, *inter alia*, meta jittieħdu deċiżjonijiet ta' sinjifikat nazzjonali, ma jistgħux jiġu interpretati bħala ksur tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-Litwanja. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti Kostituzzjonali, l-applikazzjoni uniformi tar-rekwiżit tal-għarfien tal-lingwa uffiċjali u l-użu tagħha fil-ħajja pubblika għaċ-ċittadini kollha tar-Repubblika tal-Litwanja tiżgura l-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha tal-Istat.

Peress li l-prinċipju tal-lingwa uffiċjali ma jipprojbixxix l-użu ta' kwalunkwe lingwa aċċettabbli oħra barra mill-ħajja pubblika tal-Litwanja, u peress li tali użu huwa wkoll iddettaljat f'dispożizzjonijiet kostituzzjonali oħra (pereżempju, fl-Artikolu 21 tal-Kostituzzjoni, li jiggarantixxi, fost affarijiet oħra, il-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem (it-tieni paragrafu), u fl-Artikolu 22, li jistabbilixxi d-dritt tal-individwu għall-privatezza), jeżisti potenzjal kunsiderevoli għal interpretazzjoni ulterjuri tal-istatus kostituzzjonali tal-lingwa uffiċjali fil-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li fl-istess ħin tippromwovi l-multilingwiżmu u r-rispett għad-diversità lingwistika fl-Istat, peress li s-soċjetà Litwana, bħala demokrazija pluralistika, tirrikonoxxi kemm id-dritt tal-Unjoni Ewropea kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li jinterpretawh [20].

20 | Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Jannar 2019 u tat-8 ta' Novembru 2019.

# Id-dritt tal-Unjoni multilingwi fil-ġurisprudenza Ungeriża

— Réka Somssich

**Il-Professur Réka Somssich hija lettriċi universitarja fid-Dipartiment tax-Xjenza Statali u Legali tal-Università ELTE ta' Budapest, fejn tgħallem sa mill-2001 id-Dritt tal-Unjoni Ewropea u d-Dritt Internazzjoni Privat. Ħadmet għal tliet snin fil-Ministeru għall-Ġustizzja bħala funzjoni intermedja, fejn kienet responsabbli, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea, għall-koordinazzjoni tat-traduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-lingwa Ungeriża. Bejn l-2004 u l-2010 irrappreżentat lill-Gvern Ungeriż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ġustizzja"). L-ambitu prinċipali tar-riċerka tagħha huwa ffokat fuq il-proċess leġiżlattiv u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni fi sfond multilingwi.**

F'waħda mill-aħħar konklużjonijiet tiegħu, fejn ippropona lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrevedi l-kriterji Cilfit, l-Avukat Ġenerali Michal Bobek, filwaqt li qabbilhom ma' kelb rieqed, staqsa jekk il-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza humiex verament mistennija jqabblu l-verżjonijiet lingwistiċi ugwalment awtentiċi (kollha), tad-dritt tal-Unjoni meta jqisu jekk huwiex possibbli li jiġi ddeterminat is-sens ta' dispożizzjoni tal-Unjoni mingħajr ma jkun hemm ebda dubju raġonevoli [1]? F'artiklu ppubblikat fl-2008, diversi snin qabel il-ħatra tiegħu bħala Avukat Ġenerali, M. Bobek kien diġà espona b'mod ċar li qiegħed dejjem isir iktar diffiċli li jintlaħqu l-aspettattivi f'ordinament ġuridiku tal-Unjoni dejjem iktar multilingwi u, fid-dawl tal-obbligi li għandhom l-imħallfin tal-Istati Membri, ta stampa tal-imħallef bħala speċi ta' Erkole Ewropew f'sens Dworkinjan, li mhux biss jaf perfettament il-liġi rilevanti nazzjonali, iżda wkoll dik tal-Unjoni, billi japplikaha *ex officio*, u jaqra d-dispożizzjonijiet ġuridiċi f'diversi lingwi, u jista' jipparaguna l-liġi għall-benefiċċju tal-interpretazzjoni tagħha, filwaqt ukoll li jkunu ċari f'moħħu l-intenzjonijiet tal-leġiżlatur Ewropew [2].

Dawk responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt fl-Istati Membri evidentement ma jistax ikollhom dawn il-kapaċitajiet kollha, u lanqas ma huwa possibbli, għal raġunijiet oġġettivi, li jipparagunaw il-lingwi uffiċjali kollha matul l-attivitajiet ta' interpretazzjoni tagħhom, għaliex anki għall-iktar imħallef poliglott huwa impossibbli li jkun jaf tlieta u għoxrin lingwa oħra, minbarra tiegħu, f'livell li jippermettilu jaqra testi legali u dottrinali kumplessi. Din hija biss kimera. Madankollu, lanqas ma għandna nikkunsidraw li l-multilingwiżmu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-possibbiltà li jiġi studjat jikkostitwixxu bażikament piż, iżda huwa iktar speċi ta' kundizzjoni għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Din hija kundizzjoni għaliex il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss tistenna mill-qrati superjuri li jagħtu interpretazzjoni fid-dritt tal-multilingwiżmu, iżda ddikjarat, bħala prinċipju, li "il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma jista' jingħata prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra" [3]. Għaldaqstant, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti huwa speċi ta' rekwiżit ġenerali, peress li huwa indispensabbli sabiex jiġi evitat,

1 | Ara l-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża *Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi* (C-561/19, EU:C:2021:291), punt 1.

2 | Michal Bobek: On the Application of European Law in (Not Only) the Courts of the New Member States: 'Don't Do as I Say'? *Cambridge Yearbook of European Legal Studies*, 2007-2008, p. 1.

3 | Ara s-sentenza GSV (C-74/13, EU:C:2014:243), punt 27.

min-naħa tal-leġiżlaturi nazzjonali, kwalunkwe żball involontarju ta' formulazzjoni jew ta' traduzzjoni.

Huwa wkoll ċar li l-istudju tad-dritt f'lingwi barranin ifisser xogħol dejjem ikbar għall-imħallfin li jaħdmu fid-diversi Stati Membri, bl-isfond u l-ambjent lingwistiku partikolari rispettiv tagħhom. Dan huwa iktar faċli għal dawk li huma responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt li jkunu ġew edukati f'pajjiżi li diġà minnhom infushom ikollhom varji lingwi uffiċjali, jew li jkunu kibru jew jaħdmu f'pajjiż li jiddistingwi ruħu għall-għarfien għoli ta' lingwi barranin. Ma huwiex l-istess f'dawk l-Istati Membri fejn il-livell ta' għarfien ta' lingwi oħra huwa relattivament rari.

L-Ungerija mhux biss hija monolingwi, iżda mill-perspettiva lingwistika hija iżolata, u dan in-nuqqas jew l-iżolament mill-familja lingwistika ma jgħinx għat-tagħlim faċli ta' lingwi barranin. Minkejja li, skont kwestjonarju mwettaq fl-2019, 70 % tal-istudenti ta' korsijiet superjuri fl-Ungerija jistudjaw tal-inqas żewġ lingwi barranin, li huwa ogħla mill-medja tal-Unjoni [4], kwestjonarju ieħor imwettaq fl-2016 bejn persuni ta' 25 sa 64 sena jagħti riżultati inqas pożittivi. Hawnhekk, l-Ungerija kklassifikat ruħha fis-sitta u għoxrin post fir-rigward tal-possibbiltà li wieħed jikkomunika tal-inqas f'lingwa waħda differenti mil-lingwa materna tiegħu [5].

Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni dawn iċ-ċirkustanzi kollha meta jiġi analizzat sa fejn l-imħallfin Ungeriżi applikaw, sa mill-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni, il-metodu komparattiv tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti meta interpretaw dispożizzjonijiet konkreti tad-dritt tal-Unjoni. Għalkemm in-numru ta' sentenzi ta' dan it-tip identifikati grazzi għad-databases tal-ġurisprudenza ma huwiex għoli – sibt biss sitt sentenzi –, ir-rilevanza tagħhom ma hijiex żgħira, għaliex dawn ingħataw fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' importanza kbira. Tlieta minn dawn is-sitt sentenzi ngħataw fl-aħħar istanza mill-Qorti Suprema tal-Ungerija, il-Kúria, u fihom ġie applikat l-imsemmi metodu komparattiv sabiex jiġu deċiżi, fost l-oħrajn, kwistjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontenut konkret tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva fil-każ li din tiġi applikata b'effett vertikali dirett, jew dwar il-konstatazzjoni inekwivoka ta' kunflitt bejn id-dritt nazzjonali u d-dritt

4 | Ara l-kwestjonarju ta' Eurostat: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Foreign_language_learning_statistics.

5 | https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Foreign_language_skills_statistics.

tal-Unjoni, jew ukoll rigward jekk, fi proċedimenti doganali, il-kummerċjant kellux isib differenza fil-verżjoni lingwistika u, konsegwentement, jagħti interpretazzjoni korretta.

Issa ser nippreżenta fil-qosor dawn il-kwistjonijiet, li jikkonfermaw li l-interpretazzjoni bbażata fuq il-paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi hija metodu ħaj u applikat fil-proċeduri ġuridiċi Ungeriżi.

## I. Paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi sabiex jiġi ddeterminat l-effett dirett ta' direttiva

Il-prinċipju ta' garanzija tal-effett dirett tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva jattribwixxi responsabbiltà kbira lil dawk li huma inkarigati bl-applikazzjoni tad-dritt fl-Istati Membri, peress li jobbligahom joħorġu mill-ambitu tal-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom; barra minn hekk, jobbligahom iħallu mhux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għad-direttiva, u b'hekk sa ċertu punt jissorveljaw il-leġiżlatur nazzjonali. L-analiżi ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra tista' twettaq rwol importanti f'dan ir-rigward fil-mument tad-determinazzjoni tal-kontenut konkret ta' direttiva. Hekk ġara fl-2015 f'kawża li, sa minn dak iż-żmien, ġiet spiss iċċitata bħala riferiment. Fis-sentenza tagħha, ippubblikata bħala deċiżjoni ta' prinċipju [6], il-Kúria kellha tiddeċiedi, effettivament, kif issolvi l-kontradizzjoni eżistenti bejn l-Artikolu 77 tal-Liġi Ungeriża tal-VAT [7] u l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva tal-VAT [8]. Fil-fatt, l-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet kienet tippermetti it-tnaqqis *a posteriori* tal-bażi taxxabbli biss f'każijiet ta' invalidità ("érvénytelenség") jew ta' eżekuzzjoni difettuża ("hibás teljesítés") tat-tranżazzjoni, filwaqt li d-dispożizzjoni tad-direttiva, li l-leġiżlazzjoni Ungeriża kellha tittrasponi, issemmi fil-verżjoni Ungeriża tagħha fost iċ-ċirkustanzi li jwasslu neċessarjament għal tnaqqis tal-bażi taxxabbli l-każijiet ta' xoljiment b'effetti retroattivi minħabba nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ("elállás") u tal-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni ("teljesítés meghiúsulása"). Qabel ma ngħatat id-deċiżjoni tal-Kúria ngħatat deċiżjoni preliminari fuq talba ta' dik il-qorti, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-imsemmija dispożizzjoni tad-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi

6 | EBH 2015. K11.

7 | 2007. évi CXXVII. törvény az általános forgalmi adóról (il-Liġi CXXVII tal-2007 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

8 | Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

s-sitwazzjonijiet kollha li fihom, sussegwentement għall-konklużjoni ta’ tranżazzjoni, il-persuna taxxabbli ma tiġborx parti mill-korrispettiv jew il-korrispettiv kollu. Minkejja dan, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali [9]. Skont il-Kúria, kien ċar li l-invalidità tikkostitwixxi kategorija ħafna iktar limitata mill-każistika prevista mill-Artikolu 90(1) tad-direttiva. Sabiex tispjega s-sens konkret ta’ dan l-aħħar artikolu, il-Kúria bbażat ruħha fuq verżjonijiet lingwistiċi oħra tad-direttiva. Hija qieset li dan kien partikolarment meħtieġ peress li l-verżjoni tad-direttiva fil-lingwa Ungeriża, bl-użu tal-kelma “elállás”, li hija kelma komuni fid-dritt Ungeriż, tista’ tiġi interpretata wkoll f’sens iktar strett minn dak indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, il-qorti superjuri Ungeriża kellha tikkonferma jekk l-Artikolu 90 jirreferix realment mhux biss għax-xoljiment b’effett retroattiv fuq rieda ta’ waħda mill-partijiet (“elállás”), iżda wkoll għal dawk il-każijiet fejn tali xoljiment ikun konsegwenza ta’ ftehim reċiproku bejn il-partijiet (“felbontás”). Għal dan il-għan, għamlet eżami f’żewġ fażijiet: fl-ewwel lok, għamlet analiżi terminoloġika ddettaljata fejn ħadet inkunsiderazzjoni l-“lingwi l-kbar” (Franċiż, Ġermaniż, Ingliż, f’din l-ordni) [10] u, wara, qabblet il-konklużjonijiet li waslet għalihom mat-terminoloġija użata f’lingwi oħra (Pollakk, Spanjol, Finlandiż, Taljan u Kroat) [11]. Ma huwiex kumbinazzjoni li s-sentenza tal-Kúria ma bdietx bil-verżjoni Ingliża, peress li kemm il-verżjoni Franċiża kif ukoll il-verżjoni Ġermaniża tad-dispożizzjoni jagħmlu manifestament sforz ikbar sabiex it-terminoloġija relatata max-xoljiment tal-kuntratt tkopri b’mod adegwat il-każijiet previsti fl-ordinamenti ġuridiċi tagħhom, u b’hekk iż-*żewġ lingwi jużaw tliet kelmiet mhux tnejn* [12]. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni Ingliża – li minnha mingħajr dubju ġiet tradotta l-verżjoni Ungeriża, ukoll limitata għal żewġ kelmiet –, billi tuża biss żewġ kunċetti kunsiderevolment iktar ġenerali, “cancellation” u “refusal”, tiftaħ żona ta’ interpetazzjoni ħafna iktar inċerta għall-ġuristi li jirraġunaw abbażi tad-dritt kontinentali. Billi bbażat ruħha wkoll fuq il-ħames verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, il-qorti suprema Ungeriża waslet għall-konklużjoni li d-dispożizzjoni inkwistjoni tad-direttiva tinkludi kemm ix-xoljiment kuntrattwali unilaterali kif ukoll bilaterali u, b’konsegwenza ta’ dan, applikat quddiem l-amministrazzjoni fiskali l-imsemmi artikolu u ħalliet mhux applikata d-dispożizzjoni Ungeriża.

9 | Sentenza *Almos Agrárkülkereskedelmi* (C-337/13, EU:C:2014:328).

10 | Ara l-punt 26 tas-sentenza.

11 | Ara l-punt 27 tas-sentenza.

*12 | Bil-Franċiż jintużaw il-kliem “annulation”, “résiliation” u “résolution”, filwaqt li fil-Ġermaniż jintużaw “Annullierung”, “Rückgängigmachung” u “Auflösung”.*

L-imsemmija sentenza tal-Kúria hija rilevanti minn diversi perspettivi. Mhux biss għaliex il-paragun tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi kellu ċertament rwol importanti fid-determinazzjoni tal-kontenut konkret tad-dispożizzjoni ta' direttiva, iżda wkoll għaliex, għal dan il-għan, saret analiżi sostantiva ta' numru kbir ta' verżjonijiet lingwistiċi (tmienja) differenti mill-verżjoni Ungeriża, li minnu nnifsu jistħoqqlu attenzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Suprema ndunat li, fil-każ konkret, ma kellhiex tibbaża ruħha fuq il-verżjoni Ingliża sabiex tiċċara l-kontenut moħbi, iżda li kienu l-lingwi li huma bbażati fuq it-terminoloġija użata mill-ordinamenti ġuridiċi kontinental i li kienu joffru preċiżjoni rigward il-mertu.

## II. Impossibbiltà li tinstab soluzzjoni għad-differenzi lingwistiċi minn min huwa responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt

Mingħajr dubju, dawk li huma responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt fl-Istati Membri mhux dejjem ikunu jistgħu jsibu soluzzjoni għad-differenzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi, peress li, f'każijiet partikolari, huma proprju l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li jipprekluduh. Pereżempju, f'sentenza tal-2019 [13], il-Kúria waslet – ġustament – għall-konklużjoni li l-projbizzjoni tal-effett dirett vertikali invers ma tippermettix interpretazzjoni estensiva bbażata fuq direttiva meta mqabbla mal-kunċett iktar limitat li jinsab fil-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni. Fil-fatti li wasslu għall-każ konkret, l-awtoritajiet Ungeriżi kienu imponew multa waqt kontroll fil-fruntiera fejn kien instab li d-dokumenti tekniċi ta' trailer kienu ġew revokati. Il-persuna kkonċernata kkontestat il-bażi legali tal-multa, peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża rilevanti [14] kienet tippermetti li tiġi imposta multa biss fil-każ ta' invalidità tad-dokumenti tekniċi fil-każ ta' vetturi bil-mutur, u trailer ma huwiex vettura bil-mutur, iżda tip ta' vettura simili għal vettura bil-mutur. L-awtorità amministrattiva tat-tieni grad ikkonfermat il-multa imposta mill-awtorità tal-ewwel grad għar-raġuni li, għalkemm il-verżjoni bl-Ungeriż tar-regolament tal-Unjoni li l-leġiżlazzjoni Ungeriża kienet tapplika wkoll kienet tuża l-kunċett ta' vettura bil-mutur

13 | Kfv. 37.271/2019/4.

14 | A közúti árufuvarozáshoz, személyszállításhoz és a közúti közlekedéshez kapcsoló egyes rendelkezések megsértése esetén kiszabható bírságok összegéről, valamint a bírságolással összefüggő hatósági feladatokról szóló 156/2009. (VII. 29.) Korm. rendelet (id-Digriet tal-Gvern 156/2009 tad-29 ta' Lulju dwar l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta f'każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet partikolari fil-qasam tat-trasport bit-triq ta' merkanzija u ta' persuni fil-qasam ta' ċirkolazzjoni fit-triq, kif ukoll dwar l-obbligi li għandhom l-awtoritajiet fir-rigward tal-impożizzjoni tal-multi).

("gépjármű"), il-verżjoni bl-Ingliż tal-imsemmi regolament ("vehicle") kienet turi b'mod ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ried jinkludi fl-ambitu ta' applikazzjoni tiegħu kull tip ta' vettura, inkluż it-trailers. L-awtorità amministrattiva tat-tieni grad osservat b'hekk li d-direttiva [15] li sservi ta' leġiżlazzjoni sussidjarja għal dan ir-regolament tal-Unjoni, fil-verżjoni tagħha bl-Ungeriż, ukoll tuża b'mod ċar il-kunċett ta' vettura ("jármű"), mingħajr ma jibqa' dubju li dan jinkludi kemm il-vetturi bil-mutur kif ukoll it-trailers. Il-persuna kkonċernata ppreżentat rikors amministrattiv quddiem is-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Szeged, l-Ungerija), li annullat id-deċiżjoni amministrattiva, u fiha ddikjarat li ma kienx hemm lok li tingħata interpretazzjoni wiesgħa fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni tar-rekwiżiti legali konkreti għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva u li l-awtoritajiet ta' Stat Membru ma setgħux jibbażaw ruħhom b'mod leġittimu kontra persuna taxxabbli fuq il-fatt li l-leġiżlatur nazzjonali ma jkunx ittraspona b'mod adegwat id-dispożizzjonijiet ta' direttiva. F'dan ir-rigward fakkret li, fid-dawl tal-projbizzjoni tal-effett dirett vertikali invers, l-awtoritajiet ma jistgħux jibbażaw direttament fuq id-dritt tal-Unjoni rekwiżit kontra individwu [16]. Is-sentenza tal-qorti ta' Szeged ġiet appellata quddiem il-Kúria, li eżaminat fis-sentenza tagħha, fost aspetti oħra, il-kontenut ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra. Osservat li kemm il-leġiżlazzjoni Ungeriża li tapplika r-regolament korrispondenti tal-Unjoni kif ukoll il-verżjoni Ungeriża tal-imsemmi regolament kienu jużaw il-kunċett iktar strett ta' vettura bil-mutur, filwaqt li verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-regolament, jew kienu eskludew l-espressjoni, jew inkella kienu jużaw il-kunċett iktar wiesa' ta' vettura. Għal dan il-għan, il-Kúria mhux biss eżaminat il-verżjoni Ingliża, iżda wkoll dik Franċiża. Madankollu, hija qieset li, sabiex tagħti sustanza lill-kunċetti rrikonoxxuti fir-regolament tal-Unjoni, kien essenzjali li jiġu segwiti d-definizzjonijiet kunċettwali stabbiliti fid-direttiva, u dawn, fil-verżjonijiet kemm Ingliża kif ukoll Franċiża u wkoll dik Ungeriża, ixaqilbu b'mod ċar lejn il-kunċett ta' vetturi, jiġifieri għall-kategorija l-iktar wiesgħa. Konsegwentement, kif osservat il-Kúria, id-differenzi kkonstatati fir-rigward tal-użu tal-kunċetti kienu rilevanti mill-perspettiva tat-traspożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni fid-dritt nazzjonali [17], u minkejja li l-interpretazzjoni korretta kienet turi li kellha tiġi imposta multa anki fil-każ ta' trailer,

15 | Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU 2014, L 127, p. 134; rettifika fil-ĠU 2014, L 197, p. 87, u fil-ĠU 2019, L 219, p. 77).

16 | 11.K.27.735/2018/9.

17| Ara l-punti 26 u 27.

il-Kúria kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-istanza inferjuri u ddikjarat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jistgħux isostnu quddiem l-individwi, bi preġudizzju għal dawn, id-dispożizzjonijiet ta' direttiva li ma jkunux ġew trasposti b'mod adegwat.

Għaldaqstant, is-sentenza tal-qorti suprema wriet kontradizzjoni sostantiva – bejn id-dritt nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni – ibbażata fuq differenza lingwistika, kontradizzjoni li ma setgħetx tiġi eliminata mill-persuna responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt, iżda mil-leġiżlatur għall-futur. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kúria kellha tgħaqqad, jew aħjar tqabbel, żewġ prinċipji interpretattivi tad-dritt tal-Unjoni: id-determinazzjoni tal-kontenut korrett bl-għajnuna tal-verżjonijiet lingwistiċi u l-projbizzjoni tal-effett dirett vertikali invers tad-direttivi.

## III. Obbligu li jiġu eżaminati d-diversi verżjonijiet lingwistiċi fil-proċedura doganali

Il-qrati Ungeriżi kkontribwixxew ukoll sabiex jarrikkixxu l-ġurisprudenza Ewropea dwar id-differenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sentenza inkwistjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet minn vjaġġ sħiħ wara li ngħatat, li sab il-kulminu tiegħu quddiem il-Kúria. Fil-kawża GSV (C-74/13) 18, l-awtoritajiet Ungeriżi kklassifikaw – kuntrarjament għal dak li kien ġie ddikjarat mill-kumpannija ta' importazzjoni – drapp ta' fibra tal-ħġieġ taħt intestatura tariffarja suġġetta għal dazju antidumping, minħabba l-fatt li l-karatteristiċi tad-drapp kienu jaqgħu taħt id-deskrizzjoni tal-imsemmija intestatura ("hálós szövet", jiġifieri drapp b'malja miftuħa), iżda mhux taħt l-istess isem bl-Ungeriż ("szitaszövet", jiġifieri drapp tal-pezza). Issa, din id-differenza kienet teżisti biss fil-verżjoni Ungeriża tal-intestatura tariffarja, filwaqt li, fil-bqija tal-lingwi – inkluż l-Ingliża –, kemm id-deskrizzjoni kif ukoll l-isem tal-intestatura kienu jsemmu drapp b'malja miftuħa. Konsegwentement, fil-verżjoni tiegħu bl-Ungeriż – li fuqu l-kumpannija ta' importazzjoni kienet ibbażat id-dikjarazzjoni tagħha – in-numru tal-intestatura korrispondenti għad-drapp b'malja miftuħa ma kienx inkluż taħt id-dazju antidumping. B'risposta għat-talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mid-Debreceni Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Debrecen, l-Ungerija), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-differenza lingwistika tal-każ ma tistax twassal għall-annullament tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott taħt l-imsemmi kodiċi li l-awtoritajiet doganali wettqu billi bbażaw ruħhom fuq verżjonijiet lingwistiċi oħra tal-istess kodiċi u tar-regolamenti tal-Unjoni applikabbli. Minkejja

18 | Referenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

dan, is-sentenza fetħet speċi ta' triq minn fejn wieħed jaħrab, abbażi tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, għal eventwali rimbors jew eventwali tnaqqis tal-imsemmija dazji antidumping miġbura b'dan il-mod mill-awtoritajiet doganali, dejjem u sa fejn jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti mill-imsemmi artikolu [19]. Fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpannija importatriċi rrinunzjat għar-rikors amministrattiv tagħha u ressqet ilment ġdid, intiż din id-darba għar-rimbors tad-dazju antidumping. Wara li ġew estinti l-mezzi ta' rikors amministrattivi fiż-żewġ gradi u wara li ngħatat l-ewwel sentenza ġudizzjarja, il-każ ġie deċiż definittivament quddiem il-Kúria. F'din it-tieni proċedura, l-awtoritajiet amministrattivi u, sussegwentement, ġudizzjarji, ma kellhomx għalfejn jiddeċiedu dwar is-soluzzjoni ta' diverġenzi lingwistiċi evidenti, peress li dan diġà kienet għamlitu l-Qorti tal-Ġustizzja, iżda kellhom jiddeċiedu dwar jekk, fil-każ konkret, kinux issodisfatti r-rekwiżiti speċjali li jwasslu għar-rimbors, jiġifieri, li ma kienx hemm ingann jew traskuraġni ovvja min-naħa tal-kumpannija importatriċi. Matul il-proċedura, ir-rikorrenti allegat, fost argumenti oħra, li l-espressjoni żbaljata fil-lingwa Ungeriża (li ma tikkorrispondix mal-prodotti li hija kienet importat) mhux biss kienet tinsab fl-intestatura inkwistjoni, iżda wkoll fir-regolament proprju li kien jistabbilixxi d-dazju antidumping, u għaldaqstant ir-rikorrenti ma kienx kellha raġunijiet sabiex tassumi li dan kien żball ta' traduzzjoni, peress li kienet tinsab b'mod konsistenti f'diversi sorsi tad-dritt. L-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-ewwel u tat-tieni grad ċaħdu l-ilment tar-rikorrenti, peress li qiesu li d-differenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi kienet tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja attribwibbli għall-funzjonament tal-Unjoni, u ddikjaraw li, minkejja li ma kienx hemm xi ingann min-naħa tar-rikorrenti, l-aġir tagħha kellu jiġi kkwalifikat bħala traskurat. Insostenn tal-argument tagħhom osservaw li l-leġiżlazzjoni fejn kien jinsab l-ekwivoku ma setgħetx titqies li kienet ikkumplikata u li, fil-verità, kien biżżejjed li wieħed jaqra t-testi ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex jiskopri l-iżball. Huma qiesu wkoll rilevanti għall-każ il-fatt li l-konvenuta kienet kumpannija importatriċi ta' esperjenza li kienet tikseb b'mod regolari merkanzija minn pajjiżi terzi u kienet tmexxi n-negozju u tikkonkludi kuntratti bl-Ingliż, kif ukoll il-fatt li l-isem indikat fil-fatturi li kienet ipproduċiet ir-rikorrenti, miktuba wkoll bl-Ingliż, kienu jaqblu mal-intestatura f'dik il-lingwa ta' prodotti suġġetti għad-dazju antidumping. Fid-dawl ta' dan kollu, l-awtorità amministrattiva tat-tieni grad ikkonkludiet li l-konvenuta kienet taf, jew kellha tkun taf kieku użat id-diliġenza dovuta, l-isem fil-lingwa barranija tal-merkanzija importata u kellha tinduna li r-regolament li kien jistabbilixxi d-dazju antidumping kien fih żball fil-verżjoni Ungeriża tiegħu, b'tali mod li, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni t-testi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, kienet tkun tista' tikklassifika

19 | Ara l-punt 52 tas-sentenza.

l-merkanzija b'mod korrett. Id-Debreceni Törvényszék (il-Qorti ta' Debrecen, l-Ungerija), adita bl-appell amministrattiv kontra din id-deċiżjoni, ma qablitx mal-interpretazzjoni magħmula mill-awtorità amministrattiva u qrat b'mod differenti ħafna l-fatt li l-verżjoni uffiċjali tal-lingwa Ungeriża tar-regolament tal-Unjoni kienet tinkludi, taħt id-dazju antidumping, isem totalment differenti mill-merkanzija importata mir-rikorrenti. Billi telqet mill-kostituzzjoni Ungeriża, l-imsemmija qorti kkonkludiet li r-rekwiżit li fl-Ungerija l-leġiżlazzjoni tkun disponibbli fil-lingwa Ungeriża, inkwantu lingwa uffiċjali, jikkostitwixxi dritt fundamentali li jikkostitwixxi wieħed mill-kolonni tal-Istat tad-dritt u huwa prinċipju essenzjali ta' garanzija li jestendi wkoll għall-entitajiet ġuridiċi kkostitwiti skont il-liġi u li l-impjegati u d-diretturi tagħhom ikollhom l-Ungeriż bħala lingwa materna tagħhom. Fil-każ tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, promulgata b'mod uniformi fid-diversi lingwi uffiċjali, dan jimplika li differenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi ma setgħetx tagħti lok sabiex verżjoni partikolari, promulgata b'mod korrett, tkun nieqsa minn kwalunkwe effett ġuridiku. Għall-kuntrarju, l-imsemmi rekwiżit dedott mill-kostituzzjoni b'valur ta' prinċipju essenzjali jibqa' nieqes minn kull kontenut. Fir-rigward tat-traskuraġni tal-konvenuta, il-Qorti ta' Debrecen qieset li l-verżjoni fil-lingwa Ungeriża kienet inekwivoka u li l-konvenuta ma kellux ikollha raġunijiet sabiex tiddubitaha.

Fl-appell, il-Kúria ma qablitx mas-sentenza appellata, preċiżament fir-rigward tat-traskuraġni tal-konvenuta u tal-kumplessità tal-kuntest leġiżlattiv [20]. Hija rrilevat li l-grad ta' diliġenza li kellu jkun mistenni mill-konvenuta, fid-dawl tal-kundizzjoni tagħha ta' operatur b'esperjenza fi kwistjonijiet doganali, kien neċessarjament għoli. Hija osservat f'dan ir-rigward li, fil-kummerċ internazzjonali, it-traduzzjoni u l-komunikazzjoni f'lingwi barranin kienu jagħmlu parti mir-rutina ta' kuljum, bil-għan li tiġi espressa bi preċiżjoni r-rieda kummerċjali. Fil-każ tar-rikorrenti, kien inevitabbli li tittraduċi l-ismijiet tal-merkanzija mill-Ingliż għall-Ungeriż sabiex tkun tista' tipprovdi d-dikjarazzjonijiet doganali fil-lingwa Ungeriża. Għaldaqstant, meta indikat l-isem bl-Ungeriż, il-konvenuta kienet ħalliet barra l-kelma "malja" ("háló" bl-Ungeriż u "mesh" bl-Ingliż), li tiddefinixxi kwalità essenzjali tal-merkanzija inkwistjoni, u dan minkejja li l-imsemmija kelma kienet tinsab fl-isem ekwivalenti bl-Ingliż, kemm fil-fatturi relattivi għall-prodotti kif ukoll fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża tal-intestatura korrispondenti. Sabiex tikkjarifika s-sens tal-imsemmija kelma, il-Kúria rreferiet għad-dizzjunarju komplet Ingliż-Ungeriż l-iktar magħruf [21], peress li huwa sors faċilment aċċessibbli u b'vokabolarju mhux tekniku, minn fejn jista' jittieħed

20 | Kfv. 35.294/2015/3.

21 | László Országh y Tamás Magay: Angol-magyar nagyszótár, Akadémiai Kiadó, Budapest, 1999.

mingħajr ebda ekwivoku s-sens bażiku ta' din il-kelma. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kúria kkonkludiet li t-traduzzjoni ma setgħetx titqies li hija xogħol kumpless għar-rikorrenti, fil-kwalità tagħha ta' importatriċi Ungeriża li kienet tipparteċipa b'mod attiv fil-kummerċ internazzjonali. Konsegwentement, il-Kúria qieset li r-rikorrenti kienet evidentement traskurata, li kien jeskludi li setgħet tirnexxi fit-talba tagħha għal rimbors.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Suprema Ungeriża ddeċidiet dwar l-argument espost fis-sentenza appellata fir-rigward tal-garanzija essenzjali dedotta mil-kostituzzjoni. Hija osservat li l-kuntrast bejn il-kostituzzjoni u l-multilingwiżmu stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1, li jistabbilixxi s-sistema lingwistika fl-Unjoni Ewropea, diġà ġie solvut mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tqis li verżjoni lingwistika waħda ma tistax isservi bħala bażi għall-interpretazzjoni, u dan bil-għan li jiġi evitat li l-persuni kkonċernati jagħtu prevalenza lil-lingwa proprja tagħhom fil-konfront tal-lingwi uffiċjali l-oħra tal-Unjoni. Dan ifisser li r-rekwiżit ta' uniformità tad-dritt tal-Unjoni jmur lil hinn f'dan ir-rigward mil-limiti stabbiliti mill-Istat tad-dritt u miċ-ċertezza legali, peress li l-preferenza ta' verżjoni lingwistika partikolari fil-każ ta' żball ta' traduzzjoni taħbat ras imb ras mar-rekwiżit ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ressqet għal dan il-għan il-fruntieri taċ-ċertezza legali: huwa biss in-nuqqas ta' promulgazzjoni li jista' jwassal għal ksur ta' din iċ-ċertezza legali, iżda mhux il-promulgazzjoni "żbaljata" f'waħda mil-lingwi.

## IV. Epilogu

Kif osserva Tony Weir sa mill-1995, meta l-Unjoni kienet għadha kemm kibret għal ħmistax-il Stat Membru u fejn kellha ħdax-il lingwa uffiċjali, waħda mill-ikbar domandi fid-dritt Ewropew kienet jekk jistax ikun li, permezz tal-armonizzazzjoni leġiżlattiva, pajjiżi ta' lingwi differenti jaġixxu bl-istess mod [22]. Ir-realtà tal-uniformità fid-dritt armonizzat trid tiġi mkejla, fl-aħħar nett, preċiżament mill-persuna li tapplika d-dritt, li għandha taffaċċja serje sħiħa ta' sfidi ġodda sabiex tiggarantixxi tali uniformità, bħal, pereżempju, li tieħu inkunsiderazzjoni l-multilingwiżmu tad-dritt armonizzat u mhux tikkunsidra esklużivament il-verżjoni lingwistika tagħha. Fl-istess ħin, il-varjetà ta' għodda ta' interpretazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni mid-dritt nazzjonali għandha metodu ġdid li jippromwovi l-interpetazzjoni korretta.

22 | Tony Weir: Die Sprachen des europäischen Rechts — eine skeptische Betrachtung. *Zeitschrift für Europäisches Privatrecht*, 3, 1995, p. 368 sa 374.

# Multilingwiżmu u pajjiżi żgħar

## — Tonio Borg

**Tonio Borg LL.D. Ph.D. K.O.M. kien Kummissarju Ewropew responsabbli għas-saħħa bejn 2012 u 2014. Huwa kien membru parlamentari f'Malta bejn l-1992 u l-2012; kif ukoll Viċi Prim Ministru (2004-2012), Ministru tal-Intern (1995-96 u 1998-2008) u Ministru tal-Affarijiet Barranin (2008-2012). Illum huwa lettur anzjan fid-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Malta. Huwa wkoll membru tal-Bord tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (EMA) tal-Unjoni Ewropea. Huwa awtur ta' diversi kotba ta' natura legali kif ukoll oħrajn dwar l-istorja politika.**

L-eżistenza ta’ iktar minn ilsien wieħed uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija prova ta’ kemm l-Unjoni tirrispetta s-sovranità u l-identità ta’ kull Stat Membru. Huwa għalhekk naturali li pajjiżi żgħar bħal Malta japprezzaw dan il-fatt daqs, jekk mhux iżjed, minn pajjiżi oħrajn.

Niftakar sew id-dibattiti fil-Kabinett tal-Ministri fis-snin qabel ma dħalna fl-Unjoni Ewropea fl-2004 dwar l-importanza li l-ilsien Malti jkun ukoll rikonoxxut bħala lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Kienet il-Kummissjoni Ewropea taħt il-President Romano Prodi li fin-negozjati fl-aħħar aċċettat dan. Kien mument importanti għal Malta.

F’Malta għandna żewġ lingwi uffiċjali, il-Malti u l-Ingliż, iżda għandna lsien nazzjonali wieħed skont il-Kostituzzjoni u dak hu l-Malti; terġa’ fil-qorti l-unika lingwa uffiċjali hija l-Malti. Il-lingwa, flimkien mar-reliġjon u fatturi u drawwiet oħra kienu l-għodda ta’ identità ta’ pajjiż żgħir li dejjem aspira li jsir sovran u indipendenti. Din ma kinitx biċċa xogħol faċli. Jekk wieħed iħares lejn il-mappa tal-baħar tal-Mediterran malajr jintebaħ illi f’dan il-baħar hemm biss żewġ gżejjer sovrani: Malta u Ċipru. Terġa’ Malta, b’daqs ta’ 318 kilometru kwadru u popolazzjoni dejjem taħt in-nofs miljun, hija l-iżgħar Membru tal-Unjoni, hija waħda mill-iżgħar Stati sovrani fid-dinja, u għandha wkoll rata qawwija ta’ densità ta’ popolazzjoni: xi 1 200 kull kilometru kwadru.

L-għarfien tal-ilsien Malti bħala lingwa uffiċjali Ewropea kellu tifsira storika oħra barra dik ta’ rikonoxximent li anki l-iżgħar Stat Membru kellu dritt għall-identità tiegħu fi ħdan l-Unjoni.

L-ilsien Malti huwa l-uniku lsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li għandu nisel semitiku. Hija l-unika lingwa verament Mediterranea li ddakkret minn influwenzi mit-Tramuntana u min-Nofsinhar. Jekk wieħed jifli sew in-natura tal-ilsien Malti malajr jinduna li l-ilsien Għarbi huwa s-sies tal-lingwa stess. Ħafna mill-vokabolarju tiegħu għandu nisel Għarbi. In-numri, il-ħwejjeġ tan-natura, il-partijiet tal-ġisem, l-għodda ta’ industriji primittiva bħall-agrikoltura, il-proverbji, il-ġranet tal-ġimgħa, huma kollha riproduzzjoni kważi fidila ta’ kliem Għarbi. Għalkemm il-maġġoranza tal-Maltin huma Kattoliċi, jitolbu u jqimu lil “Alla”.

Iżda billi mis-sena 1090, kull min ikkolonizza lil Malta kien ġej minn pajjiż Ewropew, u billi Malta tinsab inqas minn 100 kilometru ’l bogħod mill-art ta’ Sqallija, fuq dan is-sies semitiku nbena edifiċju ta’ kliem mill-ilsna rumanzi, l-iktar it-Taljan. Hekk per eżempju kliem li jindikaw stil iktar raffinat tal-ħajja bħal furketta, tvalja, pożati, gwardarobba, testiera, gradenza, huma meħuda mill-ilsien Taljan.

Dan il-fatt isaħħaħ ir-rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali ta' Malta mal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u mad-dinja Għarbija. Meta Malta saret Membru tal-Unjoni Ewropea, kien hemm min beża' li r-rabtiet tradizzjonali mal-pajjiżi Għarab kienu se jiddgħajfu. Fil-fatt ġara proprju l-kuntrarju. Il-fatt li l-Unjoni tirrispetta n-newtralità li għandhom uħud mill-Istati Membri tagħha, kien ifisser li Stati Membri li għandhom rabtiet speċjali ma' pajjiżi ġirien jew reġjuni barra mill-Unjoni, setgħu jikkontribwixxu għall-għarfien reċiproku tal-ħtiġijiet, u interessi tal-Ewropa u r-reġjuni u l-pajjiżi l-oħra.

Għandi niftakar, meta kont Kummissarju Ewropew għas-Saħħa, kienet ġiet organizzata mill-Presidenza Taljana u speċifikament mill-Ministru għas-Saħħa ta' dak iż-żmien Beatrice Lorenzin, konferenza f'Ruma għall-Ministri kollha tas-Saħħa tar-reġjun tal-Mediterran. Dan kien f'Ottubru tal-2014 ftit qabel ma għalaq it-terminu tiegħi bħala Kummissarju. Iddeċidejt illi fl-ewwel ftit minuti nindirizza l-konferenza bl-ilsien Malti b'messaġġ dirett lejn il-pajjiżi Għarab. Għadni niftakar lill-Ministru Lebaniż, waqt li qed nitkellem, jinstema' jgħid "fhimt kollox, fhimt kollox". Il-fatt li Kummissarju Ewropew kien qed jesprimi ruħu b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li kien fiha biżżejjed kliem Għarbi li Ministru Lebaniż seta' jsegwi d-diskors, ħoloq pont ta' kooperazzjoni potenzjali bejn l-Unjoni u d-dinja Għarbija f'dak il-qasam partikolari.

Fl-ogħla istituzzjonijiet bħall-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew, li tisma' l-lingwa tiegħek ta' pajjiż żgħir, waħda minn 24, tiġi użata fil-forum ewlieni demokratiku tal-Unjoni, jimlik bi kburija li inti Malti. L-istess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja wieħed jista' jindirizza lill-Qorti bl-ilsien Malti. Fid-deliberazzjonijiet iżda interni bejn l-Imħallfin meta wieħed jiġi biex jiftiehem fuq id-deċiżjoni li għandha tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja, l-unika lingwa li tintuża hija l-Franċiż. Maż-żmien naħseb li din ir-regola interna, li ma tinstabx fit-Trattati, tiġi mibdula. Kienet tagħmel ħafna sens fil-bidu nett meta tlieta mis-sitt pajjiżi fondaturi kienu jużaw il-Franċiż bħala l-lingwa tagħhom. Illum biż-żieda fi sħubija ta' żewġ ex kolonji Ingliżi, u ta' pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa li huma iktar komdi bl-Ingliż (bl-eċċezzjoni tar-Rumanija), hemm bżonn li ta' lanqas jintużaw tliet "working languages" kif isir fil-Kummissjoni Ewropea (jiġifieri l-Franċiż, l-Ingliż u l-Ġermaniż). Wara kollox jekk din is-sistema taħdem fid-deliberazzjonijiet tal-fergħa eżekuttiva tal-Unjoni u ċioé bejn is-27 Membru tal-Kummissjoni, għaliex ma għandhiex taħdem bejn 27 Imħallef tal-Qorti tal-Lussemburgu?

Meta niġu għall-Parlament Ewropew dan joffri l-ogħla grad ta' multilingwiżmu. Kull ċittadin Ewropew għandu d-dritt li joħroġ għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew. Ma jkunx raġonevoli li wieħed jitlob li Membru tal-Parlament Ewropew ikollu konoxxenza sħiħa ta' waħda jew iktar mil-lingwi l-iktar użati bħall-Ingliż u l-Franċiż. Id-dritt ta' kull

Membru li jaqra u jikteb dokumenti parlamentari, isegwi d-dibattiti u jitkellem fil-lingwa tiegħu stess hija espressament rikonoxxuta fir-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament. Iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni għandhom ikunu f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jaqraw il-ligijiet li jolqtuhom fil-lingwa ta' pajjiżhom. Bħala koleġiżlatur, il-Parlament Ewropew għandu wkoll id-dmir li jassigura li l-kwalità lingwistika tal-ligijiet kollha li jadotta tkun bla difetti u nuqqasijiet fil-lingwi uffiċjali kollha. Iċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt li jsegwu x-xogħol tal-Parlament, jistaqsu domandi u jirċievu risposti fil-lingwa tagħhom stess.

Ma hemmx dubju li l-użu ta' diversi lingwi uffiċjali jġib miegħu spejjeż kbar ta' traduzzjoni u interpretazzjoni; u forsi wieħed jista' jsib xi mekkaniżmu jew metodu li jirrazzjonalizza dan il-qasam; iżda bħalma l-Istati Membri sa issa għadhom ma rrinunzjawx illi kull Stat ikollu Kummissarju Ewropew, hekk ukoll naħseb li, għall-inqas fl-okkażjonijiet il-kbar u fl-istituzzjonijiet ewlenin leġiżlattivi, il-lingwi uffiċjali ta' kull Stat Membru għandhom jibqgħu fejn qegħdin. Dan hu s-sabiħ tal-Unjoni Ewropea: magħquda fid-diversità.

Bit-tkabbir tal-Unjoni Ewropea fil-futur, ma għandniex xi ngħidu, ser tinħoloq pressjoni fuq is-sistema. Nistgħu naħdmu b'Kummissjoni ta' ikbar minn 27 Membru? Jifilħu l-istituzzjonijiet, iżda wkoll is-servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni, għal żieda fis-sħubija? L-ewwel nett, naħseb li fadal żmien biex wieħed jilqa' għal din il-problema meta wieħed jikkonsidra s-sitwazzjoni politika attwali fl-Ewropa. It-tieni nett, f'affarijiet essenzjali bħalma huma l-lingwi, l-Unjoni trid toqgħod attenta li ma tagħtix l-impressjoni li min diġà daħal kollox sew, iżda min għad irid jidħol ikollu regoli differenti, jew ikunu parti minn Serje B. Biżżejjed hawn ċerti problemi maħluqa bil-fatt li wħud mill-Istati Membri fondaturi għandhom ċerti privileġġi li oħrajn ma għandhomx.

Jiena hawn niddikjara interess. Minn dejjem kont favur tkabbir fi sħubija; basta dan isir bis-sens. Jekk pajjiż hu kandidat għal sħubija, u jgħaddi mill-eżami, u jissodisfa r-rekwiżiti kollha, għala ma għandux jidħol? Unjoni ikbar hija Unjoni iktar b'saħħitha; jekk il-pajjiżi Balkani, ngħidu aħna, jibdew jintroduċu biżżejjed riformi sabiex jissieħbu fl-Unjoni, u jgħaddu mill-eżami, għaliex ma għandhomx jiġu promossi? X'utilità hemm li l-ewwel wieħed jirrikonoxxi pajjiż bħal wieħed "kandidat", iżda jekk jgħaddi mill-eżami, jibqa' fejn hu xorta waħda? It-tkabbir fi sħubija wkoll jassigura l-paċi f'reġjuni bħall-Balkani fejn fil-passat mhux imbiegħed kien hemm gwerer u twettqu reati serji kontra l-umanità. L-Unjoni tistagħna bi tkabbir fis-sħubija politikament u ekonomikament; iżda wkoll kulturalment bit-twaħħid ta' kulturi lingwi u tradizzjonijiet ġodda ma' dawk ġà eżistenti fl-Unjoni. Terġa' bit-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni hemm bżonn li wieħed jibgħat messaġġ, li għalkemm dan it-tluq għamel ħsara liż-żewġ naħat, hemm lista ta' pajjiżi li jridu *jidħlu*, mhux joħorġu, mill-Unjoni. Tkabbir moderat, bis-sens u bil-għaqal jagħti dak il-messaġġ li l-Unjoni għandha bżonn sabiex tiżdied il-fiduċja fiha u fil-ġejjieni tagħha.

L-użu ta' diversi lingwi uffiċjali ma joħloqx Torri ta' Babel. Bil-lingwi uffiċjali tal-lum, il-politiċi, parlamentari, burokrati u membri tas-servizz ċivili tal-Unjoni dejjem ftehmu. Kien fl-Ewropa li twieled il-kunċett ta' Stat nazzjon. Għal żmien twil dan ġab tensjoni u gwerer. Iż-żewġ gwerer mondjali s-seklu l-ieħor bdew fl-Ewropa. Illum l-identità nazzjonali ma hijiex kawża ta' tensjoni. Dan ġara għaliex l-Unjoni għarfet tadatta ruħha għaż-żminijiet u flok toħnoq id-diversità, tippromwoviha, basta kulħadd jaċċetta r-regoli ġenerali u speċifiċi tal-organizzazzjoni. Diversità ma tfissirx li kulħadd jagħmel li jrid iżda li f'din il-"Federazzjoni ta' Stati Sovrani", kif kien iħobb isejħilha l-President Barroso, hemm post għal kulħadd, u kulħadd iġib miegħu t-tradizzjonijiet, il-lingwa u l-kultura tiegħu, però jeżerċitahom fi ħdan parametri ta' normi u regoli. Żgur li ħadd ma jħossu inqas Malti, inqas Franċiż jew inqas Pollakk, għax qiegħed fl-Unjoni Ewropea. Biex dan jibqa' hekk, importanti li l-multilingwiżmu jinżamm.

Il-multilingwiżmu jfisser ukoll li l-Unjoni tħeġġeġ kemm jista' jkun ċittadini Ewropej biex ikunu jafu lingwi oħra oltre dik tagħhom. Il-Maltin, minħabba ċ-ċokon tagħna u l-fatt li l-ilsien Malti hu mitkellem biss mill-Maltin, bilfors jistudjaw lingwi oħra bl-Ingliż jieħu l-ewwel post, segwit mit-Taljan (li sal-1934 kien għadu lingwa uffiċjali f'Malta) u l-Franċiż. Il-fatt li iktar nies fl-Ewropa jitgħallmu lingwi oħra jgħin sabiex ir-rabtiet u l-kooperazzjoni jiżdiedu u nifhmu lil xulxin iktar, mhux biss bħala kommunikazzjoni ta' lingwa iżda anki ta' kunċetti u ideat. Tant hu hekk li l-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu fl-2017 stqarr li l-Unjoni kienet sejra "issaħħaħ it-tagħlim tal-lingwi sabiex iktar żgħażagħ jibdew jitkellmu għall-inqas żewġ lingwi Ewropej b'żieda mal-ilsien tagħhom."

Prinċipju importanti tal-Unjoni Ewropea huwa li legalment fi ħdan l-Unjoni kulħadd huwa ugwali. Naturalment il-pajjiżi l-kbar ġustament għandhom is-saħħa li ġejja mil-fatt li huma kbar. Ħadd ma jippretendi li pajjiż ta' nofs miljun u pajjiż ta' 80 miljun ikollhom l-istess rappreżentanza fil-Parlament Ewropew. Iżda proporzjonalment Malta għandha *per capita* rappreżentanza aħjar minn, ngħidu aħna, il-Ġermanja. L-istess japplika għall-Kunsill tal-Ministri. Għalkemm ir-regoli tal-Unjoni ġustament jagħtu iktar voti meta tittieħed deċiżjoni lill-pajjiżi b'popolazzjoni u daqs kbir, fil-prattika wieħed dejjem jevita voti formali sabiex jintlaħaq *consensus.* Fil-Kummissjoni l-Istati Membri kbar u żgħar jibagħtu Kummissarju wieħed li, għalkemm ma jirrappreżentax lill-Gvern li nnominah xorta jipparteċipa fil-Kummissjoni bħala espert ta' materji li jolqtu "il-pajjiż li jaf l-aħjar" - "*the country I know best*" - frażi li konna nużaw bejnietna fil-Kummissjoni biex ma nsemmux isem pajjiżna, biex nisħqu li aħna ma konniex qed nirrappreżentawh. Għalhekk jagħmel sens li l-użu ta' diversi lingwi uffiċjali jitkompla, u mhux jitnaqqar. B'hekk kulħadd iħossu komdu fl-Unjoni u kulħadd iħossu ugwali.

# Id-dritt Ewropew fil-polder: il-lingwa Olandiża bħala konnettur

— **Prof. dr. J. W. van de Gronden**

**Professur tad-Dritt Ewropew mal-Onderzoekscentrum voor Staat & Recht (iċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Istat u għad-Dritt), fl-Università ta' Radboud f'Nijmegen u Konsulent tal-Istat f'servizz straordinarju fid-Diviżjoni tal-Ġurisdizzjoni Amministrattiva tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat).**

## Introduzzjoni

Kulħadd għadda, xi darba jew oħra, minn din l-esperjenza: wieħed jipprova jqabbad apparat ma' ieħor (pereżempju, kompjuter ma' skrin) u mbagħad jasal għall-konklużjoni li ż-żewġ apparati għandhom konnessjonijiet differenti. Konnettur joffri soluzzjoni. L-użu ta' tali konnettur jippermetti li ż-żewġ apparati jaħdmu flimkien.

Fil-fehma tiegħi, l-użu tal-lingwa Olandiża jaqdi funzjoni li hija simili għal dik ta' konnettur. Huwa ġeneralment magħruf li d-dritt Ewropew jeżerċita influwenza kbira fuq l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri, inkluż fuq dak tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fl-iżvilupp tad-dritt Ewropew, kemm il-lingwa Ingliża kif ukoll il-lingwa Franċiża għandhom rwol importanti ħafna. Madankollu, dan id-dritt għandu jiġi applikat ukoll f'pajjiżi bħall-Pajjiżi l-Baxxi. Dan il-proċess, li jagħti lok għal kwistjonijiet kumplessi, huwa ffaċilitat bil-fatt li testi legali importanti, bħal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, fosthom l-Olandiż. B'dan il-mod, il-lingwa Olandiża torbot id-dritt Ewropew mad-dritt nazzjonali fl-ordinament ġuridiku Olandiż.

Iktar 'il quddiem nixtieq nispjega f'iktar dettall ir-rwol tal-lingwa Olandiża. Fl-ewwel lok ser niddiskuti l-influwenza dejjem tikber tad-dritt Ewropew fuq id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi. Imbagħad nixtieq ngħid kelmtejn dwar il-problemi marbuta mat-termini u l-kunċetti. Barra minn hekk, inkwantu professur tad-dritt Ewropew, nixtieq naqsam l-esperjenzi tiegħi fit-tagħlim li fih ġenerazzjoni ġdida ta' studenti qiegħda titħarreġ sabiex issir ġurist.

## L-influwenza tad-dritt Ewropew fuq l-ordinament ġuridiku tal-Pajjiżi l-Baxxi

L-influwenza dejjem tikber tad-dritt Ewropew hija spettakolari. Naturalment, dan il-proċess beda mal-feġġ tad-duttrini klassiċi, bħal dawk tas-supremazija tad-dritt Ewropew [1], l-effett dirett u l-moviment liberu. Waħda mill-kawżi fundamentali kienet tirrigwarda rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Pajjiżi l-Baxxi: il-kawża *Van Gend & Loos* [2]. Malajr deher ċar li d-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi ma setax jiġi pprattikat mingħajr għarfien tad-dritt Ewropew.

1 | Ara pereżempju l-Kawża 6/64, Costa, tal-15 ta' Lulju 1964, EU:C:1964:66; u reċentement il-Kawża C-824/18, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fis-Sąd Najwyższy – Rikors), tat-2 ta' Marzu 2021, EU:C:2021:153.

2 | Kawża C-26/62, *Van Gend & Loos*, tal-5 ta' Frar 1963, EU:C:1963:1.

Ta' importanza kbira kien ukoll il-fatt li d-dritt proċedurali nazzjonali kien u għadu jiġi influwenzat mid-dritt Ewropew. Fil-kawżi magħrufa Rewe [3] u Comet [4], ġie deċiż li d-dritt proċedurali nazzjonali ma jistax jirrendi (prattikament) impossibbli l-invokazzjoni ta' drittijiet li ġejjin minn regolamenti Ewropej u ma għandux jittratta dawn id-drittijiet b'mod inqas favorevoli minn drittijiet li ġejjin mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Din il-ġurisprudenza sfat il-punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' approċċi iktar speċifiċi għal kunċetti tradizzjonali tad-dritt nazzjonali, bħall-istħarriġ ġudizzjarju *ex officio* [5]. Id-dritt proċedurali għandu rwol essenzjali għal partijiet f'kawża li jkunu jixtiequ jinvokaw id-drittijiet mogħtija lilhom taħt id-dispożizzjonijiet legali. Dan huwa preċiżament għalfejn id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv huwa stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-influwenza tad-dritt tal-Unjoni fuq id-dritt proċedurali wasslet għall-ħolqien ta' infrastruttura ġuridika għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea.

Id-dritt proċedurali jmexxi t-tilwim u jiddetermina l-aċċess għall-qrati. Barra minn hekk, dan id-dritt huwa marbut mill-qrib mas-sovranità ta' pajjiż. F'dan ir-rigward, il-lingwa għandha, ovvjament, rwol importanti. Għad-dritt proċedurali Olandiż, il-lingwa Olandiża hija ovvjament kruċjali. Ma għandux jintesa li l-lingwa Olandiża hija lingwa legali u li din il-lingwa tintuża għas-soluzzjoni ta' tilwim li jitressaq, fost l-oħrajn, quddiem il-qrati tal-Pajjiżi l-Baxxi. L-influwenza tad-dritt Ewropew fuq id-dritt proċedurali nazzjonali għaldaqstant tat lok ukoll għal interazzjoni interessanti bejn il-kunċetti tad-dritt Olandiż u dawk tad-dritt Ewropew [6].

Żvilupp ieħor importanti huwa marbut mal-armonizzazzjoni Ewropea dejjem iktar wiesa'. L-iżvilupp ta' politiki fuq il-livell tal-Unjoni jwassal għall-ħolqien ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Il-kwantità ta' leġiżlazzjoni li ġiet adottata tul is-snin hija kbira ħafna. Bosta regolamenti u direttivi tal-Unjoni huma applikabbli f'diversi oqsma ta' politika.

---

3 | Kawża 33/76, *Rewe-Zentralfinanz en Rewe-Zentral*, tas-16 ta' Diċembru 1976, EU:C:1976:188.

4 | Kawża 45/76, Comet, tas-16 ta' Diċembru 1976, EU:C:1976:191.

5 | Ara, dwar dan il-punt, Prechal, S. u Widdershoven, R.J.G.M., *Inleiding tot het Europees bestuursrecht*, Nijmegen, 2017, p. 410 *et seq*.

6 | Dan l-iżvilupp ġie deskritt, fost l-oħrajn, fi Prechal, S. u Widdershoven, R.J.G.M, *Inleiding tot het Europees bestuursrecht*, Nijmegen, 2017; Hessel, B., *Het recht van de EU voor decentrale overheden*, Nijmegen, 2016, u Hartkamp, A., *Vermogensrecht algemeen – Europees recht en Nederlands vermogensrecht*, Deventer, 2019.

Kif huwa magħruf, id-direttivi għandhom jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali [7]. Fir-rigward tar-regolamenti teżisti, min-naħa l-oħra, projbizzjoni ta' traspożizzjoni [8]. Madankollu, dan ma jfissirx li ma tkun mitluba l-ebda azzjoni leġiżlattiva nazzjonali sabiex regolament ikun jista' jiġi applikat u infurzat. L-oppost huwa minnu: kemm id-direttivi kif ukoll ir-regolamenti jeżiġu li jinħatru awtoritajiet nazzjonali kompetenti (fost l-oħrajn, għall-infurzar), l-adattament tar-regoli nazzjonali (pereżempju, tad-dritt proċedurali) u t-tfassil ta' kunċetti ġenerali tad-dritt Ewropew [9]. Minn dan jirriżulta li għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż għall-applikazzjoni u l-infurzar tiegħu, id-dritt Ewropew fil-biċċa l-kbira jiddependi mis-sistemi legali nazzjonali tal-Istati Membri. Mingħajr il-qafas legali nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jisfa' ineffettiv. Fil-qosor, in-normi u r-regoli Ewropej għandhom isibu l-post tagħhom f'dan il-qafas nazzjonali. Abbażi tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma jwettqu l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. Għall-Pajjiżi l-Baxxi, dan ifisser naturalment li l-verżjoni bl-Olandiż tan-normi u tar-regoli Ewropej ikollha tiġi inkorporata fil-leġiżlazzjoni Olandiża. Il-lingwa Olandiża tippermetti li d-dritt żviluppat fi Brussell, fi Strasbourg u fil-Lussemburgu jkun jista' jiġi applikat ukoll mill-awtoritajiet Olandiżi. Fil-preżent, kif intqal, l-armonizzazzjoni Ewropea – jiġifieri d-direttivi, ir-regolamenti u miżuri oħra –żdiedet b'mod sinjifikattiv. Minħabba f'hekk għandha tiġi implimentata dejjem iktar leġiżlazzjoni Ewropea fl-ordinament ġuridiku nazzjonali. Għall-implimentazzjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi ta' spiss juża l-assjem leġiżlattiv nazzjonali tiegħu diġà eżistenti, bħall-Burgerlijk Wetboek (il-Kodiċi Ċivili), ċerti liġijiet amministrattivi (Wet milieubeheer (il-Liġi dwar l-Immaniġġar tal-Ambjent), Mededingingswet (il-Liġi dwar il-Kompetizzjoni) eċċ.) u l-liġijiet kriminali. Dan ifisser li bosta regoli u normi Ewropej jidħlu maġenb dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi. B'ċertu mod, isseħħ "ożmożi" bejn regoli u normi ta' oriġini Ewropea jew Olandiża. Bis-saħħa tal-lingwa Olandiża, din il-fużjoni hija possibbli. Il-verżjoni uffiċjali Olandiża tar-regoli Ewropej tippermetti lill-awtoritajiet Olandiżi japplikaw id-dritt Ewropew b'rabta mill-qrib mad-dritt nazzjonali.

7 | Ara t-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE.

8 | Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet dan mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, fost l-oħrajn, fil-Kawża 94/77, Zerbone, tal-31 ta' Jannar 1978, EU:C:1978:17.

9 | Ara, pereżempju, il-punt 17 tal-Kawża C-205/82, *Deutsche Milchkontor, tal*-21 ta' Settembru 1983, EU:C:1983:233, u l-punt 33 tal-Kawża C-367/09, *SGS Belgium et, tat*-28 ta' Ottubru 2010, EU:C:2010:648.

Din l-applikazzjoni "sinkronika" qiegħda sseħħ dejjem iktar frekwentement bħala riżultat tal-armonizzazzjoni Ewropea li qiegħda tiżdied u saret, għal bosta professjonisti fil-liġi, parti mill-prattika ta' kuljum. Fil-fehma tiegħi, dan iqarreb il-politika Ewropea lejn iċ-ċittadin. Il-garanzija li konsumatur Olandiż huwa intitolat għaliha max-xiri hija rregolata, fil-biċċa l-kbira, minn regoli ta' oriġini Ewropea. Jeżisti, madankollu, punt li jistħoqqlu attenzjoni. Peress li r-regoli Ewropej qegħdin jitħallew jiġu integrati bla xkiel fl-assjem leġiżlattiv nazzjonali, bosta ċittadini u saħansitra professjonisti fil-liġi ma għadhomx konxji tal-fatt li dawn ir-regoli ġejjin mill-Ewropa: mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru li ġejjin mill-art Olandiża. Għaldaqstant, ċertament ma jkunx ta' ħsara jekk nibdew hawnhekk proċess ta' sensibilizzazzjoni, li permezz tiegħu wieħed jirċievi iktar għarfien dwar dan id-"dwett" ħelu "bejn id-dritt Ewropew u d-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi".

## Termini u kunċetti

Il-lingwa Olandiża twettaq rwol kruċjali fl-impatt tad-dritt Ewropew fuq l-ordinament ġuridiku fil-polder Olandiża. Fid-dritt, ovvjament, tingħata attenzjoni kbira lit-termini u lill-kunċetti. Ċerti kunċetti tad-dritt Olandiż jistgħu, permezz tad-dritt Ewropew, jiksbu sens differenti. Peress li jeżisti terminu Olandiż uffiċjali għal ċerti kunċetti tad-dritt Ewropew, l-emendi jistgħu jiġu trasposti b'mod relattivament sempliċi fl-ordinament ġuridiku Olandiż. Eżempju mill-passat huwa l-kunċett ta' skart [10]. Inizjalment, fid-dritt Olandiż, taħt dan il-kunċett kienu jinftiehmu l-oġġetti kollha li jintremew b'mod definittiv. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rriżulta li dan l-approċċ kien limitat wisq. Anki s-sustanzi li jistgħu jintużaw mill-ġdid għandhom jitqiesu li huma skart [11]. Din ma hijiex kwistjoni semantika iżda pjuttost kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni li nħolqot sabiex tipproteġi l-ambjent u l-bniedem hijiex applikabbli. Bis-saħħa tal-eżistenza tal-verżjoni Olandiża uffiċjali għall-kunċett ta' skart fid-dritt Ewropew, li ġiet inkluża fil-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea malajr sabet ruħha fil-prattika legali.

10 | Ara, f'dan ir-rigward, van de Gronden, J.W., *De Implementatie van het EG-milieurecht door Nederlandse decentrale overheden,* Deventer, 1998, p 260-266.

11 | Ara, pereżempju, il-punt 31 tal-Kawża C-129/96, *Inter-Environnement Wallonie*, tat-18 ta' Diċembru 1997, EU:C:1997:628.

Eżempju ieħor huwa marbut mal-kunċett ta' (sistema ta') awtorizzazzjoni. Id-Direttiva dwar is-Servizzi [12] tirrigwarda s-sistemi ta' awtorizzazzjoni li l-Istati Membri ħolqu. Sistemi bħal dawn jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jagħtu lok għal restrizzjonijiet mhux iġġustifikati tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Bl-Ingliż, jintuża t-terminu "authorisation", filwaqt li bil-Franċiż tintuża "autorisation". Il-verżjoni Olandiża tad-Direttiva dwar is-Servizzi tagħmel użu mill-kelma Olandiża "vergunning" ("awtorizzazzjoni"). Dan ippermetta lil-leġiżlatur tal-Pajjiżi l-Baxxi, fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva, juża t-terminu "vergunning" li diġà jeżisti fid-dritt amministrattiv Olandiż. Dan issemplifika l-proċess ta' implimentazzjoni. Għall-awtoritajiet kompetenti huwa ċar li deċiżjonijiet nazzjonali li jiġu deskritti bl-Olandiż bħala awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tad-Direttiva dwar is-Servizzi. F'dan ir-rigward, huwa ta' importanza kbira li d-definizzjoni tal-kunċett "awtorizzazzjoni" mid-Direttiva Ewropea dwar is-Servizzi tiġi segwita mill-qrib, li jista' jwassal għal aġġustamenti fil-kunċett tradizzjonali ta' awtorizzazzjoni fid-dritt Olandiż. L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jinkludi definizzjoni tal-kunċett ta' sistema ta' awtorizzazzjoni, ukoll fil-verżjoni lingwistika Olandiża [13], b'tali mod li din id-definizzjoni tista' ssib ruħha wkoll fil-prattika legali Olandiża. Għalhekk ma huwiex sorprendenti li l-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar is-Servizzi tinkludi definizzjoni ta' sistema ta' awtorizzazzjoni bbażata fuq id-Direttiva [14].

Bħala riżultat tal-impuls qawwi għal azzjoni sabiex tintlaħaq armonizzazzjoni Ewropea, bosta termini mid-dritt Ewropew ġew inkorporati fid-dritt Olandiż. Minn perspettiva legali, din l-operazzjoni hija waħda impenjattiva. F'dan ir-rigward, fattur favorevoli ħafna huwa mingħajr dubju d-disponibbiltà ta' sorsi legali importanti bil-lingwa Olandiża. Fil-Pajjiżi l-Baxxi jistgħu saħansitra jinstabu eżempji ta' armonizzazzjoni spontanja. F'dak il-każ, il-leġiżlatur nazzjonali jfittex minn rajh armonizzazzjoni mad-dritt Ewropew mingħajr ma

12 | Direttiva 2006/123 dwar is-Servizzi fis-Suq Intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

13 | Din id-definizzjoni hija fformulata kif ġej: "elke procedure die voor een dienstverrichter of afnemer de verplichting inhoudt bij een bevoegde instantie stappen te ondernemen ter verkrijging van een formele of stilzwijgende beslissing over de toegang tot of de uitoefening van een dienstenactiviteit" ("kull proċedura li fiha kull fornitur jew riċevitur ikun tabilħaqq meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb deċiżjoni formali minn awtorità kompetenti, jew deċiżjoni impliċita, rigward l-aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju tagħha").

14 | Fl-Artikolu 1 tal-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar is-Servizzi, is-sistema ta' awtorizzazzjoni hija ddefinita kif ġej: "procedure die voor een dienstverrichter of afnemer de verplichting inhoudt bij een bevoegde instantie stappen te ondernemen ter verkrijging van een vergunning" ("proċedura li fiha fornitur jew riċevitur ikun meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti").

jkun obbligat jagħmel hekk skont dan id-dritt. L-eżempju l-iktar magħruf f'dan ir-rigward huwa l-Mededingingswet Olandiża (il-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Kompetizzjoni) [15]. Id-dispożizzjonijiet sostantivi ta' din il-liġi huma meħuda mill-Artikoli 101 u 102 TFUE u mir-Regolament Ewropew dwar il-Konċentrazzjonijiet [16], minkejja li dan ma huwiex meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni [17]. Il-fatt li teżisti verżjoni uffiċjali bil-lingwa Olandiża tat-Trattat u tar-Regolament dwar il-Konċentrazzjonijiet iffaċilita immensament dan il-proċess. It-termini u l-kunċetti korretti kienu diġà disponibbli bl-Olandiż. Il-leġiżlatur seta' għalhekk jgħaqqad ma' dawn il-kunċetti mid-dritt dwar il-kompetizzjoni dawk li huma ta' importanza essenzjali, bħal dawk ta' impriża, ftehim, pożizzjoni ekonomika dominanti u konċentrazzjoni. Fil-każ ta' ċerti termini, sar saħansitra riferiment dirett għall-kunċetti korrispondenti tad-dritt tal-Unjoni: pereżempju, ġie stabbilit li impriża u ftehim fis-sens tal-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Kompetizzjoni għandhom l-istess sens bħall-kunċetti ekwivalenti fl-Artikolu 101 TFUE. Minn dan joħroġ li l-interpretazzjoni mogħtija fil-ġurisprudenza mill-qrati tal-Unjoni ta' termini, bħal ftehim u impriża jagħmlu wkoll awtomatikament parti mill-interpretazzjoni ta' kunċetti komparabbli fil-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Kompetizzjoni [18].

## Tagħlim dwar id-dritt tal-Unjoni bl-Olandiż

L-Ewropeizzazzjoni tad-dritt li qiegħda tiżdied wasslet sabiex it-tagħlim dwar id-dritt Ewropew ingħata post permanenti fil-kurrikulu tal-istudji tad-dritt fl-universitajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi. Barra minn hekk, minħabba l-globalizzazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni tat-tagħlim ġuridiku wkoll sabet ruħha fuq l-aġenda. F'dan ir-rigward, qamet il-kwistjoni dwar jekk is-suġġetti li jaqgħu taħt il-qasam tad-dritt tal-Unjoni għandhomx jiġu mgħallma kompletament bl-Ingliż. Jiena konvint li r-risposta għal din id-domanda

15 | Ara d-Dokumenti Parlamentari II, 24 707, Nru°3, p. 10.

16 | Regolament 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

17 | Ċerti kwistjonijiet ta' infurzar fid-dritt dwar il-kompetizzjoni huma, madankollu, suġġetti għal armonizzazzjoni mandatorja. Ara d-Direttiva 2019/1 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq (ĠU 2019, L 11, p. 3).

18 | Għad-diversi metodi li bihom il-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Kompetizzjoni fittxet konnessjoni mad-dritt Ewropew, ara Mok, M.R., *Kartelrecht I Nederland: de Mededingingswet,* Deventer, 2004, p. 69-72.

tistħoqq approċċ li jieħu inkunsiderazzjoni l-varjazzjonijiet tal-kwistjoni. Minn naħa, huwa ta’ importanza kbira li l-ġuristi jkunu f’pożizzjoni li jiddiskutu ma’ kollegi f’pajjiżi oħra dwar temi u kwistjonijiet importanti. Min-naħa l-oħra, il-kompitu tagħhom huwa wkoll li japplikaw id-dritt Ewropew fuq il-livell nazzjonali. Huwa għaldaqstant preferibbli li d-dritt Ewropew jiġi mgħallem kemm bl-Ingliż kif ukoll bl-Olandiż fl-universitajiet fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fl-ewwel sena, l-istudenti jistgħu jsiru midħla tad-dritt Ewropew bil-lingwa proprja tagħhom u jassoċjaw ukoll dan il-qasam ġuridiku mad-dritt nazzjonali, li huma naturalment ukoll jiltaqgħu miegħu għall-ewwel darba f’din il-fażi tal-istudji tagħhom. Fi stadju sussegwenti, l-istudenti jistgħu jsiru midħla ta’ kwistjonijiet u suġġetti tad-dritt Ewropew bl-Ingliż. L-esperjenza tiegħi fit-tagħlim fir-Radboud Universiteit f’Nijmegen, fejn jiena stess ngħallem id-dritt Ewropew, hija li dan il-multilingwiżmu huwa arrikkiment. B’dan il-mod, l-istudenti jagħtu ħarsa tajba lejn id-dimensjoni multilingwistika tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, huma jifhmu li l-prattika tad-dritt Ewropew tilħaq il-milja tagħha jekk tingħata attenzjoni lill-qafas ġuridiku nazzjonali. Għalhekk, anki l-istudenti tal-European Law School f’Nijmegen jiġu mgħallma l-kunċetti ċentrali tad-dritt Olandiż, barra mid-dritt Ewropew u d-dritt internazzjonali. Kif diġà ġie osservat, l-Olandiż huwa lingwa legali għaliex din il-lingwa tintuża fil-proċeduri quddiem il-qrati Olandiżi. Huwa ta’ importanza kbira li l-ispeċjalist tal-futur fid-dritt Ewropew ikollu fehim tajjeb tal-qafas ġuridiku nazzjonali li fih huwa jkun ser japplika l-qasam ta’ speċjalità tiegħu u tal-lingwa li tintuża f’dan il-qafas. Pereżempju, huwa importanti li wieħed ikun jaf x’jikkostitwixxi reat taħt id-dritt Olandiż, meta jkun qiegħed jivverifika jekk korp pubbliku Olandiż jkunx responsabbli għal ħsara kkawżata minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni, abbażi tal-ġurisprudenza *Francovich* [19] tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Eżempju ieħor jirrigwarda l-għoti ta’ sussidju. Fil-każ li persuna tkun tixtieq tikkontesta dan l-għoti minħabba li dan allegatament jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, huwa importanti li jiġi vverifikat jekk dan is-sussidju jkunx ingħata fil-forma ta’ deċiżjoni li tkun tista’ tiġi kkontestata quddiem il-qorti amministrattiva Olandiża.

F’Nijmegen, il-multilingwiżmu jfisser li l-attenzjoni tingħata mhux biss lill-Ingliż u lill-Olandiż iżda wkoll lill-Franċiż. Fil-progamm tal-Baċċellerat tal-*European Law School,* l-istudenti jistgħu jsegwu l-ispeċjalizzazzjoni fi “Traduzzjoni Ġuridika”. Din l-ispeċjalizzazzjoni hija intiża sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom mat-traduzzjoni ta’ testi ġuridiċi mill-Franċiż għall-Olandiż. Naturalment, tradizzjonalment il-Franċiż kellu rwol

19 | Ara, b’mod partikolari, il-Kawżi magħquda C-6/90 u 9/90, *Francovich*, tad-19 ta’ Novembru 1991, EU:C:1991:428, u l-Kawżi magħquda C-46/93 u C-48/93, *Brasserie du Pêcheur* u *Factortame*, tal-5 ta’ Marzu 1996, EU:C1996:79.

ċentrali fid-dritt Ewropew. Kif huwa magħruf, din il-lingwa hija l-lingwa ta' ħidma fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fil-Qorti Ġenerali. Permezz tal-ispeċjalizzazzjoni fi "Traduzzjoni Ġuridika", isir ċar għall-istudenti b'liema mod il-qrati tal-Unjoni jipprattikaw id-dritt tal-Unjoni. L-istudenti jingħataw kemm lekċers dwar it-traduzzjoni u dwar aspetti importanti tad-dritt Ewropew kif ukoll istruzzjonijiet konkreti dwar kif testi ġuridiċi jkollhom jiġu tradotti mill-Franċiż għall-Olandiż. Il-letturi involuti għandhom esperjenza kbira fil-prattika. Koen Wolfs, Kap tad-Diviżjoni Olandiża tat-Traduzzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkontribwixxi ukoll fil-kors, kemm bħala lettur kif ukoll bħala sors ta' ispirazzjoni. Fil-fehma tiegħi, iż-żieda tal-lingwa Franċiża fil-kurrikulu hija arrikkiment tajjeb ħafna għall-programm tal-*European Law School* f'Nijmegen. L-ispeċjalizzazzjoni fi "Traduzzjoni Ġuridika" tixraq għax-xogħol ta' traduzzjoni li għandu jsir mil-livell tal-Unjoni għall-qasam nazzjonali.

Barra minn hekk, l-ispeċjalizzazzjoni fit-"Traduzzjoni Ġuridika" tħalli lill-istudenti jieħdu idea tal-professjoni ta' traduttur. Dawk li huma responsabbli għat-traduzzjoni, pereżempju, ta' sentenza mill-Franċiż għall-Olandiż jagħtu kontribuzzjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt Ewropew fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li ma għandhiex tiġi ssottovalutata. L-Unjoni hija bbażata fuq il-multilingwiżmu u għaldaqstant it-tradutturi jaqdu rwol ċentrali.

Fil-fehma tiegħi, l-għarfien miksub jista' ċertament ikun utli f'kull tip ta' pożizzjoni (apparti dik ta' traduttur). Wara kollox, l-istudenti ffamiljarizzaw ruħhom mal-multilingwiżmu tad-dritt Ewropew. Fil-każ li, pereżempju, iktar tard jirċievu xogħol mal-awtorità ġudizzjarja, l-għarfien tal-Franċiż ikun jista' jgħinhom fl-interpretazzjoni ta' ċerti sentenzi u dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Dan jista' jkun il-każ ukoll jekk, fil-kariga tagħhom mal-awtorità ġudizzjarja, huma jkollhom jikkontribwixxu fil-formulazzjoni ta' domandi preliminari f'kawża li fiha jqumu kwistjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Fil-formulazzjoni, huma jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni li dawn id-domandi jkollhom jiġu tradotti, fost l-oħrajn, għall-Franċiż. Jekk huma jaħdmu bħala uffiċjali f'ministeru u jiġu kkonfrontati bi problema tad-dritt tal-Unjoni, huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu għas-soluzzjoni tal-problema billi jikkonsultaw is-sorsi legali rilevanti bil-Franċiż u, naturalment, bl-Ingliż.

## Konklużjoni

Għall-prattika tad-dritt Ewropew, il-lingwa Olandiża hija ta' importanza kbira. Ir-regoli tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati fl-ordinament ġuridiku nazzjonali u din l-implimentazzjoni hija għalhekk, fil-biċċa l-kbira, dipendenti fuq id-dritt nazzjonali. Il-verżjoni uffiċjali bl-Olandiż ta' miżuri tal-Unjoni tiffaċilita b'mod sinjifikattiv it-

traspożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-ordinament ġuridiku Olandiż u b'hekk tiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri. B'dan il-mod, il-lingwa Olandiża tikkostitwixxi konnettur bejn id-dritt tal-Unjoni u l-ordinament ġuridiku fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-multilingwiżmu hija dimensjoni importanti tad-dritt tal-Unjoni. Id-disponibbiltà ta' sorsi importanti tad-dritt tal-Unjoni f'diversi lingwi tqarreb lill-Unjoni u d-dritt tagħha li huwa bbażat fuq diversi tradizzjonijiet ġuridiċi tal-Istati Membri lejn iċ-ċittadini u lejn partijiet f'kawża.

# L-interess tal-multilingwiżmu għall-università Ewropea tal-futur

— Prof. Dr. Jan Wouters

**Jan Wouters huwa professur tad-dritt internazzjonali u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u titolari *ad personam* tal-katedra Jean Monnet fl-Università Kattolika ta' Leuven (il-Belġju), fejn huwa wkoll id-Direttur tal-Instituut voor internationaal recht (l-Istitut tad-Dritt Internazzjonali) u tal-Leuven Center for Global Governance Studies (iċ-Ċentru ta' Leuven għall-Istudji fil-Governanza Globali), kif ukoll il-President tar-Raad voor internationaal Beleid (il-Kunsill għall-Politika Internazzjonali). Huwa membru tal-Koninklijke Vlaamse Academie van België (l-Akkademja Rjali Fjamminga tal-Belġju), professur mistieden fl-Università ta' Columbia, fil-Kulleġġ tal-Ewropa, fl-Università Paris 2 Panthéon-Assas (Xjenzi politiċi) u fl-Università LUISS, u avukat fil-kamra tal-avukati ta' Brussell (il-Belġju).**

## Introduzzjoni

L-idea ta' din il-kontribuzzjoni hija li toħloq riflessjoni dwar l-interess tal-multilingwiżmu għall-università tal-futur. Din il-kontribuzzjoni hija t-testimonjanza personali ta' professur li, matul il-karriera edukattiva tiegħu, żamm l-entusjażmu tiegħu għall-unifikazzjoni Ewropea u għar-rikkezza tad-diversità kulturali tal-Ewropea. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea minn dejjem kien il-passjoni tiegħi, mhux biss bħala strument ta' integrazzjoni iżda wkoll bħala strument ideali għal djalogu mal-kulturi nazzjonali u reġjonali u mas-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri, kif ukoll mad-dritt internazzjonali, li minnu joħroġ l-ordinament ġuridiku Ewropew [1].

Meta temmejt l-istudji tiegħi fl-Università ta' Antwerpen (il-Belġju), f'Lulju 1987, l-Att Uniku Ewropew kien għadu kemm daħal fis-seħħ. Ħafna kienu għadhom ma fehmux dan, iżda dan it-trattat ta spinta kbira lill-unifikazzjoni Ewropea, u dan mhux biss għall-finijiet tal-"proġett 1992" tas-suq intern iżda wkoll għall-finijiet tal-Kooperazzjoni Politika Ewropea (il-predeċessur tal-Politika Esterna u ta' Sigurtà Komuni, magħrufa bħala "PESK"), tal-politika Ewropea tal-ambjent, tar-rwol dejjem ikbar tal-Parlament Ewropew, u ta' diversi aspetti oħra. L-ewwel artiklu li ppubblikajt fl-1988 kien iddedikat għal-liberalizzazzjoni tal-moviment Ewropew tal-kapital li, għal diversi snin, kien l-iktar ħolqa dgħajfa fost il-libertajiet fundamentali previsti fit-Trattat KEE. Kien fuq kollox it-Trattat ta' Maastricht tal-1992 li wassal għal progress storiku fl-unifikazzjoni tal-kontinent Ewropew billi witta t-triq għal integrazzjoni iktar fil-fond (bl-Unjoni ekonomika u monetarja tiżdied mal-Unjoni doganali u s-suq intern) u usa' (Unjoni politika b'ċittadinanza tal-Unjoni, il-PESK, il-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja fil-qasam kriminali, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, eċċ.).

Kien ukoll it-Trattat ta' Maastricht li żewwaq it-Trattat KE b'"aspett kulturali". Kien fit-Trattat ta' Maastricht li ntużat għall-ewwel darba l-espressjoni sabiħa li l-Komunità, u iktar tard l-Unjoni, għandha "tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt

1 | Sfortunatament, illum il-ġurnata hemm numru ta' punti ta' disgwid bejn id-dritt internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni Ewropea. Ara l-artiklu preċedenti: Wouters, J., "The Tormented Relationship between International Law and EU Law", f'Bekker, P. H. F., Dolzer, R., u Waibel, M. (edituri), *Making Transnational Law Work in the Global Economy. Essays in Honour of Detlev Vagts*, Cambridge, Cambridge University Press, 2010, p. 198 sa 221.

tirriżalta il-wirt kulturali komuni" [2]: fi kliem ieħor, magħquda fid-diversità! Jiena u nikteb il-ktieb tiegħi dwar it-Trattat ta' Maastricht [3], bejn l-1994 u l-1996, użajt il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tat-Trattat ta' dak iż-żmien. B'hekk ksibt għarfien sħiħ tar-rikkezza kbira tal-multilingwiżmu ġuridiku u l-ammirazzjoni tiegħi għad-dipartimenti tat-traduzzjoni tal-Unjoni Ewropea kompliet tissaħħaħ. Ipprova ttraduċi b'mod uniformi fil-lingwi uffiċjali kollha, pereżempju, id-definizzjoni enigmatika tal-prinċipju ta' sussidjarjetà [4]. Ir-rispett kbir li għandi għad-dipartimenti tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni tal-Unjoni Ewropea jmur lura għaż-żmien meta kont référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1991 u l-1994, meta d-dipartimenti lingwistiċi kienu jitwerwru meta jirċievu l-abbozzi tal-konklużjonijiet xi drabi voluminużi (inklużi n-noti ta' qiegħ il-paġna) min-naħa tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali Walter van Gerven [5].

Sa mill-aħħar tas-sena 2017, jiena involut ukoll mill-qrib fl-inizjattiva tal-"alleanzi universitarji Ewropej" u, flimkien ma' oħrajn, żrajt iż-żerriegħa għal waħda minn dawn l-alleanzi, Una Europa [6]. Kien f'din il-kapaċità li, dawn l-aħħar snin, ħdimna mhux biss sabiex nistabbilixxu l-pedament tal-università tal-futur li fiha l-multilingwiżmu jkollu rwol ċentrali iżda wkoll sabiex nintroduċu baċellerat komuni interdixxiplinari fi studji Ewropej, li fil-kuntest tiegħu l-multilingwiżmu huwa wieħed mill-aspetti importanti li ġibed l-attenzjoni tagħna. Ippermettuli nintroduċi fil-qasir dawn l-inizjattivi.

2 | Din l-espressjoni llum il-ġurnata tinsab fl-Artikolu 167(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

3 | Ara Devroe, W., u Wouters, J., De Europese Unie. Het Verdrag van Maastricht en zijn uitvoering: analyse en perspectieven, Leuven, Peeters, 1996. Dan il-ktieb irċieva l-premju Stibbe.

4 | Dan il-prinċipju llum il-ġurnata huwa espress fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE); il-verżjoni inizjali tiegħu kienet tinsab fl-Artikolu 3 B tat-Trattat KE.

5 | Id-dipartimenti tat-traduzzjoni kienu qajmu din il-kwistjoni u l-laqgħa amministrattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja studjat nota dwar l-użu esaġerat ta' noti ta' qiegħ il-paġna fil-konklużjonijiet ta' ċerti Avukati Ġenerali. L-Avukat Ġenerali Walter van Gerven min-naħa tiegħu fassal nota bi kwotazzjoni misluta mid-dramm Amadeus ta' Peter Shaffer. Meta l-imperatur Joseph II għadda kumment lil Mozart li l-opera tiegħu *Die Entführung aus dem Serail* kien fiha "wisq noti", Mozart wieġbu "Eċċellenza, hemm in-noti li huma meħtieġa, la iktar u la inqas".

6 | Ara https://www.una-europa.eu/.

## Fuq l-inizjattiva "universitajiet Ewropej" u Una Europa

Fid-diskors magħruf li ta fl-Università ta' Sorbonne fis-26 ta' Settembru 2017, il-President Franċiż Emmanuel Macron għamel sejħa ħerqana lill-universitajiet Ewropej:

> "Je propose la création d'universités européennes qui seront un réseau d'universités de plusieurs pays d'Europe, mettant en place un parcours où chacun de leurs étudiants étudiera à l'étranger et suivra des cours dans deux langues au moins. Des universités européennes qui seront aussi des lieux d'innovation pédagogique, de recherche d'excellence. Nous devons nous fixer, d'ici à 2024, en construire au moins une vingtaine. Mais nous devons, dès la prochaine rentrée universitaire, structurer les premières, avec de véritables semestres européens et de véritables diplômes européens." ("Nipproponi l-ħolqien ta' universitajiet Ewropej li jkunu network ta' universitajiet minn diversi pajjiżi tal-Ewropa, li jintroduċu kors ta' studju li fih l-istudenti tagħhom jistudjaw barra minn pajjiżhom u jsegwu l-korsijiet b'minn tal-inqas żewġ lingwi. Universitajiet Ewropej li jkunu wkoll ċentri ta' innovazzjoni fit-tagħlim, ta' tfittxija tal-eċċellenza. Għandna nippjanaw li, mil-lum sal-2024, inkunu ħloqna minn tal-inqas għoxrin minn dawn l-universitajiet. Imma għandna wkoll, sa mill-bidu tas-sena universitarja li jmiss, inlestu l-istruttura għall-ewwel universitajiet, flimkien ma' perijodi ta' studji verament Ewropej, b'diplomi verament Ewropej.") [7]

Il-proposta tal-President Franċiż intlaqgħet fis-summits Ewropej ta' Gothenburg u ta' Brussell fil-ħarifa tal-2017 u minn dak iż-żmien bdiet tissejjaħ l-inizjattiva "universitajiet Ewropej". Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 jindikaw ukoll bħala għan, preċiżament wara s-silta dwar l-universitazzjoni Ewropej, li "jissaħħaħ it-tagħlim tal-lingwi, b'tali mod li numru dejjem ikbar ta' żgħażagħ jitkellmu minn tal-inqas żewġ lingwi Ewropej minbarra l-lignwa materna tagħhom" [8].

Din l-inizjattiva lqajniha mill-ewwel b'entusjażmu fl-Università Kattolika ta' Leuven. Fir-rebbiegħa tal-2018 ħadna l-ewwel passi ta' alleanza universitarja billi ltqajna f'Pariġi u f'Bologna, u mbagħad billi komplejna b'diskussjonijiet fil-fond f'Madrid u f'Berlin matul is-sajf tal-istess sena. Minn dawn l-isforzi tnisslet Una Europa, li fil-frattemp saret alleanza

7 | https://www.elysee.fr/emmanuel-macron/2017/09/26/initiative-pour-l-europe-discours-d-emmanuel-macron-pour-une-europe-souveraine-unie-democratique.

8 | https://www.consilium.europa.eu/media/32212/14-final-conclusions-rev1-EN.pdf (Mhux disponibbli bil-Malti).

ta' disa' universitajiet Ewropej prestiġjużi: Freie Universität Berlin, Alma Mater Studiorum Università di Bologna, University of Edinburgh, Uniwersytet Jagielloński w Krakowie, Helsingin yliopisto/Helsingfors universitet, Katholieke Universiteit Leuven, Universidad Complutense de Madrid, Université Paris 1 Panthéon-Sorbonne u Universiteit Leiden [9]. Il-multilingwiżmu jista' jiġi osservat immedjatament fl-ismijiet tal-universitajiet!

Una Europa ma hijiex sempliċi "konsorzju" jew "proġett" ieħor, fost ħafna, bejn ċertu numru ta' universitajiet Ewropej. Lanqas il-kelma "alleanza" ma tirrifletti bis-sħiħ il-potenzjal kbir tagħha. Din hija fil-fatt kondiviżjoni u integrazzjoni, bil-għan li jiġu introdotti orizzonti ġodda u uniċi, iżda dejjem sostenibbli, għax-xogħol tagħna f'numru dejjem ikbar ta' oqsma ta' riċerka, ta' tagħlim u ta' servizz għall-kollettività: università realment Ewropea tal-futur. Bdejna bl-istudji Ewropej, bil-patrimonju kulturali, bl-iżvilupp sostenibbli, bix-xjenza tad-data u bl-intelliġenza artifiċjali. Ma' dawn żidna oqsma bħalma huma s-saħħa u l-materjali tal-futur. Aħna ma aħniex uċuħ ġodda: il-parti l-kbira tal-unversitajiet imsieħba għandhom storja intellettwali ta' diversi mijiet ta' snin, jekk mhux ukoll eluf ta' snin, u bejnietna ngħallmu kważi 450 000 student, biex ma nsemmgħux il-gruppi fuq l-internet (li jinkludu diversi miljuni).

Sa mill-bidu, Una Europa għażlet b'mod deċiżiv il-multilingwiżmu. Fil-fatt, fl-istituzzjonijiet tas-sħubija nużaw xejn inqas minn disa' lingwi: il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Ispanjol, l-Isvediż, l-Olandiż, il-Pollakk u t-Taljan. Il-manifest dwar il-futur tal-universitajiet Ewropej, li fih Una Europa tesprimi l-ispirtu tagħha, għandu jinqara b'interess. Dan il-manifest jenfasizza b'mod partikolari li Una Europa "ma hijiex sempliċi post, iżda hija spazju ta' għarfien, ta' ideat, ta' valuri, li jiżviluppaw b'mod ħieles lil hinn mill-fruntieri, mil-limitazzjonijiet materjali u temporali" u "hija mera tal-umanità fid-diversitajiet kollha, riflessjoni tal-kulturi u tal-lingwi, tat-tradizzjonijiet u tal-influwenzi ġodda" [10]. Il-multilingwiżmu għandu post ċentrali fost għanijiet ewlenin oħra, bħalma huma l-aspett interdixxiplinari, l-inklużjoni, l-innovazzjoni, l-interattività, ir-rilevanza u l-aspett internazzjonali.

Konxja tal-impenn tagħha lejn il-multilingwiżmu, Una Ewropa qiegħda tipprevedi li fil-futur tiftaħ id-dixxiplini lingwistiċi tal-universitajiet kollha għal kull student, toħloq

9 | Fil-futur qarib ser ikun hemm l-għaxar u l-ħdax-il università msieħba, iżda għalissa jkolli nosserva ċerta diskrezzjoni f'dan ir-rigward.

10 | Ara https://www.una-europa.eu/about.

pari lingwistiċi [11], toffri l-possibbiltà lill-istudenti jsegwu suġġetti f'lingwi differenti minn dik tal-università ta' oriġini tagħhom billi tiżviluppa l-mobbiltà virtwali u l-mobbiltà tal-għalliema u toffri MOOC [12] sabiex tinkoraġġixxi t-tagħlim tal-lingwi fil-livell tal-bidu. Hawnhekk insemmi l-multilingwiżmu fil-baċellarat konġunt ġdid fl-istudji Ewropej.

Il-viżjoni ta' Una Europa tikkorrispondi għal dik adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fir-Rakkomandazzjoni tat-22 ta' Mejju 2019 dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi [13], għalkemm din ir-rakkomandazzjoni tikkonċerna qabel kollox l-edukazzjoni primarja u sekondarja u l-formazzjoni professjonali. Madankollu, dak li l-Kunsill jgħid dwar is-sensibilizzazzjoni favur il-lingwi fl-iskejjel nistgħu napplikawh, *mutatis mutandis*, għat-tagħlim universitarju:

"Is-sensibilizzazzjoni favur il-lingwi fl-iskejjel tista' tinkludi s-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kompetenzi tal-litteriżmu u dawk multilingwi tal-istudenti kollha, inklużi l-kompetenzi f'lingwi li ma jiġux mgħallma fl-iskola. L-iskejjel jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn livelli differenti ta' kompetenza multilingwi meħtieġa skont il-kuntest u l-iskop u li jikkorrispondu għaċ-ċirkostanzi, il-bżonnijiet, il-kapaċitajiet u l-interessi ta' kull student." [14]

Huwa madankollu xi ftit sorprendenti li, minkejja l-attenzjoni kollha murija mill-uffiċjali Ewropej fl-inizjattiva "universitajiet Ewropej", sal-lum il-ġurnata ma jidhirx li hemm xi test uffiċjali dwar il-problema (tan-nuqqas ta') multilingwiżmu fil-livell universitarju. Huwa minnu li, fil-Komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tqis li l-viżjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni fil-livell tal-Unjoni tinkludi t-"trawwim tal-apprendiment tal-lingwi u tal-multilingwiżmu". Fil-fatt, "[l]-għarfien ta' lingwi differenti huwa rekwiżit biex wieħed jistudja u jaħdem f'pajjiż barrani, u biex wieħed jiskopri bis-sħiħ id-diversità kulturali tal-Ewropa. Dan jippermetti lill-istudenti u lill-għalliema jibbenefikaw minn spazju ta'

11 | Il-par lingwistiku jew konverżazzjoni trasversali jinvolvu t-tagħlim ta' lingwa fi skambju lingwistiku reċiproku bejn żewġ persuni li jitkellmu, kull waħda minnhom, fl-ewwel lingwa (differenti) tagħhom li l-persuna l-oħra tkun tixtieq titgħallem.

12 | MOOC tirreferi għal "massiv open line course", jiġifieri kors maħsub b'mod li jippermetti parteċipazzjoni b'numri kbar u li r-riżorsi tiegħu (miktuba iżda wkoll f'forma awdjoviżiva) jiġu trażmessi fuq l-internet b'mod li l-parteċipanti ma jkunux marbuta ma' post ġeografiku.

13 | ĠU 2019, C 189, p. 15.

14 | Premessa 16 tar-Rakkomandazzjoni.

apprendiment Ewropew ġenwin" [15]. Il-Kummissjoni, iżda, ma tiżviluppax iktar proposti ġodda u essenzjalment tirreferi għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019, imsemmija iktar 'il fuq, li ma tkoprix it-tagħlim universitarju.

Is-sejħa għal proposti għall-universitajiet Ewropej Erasmus+ tal-2022 ma ssemmix dan il-punt b'mod partikolari [16]. Huwa minnu li l-universitajiet Ewropej huma mistiedna jippromwovu l-għanijiet tal-ispazju ta' apprendiment Ewoprew, li jinkludu l-multilingwiżmu. Madankollu, dan ir-riferiment ma jżid xejn mal-ewwel sejħa għal proposti għall-universitajiet Ewropej imnedija fl-2018. Jidher li l-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-multilingwiżmu ftit li xejn evolviet f'dawn l-aħħar snin. Tant hu hekk li l-Komunikazzjoni tagħha dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, tat-18 ta' Jannar 2022, hija saħansitra siekta dwar il-multilingwiżmu jew dwar inizjattivi jew attivitajiet speċifiċi f'dan ir-rigward [17].

## Fuq il-baċellerat konġunt ġdid fl-istudji Ewropej

B'effett mis-sena akkademika 2022/2023, l-universitajiet Una Europa ser joffru programm konġunt interdixxiplinari msejjaħ "joint Bachelor of Arts in European Studies" (BAES) [18]. Għal dan il-għan, fl-2021 huma għaddew minn proċedura rigoruża ta' akkreditazzjoni kemm permezz tal-approċċ Ewropew għall-kwalità tal-programmi konġunti ("European Approach for Quality Assurance of Joint Programmes") [19] quddiem in-Nederlandse-Vlaamse Accreditatieorganisatie (NVAO) (l-Organizzazzjoni ta' Akkreditazzjoni Olandiża-Fjamminga) kif ukoll fil-kuntest ta' diversi proċeduri nazzjonali.

15 | Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-żona ewropea tal-edukazzjoni, 30 ta' Settembru 2020, COM (2020) 625 final, p. 7.

16 | Ara https://erasmus-plus.ec.europa.eu/mtnews/2022-erasmus-european-universities-call.

17 | Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, 18 ta' Jannar 2022, COM(2022) 16 final.

18 | Għal iktar informazzjoni ara https://www.una-europa.eu/stories/introducing-the-una-europa-joint-bachelor-in-european-studies, https://baes.una-europa.eu/overview u www.jointbaes.eu.

19 | https://www.eqar.eu/assets/uploads/2018/04/02_European_Approach_QA_of_Joint_Programmes_v1_0. pdf

L-ambizzjoni tal-BAES huwa li jrawwem studenti mill-Ewropa u mid-dinja kollha f'dak li tikkostitwixxi l-"Ewropa": il-valuri fundamentali tagħha, l-istorja tagħha, il-politika tagħha, l-istituzzjonijiet tagħha, l-ekonomija tagħha, is-soċjetà, tagħha, id-dritt tagħha ... iżda wkoll l-identità tagħha u d-diversità kulturali tagħha. Il-multilingwiżmu huwa msemmi espliċitament fost l-għanijiet tat-tagħlim ta' dan il-programm il-ġdid: fi tmiem il-programm li jinkludi kors mifrux fuq tliet snin għal total ta' 180 ECTS fis-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti, l-istudenti għandhom ikunu jistgħu jesprimu ruħhom b'minn tal-inqas lingwa Ewropea differenti mill-ewwel lingwa tagħhom u bl-Ingliż, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jesperjenzaw ir-realtà multilingwi Ewropea. Kif nixtieqy nilħqu dan l-għan?

Fl-ewwel lok, ser tingħata attenzjoni kbira lill-multilingwiżmu fis-suġġetti obbligatorji ta' dan il-baċellerat, il-parti komuni. Attwalment din il-parti komuni hija proposta minn erba' universitajiet ta' Una Europa (Bologna, Kraków, Leuven u Madrid). Din il-parti importanti tiġbor fi ħdanha, minn naħa, korsijiet introduttivi f'dixxiplini fundamentali tax-xjenzi umani u soċjali li jiġu kollha mgħallma b'perspettiva Ewropea (ekonomija, filosofija, storja, xjenzi politiċi, dritt, b'korsijiet elettivi dwar l-ekonomija Ewropea, ir-relazzjonijiet internazzjonali u d-dritt Ewropew u internazzjonali), u, min-naħa l-oħra, suġġetti definittivament multidixxiplinari, li jinkludu, b'mod partikolari, żewġ aspetti prinċipali li jkopru, rispettivament, il-kulturi u s-soċjetajiet Ewropej u l-integrazzjoni Ewropea. Tingħata attenzjoni kbira lill-kisba ta' kompetenzi u ta' metodi ta' riċerka sa fejn, fi tmiem il-formazzjoni tagħhom, l-istudenti ser ikunu mistennija jiktbu teżi multidixxiplinari tal-baċellerat. Il-parti komuni tipproponi kors tal-lingwa konġunt li għandu jiggarantixxi li l-istudenti jkunu jistgħu jesprimu ruħhom f'minn tal-inqas lingwa Ewropea minbarra l-ewwel lingwa tagħhom u l-Ingliż. Dan għandu jwassalhom ukoll sabiex jirfinaw il-kapaċità tagħhom li jaħdmu u li jwettqu riċerki f'kuntest multilingwi.

Il-multilingwiżmu, iżda, jibqa' tema ċentrali għaliex wara l-parti komuni tibda l-fażi tal-mobbiltà intra-Ewropea. Mit-tieni sena akkademika, l-istudenti jkollhom jagħżlu università oħra, u jekk ikun possibbli żewġ universitajiet oħra, ta' Una Europa fejn ikomplu l-istudji tagħhom. Dan għandu jkun ta' benefiċċju wkoll għall-għarfien tagħhom tal-lingwi u tal-kulturi Ewropej peress li dawn l-universitajiet imsieħba kollha joffru wkoll korsijiet bil-lingwa tagħhom stess.

Fl-aħħar nett, l-ispeċjalizzazzjoni fit-tieni u fit-tielet sena tal-BAES li matulhom l-istudenti jistgħu jagħżlu minn fost għoxrin kors maġġuri u tletin kors minuri, tipproponi wkoll is-suġġett "lingwi u kulturi".

## Xi osservazzjonijiet kritiċi

Minkejja l-ħidma partikolarment diffiċli mwettqa fl-istrateġija tal-futur ta' Una Europa u b'mod partikolari fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-BAES – niftakru li dan il-programm kellu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew reġjonali tal-pajjiżi kollha ta' Una Europa u li din kienet sfida enormi – għandna nżommu ħarsa kritika fir-rigward tar-riżultati miksuba u tal-kalendarju futur, b'mod partikolari fejn jidħol il-multilingwiżmu.

Mhux ser noqgħod indur mal-lewża: anki wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Ingliż huwa l-*lingua franca* tal-universitajiet fl-Ewropa. L-Ingliż huwa l-lingwa tax-xogħol f'Una Europa u fil-korpi tagħha. Din l-għażla hija naturalment dovuta għal raġunijiet ta' effettività, minkejja li għandna nirrikonoxxu li mhux l-Ingliż ta' kulħadd huwa daqstant tajjeb u li għal numru kbir ta' membri tal-komunità universitarja f'Una Europa il-fatt li wieħed jaħseb, jitkellem u jikteb bl-Ingliż jirrikjedi sforz kbir. Madankollu, alleanza universitarja Ewropea ma għandhiex ir-riżorsi sabiex taħdem b'mod permanenti ma' tradutturi u interpreti.

Kif wieħed jistenna, id-dominanza tal-Ingliż hija riflessa wkoll fit-tagħlim propost. Sabiex joffru l-korsijiet tagħhom lill-ikbar numru possibbli ta' studenti, il-parti l-kbira tal-korsijiet huma mfassla, minn Una Europa, kemm fil-kuntest tal-BAES, tad-dottorati jew tal-MOOC, bl-Ingliż. Ma hemm ebda dubju li, sabiex nattiraw il-ġenerazzjonijiet futuri ta' studenti li jiġu jsegwu BAES jew taħriġ ieħor, irrispettivament mill-post ta' oriġini tagħhom fl-Ewropa jew fid-dinja kollha, ser inkomplu ninvestu fl-offerta ta' tagħlim bl-Ingliż fl-universitajiet ta' Una Europa.

F'dan ir-rigward, iżda, għandna nkomplu niżguraw li t-tagħlim bil-lingwa tagħna stess, u b'mod iktar ġenerali r-rikkezza u d-diversità kulturali tagħna, ma jbatux minħabba dan. Ma tkunx xi ħaġa pożittiva jekk il-korsijiet ikollhom it-tendenza li jduru madwar l-Ingliż sempliċement sabiex inkunu nistgħu nipproponu offerta iktar interessanti ta' taħriġ konġunt, b'mod partikolari fil-kuntest ta' alleanza universitarja Ewropea.

Jidher evidenti, għalkemm madankollu dan ħafna drabi ma jseħħx fir-realtà, li studenti li jistudjaw minn tal-inqas semestru jew anki żewġ jew tliet semestri fl-istess università (kif ser ikun il-każ fil-parti komuni tal-BAES), jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ewwel lingwa ta' din l-università u mal-ambjent li topera fih, minn tal-inqas fuq livell elementari. Madankollu, l-esperjenza li għandi tal-iskambji ta' studenti fil-programm Erasmus f'Leuven turi li dan ftit li xejn huwa l-każ, minn tal-inqas fi Flanders. Fil-fehma tiegħi, għandna nazzardaw inħarsu lejn dan b'mod kritiku u nipprovaw infittxu inċentivi u strumenti

sabiex nintroduċu wkoll taħriġ bażiku fl-Olandiż lill-istudenti barranin. Dan jgħodd ukoll għal kull waħda mill-univeristajiet l-oħra ta' Una Europa li jipproponu parti komuni jew mobbiltà fl-aħħar snin tal-BAES. Mhux qiegħed nitkellem dwar sempliċi kors iżda dwar offerta kulturali u ħajja soċjali fl-università ospitanti u fl-ambjent tagħha. Komunità ta' studenti, anki jekk ta' natura partikolarment internazzjonali fil-kompożizzjoni tagħha, ma tistax tgħix b'mod iżolat. Dan jista' jwassal għal iżolament perikoluż u għal komunitajiet magħluqa b'mod artifiċjali ħafna li ftit li xejn jinteraġixxu mal-istudenti u mal-ambjent lokali. Il-komunitajiet lokali jistgħu jistennew li l-istudenti barranin jagħmlu sforz sabiex jitkellmu magħhom, minn tal-inqas b'mod elementari, fl-ewwel lingwa ta' dawn il-komunitajiet. Jekk ma jirnexxilniex niżguraw dan, ikun hemm ir-riskju li l-"Ewropa" tibqa' dejjem proġett elitist u b'hekk nonqsu milli nistabbilixxu l**-pedamenti ta' Ewropa dejjiema u reali, kemm fi ħdanha stess kif ukoll fid-dinja.**

# Għal kull lingwa hemm daqstant dinjiet

## — Katarzyna Kłosińska

**Katarzyna Kłosińska – professur fl-Università ta' Varsavja, lingwista speċjalista fil-lingwa Pollakka kontemporanja. Mill-2019, hija President tal-Kunsill tal-Lingwa Pollakka fil-Bord tal-Polska Akademia Nauk (PAN, l-Akkademja Pollakka għax-Xjenzi) (bejn is-snin 1999-2019 kienet is-segretarju xjentifiku tagħha). Minbarra l-attività xjentifika, hija tieħu ħsieb il-popolarizzazzjoni tal-għarfien dwar il-lingwa – hija magħrufa fost pubbliku usa' permezz ta' programmi tar-radju regolari li ilha tmexxi b'mod kontinwu mill-2004. Mill-2018 tmexxi l-ħidma tal-Osservatorju tal-Lingwa tal-Università ta' Varsavja fejn qed jinħoloq dizzjunarju ta' neoloġiżmi Pollakki.**

Lingwa hija dinja. Dinja li hija madwarna, il-bnedmin – dinja li biha aħna mdawrin. Dinja li tinsab ġewwa fina, il-bnedmin – dinja tal-ħsibijiet, l-esperjenzi, l-immaġinazzjoni tagħna. Dinja li tgħammar bejnietna, il-bnedmin – dinja tar-relazzjonijiet tagħna ma' oħrajn kif ukoll dinja li titwieled b'riżultat ta' diskussjonijiet u ta' interazzjoni ma' kitbiet.

Lingwa tirrappreżenta dak li jinsab fid-dinja esterna: affarijiet, fenomeni, sitwazzjonijiet, ġrajjiet… – tislet elementi differenti tar-realtà, tagħtihom isem, tiddeskrivihom, tikklassifikahom, tivvalutahom, turina r-relazzjonijiet bejniethom. F'dan is-sens tagħti ordni lir-realtà filwaqt li permezz ta' dan inkunu nistgħu niċċaqilqu fiha u nifhmuha: nosservaw id-dinja li fi ħdanha xi ħaġa dejjem tfakkar f'ħaġa oħra u dan ix-xebh niskopruh permezz tal-kliem u tal-forom grammatikali. Pereżempju, ninsabu f'qagħda li nimmaġinaw xi jkun programm tal-kompjuter awtoreplikanti li jikkaġuna ħsara għaliex ingħata l-istess isem bħall-ħlejqa infettiva li tattakka l-organiżmi tagħha: virus.

Persuni li jużaw il-lingwa materna ġeneralment ftit ikunu konxji dwar kemm il-ħsieb tagħhom huwa mgħaddas fil-lingwa. Persuna Pollakka għandha, qabel ma tuża verb fil-plural, tivviżwalizza jekk dan huwiex ser jintrabat (anki jekk biss fil-ħsieb) ma' nom li jindika rġiel jew nom li jkun jirreferi għal nisa, annimali, tfal jew oġġetti. Fl-ewwel każ jintuża ġeneru limitat għal persuna maskili (męskoosobowy), filwaqt li fit-tieni każ jintuża ġeneru għal kull ħaġa li ma hijiex persuna maskili (niemęskoosobowy). Din il-kategorija grammatikali "qasmet" id-dinja f'żewġ gruppi: irġiel u l-kumplament (li xi kultant hija raġuni għalfejn il-lingwa Pollakka titqies mill-utenti femminili tagħha bħala lingwa miżoġena – anki jekk fil-fatt ma jaqbilx li ssir interpretazzjoni daqstant sempliċistika). Persuna Slovena, meta titkellem dwar iktar minn ħaġa waħda għandha tippreċiża kemm jiġi "iktar minn wieħed": tnejn jew iktar minn tnejn. Dan għaliex il-lingwa Slovena, minbarra l-għadd singular u plural magħruf f'lingwi oħra għandha għadd doppju (li barra minn hekk kellha l-lingwa Pollakka sas-seklu XVI) – in-nomi li jirreferu għal żewġ oġġetti jieħdu forma differenti minn dawk li jindikaw ħaġa waħda, u minn dawk li jindikaw tlieta, erbgħa, ħamsa u iktar oġġetti. Min-naħa tagħha, persuna Ungeriża, meta ssemmi azzjoni, għandha tiddeċiedi jekk l-oġġett li għalih tirreferi din l-azzjoni huwiex magħruf mid-destinatarju jew le. Fuq il-bażi ta' dan, l-istess verb jiġi kkonjugat skont waħda minn żewġ konjugazzjonijiet – oġġettiva jew suġġettiva. Għall-utenti tal-lingwa Pollakka ma huwiex essenzjali li l-interlokutur ikollu diġà għarfien tal-ħaġa jew tal-persuna li dwarha qed isir id-diskors (forsi bl-eċċezzjoni ta' sitwazzjonijiet fejn wieħed ikun jixtieq jgħaqqad in-nom li jindika tali ħaġa jew persuna man-numeral li jindika tnejn – jekk ikun magħruf dwar min jew xiex qed isir id-diskors, flok *dwa (tnejn)* ngħidu *obydwa (it-tnejn))*. Madankollu dan huwa l-ħsieb bażiku li jidħol f'moħħ Ġermaniż, Franċiż jew Ingliż (probabbilment dan iseħħ b'tant ħeffa li dan lanqas jinduna bl-eżistenza

ta' tali ħsieb) li juża n-nomi u li għandu jagħżel l-artiklu korrispondenti (iddefinit jew indefinit) jew prepożizzjoni.

Kull lingwa timponi qafas kunċettwali tagħha nnifisha fuq ir-realtà u li ġeneralment niskopru biss sussegwentement meta waqt it-tagħlim ta' lingwa barranija jkollna "naqilbu" biex naħsbu f'din il-lingwa. Pereżempju, Pollakk li għandu jiddeskrivi azzjoni mill-passat bl-Ingliż ikollu, kull darba, "jattiva" l-immaġini dwar jekk l-effetti ta' din l-azzjoni għadhomx jinħassu jew le (fuq il-bażi ta' dan juża, kif nafu, it-tempi tal-Present Perfect jew tal-Past Simple). Bħalma Pollakk isib ċerta diffikultà (mhux grammatikali iżda mentali) biex jiddistingwi l-forom *I have bought (something)* minn *I bought (something)*, anki għal Ingliż ikun diffiċli li jifhem (u li jittrasponi fil-lingwa tiegħu) is-sentenza: *Pisałam wczoraj artykuł, ale go nie napisałam* (*ilbieraħ kont qed nikteb artiklu imma ma ktibtux kollu*) – li fiha hemm żewġ verbi (imperfett u perfett) li jikkorrispondu għall-Ingliż *to write* (u, l-iktar importanti, din il-problema sseħħ kull darba li Brittaniku jew Amerikan jew utent ta' kwalunkwe lingwa oħra li ma tagħmilx distinzjoni bejn verbi imperfetti u perfetti jkun jixtieq japplika l-immaġini ta' relazzjonijiet temporali magħġuna taħt l-influwenza tal-lingwa tiegħu stess u s-sistema ta' tempi prevalenti fi ħdanha lejn il-lingwa Pollakka).

Ovvjament, il-kunċetti għandhom ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom fil-forma ta' kliem. Kif inhu magħruf, kliem li jappartjeni għal lingwi differenti ġeneralment meqjus bħala korrispondenti jista' jvarja fil-portata tal-użu tiegħu. B'hekk il-verb Ingliż *to go* jew dak Franċiż *aller* jikkorrispondu għal żewġ verbi Pollakki marbuta maċ-ċaqlieq: *iść* ('li tiċċaqlaq permezz ta' riġlejk') u *jechać* ('li tagħmel użu minn mezz ta' lokomozzjoni'). Għalhekk il-lingwa Pollakka tiddistingwi ċaqlieq bis-saqajn minn ċaqlieq b'xi tip ta' mezz ta' trasport iżda ma tagħmilx distinzjoni bejn liema mezzi. Min-naħa l-oħra fil-lingwa Ingliża *iść* u *jechać* huma l-verb uniku: *to go*, iżda mhux kull *jechać* Pollakk jikkorrispondi għal *to go* peress li b'nomi bħal *rower* (*bike*) jew *koń* (*horse*) jintuża verb differenti – *to ride*. Għalhekk, fil-lingwa Ingliża, il-linja ta' demarkazzjoni tal-portata tal-użu ta' kliem dwar ċaqlieq tinsab f'pożizzjoni kompletament differenti minn dik fil-lingwa Pollakka. Id-differenzi bejn il-lingwi fil-kunċettwalizzazzjoni tal-porzjonijiet tar-realtà huma partikolarment evidenti f'dak li jirrigwarda l-kunċetti mentali. Pereżempju, il-lingwa Pollakka, b'differenza minn lingwi oħra, tagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' skumdità assoċjati mal-fatt li persuna ma jkollhiex dak li għandha persuna oħra – jekk din is-sensazzjoni ma tkunx akkumpanjata bi ħsibijiet ħżiena diretti lejn din l-aħħar persuna, allura s-sensazzjoni hija biss dik ta' *zazdrość* (*għira sempliċi*). Jekk, flimkien ma' dan, nixtieqů l-agħar fil-konfront ta' din il-persuna, allura s-sensazzjoni hija *zawiść* (*għira malizzjuża*). Il-lingwa Ungeriża għandha żewġ aġġettivi li jiddeskrivu l-kulur aħmar, *piros* u *vörös*, li l-portata tal-użu tagħhom ma hijiex iddeterminata permezz ta' karatteristika oġġettivament identifikabbli

(pereżempju l-isfumatura tal-kulur) iżda biss minn assoċjazzjonijiet li l-aħmar jista' jqajjem fina – xi drabi huwa kulur "emozzjonalment newtrali (*piros*) u drabi oħra huwa aħmar li jqajjem emozzjonijiet qawwija (*vörös*).

Hekk kif nassorbu lingwa barranija "nitħalltu" fid-dinja tal-komunità li tużaha. Lingwa takkumula l-esperjenzi tal-ġenerazzjonijiet suċċessivi tal-utenti tagħha inkwantu hija gwida simbolika tal-kultura. L-ismijiet tal-festi, ritwali, drawwiet jew platti speċifiċi (*pierogi*, *bigos* jew *gołąbki* Pollakki, *knedlík* Ċeki u *knedľa Slovakki, spaghetti* Taljani jew *pörkölt* Ungeriżi) li normalment jiġu mgħallma fl-istadju inizjali tal-istudji huma speċi ta' passaport għall-kultura spiritwali u għat-tradizzjoni. Il-frażeoloġija ta' kull lingwa turi kif kienu jgħixu n-nies, x'kienet l-okkupazzjoni tagħhom, b'liema valuri kienu ggwidati. Pereżempju, il-lingwa Pollakka tippossjedi għadd ferm ogħla ta' espressjonijiet jew frażijiet li jirreferu għal stil ta' ħajja rurali meta mqabbel ma' espressjonijiet li jirriflettu stil ta' ħajja borgiża – xejn stramb peress li għal sekli kien l-ewwel stil ta' ħajja li kien dominanti. Bil-Pollakk ma tantx hemm riferimenti għat-tbaħħir iżda hemm riferimenti mhux ħażin għall-irkib taż-żwiemel – dan għaliex għal residenti ta' pajjiż b'aċċess limitat għall-baħar (meta mqabbel, pereżempju, ma' Franza, Spanja jew il-Greċja) it-tbaħħir ma kienx parti essenzjali mill-ħajja filwaqt li l-ippika kienet. Fuq il-bażi tal-frażeoloġija wieħed "joħloq mill-ġdid" il-pajsaġġ tipiku tal-post li fih għexu jew jgħixu l-utenti tal-lingwa – tali espressjonijiet jew frażijiet bil-Pollakk bħal *sprać kogoś na kwaśne jabłko* (*sawwat lil xi ħadd u ġabu donnu tuffieħa qarsa* – 'li ssawwat ħafna li xi ħadd'), *obiecywać gruszki na wierzbie* (*wiegħed il-lanġas fuq siġra taż-żafżaf* – 'li tagħmel wegħdiet mhux realistiċi'), *wpuścić kogoś w maliny* (wassal lil xi ħadd għal ġo masġar tal-lampun – 'li b'qerq iddaħħal lil xi ħadd f'sitwazzjoni żvantaġġuża'), *dziewczyna jak malina* (*tfajla qisha lampun* – 'tfajla gustuża'), *wpaść jak śliwka w kompot* (*waqa' bħal għajnbaqra fix-xropp* – 'li wieħed isib ruħu f'sitwazzjoni diffiċli li minnha diffiċli joħroġ') iġibuna konxji tal-fatt li fl-irħula Pollakki jikbru siġar tat-tuffieħ, tal-lanġas jew tal-għajnbaqar u mhux pereżempju siġar taż-żebbuġ jew tat-tamal.

Finalment, lingwa hija gwida għal dinja ta' valuri li tiżvela ruħha b'mod ċar ħafna fil-qwiel imnaqqxa minn regoli morali li ilhom jipprevalu għal sekli. Huwa b'dan il-mod li mill-qwiel Pollakki nitgħallmu, pereżempju, li wieħed għandu jkun leali lejn qrabatu *(Zły to ptak, co własne kala gniazdo* (*Ħażin huwa l-għasfur li jħammeġ il-bejta tiegħu*)) jew li għandu jobdi lill-ġenituri tiegħu (*Kto nie słucha ojca, matki, będzie słuchał psiej skóry* (*Min lill-missier jew lill-omm ma jagħtix widen, ta' kelb il-ġilda jisma' jlissen*). F'ħafna kliem, frażeoloġiżmi u qwiel Pollakki differenti (iżda li wisq probabbli jinsabu wkoll f'lingwi oħra), ġiet "miktuba" xbiha tal-bniedem bħala esseri li moralment huwa mingħajr tebgħa: *To jest człowiek przez duże „c"* (*dan huwa bniedem b'"b" kbira* – 'dan huwa bniedem validu, onorevoli'), *zrobić*

*z kogoś człowieka* (*li tagħmel bniedem minn xi ħadd* – ‘li tqiegħed lil xi ħadd f’qagħda li jkun validu, onorevoli’), *zachowuj się jak człowiek* (*ġib ruħek bħal bniedem* – ‘imxi skont regoli aċċettabbli’) eċċ. Fl-istess waqt jiġi attribwit fuq l-annimali nuqqas ta’ moralità fejn dawn jiġu identifikati b’aspetti mhux etiċi ta’ mġiba: *świnia* (*ħanżir* – ‘persuna li ġġib ruħha b’mod mhux etiku’), *bydlak* (*annimal tat-tagħbija* – ‘persuna li ħaqqha stmerrija’), *małpia złośliwość* (*kattiverja tax-xadini* – ‘imġiba eċċezzjonalment kattiva u fl-istess waqt komplottista, li tqarraq’), *zejść na psy* (*waqa’ għal-livell tal-klieb* – ‘li tiddegrada lilek innifsek’), *łgać jak pies* (*mtedd bħal kelb* – ‘li tigdeb b’mod insolenti’), *żyć na kocią łapę* (*jgħix fuq id ta’ qattus* – ‘li tgħix bħal koppja miżżewġa iżda mingħajr żwieġ jiġifieri fid-dnub’) eċċ. Dawn l-eżempji (li għal raġunijiet ovvji huma ftit f’dan it-test) jagħtuna għarfien validu ħafna dwar il-fatt li bniedem iqis lilu nnifsu bħala ċ-ċentru tad-dinja (mhux b’kumbinazzjoni li fil-lingwaġġ kollokwjali jingħad li huwa antropoċentriku): għall-elementi kollha ta’ realtà huwa japplika kategoriji “umani”, anki lil dawk li fir-realtà ma jagħmlux riferiment lilu. Wara kollox, ħnieżer jew klieb ma jistgħux jiġu akkużati b’nuqqas ta’ etika peress li l-annimali ma jimxux skont ir-regoli tal-bniedem. Huwa aħna li ninterpretaw l-imġiba tagħhom billi nkejluha bil-metru tagħna ta’ bnedmin – f’dan il-każ kejl morali (li wara kollox ta’ spiss isib l-għeruq tiegħu fl-iktar test importanti għall-kultura Ewropea, il-Bibbja). Il-bniedem jikkostitwixxi punt ta’ riferiment ukoll meta jindika d-distanzi, mifhuma kemm konkretament kif ukoll b’mod astratt. Il-lingwaġġ kollokwjali juża tali “unitajiet ta’ kejl”, bħal pass (*mieszkam dwa kroki stąd – ngħix żewġ passi l-bogħod),* id *(mam to pod ręką – għandi dan taħt idi*) mnieħer (*autobus uciekł mi sprzed nosa – il-bus ħarabli minn taħt imnieħri)* jew xagħar *(było o włos od tragedii – kien jinsab xagħra bogħod mit-traġedja*).

Fil-bidu għedna li l-lingwa hija dinja li tinsab madwarna u dinja li tinsab ġewwa fina – dinja ta’ oġġetti u realtajiet u dinja ta’ valuri, twemmin u esperjenzi. Għall-persuni li jużaw il-lingwa materna dan huwa mod kif jiġu espressi l-esperjenzi ta’ ġenerazzjonijiet suċċessivi (li wara kollox ġeneralment ma jseħħx) u anki jekk mas-sekli jkunu biddlu l-fehma tagħhom dwar numru ta’ kwistjonijiet, spiss ma jkunux abbandunaw il-modi dwar kif jitkellmu dwarhom u li jkunu ilhom li ġew stabbiliti (pereżempju ngħidu li xi ħaġa *zeszło na psy* (*waqgħet għal-livell tal-klieb*) minkejja li ilna żmien twil li waqafna nirreferu għall-kelb bħala annimal mhux nadif). Għall-persuni esterni, dawk li jitgħallmu lingwa barranija, din hija ċavetta għall-kultura spiritwali u materjali ta’ nazzjon ieħor.

Lingwa hija wkoll dinja li tgħammar bejnietna. Ċertament hija għodda fundamentali ta’ komunikazzjoni – isservi sabiex tesprimi l-ħsibijiet, is-sentimenti, l-istabbiliment u ż-żamma ta’ relazzjonijiet. Madankollu l-ħolqien ta’ dinja bejn il-bnedmin permezz ta’ lingwa jista’ wkoll jinftiehem f’sens differenti – b’tali mod li l-lingwa tifforma immaġini ta’ ordni soċjali u din l-immaġini tiġi fis-seħħ biex b’hekk kull wieħed minna jaġixxi f’din id-

dinja fir-rwol attribwit lilu mil-lingwa. Għal sekli, pereżempju, nies meqjusa li għandhom disturbi mentali ġew deskritti bl-użu ta' kliem bi sfumaturi komiċi (pereżempju ma *kuku na muniu (għandu kokka fil-moħħ), dostał fiksum-dyrdum (irċieva fiksum-dyrdum), szurnięty (miġnun), ma szmery pod czaszką (għandu l-ħsejjes taħt il-kranju)*. Għalhekk ġiet fis-seħħ ordni li fiha xi ħadd li jiddevja min-norma (jinftiehem kif jinftiehem) huwa ridikolu u l-iktar l-iktar jitqies li huwa denju ta' tħassir. Fil-preżent, bl-isforz ta' ħafna persuni u diversi istituzzjonijiet li jmexxu kampanji soċjali hemm tentattiv biex din l-ordni tinbidel – billi jiġi mħeġġeġ l-abbandun mill-użu (minn tal-inqas fl-isfera pubblika) ta' kliem li stabbilixxa din l-ordni u billi jintwera li nuqqas ta' newrotipiċità huwa wieħed minn ħafna differenzi li jokkorru b'mod daqstant naturali fid-dinja. U din lanqas ma hija kwistjoni li persuni b'mard psikoloġiku ma jissejħux *wariatami, czubkami jew świrami (imġienen, psikopatiċi jew skerzi tan-natura)* (għaliex din il-lezzjoni ilhom li tgħallmuha l-ġurnalisti jew il-politikanti) iżda pereżempju li minflok nomi li "jiffokaw" fuq aspett partikolari, fejn jagħmluha element ewlieni tal-karatteristiċi ta' persuna speċifika, jintużaw espressjonijiet li l-aspett "jitneħħa" min-nom. Barra minn hekk, dan ma jirrigwardax biss ismijiet ta' persuni bi problemi psikoloġiċi iżda wkoll gruppi oħra li b'mod sistemiku ġew iddiskriminati permezz tal-lingwa. L-għan huwa li n-nuqqas ta' natura normattiva titqies bħala addizzjonali u mhux bħala karatteristika ewlenija ta' persuna speċifika – għalhekk jiġi abbandunat l-użu ta' kliem bħal *skizofreniku, awtistiku, omosesswali, mingħajr residenza, zopp (diżabbli), obeż, anoressiku, xellugi, favur termini bħal persuna bi skizofrenija, persuna fuq l-ispectrum tal-awtiżmu, persuna mhux eterosesswali, persuna fi kriżi ta' mingħajr residenza, persuna b'diżabbiltà, persuna b'obeżità, mara b'anoressija, persuna xellugija.* Hekk, niċċaqilqu bil-mod minn dinja li fiha l-istatus ta' persuna partikolari jiġi ddeterminat minn jekk din tikkorrispondix ma' immaġini komuni (ifhem: tal-maġġoranza) ta' "normalità", għal dinja li fiha kulħadd ikun qabel kollox persuna u ulterjorment din tista' tkun ikkaratterizzata b'xi aspett (diżabbiltà, mingħajr residenza jew natura xellugija), li bih is-suġġettività tal-persuna ma tiġix ridotta għal orjentazzjoni sesswali, dispożizzjoni intellettwali jew aspett estern. Għalxejn ikunu l-isforzi tal-istituzzjonijiet li jbiddlu għall-aħjar il-qagħda ta' persuni "differenti" u li għal għexieren ta' snin ġew soċjalment iddiskriminati li kieku dawn l-isforzi, ġeneralment mibdija fl-isfera leġiżlattiva, ma kellhomx ikunu akkumpanjati minn bidla fid-drawwiet lingwistiċi ladarba hija prinċipalment il-lingwa li tistabbilixxi r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin.

Hija għal din ir-raġuni li matul dawn l-aħħar snin saru sforzi biex lingwa ssir iktar "perċettiva" tan-nisa. Il-lingwa Pollakka tagħmel użu iktar ta' spiss minn ismijiet ta' karigi u professjonijiet fil-femminil *(dyrektorka (direttriċi), architektka (perita), profesorka (professura))*, u b'hekk tbiddel il-prassi stabbilita li jiġu attribwiti ismijiet lil karigi prestiġjużi,

anki jekk ikunu okkupati minn nisa, billi jintużaw il-forom maskili. Ilu diġà żmien twil li ġiet abbandunata (ħaġa li seħħet waħedha flimkien mal-bidliet soċjali) il-konswetudni li jsir riferiment għal mara bil-kariga ta' żewġha (*dyrektorowa* (*is-sinjura tad-direttur*), *doktorowa* (*is-sinjura tat-tabib*)). Fil-preżent rari niltaqgħu ma' sitwazzjoni fejn mara tiġi introdotta billi jsir riferiment għaliha bħala *profesorowa* (*is-sinjura tal-professur*). Il-parti l-kbira tal-politikanti u tal-ġurnalisti (jiġifieri persuni li fil-parti l-kbira jiffurmaw id-drawwiet lingwistiċi tagħna) ma jużawx iktar (minn tal-inqas fil-pubbliku), minn naħa, espressjonijiet u frażijiet ta' disprezz li jistabbilixxu l-immaġini ta' mara bħala esseri iktar stupidu mir-raġel (*babska logika* (*loġika tan-nisa)* – '*nuqqas ta' loġika*', *babskie gadanie* (*tpaċpiċ tan-nisa*) – '*kontenut ta' livell limitat*'), u min-naħa l-oħra, dawk li jqiegħdu lir-raġel f'pożizzjoni intellettwali privileġġata (*męska decyzja* (*deċiżjoni ta' raġel*) – 'deċiżjoni effiċjenti', *męska rozmowa* (*konverżazzjoni bejn l-irġiel*) – 'konverżazzjoni assertiva').

Il-persuni mhux binarji wkoll jirrikjedu d-drittijiet lingwistiċi tagħhom fejn ġustament isostnu li l-lingwa Pollakka (l-istess bħal lingwi oħra) ma tagħtix kashom. La tal-ewwel u lanqas tat-tieni ma jissorprendu. Il-ġeneru mhux binarju ma għandux ir-rappreżentazzjoni tiegħu fil-lingwa peress li l-lingwa tirrifletti l-viżjoni ta' dinja li ma tqumx mill-osservazzjonijiet tal-kliniċi tal-ispeċjalisti iżda mill-ħajja tagħna ta' kuljum bl-użu ta' għodda għad-dispożizzjoni tal-bniedem komuni – jiġifieri s-sensi tiegħu. Skont din il-viżjoni xi ħadd huwa jew mara jew raġel. Aħna sempliċement ma narawx persuni li għandhom identità tal-ġeneru differenti. Għaldaqstant ma huwiex ta' stagħġib il-fatt li l-lingwa ma tarahomx. Madankollu lanqas ma għandu jkun ta' stagħġib li din il-parti ta' soċjetà għandha dritt għal awtodeterminazzjoni lingwistika. Il-ġeneru mhux binarju qed jibda "jeżisti" fil-lingwa inkwantu għalissa qed jintuża prinċipalment fl-użu ta' ismijiet li ma jindikawx ġeneru (din hija novità kbira peress li l-ismijiet użati mill-Pollakki dejjem ippermettew li jiġi indentifikat ġeneru). Hemm ukoll tentattivi (ftit jew wisq ta' suċċess) ta' kostruzzjoni ta' forom grammatikali ġodda, għalkemm hawnhekk wieħed ma għandux jistenna suċċess inkwantu l-grammatika tikkonċedi ruħha għall-bidla ferm iktar bil-mod mill-vokabolarju u fuq kollox ma hijiex suġġetta għal regolamentazzjoni vertikali.

Għal kull lingwa hemm daqstant dinjiet – din l-affermazzjoni tat-titolu tista' tinftiehem b'żewġ modi. L-ewwel, billi nitgħallmu lingwa ġdida nitilqu lejn vjaġġ affaxxinanti lejn dinja ġdida. It-tieni, billi nagħżlu l-mod kif nitkellmu (fi ħdan lingwa) dwar ċerti fenomeni, fuq kollox dwar il-bniedem, nagħżlu dinja li fiha ser ngħixu – lingwa ta' rispett hija dinja ta' rispett, lingwa ta' disprezz hija dinja ta' disprezz.

# Multilingwiżmu — Mil-lenti ta' akkademika u mħallef

## — Ana Maria Guerra Martins

**Imħallef mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sa mill-1 ta' April 2020. Imħallef mat-Tribunal Constitucional [il-Qorti Kostituzzjonali] tal-Portugall, 2007-2016. Professura fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Lisbona. Riċerkatriċi mistiedna fl-Istitut Max-Planck għad-Dritt Pubbliku Komparattiv u għad-Dritt Internazzjonali f'Heidelberg, il-Ġermanja, 1997-1999. Professura tad-Dritt Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, 1999-2020. Professura mistiedna, Fakultà tal-Liġi Jean Monnet, l-Università ta' Pariġi XI, 2004. Professura mistiedna, Università Eduardo Mondlane ta' Maputo, il-Możambik, 2004-2005. Membru tal-European Network of Legal Experts in Gender Equality and Non-Discrimination [in-Network Ewropew ta' Esperti Legali fl-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u n-Nondiskriminazzjoni] tal-Kummissjoni Ewropea, 2016-2020. Professura mistiedna fl-IREDIES (Institut de recherche en droit international et européen de la Sorbonne) [Istitut ta' Riċerka fid-Dritt Internazzjonali u Ewropew tas-Sorbonne], École de Droit [Fakultà tal-Liġi], l-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne, 2019.**

Li wieħed jikteb dwar il-multilingwiżmu ma huwiex biċċa xogħol faċli, speċjalment għal min, bħali, ma għandux il-professjoni ta' lingwist. Għaldaqstant, ħsibt li l-mod l-iktar ġenwin biex nesprimi l-opinjoni tiegħi f'dan ir-rigward huwa li nirrakkonta l-esperjenza personali tiegħi fil-qasam tat-tagħlim u tal-użu tal-lingwa jew, pjuttost, tal-lingwi li jien naħdem bihom.

Qabelxejn, madankollu, għandi niċċara l-punt tat-tluq tiegħi. Minkejja li huwa minnu li l-multilingwiżmu jimplika l-kapaċità ta' persuna jew ta' poplu li jesprimu ruħhom f'diversi lingwi, huwa minnu wkoll li l-lingwa hija l-espressjoni tal-kultura ta' poplu, b'tali mod li kull darba li lingwa tgħib jew tiġi mitkellma inqas, nisfgħu kollha kemm aħna ifqar fuq il-livell kulturali.

Peress li twelidt f'pajjiż li kien taħt reġim dittatorjali u li kien jitfa' l-parti l-kbira tar-riżorsi finanzjarji tiegħu fl-isforz ta' gwerra kolonjali, meta l-oħrajn kollha diġà kienu aċċettaw il-prinċipju ta' awto-determinazzjoni tal-popli u, għaldaqstant, kienu wettqu l-proċess ta' dekolonizzazzjoni, huwa naturali li l-faqar u l-iżolament politiku dejjem jikbru ma għenux sabiex jiġi stimulat l-istudju tal-lingwi.

Fl-iskejjel sekondarji — li minoranza biss kellha aċċess għalihom — kienu jiġu studjati l-lingwa Portugiża u l-letteratura Portugiża, awtorizzati mir-reġim, u l-lingwi barranin kienu jitħallew fil-ġenb. Barra minn hekk, dawn kienu jiġu mgħallma minn għalliema li, ħafna drabi, lanqas qatt ma kienu żaru l-pajjiżi fejn kienu mitkellma dawn il-lingwi. Ir-riżultat — kif wieħed jista' jimmaġina — ma kienx wisq pożittiv.

Madankollu, għandu jiġi osservat li s-sitwazzjoni politika, il-gwerra kolonjali u l-faqar mifrux li kien hemm fil-Portugall matul id-dittatura wasslu lil miljuni ta' Portugiżi jemigraw lejn pajjiżi bħal Franza, l-Isvizzera, il-Lussemburgu jew il-Ġermanja, fost l-oħrajn, sabiex ifittxu l-libertà li ma kellhomx fil-Portugall jew sabiex ifittxu ħajja ekonomikament u soċjalment aħjar, jew anki bħala mezz sabiex jaħarbu l-gwerra kolonjali. F'dawn il-każijiet kollha, il-Portugiżi kellhom jitgħallmu l-lingwi tal-pajjiżi fejn stabbilixxew ruħhom, ta' spiss mingħajr appoġġ pedagoġiku, li wassal, fil-parti l-kbira tal-każijiet, għal prestazzjoni lingwistika fqira.

Mal-waqgħa tad-dittatura, fil-25 ta' April 1974, il-bini tas-sistema demokratika talab ħafna enerġija u sforz mis-setturi kollha, b'tali mod li l-istudju tal-lingwi, kif huwa tajjeb li wieħed jikkonstata, baqa' ma jkunx it-tħassib ewlieni tal-Istat.

Kien il-ftuħ tal-Portugall għad-dinja li seħħ, wara l-25 ta' April, mal-adeżjoni ma' diversi organizzazzjonijiet internazzjonali bħal, pereżempju, il-Kunsill tal-Ewropea fl-1976, iżda,

fuq kollox, l-adeżjoni tal-Portugall ma' dak li dak iż-żmien kienu l-Komunitajiet Ewropej, fl-1986, li ta spinta lit-tagħlim ta' lingwi barranin. Il-moviment liberu tal-persuni li ġabet magħha l-integrazzjoni Ewropea wassal għal żieda fin-numru ta' Portugiżi li marru barra mill-pajjiż bl-għan li jaħdmu, jistudjaw jew sempliċement jivvjaġġaw, u kkontribwixxa wkoll għaż-żieda fin-numru ta' nies barranin li daħlu fil-Portugall. Dan ħoloq il-bżonn għall-Portugiżi li jikkomunikaw f'lingwi oħra kemm f'pajjiżhom kif ukoll barra minnu.

Ħafna minna, minħabba l-għarfien limitat ta' lingwi barranin li konna ksibna fl-iskola sekondarja, dorna għall-istituti tal-lingwi — fil-każ tiegħi, l-*Alliance Française,* il-*British Institute* u l-*Goethe Institut* — sabiex intejbu l-kompetenzi tagħna f'dan il-qasam. Dan irriżulta utli ħafna iktar 'il quddiem.

Fil-fatt, inkwantu riċerkatriċi fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tad-dritt internazzjonali, l-istudju tad-duttrina u tal-ġurisprudenza barranin kien ta' importanza kbira fil-ħajja professjonali tiegħi, bħalma kienu l-kuntatti ma' akkademiċi minn pajjiżi oħra. Il-komunikazzjoni, mitkellma u bil-miktub, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż kienet għaldaqstant essenzjali sabiex nilħaq l-għanijiet akkademiċi li kont għażilt għalija nnifsi. Jien ħejjejt it-teżi tad-dottorat tiegħi fil-Ġermanja, fejn qattajt sentejn u nofs bħala riċerkatriċi mistiedna f'ambjent kompletament internazzjonali— il-*Max-Planck-Institut für ausländisches öffentliches Recht und Völkerrecht* [l-Istitut Max Planck għad-Dritt Pubbliku Komparattiv u għad-Dritt Internazzjonali] — f'Heidelberg. Hemmhekk, mhux biss kelli aċċess għal waħda mill-aħjar libreriji tad-dritt pubbliku Ewropej iżda wkoll għad-diskussjonijiet ta' kull ġimgħa fuq kwistjonijiet ta' attwalità fil-qasam tad-dritt pubbliku fuq il-livell dinji, li għen għall-kostruzzjoni progressiva ta' viżjoni kożmopolitana tad-dritt, li għad għandi sal-lum. Barra minn hekk, f'dak iż-żmien iltqajt ma' riċerkaturi mid-dinja kollha li, bħali, kienu fil-bidu tal-karrieri tagħhom u li, sadattant, jokkupaw pożizzjonijiet ta' importanza fuq livell nazzjonali u internazzjonali. In-network ta' kuntatti li ħloqt f'dak iż-żmien ippermettieli nipparteċipa fi gruppi ta' ħidma internazzjonali, u għadni nagħmel dan sal-lum.

Naturalment l-għarfien lingwistiku preċedenti ffaċilita l-integrazzjoni tiegħi fid-diversi ambjenti internazzjonali li pparteċipajt fihom fil-ħajja professjonali tiegħi.

Għaldaqstant, ma hija aħbar ġdida għal ħadd li, fid-dinja globalizzata li qed ngħixu fiha llum, l-għarfien tal-lingwi barranin huwa fundamentali, u jien ippruvajt ngħaddi dan il-messaġġ lill-istudenti tiegħi.

Għandu madankollu jiġi osservat li l-ħakma tajba — anki jekk ħakma ta' livell għoli ħafna — ta' lingwa barranija rarament tilħaq livell ta' proficjenza identiku għal dak tal-lingwa materna tagħna.

Inkwantu mħallef mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem niltaqa' ta' kuljum ma' din il-problema. Peress li l-lingwi uffiċjali tal-Qorti huma biss il-Franċiż u l-Ingliż, u peress li t-terminoloġija legali hija preċiża ħafna, naturalment huma l-kollegi li ġejjin mill-Istati fejn tiġi mitkellma waħda miż-żewġ lingwi uffiċjali li huma, mingħajr dubju, f'pożizzjoni privileġġjata meta mqabbla ma' dawk li ġejjin minn Stati fejn huma mitkellma lingwi oħra.

Għaldaqstant, fil-forums internazzjonali, is-sitwazzjoni ideali tkun li kull wieħed ikun jista' jesprimi ruħu bil-lingwa proprja tiegħu. Madankollu, nafu li dan ma huwiex sostenibbli mil-lat finanzjarju, b'mod partikolari fejn ikunu involuti numru kbir ħafna ta' Stati u ta' lingwi, bħalma huwa l-każ, pereżempju, fl-ambitu tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-aċċettazzjoni ta' numru ristrett ta' lingwi uffiċjali hija imperattiva.

Għaldaqstant, fil-każijiet fejn in-numru ta' Stati jkun żgħir, huwa preferibbli li kulħadd ikun jista' jesprimi ruħu bil-lingwa materna tiegħu, għaliex il-kuntrarju jimplika li jiġi aċċettat li lingwa waħda jew diversi lingwi jkunu subordinati għal oħrajn. Issa, minkejja li, kif issemma iktar 'il fuq, il-lingwa hija l-espressjoni tal-kultura ta' poplu, l-aċċettazzjoni tas-supremazija ta' lingwa waħda jew ta' diversi lingwi fuq oħrajn timplika li jiġi aċċettat li l-kulturi jitqiegħdu f'ġerarkija, li jmur kontra l-prinċipji l-iktar bażiċi tad-dritt internazzjonali. Min-naħa l-oħra, trattament differenti ta' ċerti lingwi jimplika li ċ-ċittadini li jitkellmu l-lingwi uffiċjali jitqiegħdu f'pożizzjoni privileġġata meta mqabbla maċ-ċittadini l-oħra. Huwa għal din ir-raġuni li għandu jiġi enfasizzat li l-multilingwiżmu ma għandux jeskludi l-lingwa Portugiża, li hija l-ħames lingwa l-iktar mitkellma fid-dinja.

Fil-qosor, l-espressjoni bil-lingwa Portugiża fil-forums internazzjonali li fihom il-Portugiż huwa lingwa uffiċjali, bħal, pereżempju, fl-Unjoni Ewropea, hija imperattiva.

Fil-fatt, il-possibbiltà li wieħed jesprimi ruħu bil-lingwa proprja tiegħu tikkontribwixxi mhux biss għall-affermazzjoni tal-ugwaljanza bejn l-Istati kollha iżda wkoll għall-affermazzjoni ta' ugwaljanza bejn iċ-ċittadini kollha, sa fejn ċittadin ta' Stat speċifiku li ma jkollux aċċess għad-dokumenti bil-lingwa tiegħu jisfa', naturalment, fi żvantaġġ meta mqabbel maċ-ċittadini tal-Istati li jkollhom aċċess għad-dokumenti fil-lingwa materna tagħhom.

Fil-prattika, bit-tkabbir suċċessiv tal-Unjoni Ewropea, assistejna għal fenomenu ta' "angliżizzazzjoni" tal-Unjoni Ewropea, sa fejn, filwaqt li d-dokumenti finali u l-iktar

importanti, bħal, pereżempju, ir-regolamenti u d-direttivi, jiġi tradotti fil-lingwi kollha, id-dokumenti preparatorji u mhux vinkolanti huma ta' spiss disponibbli biss bl-Ingliż.

Issa, din is-sitwazzjoni twassal liċ-ċittadini jitbiegħdu iktar mill-kwistjonijiet Ewropej. Madankollu, jekk hija mistennija parteċipazzjoni ikbar taċ-ċittadini fl-Unjoni, l-investiment fil-lingwi għandu jitqies bħala mezz biex tiġi żgurata din il-parteċipazzjoni.

Bħala konklużjoni, ikolli ngħid li, bħal kollox fil-ħajja, għandu jinstab bilanċ bejn, minn naħa, il-multilingwiżmu u, min-naħa l-oħra, iż-żamma u l-protezzjoni tad-diversi lingwi.

# Interpretare humanum est

## — Radu Paraschivescu

**Radu Paraschivescu (imwieled f'Bukarest, 1960) huwa kittieb u traduttur. Huwa kiteb 30 ktieb u ttraduċa madwar 120. Huwa kiteb rumanzi (*Fluturele negru (Il-Farfett l-Iswed), Cu inima smulsă din piept (Bil-Qalb Imċarrta mis-Sider), Acul de aur și ochii Glorianei (Il-Labra tad-Deheb u Għajnejn Gloriana), Astăzi este mâinele de care te-ai temut ieri (Illum Hija l-Id li Bżajt Minnha Lbieraħ)*, kotba ta' proża qasira (*Bazar bizar (Bażar Biżarr), Aștept să crăpi (Qed Nistennik Tmut), Omul care mută norii (Ir-Raġel li Jċaqlaq is-Sħab)*) u kotba ta' analiżi tal-moralità Rumena (*Ghidul nesimțitului (Il-Gwida tar-Rozz), Două mături stau de vorbă (Żewġ Xkupi Qed Jitkellmu), În lume nu-s mai multe Românii (Ma Hemmx Ħafna Rumeni fid-Dinja*). Ittraduċa minn awturi bħal Julian Barnes, Salman Rushdie, Jonathan Coe, Martin Amis, Kazuo Ishiguro, Stephen Fry, William Burroughs, John Steinbeck, eċċ. Huwa kollaboratur permanenti mal-istazzjonijiet tar-radju Digi FM u Rock FM kif ukoll mal-istazzjon TV Digi Sport.**

Meta ħareġ *Interpretul grec (L-Interpretu Grieg)*, konna fit-tmiem ta' dik li tista' tissejjaħ, naħseb, karriera li diffiċli tantiċipa fi żmien il-komuniżmu. *Interpretul grec* huwa rumanz miktub minn Max Davidson u jirrakkonta l-istorja ta' interpretu tal-konferenzi. Ta' raġel li jinterpreta kliem minn lingwa għal oħra u li jegħreq f'kabina li ma hijiex indikata għal min isofri mill-klawstrofobija. Il-protagonist jismu Stavros de Battista u huwa taħlita ta' identitajiet: nofs Ġermaniż, nofs Grieg, b'missier tat-tieni żwieġ Taljan u mara Irlandiża stabbilita fl-Isvizzera. Tista' tgħid, dan huwa multilingwiżmu ta' veru. B'tali arblu tar-razza u biż-żwieġ, dan il-protagonist tagħna seta' biss ikun aġent ta' konnessjoni tal-ideat li jaqsam il-fruntieri tal-lingwi. Fir-Rumanija, il-ktieb ġie ppubblikat minn Humanitas fl-2005, f'kollezzjoni llum minsija: "Id-Daħk tad-Dinja". Hija l-kollezzjoni li ħadt ħsieb tagħha wara li għamilt kważi ħmistax-il sena ninterpreta – mhux neċessarjament interpretazzjoni tal-konferenzi, iżda din hija wkoll inkluża. It-traduzzjoni hija ta' Cornelia Bucur, li kienet interpretu tal-konferenzi, kienet kollega li magħha qsamt kabina ġewwa Praga u Sibiu, Bușteni u Timișoara. Anki jekk "wiċċ id-dinja twil", id-dinja tibqa' żgħira.

Għeżież kollegi. *Dear colleagues. Chers collègues.*

Hekk beda kollox.

Dawn huma l-kliem li ta bidu għall-avventura. Avventura fejn inti, l-interpretu, tkun ekwivalenti għall-istuntman tal-film. Ħadd ma huwa qiegħed jitolbok taqbeż minn xi blokk li qed jaqbad jew li taqbeż fuq xi ferrovija li qed tiċċaqlaq, kif jagħmlu dawk li jissostitwixxu l-atturi f'xeni ta' azzjoni. Il-kelma "azzjoni" stess tidher li hija eżaġerazzjoni komika ta' dak li inti msejjaħ tagħmel. "Ir-reċtar u ċ-ċess huma tnejn mill-ikbar fornituri tal-morliti" qal kummidjant Skoċċiż u ma kienx żbaljat. Fl-avventura tiegħek fil-kabina inti trid bilfors toqgħod bilqiegħda fuq siġġu, tqiegħed f'rasek par kuffji u ma tiċċaqlaqx mill-mikrofonu. Għandek xi drittijiet stabbiliti f'kostituzzjoni mhux miktuba: id-dritt li jkollok ħalqek xott bl-eċitament, id-dritt li tixrob ilma b'tali mod li ma tinstemax fil-kuffji mill-parteċipanti, id-dritt li trewwaħ meta tkun is-sħana (dan normalment il-każ), id-dritt li tibqa' żżommha meta mwaqqaf minn bżonn perniċuż. U għandek xi ħaġa oħra: xabla kbira ta' Damokle mdendla fuq rasek. Meta fil-films il-pulizija jaqbad lil min wettaq ir-reat, hemm l-obbligu li l-iskritt tal-film juża l-cliché *Anything you say may be used against you (Dak kollu li tgħid jista' jintuża kontrik)*. Hekk ukoll fil-konferenza. Xi drabi jirriżulta li l-interpretu jeħel bla ħtija flok il-kelliem għal xi żball ta' dan tal-aħħar meta jkun qed jitkellem fil-mikrofonu u li, sabiex jevita kunflitt diplomatiku, jippreferi jerfa' spallejh meta jara l-istagħġib suspettuż tal-udjenza u jindika l-kabina: "Ma għedtx hekk, ir-ras qargħa fil-gaġġa ttraduċa ħażin". U anki jekk taf li għidt dak li kellek tgħid, mingħajr attenwazzjonijiet u akkomodazzjonijiet, hawn tinsab fil-pożizzjoni tad-delinkwent fil-

film: dak li għidt jista' jintuża kontrik. Meta tim tal-futbol ikollu riżultati ħżiena, il-kowċ jiġi ssagrifikat. Meta konferenza tirriskja li jkollha episodji ta' tensjoni, l-interpretu jingħata f'sagrifiċċju. Mhux biss Stallone, Lundgren, Statham u Jet Li jistgħu jirreċtaw fi *The Expendables (Il-Merċenarji)*. Kull interpretu jista' jkollu rwol jekk mingħajr ma jkun irid isib ruħu f'sitwazzjoni ħażina.

Wieħed jista' jiffilosofizza b'mod sottili dwar is-sens u r-rilevanza tal-multilingwiżmu. Tista' tiġi enfasizzata l-ħtieġa, jistgħu jiġu indikati l-benefiċċji. Iżda, fis-saħna tal-mument u tal-kabina, kwalunkwe persuna li qatt tkun qegħdet il-kuffji fuq rasha taf li din fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni ta' *here and now (hawn u issa)*. L-Interpretazzjoni tal-konferenzi hija dieta li n-nutrizzjonisti ma jirrakkomandawx. Għalfejn? Għax ma jindunawx li fl-aħħar ta' ġurnata fil-kabina, possibbilment ma' kollega distratt u kelliema konfużi, il-piż tal-interpretu huwa inqas minn dak fil-bidu tal-ġurnata. Dan anki jekk kellek ikla li timlik, jekk kellek iċ-ċans li tiekolha. (Huwa magħruf, li hemm parteċipanti li jkunu jixtiequ jiddiskutu d-diskors fil-plenarja matul il-pawża tal-pranzu u jitolbu għal interpretu li jispiċċa jitkellem jgħaġġel bil-pulpetta fil-furketta, u jistenna l-opportunità li jpoġġiha f'ħalqu u jomgħodha malajr, filwaqt li l-parteċipant jixrob l-ilma, jistaqsi għal deżerta oħra jew iwieġeb it-telefon mobbli.)

Ċajt apparti, l-interpretazzjoni tal-konferenzi tħallik bla saħħa. Tidħol f'kabina bħala larinġa u toħroġ minnha meraq u qoxra. Tidħol b'75 kilogramma u toħroġ bi 73.5. Lanqas is-sawna ma hija iktar effiċjenti. Barra minn hekk, fis-sawna timtedd u tegħreq biss, filwaqt li hawn ir-roti ta' moħħok iduru bil-veloċità tat-TGV (ferroviji b'veloċità mgħaġġla). Sekonda waħda ta' nuqqas ta' attenzjoni tista' tikkomprometti iktar mis-sens ta' sentenza. Fi kwalunkwe każ, l-għatis iħassar il-feng shui tad-dikjarazzjoni. Huwa minnu li l-interpretu jinbidel kull għoxrin minuta, iżda anki jaf ikun hemm nases li wieħed ma jkunx qed jistenna. Pereżempju, hemm interpreti li jistgħu jitkellmu għal erba' mitt widna, iżda li jistħu quddiem il-kollegi tagħhom tal-kabina. Peress li, b'differenza mill-parteċipanti, huwa, il-kollega, iħoss it-tensjoni ta' ġismu, ixomm l-għaraq, jara t-tikks tiegħu, it-tagħfis tal-idejn u l-ġbin ileqq. Għalhekk it-tensjoni. Għalhekk il-biża' li jagħmel żball. Għalhekk, *of course (ovvjament)*, l-iżball. U lanqas biss tista' tgħid lill-kollega tiegħek, "Oħroġ u erġa' lura f'għoxrin minuta". Qed tikser ir-regoli tal-operat u tirriskja li ma tissejjaħx lura.

Il-multilingwiżmu, illustrat, b'mod partikolari, mill-interpretu tal-konferenzi, ma huwiex strettament forma ta' korteżija u ta' opportunitajiet indaqs. Iva, Malta u l-Ġermanja jistħoqqilhom kundizzjonijiet ġusti, iżda ma huwiex biss dan. Kien hemm żmien, illum meqjus bħala żmien Ġurassiku tal-konferenzi, meta kollox kien isir bl-Ingliż. Kont taf il-lingwa, ipparteċipajt. Jekk ma kontx tafha, kont tibgħat lil xi ħadd li kien jafha.

L-affarijiet ġraw bl-istess mod fir-Rumanija tal-bidu tas-snin 90, fejn kien hemm numru kbir ta' letturi barranin li kienu qed jitkellmu dwar privatizzazzjoni, pubblikazzjoni ta' kotba, ir-relazzjoni bejn sindakati u l-persuna li timpjega, mediċina okkupazzjonali, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u elf ħaġa oħra. Kollox kien bl-Ingliż, inkluż l-input mill-istudenti Rumeni. L-affarijiet imxew sew sakemm raġel nervuż qal *I want to undress you (Irrid inneżżak)* minflok *I want to address you (Irrid nindirizzak)* quddiem udjenza fil-parti l-kbira femminili, li kienet tinkludi xi nisa ta' ċertu sbuħija bħal ta' skulturi. Ir-reazzjonijiet kienu ovvjament diversi. Il-mistieden tal-unur, *the key-note speaker* (il-kelliem ewlieni) bħallikieku, ipprova jneħħi mill-piż minn fuq spallejn ir-raġel nervuż u rrakkonta li, fi triqtu għall-kolazzjon fil-lukanda fejn kien qiegħed joqgħod, huwa kien ra l-avviż li ġej għall-mistiedna barranin: *Take a tour of Bucharest by carriage. We guarantee no miscarriages*. *(Mur għal dawra ta' Bukarest bil-karozzin. Aħna niggarantixxu li ma jkunx hemm korrimenti.)* In-nies daħqu, iżda l-organizzaturi ddeċidew li ma dan ma setax ikun iktar il-każ u li kienu meħtieġa interpreti.

Lil hinn mill-iżvantaġġi tal-lingwa sors u dik mixtieqa, lil hinn mill-protokoll riġidu tal-laqgħat u l-istenografija ta' xi parteċipanti għall-kungress jew konferenza, l-interpretu jeħtieġ li jkun jaf ħaġa waħda sew: li l-mistieden li jpoġġi l-kuffji fuq widnejh ma jisma' l-ebda leħen ieħor ħlief *tiegħu*, tal-interpretu. Dan jobbligah mhux biss għall-veraċità, iżda wkoll għall-koerenza. Il-messaġġ li jasal għand il-parteċipanti għandu jkun skont l-oriġinal u loġiku. Ma tistax tipprovdi biss biċċiet minn sentenzi, bidu jew truf. Is-sentenza għandha tiġi espressa kollha kemm hi. Jidher faċli; niżgura lil kulħadd li dan ma huwiex il-każ. L-interpretu jista' jkollu l-isfortuna ta' kelliem kaotiku, diskursiv li ma jkunx ikkonċernat mill-fatt li għandu jżomm mad-diskors bil-miktub li l-kopja tiegħu tkun waslet ukoll għand l-interpretu. Barra minn hekk, hemm kelliema li huma affaxxinati mil-logħob tal-kliem, li mhux biss jitolbu l-attenzjoni min-naħa tal-interpretu, iżda wkoll ispirazzjoni li mhux dejjem tirrispondi għall-kmand. L-Ingliżi, li sadanittant l-Ewropa ħelset minnhom, għandhom reputazzjoni għal-logħob tal-kliem. Wieħed minnhom ukoll fittex mill-borża ta' ċajt awdaċi u staqsa f'konferenza, f'kuntest ferm solenni sabiex jaqsam mistoqsija sfaċċata: *What happened when Jesus went to Mount Olive? Popeye got pissed. (X'ġara meta Ġesù mar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ? Popeye irrabja.)*

Issa ejja naraw l-interpreti.

Wara li narawhom, ejja nikkumpatuhom. U wara li nikkumpatuhom, ejja nammirawhom. Ħaqqhom. Għax huma dawk li jissejħu nies li jgħaqqdu. Nies li jgħaqqdu ideat, kulturi, direzzjonijiet u influwenzi. Nies li jagħmlu vjaġġar ikkomplikat ħafna (u dan minn wieħed li kien jivvjaġġa f'ambjent ostili): dik bejn żewġ lingwi differenti u bejn żewġ tipi differenti ta' suġġetti. Nies ta' elastiċità estrema tal-moħħ u tal-espressjoni. Nies li ma jipprovdux

messaġġ b'mod xott, iżda jżidu l-awtentiċità tal-konvinzjoni, u għalhekk jagħmlu xogħol bħala attur li jiġi rarament osservat.

Għax, iva, fl-aħħar mill-aħħar l-interpretu huwa attur. Jingħata rwol li huwa jeżegwixxi mingħajr ħafna provi. Illum ir-rwol huwa dwar *rolling assets* (assi mobbli għal dawk li ma jafux). Għada huwa dwar *mixed feeds* (għalf, għal min huwa kurjuż). Pitgħada, dwar *shop stewards* (kapijiet ta' gruppi sindakali, għal min qed jistaqsi). U jrid iqatta' l-ħin kollu tiegħu fir-rwol, mingħajr ma jippreżerva l-enerġiji tiegħu. L-interpretu li jieħu ħsieb lilu nnifsu ma huwiex interpretu. Hekk kif l-interpretu li qatt ma jħoss li ser jibla' l-mikrofonu bil-kuffji huwa speċi rara.

U hemm interpretu ieħor: l-entità li xi kultant ma tiġix irringrazzjata. Huma biss dawk li esperjenzaw dan li jafu kemm tgħodd kelma tajba mill-organizzaturi u l-kelliema. Mhux għax iqiegħed l-għasel fuq l-ego tiegħek. Iżda minħabba li jikkonferma mill-ġdid l-istatus tiegħek ta' persuna li tgħaqqad. Bl-istess mod hekk kif l-assenza jew il-preżenza ta' sing tikkawża jew telimina l-problema, hekk l-assenza jew il-preżenza tal-interpretu żżomm jew tneħħi l-impass. Fil-fatt, dan jista' jkun wieħed mill-vantaġġi tal-multilingwiżmu: il-kelliem jitkellem bil-lingwa tiegħu stess, bil-kunfidenza kollha li jagħtih l-ilsien nattiv tiegħu. Huwa jagħmel dan billi juża sfumaturi, stil, metafori. U jaf li, x'imkien fuq wara, wara ħġieġa, hemm individwu li qed jaħdem bir-reqqa u jegħreq, qed jagħmel il-maġija tiegħu, li għal ħafna huwa impossibbli, li jirriproduċi l-idea bl-istess sfumaturi u l-istess stil f'lingwa oħra.

Dawn huma l-vetturi tal-multilingwiżmu fir-realtà. Lanqas ma jidhru tant differenti fil-kotba. Hemmhekk:

"Id-dibattitu proprju beda għoxrin minuta iktar tard. Kien intlaħaq kompromess uffiċjali permezz tas-servizzi tajbin ta' Monsinjur de Sainte Croix, in-Nunzju Appostoliku f'Singapore, li kien qed jattendi għall-konferenza. L-assemblea kien għad trid tagħmel pawża għall-pranzu, iżda għal siegħa biss, minflok it-tlieta tas-soltu; sabiex jirkupraw il-ħin mitluf, naqqsu l-ħin tal-kelma minn tmien minuti u nofs għal seba' minuti u nofs għal kull mistieden. Kulħadd faħħar l-għerf tal-arranġament, ħlief l-interpreti, li minnhom ħarġet tnehida ta' protesta. Kienu jafu x'kien ġej. Id-delegati ma kinux ser iqassru d-diskorsi tagħhom, iżda kellhom jagħmlu l-istess diskorsi iktar malajr. Huma ftakru fi Strasbourg fl-1986, meta Tork li jitkellem bl-Ispanjol kien għamel diskors ta' għoxrin minuta fuq Ċipru f'ħames minuti eżatti, li kien ħalla l-aqwa filoloġisti fl-Ewropa jtemtmu." (Max Davidson, *Interpretul grec*, Edizzjoni Humanitas, 2005, p. 110 sa 111.)

Jidher familjari, hux?

## — Stanislav Vallo

**Stanislav Vallo (1951) kien diplomatiku u sa llum traduttur, studja l-lingwa Franċiża u dik Taljana fl-Università Comenius ta' Bratislava. Wara 14-il sena ta' attività mad-dar ta' pubblikazzjoni Slovenský Spisovateľ, daħal fis-servizz diplomatiku Ċekoslovakk, u sa mill-1 ta' Jannar 1993 ħadem fis-servizz diplomatiku tar-Repubblika Slovakka li kienet għadha kif ġiet stabbilita. Huwa qeda l-kariga ta' Deputat Ambaxxatur f'Ruma u f'Pariġi, u ta' ambaxxatur mill-ġdid f'Ruma, imbagħad fi Brussell. Għadu attiv fil-*qasam fit-traduzzjoni letterarja mil-lingwa Taljana.***

"Il-ħarsien tal-multilingwiżmu huwa strument indispensabbli sabiex tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni demokratika taċ-ċittadini fil-kostruzzjoni tal-Ewropa ta' llum u ta' għada". Din il-kwotazzjoni, flimkien ma' kunsiderazzjonijiet oħrajn xejn inqas importanti, tirriżulta minn reċensjoni eżawrjenti u partikolarment ispirata tax-xogħol ta' Ginevra Peruginelli **"Il-multilingwiżmu u s-sistemi ta' aċċess għall-informazzjoni ġuridika"** (Edituri Giuffrè, 2009), miktub mill-akkademika u riċerkatriċi fil-qasam tax-xjenzi tal-bibljoteki (Università ta' Padova), Antonella De Robbio. Fil-verità, din hija kwotazzjoni mix-xogħol imsemmi hawn fuq, fejn l-istess Ginevra Peruginelli tikkwota lil David Mellinkoff (The Language of the Law). Antonella De Robbio tikkwota wkoll l-awtur tal-prefazju, Nicola Palazzolo, li jenfasizza li "l-liġi hija lingwa, u l-lingwa hija liġi, għaliex il-liġi ma tistax teżisti mingħajr lingwa, li hija l-veikolu tagħha". U tmur lura għal Mellinkoff, li jgħid li l-liġi ma tistax tgħaddi mingħajr il-lingwa, għaliex "il-lingwistika u l-ġurisprudenza dejjem kienu marbuta mill-qrib bejniethom, u kull waħda minnhom żviluppat permezz u bis-saħħa tal-oħra".

Għadd kbir ta' kwotazzjonijiet fix-xogħol li tiegħu saret reċensjoni, kif ukoll il-kwotazzjonijiet iċċitati mill-imsemmija awturi u minn awturi oħra fir-reċensjoni jenfasizzaw il-leġittimità tal-multipliċità tal-lingwi – il-multilingwiżmu − u jżidu l-importanza tiegħu, speċjalment fil-kuntest Ewropew u ġuridiku. Min-naħa l-oħra, l-awtriċi tal-pubblikazzjoni ma teskludix – anzi, bil-kontra! – riferimenti għat-theddid li għalih huwa espost il-multilingwiżmu. Niftakru li l-ktieb ġie miktub u ppubblikat fl-2009. Illum, dan it-theddid għadu rilevanti. Il-ħtieġa bla waqfien u dejjem tikber li n-nefqa fuq il-ġestjoni tal-affarijiet pubbliċi tiġi ottimizzata twassal għal psewdo-soluzzjonijiet li jikkonsistu fil-limitazzjoni tal-użu ta' lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jiġi injorat il-pedament li fuqu nbniet: il-prinċipju ta' aċċess ugwali għal-leġiżlazzjoni, għall-ġurisprudenza u għall-informazzjoni b'mod ġenerali.

Iżda mal-lingwa ma għandniex niċċajtaw. Il-lingwa ma sservix biss ta' mezz ta' komunikazzjoni fi ħdan ċertu grupp ta' persuni, per eżempju nazzjon, iżda hija wkoll waħda mill-karatteristiċi bażiċi ta' appartenenza f'dak il-grupp. Barra minn hekk, permezz tal-użu effettiv u simultanju ta' diversi lingwi tista' sseħħ komunikazzjoni sħiħa fi ħdan xi ħaġa ikbar, li jippermetti li jinħolqu opportunitajiet infiniti ta' skambju ta' ideat, opinjonijiet jew ħtiġiet umani. Mhux din hija l-qalba ta' soċjetà demokratika, bħall-Unjoni Ewropea, li fil-futur tagħha ċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod attiv? Li jkollok lingwa tiegħek hija dritt, il-multilingwiżmu huwa privileġġ. Iżda dan il-kliem ifisser ħafna iktar min dak li wieħed jista' jaħseb.

Qabel kollox nixtieq naqsam magħkom l-esperjenza personali tiegħi fl-użu tal-lingwa. Jiena ċittadin ta' pajjiż żgħir, li l-lingwa tiegħu, is-Slovakk, hija mitkellma minn 5 600 000 persuna, skont indikazzjoni fil-pubblikazzjoni ta' Ginevra Peruginelli, u b'din il-lingwa għadu possibbli li wieħed jikkomunika fir-Repubblika Ċeka u fl-Ungerija. Nista' faċilment inżid territorji pjuttost mifruxa, pereżempju, fis-Serbja, fir-Rumanija u forsi f'parti mill-provinċja Arġentina ta' Chaco. U dejjem affaxxinajt ruħi meta, f'avvenimenti uffiċjali li fihom kelli l-unur nipparteċipa, xi mistieden barrani (diplomatiku, president, uffiċjal tal-gvern, jew artist) kien jibda d-diskors tiegħu bis-Slovakk: *"Dobrý deň, vážené dámy, vážení páni, dobrý deň, priatelia"* (Il-jum it-tajjeb Sinjuri, il-jum it-tajjeb ħbieb). Huwa diffiċli li wieħed jiddeskrivi s-sentimenti li jakkumpanjaw tali att ċkejken u, mal-ewwel daqqa t'għajn, possibbilment insinjifikanti: taħlita ta' kburija? gratitudni? rikonoxximent? ferħ sieket? Kollox kien ikun hemm. U l-pubbliku dejjem: dejjem u mingħajr eċċezzjoni, irreaġixxa b'ċapċip. U dan mhux biss hawnhekk, fis-Slovakkja. Esperjenzajt dan kull fejn kelli l-unur u l-pjaċir nirrappreżenta lil pajjiżi bħala diplomatiku. Wieħed jifhem li ta' spiss kont fuq in-naħa l-oħra, wara l-leġiju. Fl-Italja, fi Franza u fil-Belġju. Fl-ewwel tnejn komplejt b'mod fluwenti bit-Taljan jew bil-Franċiż, u b'hekk intlaqajt b'applawż kemxejn sorpriż (speċjalment fi bliet żgħar) wara l-introduzzjoni tiegħi. Dejjem kelli t-tentazzjoni nuża l-lingwa b'mod kemxejn inabitwali u li jiġbed l-attenzjoni ta' dak li jkun, tal-inqas li jmur ftit lil hinn minn dak li l-pubbliku normalment jistenna minn diplomatiku. Għalhekk ippruvajt nilħaq il-pubbliku tiegħi b'xi ħaġa li tferrħu, tissorprendih, jew li tnissillu tbissima fuq fommu. Anki bis-saħħa ta' ċajta sinċiera. Fil-Belġju sibt ruħi fi skumdità lingwistika, għaliex (għall-kuntrarju ta' missjonijiet preċedenti f'Ruma u f'Pariġi) waħda miż-żewġ lingwi uffiċjali, il-Fjamming, ma kontx nitkellimha. Iżda hemmhekk ukoll, bis-saħħa ta' koinċidenza tajba, ħriġt b'xi ħaġa li nista' niddeskriviha bħala *captatio benevolentiae* għall-pubbliku Fjamming. Fil-bidu ta' kull intervent, kont ngħid bil-Fjamming: "Il-lejla t-tajba Sinjuri, jiena l-ambaxxatur tas-Slovakkja. Ma nitkellimx il-Fjamming, qed nistudjah qatigħ iżda t-triq għadha twila ħafna ħafna". Imbagħad kont ngħid, bil-Franċiż, kif Gerd Bourgeois, li dak iż-żmien kien il-Prim Ministru tal-Vlaanderen, tani xalla b'xi ittri fuqha meta għamiltlu żjara ta' korteżija wara li dħalt fil-kariga. Meta fhimt x'kien qiegħed jiġri, bqajt verament affaxxinat: fil-fatt kien l-eqdem test, jiġifieri l-ewwel eżemplari miktub tal-lingwa Olandiża Antika, li tmur lura għas-Seklu XI. Ġie skopert fis-snin 30 tas-seklu li għadda f'kodiċi fl-Ingilterra. Dawn huma żewġ sentenzi qosra miktubin minn patri li beda jikkopja l-kodiċi, minflok il-frażi normali bil-Latin "Probatio pennae si bona sit" li kienet tintuża meta wieħed kien jipprova rixa tal-wiżż ġdida. L-imsemmi patri, meqjus li ġej mill-Vlaanderen tal-Punent, madankollu kiteb *"Hebban olla vogala nestas hagunnan hinase hic enda thu, wat unbidan we nu?" (jiġifieri: "L-għasafar kollha diġà bnew il-bejta tagħhom, inti u jien għadna ma bnejnihiex – x'qed nistennew?").* U l-benevolenza mill-pubbliku kienet

assigurata, għaliex kont naf u semmejt xi ħaġa li huma kollha kienu jafu mill-iskola u li kienet tagħmel parti mill-identità tagħhom kif ukoll il-kburija nazzjonali tagħhom. Il-parti l-kbira tan-nazzjonijiet iżommu relikwi lingwistiċi simili bħala teżori ta' valur kbir.

Bħala diplomatiku, dejjem għamilt l-aħjar li stajt sabiex nonora l-lingwa tal-imsieħba tiegħi, u mir-reazzjonijiet ħassejt li bl-ebda mod ma kont qed nikser xi etikett, anzi: l-imsieħba dejjem ħaduha bħala sorpriża, forsi kemxejn mhux mistennija, iżda iktar u iktar waħda ħelwa. Meta f'Mejju tal-2006 ppreżentajt il-kredenzjali lill-President ta' Malta ta' dak iż-żmien, Fenech Adami, ma għidtx il-formula tas-soltu bl-Ingliż, iżda qrajtha bil-Malti. Tabilħaqq, hija ntlaqgħet minn dawk preżenti, bħalma sirt naf iktar tard, bħala mod sorprendenti u li jintlaqa' tajjeb ħafna ta' kif wieħed jonora lsien art twelid il-poplu Malti.

U meta bħala ambaxxatur tar-Repubblika Slovakka għar-Renju tal-Belġju organizzajt ikla ta' nofsinhar tradizzjonali komunitarja għall-kollegi ambaxxaturi minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni tal-presidenza tagħna tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-aħħar kelmiet tal-introduzzjoni tiegħi "Merħba u l-ikla t-tajba", intqalu bi 23 lingwa.

Huwa għalhekk li nemmen li l-multilingwiżmu għandu rwol indispensabbli u inkontestabbli fil-kostruzzjoni u fil-funzjonament tas-sħiħ ikbar li hija l-Unjoni Ewropea, fil-ħolqien ta' tnebbiħ komuni u fit-tisħiħ tal-koeżjoni u s-solidarjetà tagħha. Huwa wkoll espressjoni tar-rispett għall-iżvilupp fuq medda ta' sekli tal-lingwi nattivi ta' min jgħix fid-diversi territorji u l-arrikkiment tal-wirt kulturali tagħhom. In-natura stess, ta' spiss fraġli u sensittiva, tal-multilingwiżmu tfisser li iktar ma jkun hemm bżonn li jiġi protett, iktar jiltaqa' ma' profitabbiltà ekonomika li b'mod insistenti tipprova tiddeġenerah għal kollezzjoni ta' affarijiet mhux neċessarji u tikkundannah sabiex, minflok, tintuża lingwa waħda, universali u prevalenti.

Wieħed mill-ikbar imħuħ ta' żminijietna, il-kittieb Taljan Umberto Eco, ħa pożizzjoni ċara u deċiża dwar dan, billi qal li l-lingwa komuni tal-Ewropa hija t-traduzzjoni. Bħala wieħed mit-tradutturi tiegħu, niftakar sew ħafna u b'kommozzjoni l-istruzzjonijiet eżawrjenti u ddettaljati immens li kien jibgħatilna meta konna nittraduċu xi wieħed jew l-ieħor mix-xogħlijiet tiegħu. Minn dawn l-istruzzjonijiet u indikazzjonijiet kienet toħroġ l-hena li wieħed jilgħab bil-lingwa, bl-isfumaturi tagħha, u l-partikolaritajiet moħbija tagħha.

Il-kompatrijotta ta' Eco, Ginevra Peruginelli, fil-pubblikazzjoni tagħha tidentifika l-protezzjoni tad-diversità lingwistika bħala simbolu tal-politika ta' preżervazzjoni tad-differenzi nazzjonali individwali fl-Unjoni Ewropea. Messaġġ ċar u li jinftiehem bil-lingwi kollha. U mal-pressjoni ta' profittabbiltà ekonomika li dejjem tiżdied, dan isir dejjem iktar imponenti.

# Esperjenzi u riflessjonijiet dwar il-multilingwiżmu istituzzjonali fil-livell tal-Unjoni Ewropea

— Prof. Dr. Rajko Knez

**Il-Professur Dr. Rajko Knez jokkupa l-kariga ta' mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja u jgħallem fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Maribor. Huwa kien il-promotur tal-Jean Monnet Center of Excellence u kiseb it-titolu ta' Professur Jean Monnet. Bejn l-2015 u l-2017, kien il-Konsulent Ġuridiku Anzjan fi ħdan id-Dipartiment Amministrattiv tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja, fejn ħadem prinċipalment fil-kamp tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Huwa awtur ta' diversi artikli xjentifiċi u akkademiċi, monografiji u kummenti dwar leġiżlazzjonijiet. Fl-2017, laħaq imħallef tal-Qorti Kostituzzjonali, u mill-2018 sal-2021 kien il-President tagħha. Il-mandat tiegħu bħala mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali ser jispiċċa f'April 2026.**

## I. Introduzzjoni

Ilqajt bi pjaċir l-istedina biex naqsam l-esperjenzi u l-ħsibijiet tiegħi dwar l-importanza tal-multilingwiżmu fl-Unjoni Ewropea. Il-kwistjoni tar-rwol tal-lingwaġġ f'komunità partikolari u fir-relazzjonijiet interpersonali, speċjalment fl-istabbiliment tal-fiduċja minn naħa jew is-sens ta' esklużjoni min-naħa l-oħra, dejjem affaxxinatni. Kienu jinteressawni diversi aspetti tal-kwistjoni, pereżempju l-lingwa bħala kwistjoni ta' viżjonijiet u ta' appartenenza għal pajjiż partikolari, mhux biss għal nazzjonalità waħda, il-lingwa bħala d-dritt tal-minoranzi jew il-lingwa bħala kundizzjoni diskriminatorja illegali, u anki l-lingwa bħala element ta' differenza li madankollu tista' ukoll tgħaqqad. Huwa dan l-aħħar aspett, li jinstema' kontradittorju, li minn dejjem interessani l-iktar u li huwa ukoll l-aspett partikolari tal-Unjoni Ewropea. Nixtieq naqsam il-ħsibijiet tiegħi u l-esperjenzi tiegħi f'dan ir-rigward. Qabel dan, nixtieq nikkjarifika li l-affinità tiegħi ma' dawn ir-riflessjonijiet kienet influwenzata wkoll minn ċirkustanzi purament personali. Ippermettuli nibda b'dawn.

## II. Esperjenza waqt it-tfulija

Qattajt it-tfulija u ż-żgħożija f'belt li dakinhar kienet belt żagħżugħa, industrijali u li kienet qiegħda tiżviluppa b'mod mgħaġġel, fejn, proprju minħabba l-imsemmija karatteristiċi, kien hemm ħafna opportunitajiet ta' xogħol. Din il-belt kienet dak iż-żmien destinazzjoni għal ħafna immigranti mir-repubbliki ta' dik li kienet il-Jugoslavja. Il-lingwa tal-immigranti u tal-familji tagħhom kienet differenti, mhux daqshekk simili. Madankollu, ma kienx rari għalija nikkomunika ma' sħabi tal-klassi tiegħi jew iktar tard mal-kollegi tiegħi f'lingwa li ma kinitx nattiva għan-nies lokali. Fl-iskola primarja tgħallimna anki s-Serb-Kroat, li attwalment ma hijiex iktar il-lingwa uffiċjali. Bl-istess mod, tgħallimna l-alfabett Ċirilliku. L-ewwel esperjenza tiegħi ta' dan kollu, pjaċevoli ħafna, tmur lura għaż-żmien tal-iskola primarja. Fil-fatt, flimkien mal-immigranti waslu l-familji tagħhom (jew warajhom, meta missirijiethom u ommijiethom sabu xogħol u sors ta' dħul stabbli biżżejjed). It-tfal ta' dawn il-familji sikwit kellhom jibdlu l-ambjent soċjali matul is-sena skolastika. Żgur li ma kienx faċli għalihom. Meta kienu jidħlu għall-ewwel darba fil-klassi tiegħi tal-iskola primarja, l-għalliema kienu jersqu lejhom b'sensittività kbira u kienu jippruvaw isibu fostna s-sieħeb tal-klassi li bl-aħjar mod seta' jgħin lill-istudent il-ġdid jew li miegħu dan tal-aħħar seta' jidħol f'kuntatt b'mod iktar faċli. Dan ħafna drabi kien ifisser li s-sieħeb il-ġdid tal-klassi kien jingħata post partikolari u aħna konna npoġġu, wieħed wara l-ieħor, ħdejh. Kollha kemm aħna konna nqattgħu ftit ħin flimkien, xi ġurnata jew xi ġimgħa, skont kif "konna mmorru", taħt is-sorveljanza tal-għalliema. B'dan il-mod,

konna nippruvaw negħlbu ħafna ostakoli, inkluż dawk lingwistiċi. Meta llum nerġa' naħseb f'dawn l-episodji, nifhem li kellhom portata integrattiva rilevanti ħafna. F'dak iż-żmien, ta' tifel li kont, ma kontx nifhem kemm kienet importanti din is-sitwazzjoni, iżda pjuttost kont inqisha li kienet parti normali tal-ħajja ta' kuljum tiegħi. Kont inħoss li kien jirrigwarda approċċ amikevoli – adattat għat-tfal – għall-immigranti. B'konsegwenza, anki għal ġenituri u għal familji sħaħ. Dan kollu kien jiġi rifless ukoll f'aspetti oħra tal-ħajja tagħna. Li wieħed jissoċjalizza u jgħix flimkien b'dan il-mod kienet ħaġa ovvja u l-integrazzjoni f'ambjent skolastiku ġdid kellha suċċess. Nemmen li, mingħajr ma indunajt, dawn l-esperjenzi madankollu influwenzawni. Pożittivament. Anki meta naħseb fir-rwol tal-lingwa fl-UE, inqis il-lingwa bħala element qawwi ta' integrazzjoni. Ser nerġa' lura għal dan il-kunċett fil-kontribut tiegħi.

## III. Aspetti ġuridiċi fis-Slovenja u fl-UE

Dan ta' hawn fuq ma jirrappreżentax l-uniku aspett pożittiv tar-rwol imwettaq mil-lingwa u mill-integrazzjoni. Anki r-regoli li jippromwovu dan kollu jiddeskrivu ambjent li fih ir-rwol tal-lingwa huwa debitament irrikonoxxut. L-istrument ġuridiku suprem tas-Slovenja, il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja (iktar 'il quddiem: il-Kostituzzjoni) tipprevedi wkoll id-dritt għal lingwa lil komunitajiet u l-minoranzi nazzjonali, b'mod partikolari l-komunitajiet nazzjonali Taljani u Ungeriżi [1]. Fiż-żoni tal-komuni li fihom huma preżenti minoranzi, il-lingwa uffiċjali hija wkoll il-lingwa taż-żewġ minoranzi (Artikolu 11 tal-Kostituzzjoni). Barra minn hekk, u nemmen li dan huwa ta' ċerta importanza, il-Kostituzzjoni tevita kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-appartenenza għal grupp lingwistiku (Artikolu 14(2) tal-Kostituzzjoni) u tinkoraġġixxi l-espressjoni tal-appartenenza nazzjonali permezz tal-lingwa. B'dan il-mod, bis-saħħa tal-Artikolu 61 tal-Kostituzzjoni, kulħadd għandu d-dritt li jesprimi liberament l-appartenenza tiegħu għan-nazzjon jew il-komunità nazzjonali tiegħu, li jkabbar u jesprimi l-kultura tiegħu u li juża l-lingwa u l-ktiba tiegħu. Reċentement (2021), id-dritt għal-lingwa għal dawk neqsin mill-vista ġie inkluż fil-Kostituzzjoni. L-Artikolu 62a tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi li huma ggarantiti l-użu liberu u l-iżvilupp tal-lingwa tas-sinjali Slovena. Barra minn hekk, l-użu liberu tal-

1 | Il-komunitajiet indiġeni Taljani u Ungeriżi jgawdu wkoll minn protezzjoni speċjali fir-rigward tal-użu ta' simboli nazzjonali, edukazzjoni u formazzjoni, assoċjazzjoni u konservazzjoni tal-identità kulturali, eċċ. Iż-żewġ komunitajiet, li jirċievu wkoll għajnuna finanzjarja mill-Istat, għandhom ukoll id-dritt li jkunu rrappreżentati fl-organi rappreżentattivi tal-komuni u fil-parlament.

lingwa tas-sinjali Taljana u Ungeriża huwa ggarantit fil-komuni li fihom anki t-Taljan u l-Ungeriż huma lingwi uffiċjali.

Nemmen li l-Kostituzzjoni Slovena għarfet il-valur personali, antropoloġiku, storiku, kulturali, statali u soċjoloġiku tal-lingwa. Huma kollha aspetti importanti. Il-lingwa ma tikkonċernax biss id-dritt għal lingwa bħala tali, iżda wkoll numru ta' aspetti li, skont l-approċċ tal-awtoritajiet, jistgħu wkoll ikollhom impatt pożittiv jew negattiv f'ħafna setturi tal-ħajja soċjali. Nara dan is-sens ta' kuxjenza wkoll fl-Unjoni Ewropea u, anki qabel, fil-politika tal-istituzzjonijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea. Niftakar waħda mill-ewwel kawżi li b'riferiment għaliha bdejt nistaqsi lili nnifsi fuq l-aspetti differenti tal-influwenza tal-lingwaġġ fis-soċjetà. Nista' nistabbilixxi parallel bejn id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Slovena u l-fehma tiegħi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża tal-artista Olandiża magħrufa Anita Groener, li xtaqet taħdem fis-settur tal-edukazzjoni fl-Irlanda [2]. Hija xtaqet tgħallem edukazzjoni artistika. Il-kawża kienet, għall-inqas sa fejn naf jien, waħda mill-ewwel li qajmet il-problema tar-rwol tal-lingwa fi Stat Membru fil-proċessi ta' integrazzjoni u fil-bini tas-suq intern ta' dik li dakinhar kienet għadha l-Komunità Ekonomika Ewropea.

F'dik l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għarfet il-valur tal-lingwa nazzjonali (l-Irlandiż) f'dak iż-żmien u l-intenzjoni tal-awtoritajiet Irlandiżi li jippreżervaw lingwa li kienet dejjem qiegħda tiġi iktar imwarrba mill-Ingliż. Il-perijodu li fih kienet ġiet eżaminata l-kawża Groener (iktar minn 30 sena ilu) kien ukoll perijodu li fih wieħed kien jgħix b'mod iktar awtentiku skont il-motto tal-Komunità (Ekonomika) Ewropea u wara l-Unjoni Ewropea, jiġifieri li aħna *magħqudin fid-diversità*. Dan il-motto kellu tifsira kbira, u spiss kellu rwol pożittiv u integrattiv ħafna, iżda llum jintesa, u jidher li l-perijodu attwali ma huwiex daqshekk wieħed li jgħaqqad, wieħed daqshekk integrattiv. Pajjiż minnhom ħareġ mill-Unjoni Ewropea, hemm ħafna perspettivi differenti dwar l-identità nazzjonali, li ġew użati bħala raġunijiet għal diversità u għal eċċezzjoni, f'uħud mill-Istati Membri

2 | Kawża C-379/87, Anita Groener vs *Minister for Education and the City of Dublin Vocational Educational Committee.* L-artista ressqet kawża kontra l-Ministeru għall-Edukazzjoni Irlandiż u d-Dublin City Vocational Education Board peress li l-Ministru ċaħdilha n-nomina għal pożizzjoni full-time bħala għalliema tal-arti. Ir-raġuni adottata kienet li ma kinitx għaddiet minn eżami intiż li jevalwa l-konoxxenza tagħha tal-lingwa Irlandiża. Skont ir-regoli Irlandiżi, pożizzjoni ta' għalliem full-time fl-istabbilimenti pubbliċi ta' formazzjoni professjonali kienet ta' tali natura li tiġġustifika rekwiżit ta' kompetenza lingwistika. Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet ir-rekwiżit kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, sakemm ir-rekwiżit lingwistiku jkun inkluż fil-politika ta' evalwazzjoni tal-lingwa nazzjonali, fl-istess waqt tal-ewwel lingwa uffiċjali, u jkun ġie implimentat b'mod proporzjonali u mhux diskriminatorju.

l-awtoritajiet ipoġġu f'dubju s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, qegħdin nassistu għal konflitti u għal theddid ta' gwerra fil-bibien tal-Unjoni Ewropea, uħud mill-politiki tal-Unjoni Ewropea jifirdu l-Istati Membri u l-awtoritajiet tagħhom kif ukoll il-popolazzjonijiet tagħhom (pereżempju l-politika ta' migrazzjoni), u tant ieħor. Għalhekk nemmen li l-problema tal-multilingwiżmu għandha titqiegħed f'pożizzjoni preponderanti, flimkien mar-rwol tal-integrazzjoni mwettqa mill-Unjoni Ewropea. Ħriġna minn epoka li fiha d-diversità, li għext ftit minnha jien stess, kif iddeskrivejt iktar 'il fuq, kienet, għalkemm tista' tidher kontraditorja, magna vera u proprja tal-azzjoni komuni u integrattiva. Huwa abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li ser nittratta, issa, uħud mill-aspetti tal-multilingwiżmu tal-Unjoni Ewropea.

## IV. Il-multilingwiżmu istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea

### Lingwa u sens ta' appartenenza

Tlaqt mill-punt ta' lingwa bħala element distintiv ta' appartenenza, mhux biss għal nazzjonalità partikolari, iżda wkoll għal komunità. Komunità hija grupp ta' persuni, fit-teorija, fil-verità, anki miljuni ta' persuni, li jaqsmu l-istess valuri, għanijiet u perspettivi (anki jekk diffiċli biex dawn jiġu miftehma u mwettqa), u li allura jħarsu lejn l-istess direzzjoni u li jixtiequ jiżviluppaw u jikbru f'dik id-direzzjoni partikolari. Madankollu, anki f'komunità, il-lingwa tista' tkun barriera. Jekk issir barriera, tagħti lok għal sens ta' limitu. Tista' tkun paralizzanti. Dan inaqqas is-sens ta' appartenenza. U, viċi versa, iktar wieħed ikun jaf il-lingwa (jew il-lingwi), iktar iżid is-sens ta' appartenenza. L-istess jgħodd jekk wieħed ma jkunx jaf lingwa iżda jista' juża l-lingwa tiegħu stess bl-istess mod: iktar wieħed jista' juża l-lingwa tiegħu stess bl-istess mod ma' lingwi oħrajn, iktar jiżdied is-sens ta' appartenenza.

Niftakar lezzjoni antika tad-dritt internazzjonali privat li fiha għalliem żviluppa l-idea li anki n-nazzjonalità, bħala kriterju ta' konnessjoni (normalment l-ewwel wieħed) għall-applikazzjoni tad-dritt (għall-istatus ġuridiku ta' individwu, pereżempju l-kapaċità ġuridika, eċċ.) fir-relazzjonijiet internazzjonali, ma toqrobx daqstant lejn is-sens ta' appartenenza għal pajjiż speċifiku daqskemm toqrob il-lingwa. Niftakar li f'dak iż-żmien kont inżomm f'moħħi dan il-ħsieb u kont inqabblu ma' xi każijiet ta' persuni, ħbieb u nies li naf li kienu ġew joqogħdu fis-Slovenja u kienu talbu ċ-ċittadinanza tas-Slovenja. Kellhom juru wkoll għarfien bażiku tal-lingwa Slovena. U niftakar kemm kienu ferħanin li kienu wettqu din il-parti tal-obbligu tagħhom. Esprimew b'ferħ ir-rabta tagħhom mal-pajjiż il-ġdid

tal-ħajja tagħhom. Kienu iktar kuntenti minn meta rċevew id-deċiżjoni li ġew ammessi għaċ-ċittadinanza. Iċ-ċittadinanza hija kostruzzjoni ġuridika artifiċjali, filwaqt li l-lingwa hija kuntatt reali ta' kuljum mal-ambjent soċjali. Jien stess ġej minn familja mħallta, ommi Kroata u missieri Sloven. Rajt mill-esperjenza personali li r-rabtiet tad-demm u dawk soċjali huma iktar b'saħħithom minn dawk ġuridiċi. Is-sens ta' appartenenza s-soltu għandu inqas x'jaqsam mal-liġijiet, mar-regoli, mal-atti ġuridiċi. L-attenzjoni tiġi ffokata fuq id-diversi sentimenti tal-individwu. Pereżempju, il-mod li fih il-persuna tiġi antropoloġikament aċċettata minn komunità jew ambjent soċjali partikolari. Li wieħed ikollu fil-but dokument ta' pajjiż jew ieħor li juri r-rabta ġuridika huwa importanti, iżda mhux daqs is-sens ta' appartenenza għal soċjetà, jiġifieri l-aspett suġġettiv tal-integrazzjoni. L-appartenenza hija waħda mill-aspetti li jiddefinixxu individwu. U peress li, kif qiegħed nipprova nispjega, l-appartenenza hija marbuta b'mod qawwi mal-lingwa, hija wkoll b'mod qawwi marbuta mal-funzjonament tal-UE.

## Ir-rwol tal-multilingwiżmu u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

L-eżistenza u l-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea jitolbu sens ta' appartenenza għal din l-idea ta' integrazzjoni internazzjonali bejn l-abitanti tal-kontinent. Is-sens ta' appartenenza huwa allura importanti ħafna. Għalhekk, fir-rigward ta' dak li ntqal iktar 'il fuq dwar ir-rabta bejn l-inklużjoni u l-appartenenza bejn l-istess individwi jgħodd ukoll għar-rabta bejn l-istituzzjonijiet u l-individwi. B'liema mod, allura, l-Unjoni Ewropea tuża l-lingwaġġ sabiex tersaq lejn kull individwu? Jekk l-Unjoni Ewropea ma titqarrabx lejn l-istess abitanti ta' kull wieħed mill-Istati Membri permezz tal-multilingwiżmu, jew bit-trattament ugwali tal-lingwi, dan iġib firda jew vojt li ma jistax jiġi rrikonċiljat bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn naħa u l-abitanti ta' dan il-kontinent min-naħa l-oħra. L-approssimazzjoni u t-trattament ugwali tal-lingwi tal-abitanti tal-Unjoni Ewropea jissodisfaw wieħed mill-elementi neċessarji għall-funzjonament tal-komunità. Dan l-element iwassal għal sentiment komuni u għall-ugwaljanza. Hija biss komunità li taħdem li tista' tibni din il-fiduċja. Dan huwa b'mod partikolari veru jekk din il-komunità tinħoloq b'mod artifiċjali, u fuq kollox jekk qegħdin nitkellmu dwar unjoni (unjoni, fi kliem sempliċi, tfisser it-trasferiment tas-sovranità nazzjonali lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea). Dan iwassalna biex nifhmu kif il-fiduċja, li hija essenzjali għal funzjonament u l-eżistenza tal-Unjoni Ewropea, ma tkunx teżisti mingħajr ma tqarreb l-istituzzjonijiet lejn l-individwi, anki permezz tal-lingwa.

L-azzjoni komunitarja tnaqqas ukoll l-individwaliżmu, fis-sens li hekk kif tikber l-individwalità, il-possibbiltajiet ta' progress komunitarju jonqsu, u viċi versa. Din

tirrigwarda relazzjoni ta' proporzjonalità inversa. Il-lingwa hija komponent li, fl-assenza ta' politika adegwata, tista' ttejjeb l-individwalità fil-livell tal-individwu u, b'konsegwenza, fil-livell tal-Istati Membri. Dan min-naħa tiegħu jġib il-promozzjoni ta' elementi nazzjonali. Ippermettuli nsemmi biss dawk ekonomiċi, pereżempju fis-suq intern, li huwa rekwiżit għal funzjonament tal-Unjoni Ewropea fuq livell istituzzjonali. Din l-individwalità tista' timmanifesta ruħha fil-promozzjoni tal-produtturi nazzjonali, negozjanti, fornituri ta' servizzi, impjiegi, eċċ. Iktar perikoluż huwa l-individwaliżmu fuq kwistjonijiet politiċi: dan jeħodna 'l bogħod mill-integrazzjoni. L-integrazzjoni ma hijiex il-prodott tar-razzjonalità individwali, iżda tal-kapaċità tal-ħsieb fi gruppi kbar. Dan huwa possibbli biss għal bnedmin u hija r-raġuni għas-suċċess tagħhom. Li tintlaħaq u tinżamm l-integrazzjoni ma hijiex dejjem faċli. Il-multilingwiżmu f'komunità daqshekk differenti bħall-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi allura waħda mill-kundizzjonijiet bażiċi [3].

L-Unjoni Ewropea dejjem riedet tipprevjeni l-effetti li jistgħu jkunu l-prodotti tal-barrieri lingwistiċi. L-approċċ tagħha għar-rispett tal-lingwi nazzjonali u għall-ugwaljanza fit-trattament tagħhom huwa fenomenu (globali) uniku. L-Ewropa hija kontinent b'ħafna pajjiżi, anki żgħar, bil-karatteristiċi tagħhom u bid-differenzi storiċi, reliġjużi u kulturali. Il-lingwa hija waħda minn dawn. Fil-fatt, ma jeżisti l-ebda kontinent fid-dinja li fih hemm daqshekk diversità f'territorju daqshekk limitat. L-Unjoni Ewropea irnexxielha tintegra dan kollu, tgħaqqad dan kollu. Il-promoturi tagħha huma viżjonarji u eroj veri għalija. Eroj mingħajr armi, ovvjament. Bl-idea ekonomika li jittejjeb il-kummerċ (jiġifieri mhux biss il-kummerċ, iżda suq uniku), *Robert Schuman, Konrad Adenauer, Jean Monnet, Walter Hallstein, Paul-Henri Spaak u oħrajn* bdew jagħqdu l-Ewropa fil-perijodu tal-Gwerra Bierda li segwiet it-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija. Kienu snin deċiżivi; permezz ta' dawn l-ideat u l-impenn biex dawn jitwettqu, l-iżvilupp (illum l-istorja) tal-Ewropa bħala kontinent tmexxa lejn id-direzzjoni t-tajba. F'dan is-sens, bħala membru tal-ġenerazzjoni tal-baby-boomers, nista' nkun biss kuntent u xxurtjat li ngħix f'dan il-perijodu, li tani l-possibbiltà li niżviluppa lili nnifsi bħala persuna kif irrid jien. Ma nafx jekk aħniex ilkoll konxji ta'

3 | Għalhekk il-lingwa ma għandhiex tkun barriera. F'livell iktar limitat huwa possibbli li wieħed josserva l-konsegwenzi tal-lingwa intiżi bħala barriera; wieħed jaħseb, pereżempju, fid-diversi distretti xi ftit jew wisq magħluqa għall-bqija, tipiċi tal-ibliet il-kbar b'ħafna immigranti, ekonomiċi u oħrajn. Ċertament, f'dawn il-każijiet, ma humiex biss il-barrieri lingwistiċi, iżda wkoll iċ-ċirkustanzi kulturali u dawk ta' natura soċjoloġika. Madankollu, il-lingwa hija waħda mill-ostakoli l-kbar. Tali barrieri jistgħu jingħelbu billi jiġu offruti għall-inqas is-servizzi iktar bażiċi (pereżempju l-ħwienet bażiċi tal-ikel, eċċ.) fil-lingwa tal-abitanti f'distrett speċifiku, iżda bil-mogħdija taż-żmien, dan iwassal għall-iżolament jew għall-individwaliżmu.

dan (biex infakkar il-perijodu msemmi iktar 'il fuq ta' diżintegrazzjoni li attwalment qegħdin ngħixu).

## V. Konklużjoni

Fil-bidu tat-twettiq tal-idea ta' portata vasta u tal-viżjoni ħelliesa tal-integrazzjoni tal-Ewropa, il-lingwa ma kinitx tirrappreżenta ostakolu, li, madankollu, ma kienx injorat. L-eliminazzjoni tal-barrieri lingwistiċi kienet tagħmel parti mill-proġett ta' integrazzjoni Ewropea li, kif ippruvajt nispjega iktar 'il fuq, kienet aspett, jew pjuttost element, assolutament neċessarju ta' din l-integrazzjoni. Illum wasal il-mument li jiġu rrikonoxxuti dawn l-isforzi. Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea jistħoqqilha r-rikonoxximent kollu tagħna għal dan l-approċċ.

Jien naf li dan jirrikjedi impenn kbir. F'dan il-kuntest, it-tradutturi fid-diversi dipartimenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jwettqu xogħol importanti ħafna. Huma spiss traskurati u ma jingħatawx l-importanza meħtieġa, iżda l-ħsibijiet bażiċi li nesprimi f'dan l-artikolu jikkonċerna ħafna lilhom. Huma parti importanti ħafna ta' dan il-proġett kbir sabiex tiġi ppreservata l-integrità tal-Unjoni Ewropea, magħquda fid-diversità. B'dan il-mod, ma tinżammx biss il-paċi ta' dan il-kontinent tagħna storikament itturmentat, iżda ssir kontribuzzjoni anki għal parti importanti tal-mużajk, kemm f'termini ta' prosperità ekonomika kif ukoll ta' konvivenza bejn ħafna popli u kulturi [4].

Hemm ħafna xebh bejn l-approċċ għall-integrazzjoni li ddeskrivejt fil-bidu, tal-belt multikulturali taż-żgħożija tiegħi, u l-Ewropa multikulturali. Huwa possibbli li wieħed jirrikonċilja l-punti importanti taż-żewġ stejjer: it-tnejn li huma jirrappreżentaw proċessi ta' integrazzjoni (mhux mgħaġġlin, iżda b'perspettiva importanti) li fihom il-lingwa ma tikkostitwixxix barriera, iżda diversità li tarrikkixxi u tgħaqqad. Nistgħu biss nittamaw li din il-viżjoni ta' dik li kienet il-Komunità Ekonomika Ewropea, imbagħad il-Komunità Ewropea u llum l-Unjoni Ewropea titkompla fit-triq tagħha u li tiżviluppa ruħha. Mhux neċessarjament b'rata mgħaġġla; personalment inkun kuntent insegwi din it-triq, bi kwalunkwe ritmu. L-approċċ għal-lingwaġġ li ġie żviluppat storikament ċertament wera li huwa xieraq ħafna u huwa possibbli li jiġi rrikonoxxut bħala element importanti tal-Ewropa li nbniet u li, anki llum, għandha bżonn urġenti ta' iktar proċessi ta' integrazzjoni.

4 | Fuq dan l-aspett ara wkoll Harari, Y. N., *21 nasvetov za 21. Stoletje* (21 lezzjoni għas-seklu XXI), Mladinska knjiga, 2020, paġna 139.

# Multilingwiżmu u kooperazzjoni legali Nordika

— Heikki E. S. Mattila

**Heikki Eero Sakari Matt għandu Dottarat fil-Liġi, huwa lettur anzjan fid-dritt komparattiv u Professur Emeritus tal-lingwistika legali. Fil-qasam tal-lingwistika legali, ir-riċerka tiegħu kienet iffokata kemm fuq il-lingwaġġ legali Finlandiż, kif ukoll fuq lingwi oħra. Huwa ppubblika diversi xogħlijiet u artikli f'dan il-qasam bil-Finlandiż u bl-Isvediż, kif ukoll bl-Ingliż, bl-Ispanjol u bil-Franċiż. Minbarra l-lingwi moderni, l-istudji tiegħu inkludew il-Latin legali, speċjalment il-kwistjoni ta' kemm espressjonijiet Latini għadhom jintużaw fil-lingwaġġ legali Ewropew.**

## 1. Ħarsa ġenerali lejn il-kundizzjonijiet lingwistiċi fil-pajjiżi Nordiċi [1].

Fil-pajjiżi Nordiċi, ċerti lingwi (l-Islandiż, il-Finlandiż, in-Norveġiż, l-Isvediż u d-Daniż) għandhom pożizzjoni dominanti fil-livell nazzjonali, filwaqt li oħrajn huma lingwi minoritarji.[2]

L-Islandiż, in-Norveġiż, l-Isvediż u d-Daniż huma lingwi relatati: huma l-lingwi Skandinavi prinċipali (Nord-Ġermaniċi) [3]. Bl-eċċezzjoni tal-Islandiż (il-lingwa l-iktar qrib l-Iskandinavu Qadim), dawn il-lingwi huma faċilment reċiprokament komprensibbli, b'mod partikolari, fil-forma miktuba tagħhom. Il-komprensjoni tat-testi bil-miktub hija, fil-parti l-kbira tagħha, kważi awtomatika, jew teżiġi biss perijodu qasir ta' tagħlim, u l-istess jgħodd ukoll għat-testi legali [4]. Madankollu, ikun perikoluż li wieħed jemmen f'komprensibbiltà sħiħa. Fil-fatt, il-vokabularju tan-Norveġiż, tad-Daniż u tal-Isvediż jinkludi kliem diverġenti u ħbieb foloz (barra minn hekk, jeżistu żewġ varjanti tan-Norveġiż, ara iktar 'il quddiem il-punt 3.1). F'dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni orali, id-diffikultajiet huma ħafna ikbar, b'mod partikolari fil-każ tad-Daniż li l-pronunzja tiegħu huwa kunsiderevolment differenti minn dik tal-Isvediż u tan-Norveġiż.

Il-lingwa prinċipali tal-Finlandja, il-Finlandiż, jifforma parti minn familja ta' lingwi differenti. Ir-relazzjoni bejn il-lingwi Skandinavi u l-Finlandiż tista' titqabbel ma' dik li teżisti bejn il-Ġermaniż u l-Ungeriż: diverġenża totali. Fiż-żoni kostali tal-Finlandja, madankollu, hemm minoranza li titkellem bl-Isvediż (ftit iktar minn 5 % tal-popolazzjoni totali tal-

1 | President Emeritus tal-Qorti Suprema tal-Finlandja, Dr Timo Esko, li ilu involut fil-kooperazzjoni Nordika għal diversi deċennji, kien ġentili biżżejjed li jaqra u jikkummenta l-manuskritt ta' dan l-artiklu. Huwa pprovda għadd kbir ta' kummenti rilevanti, li kkontribwixxew għal titjib sostanzjali ta' dan il-manuskritt. It-test preliminari tal-artiklu, miktub mill-awtur bil-Franċiż, ġie kompletament rrivedut minn Frédéric Nozais, professur fiċ-Ċentru tal-Lingwi fl-Università ta' Ħelsinki. L-awtur jixtieq jesprimi l-gratitudni tiegħu lil dawn iż-żewġ esperti. Huwa ċar li l-awtur waħdu jassumi r-responsabbiltà għal kwalunkwe żball jew ommissjoni fl-edizzjoni finali.

2 | Dawn il-lingwi minoritarji (bħal-lingwi Sami) jista' jkollhom l-istatus ta' lingwi uffiċjali.

3 | Hemm lok li nsemmi wkoll il-Fawriż. Sommarju interessanti ħafna dwar il-kundizzjonijiet lingwistiċi tal-pajjiżi Nordiċi u l-evoluzzjoni tagħhom jinsab f'artiklu reċenti ta' Karl Erland Gadelli, "Écologie des langues dans le Norden", *Nordiques,* Nru 35, 2018, p. 77 sa 93, disponibbli fl-indirizz internet: https://journals.openedition.org/nordiques/1570#tocto1n1.

4 | Pereżempju, il-kelma "dritt" bid-Daniż hija ret, bin-Norveġiż *rett* u bl-Isvediż *rätt* (f'din l-aħħar kelma, l-ittra "ä" hija ppronunzjata "[e]"), u l-kelma "assigurazzjoni" hija kemm bid-Daniż kif ukoll bin-Norveġiż *forsikring* u bl-Isvediż *försäkring* (f'din l-aħħar kelma wkoll, l-ittra "ä" hija ppronunzjata "[e]").

pajjiż). Minkejja d-daqs żgħir ta' din il-minoranza, l-Isvediż għandu, għal raġunijiet storiċi, l-istatus ta' (tieni) lingwa uffiċjali tal-Finlandja; huwa jiġi studjat fl-iskola, fil-klassijiet tas-sekondarja mill-persuni li jitkellmu bil-Finlandiż [5]. Il-leġiżlazzjoni Finlandiża hija disponibbli wkoll bl-Isvediż, u l-verżjoni Finlandiża u dik Svediża għandhom eżattament l-istess valur. Hemm ukoll ħafna materjal uffiċjali bl-Isvediż. Barra minn hekk, parti mill-letteratura legali Finlandiża tiġi ppubblikata direttament bl-Isvediż (kif indikat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15).

F'dak li jirrigwarda l-kulturi legali tal-pajjiżi Nordiċi, dawn huma simili ħafna minħabba valuri komuni, l-interazzjoni storika [6] u l-kooperazzjoni leġiżlattiva, b'mod partikolari matul is-seklu 20 [7]. Minn tmiem is-seklu 19 sat-tieni nofs tas-seklu 20, ġiet armonizzata parti sinjifikattiva tal-liġijiet tal-pajjiżi Nordiċi. Illum il-ġurnata dawn il-liġijiet huma relattivament simili għal xulxin u, f'xi każijiet, huma saħansitra simili ħafna, b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt privat. Hemm ukoll ftehimiet bejn l-Istati Nordiċi, b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt ġudizzjarju internazzjonali (kooperazzjoni ġudizzjarja, eżekuzzjoni tas-sentenzi, eċċ.). Madankollu, il-kooperazzjoni legali fil-livell pan-Ewropew u dinji naqset l-importanza ta' din is-sistema ta' ftehimiet Nordiċi [8].

5 | Madankollu, hemm it-tendenza li l-għarfien u l-użu tal-Isvediż qegħdin jonqsu fil-Finlandja, inkluż fl-amministrazzjoni, kif jidher b'mod ċar minn diversi rapporti uffiċjali tul dawn l-aħħar deċennji. Fost oħrajn, il-Kunsill tal-Ewropa f'diversi okkażjonijiet ġibed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tal-Isvediż fil-Finlandja, b'mod partikolari, fir-rigward tal-għarfien ta' din il-lingwa fiċ-ċrieki li jitkellmu bil-Finlandiż, kif ukoll għall-preżervazzjoni tal-preżenza tagħha fil-ħajja pubblika u l-użu tagħha fis-sistema skolastika u amministrattiva tal-pajjiż, u fl-aħħar nett, fil-ħajja nazzjonali inġenerali.

6 | L-Isvezja u l-Finlandja kienu għal diversi sekli entità Statali waħda, u d-Danimarka u n-Norveġja l-ewwel ingħaqdu permezz ta' unjoni personali u mbagħad permezz ta' unjoni reali.

7 | F'dan ir-rigward, l-artiklu reċenti bil-Franċiż ta' Marie-Louise Holle ("Le projet d'Ole Lando sur les contrats: le code sur le droit nordique des contrats", *Revue internationale de droit comparé*, Vol. 69, Nru 4, 2017, p. 779 sa 805), jagħti, minbarra espożizzjoni eżawrjenti tad-dritt tal-kuntratti, ħarsa ġenerali rilevanti lejn il-liġijiet Nordiċi u lejn il-kooperazzjoni ġudizzjarja Nordika b'mod ġenerali, u jindika ħafna sorsi f'dan il-qasam. Bħala ġabriet li fihom artikli ta' awturi Nordiċi dwar dan is-suġġett, jistgħu jiġu ċċitati Letto-Vanamo, P., Tamm, D. u Mortensen, B. O. G. (edituri), *Nordic Law in European Context*, Springer, 2019, kif ukoll Husa, J., Nuotio, K. u Pihlajamäki, H. (edituri), *Nordic Law: between Tradition and Dynamism*, Antwerpen: Intersentia, 2007.

8 | Ħafna drabi kien meħtieġ li jiġu rettifikati d-dettalji tal-ftehimiet Nordiċi sabiex jiġu evitati kontradizzjonijiet mad-dritt tal-Unjoni, li jfisser li s-sistema globali ta' dawn il-konvenzjonijiet hija llum relattivament ikkumplikata u, saħansitra, daqsxejn, artifiċjali.

Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, il-komunikazzjoni legali bejn il-pajjiżi Nordiċi hija estensiva u, fil-kuntest ta' din il-komunikazzjoni, jintużaw tradizzjonalment id-Daniż, in-Norveġiż u l-Isvediż b'mod alternattiv bejniethom u f'kombinazzjonijiet differenti skont il-każ. Huwa plurilingwiżmu f'kuntest iffurmat minn tliet lingwi relatati mill-qrib. Għalhekk nistgħu nitkellmu dwar komunità Nordika ta' lingwi legali.

## 2. L-użu tal-lingwi fil-komunikazzjoni legali bejn l-Istati Nordiċi

Il-kooperazzjoni Nordika tkopri, fl-intier tagħha, ħafna setturi (kultura, dritt, ambjent, enerġija, ekonomija, saħħa pubblika, eċċ.); il-lingwi użati f'din il-kooperazzjoni huma t-tliet lingwi Skandinavi msemmija iktar 'il fuq, li jintużaw kemm f'kuntesti formali, kif ukoll f'dawk informali. Madankollu, illum hemm oqsma ta' kooperazzjoni li fihom il-komunikazzjoni bl-Ingliż saret ir-regola [9]. Għalkemm il-kooperazzjoni legali ma hijiex affettwata għalkollox minn din it-tendenza, il-lingwi Skandinavi jibqgħu madankollu b'saħħithom (ara iktar 'il quddiem).

Biex inkun iktar speċifiku fuq l-aspett lingwistiku tal-kooperazzjoni Nordika, din titwettaq b'dan il-mod: in-Norveġiżi jużaw, skont l-għażla tagħhom stess, waħda miż-żewġ varjanti tan-Norveġiż (ara iktar 'il quddiem, punt 3.1), l-Isvediżi u l-Findaliżi jużaw l-Isvediż (ara iktar 'il quddiem, punt 3.2), u d-Daniżi, kif ukoll, normalment, l-Islandiżi, jużaw id-Daniż (li jiġi mgħallem fl-iskejjel Islandiżi). Fil-kuntest tal-komunikazzjoni orali, tista' tintuża wkoll lingwa mħallta (imsejħa *skandinaviska*), li tinkludi elementi ta' żewġ lingwi Skandinavi jew iktar u li fiha tiġi evitata l-użu ta' pronunzja Daniża wisq tal-kliem.

Fil-qasam speċifiku tad-dritt, dan ifisser li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi Nordiċi normalment jikkooperaw permezz tal-lingwi Skandinavi. Il-Ministeri għall-Ġustizzja (b'mod partikolari fil-kwistjonijiet leġiżlattivi) u l-qrati għandhom rwol ċentrali f'dan ir-rigward: il-laqgħat regolari tal-Presidenti tal-qrati superjuri u tal-qrati amministrattivi superjuri [10] tal-pajjiżi Nordiċi kollha jikkostitwixxu eżempju tajjeb ta' dan. F'setturi oħrajn ta' attivitajiet legali, pereżempju fiċ-ċirku tal-avukati, l-użu tal-lingwi Skandinavi huwa wkoll frekwenti fil-kuntest tal-kooperazzjoni Nordika. Meta l-uffiċċji tal-avukati ta' żewġ pajjiżi Nordiċi jew iktar jaħdmu fuq kawża, l-għażla tal-lingwi ssir abbażi tan-

9 | Ara s-sit internet uffiċjali https://www.norden.org/en/language.

10 | Fir-rigward tal-ġudikatura, fil-Finlandja u fl-Isvezja hemm żewġ ġerarkiji: il-qrati ġudizzjarji u l-qrati amministrattivi. Nixtieq inżid li l-Presidenti tal-qrati tal-appell Nordiċi jiltaqgħu wkoll regolarment.

natura ta’ dik il-kawża u tal-lingwa tal-klijent. Għalhekk, il-lingwi Skandinavi jintużaw ta’ spiss mill-avukati Nordiċi fil-preparazzjoni tal-proċess, b’mod partikolari fil-qasam tad-dritt tal-familja [11].

Settur importanti tal-kooperazzjoni Nordika ta’ natura uffiċjali huwa l-kooperazzjoni legali internazzjonali. F’dan is-settur, bis-saħħa ta’ ftehimiet bejn Stati Nordiċi, id-Daniż, in-Norveġiż u l-Isvediż huma l-lingwi li għandhom jintużaw fil-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pajjiżi Nordiċi. Dan jgħodd b’mod partikolari għan-notifika ta’ dokumenti (taħrikiet, eċċ.), għall-produzzjoni tal-provi, kif ukoll għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi [12]. Dawn it-tliet lingwi għandhom status strettament ugwali. Konsegwentement, il-Finlandiżi jistgħu jikkomunikaw bl-Isvediż kemm fir-relazzjonijiet tagħhom mad-Daniżi, kif ukoll f’dawk man-Norveġiżi. Pereżempju, qorti Finlandiża tista’ tibgħat komunikazzjoni bl-Isvediż, dwar taħrika ta’ persuna li tirrisjedi fid-Danimarka jew fin-Norveġja bħala xhieda, fi proċess Finlandiż. B’mod analogu, il-ftehimiet Nordiċi jippreżupponu li l-awtoritajiet Finlandiżi jifhmu wkoll, minbarra dokumenti miktubin bl-Isvediż, dawk miktubin bid-Daniż jew bin-Norveġiż [13]. Għalhekk, jistgħu jiġu rċevuti f’Ħelsinki talbiet miktubin bid-Daniż jew bin-Norveġiż għall-kisba tal-manteniment għal wild li jirrisjedi fi Kopenħagen jew Oslo.

11 | Fil-qasam tal-kummerċ, fejn il-kuntratti internazzjonali normalment jinkitbu bl-Ingliż, is-sitwazzjoni hija differenti. Madankollu, id-diskussjonijiet preliminari, sabiex jiġi konkluż kuntratt bl-Ingliż, jistgħu jsiru bil-lingwi Skandinavi. Xi drabi, jistgħu jintużaw żewġ lingwi (Ingliż u lingwa Skandinava) f’dawn id-diskussjonijiet sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta’ ftehim.

12 | Pereżempju, il-Konvenzjoni tal-1974 bejn il-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvezja u d-Danimarka dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma tan-notifika tad-dokumenti u tal-produzzjoni tal-provi (Artikolu 2) u l-Konvenzjoni tal-1962 bejn il-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvezja u d-Danimarka dwar l-irkupru tal-manteniment b’infurzar (Artikolu 2). Dawn il-konvenzjonijiet jeżigu li d-dokumenti li jintbagħtu fil-kuntest tagħhom jiġu tradotti għan-Norveġiż, għall-Isvediż jew għad-Daniż, jekk dawn ma jkunux diġà nkitbu f’waħda minn dawn it-tliet lingwi (jiġifieri jekk ikunu nkitbu bil-Finlandiż jew bl-Islandiż). Kull waħda minn dawn it-tliet lingwi hija valida fil-każijiet irregolati minn dawn il-konvenzjonijiet.

13 | Peress li din is-suppożizzjoni mhux dejjem tikkorrispondi mar-realtà, id-Digriet Finlandiż dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi Nordiċi relatati ma’ talba tad-dritt privat, tal-1977 (Artikolu 5) jipprevedi li qorti tal-ewwel istanza għandha d-dritt tordna t-traduzzjoni għall-Finlandiż jew għall-Isvediż tad-dokumenti miktubin bin-Norveġiż jew bid-Daniż.

Fir-rigward tal-letteratura legali, jista' jiġi kkonstatat li, fil-pajjiżi Nordiċi kollha, il-lingwa tal-pubblikazzjonijiet universitarji hija, fis-seklu 21, dejjem iktar l-Ingliż, għad-detriment tal-lingwi nazzjonali [14]. Konformement ma' din il-bidla, ma għadux rari li avukati żgħażagħ mill-Finlandja, iżda wkoll minn pajjiżi Nordiċi oħra, jagħtu l-preżentazzjonijiet tagħhom bl-Ingliż fil-kungressi jew fis-seminars Nordiċi tal-lum. Madankollu, l-istampa ġenerali tal-letteratura legali hija differenti. L-ewwel, il-publikazzjonijiet kollha intiżi li jintużaw fl-attivitajiet legali ta' natura prattika kif ukoll ħafna pubblikazzjonijiet universitarji ta' natura teoretika jiġu ppubblikati fil-lingwi nazzjonali. F'dak li jikkonċerna l-pubblikazzjonijiet Daniżi, Norveġiżi jew Svediżi, dawn jistgħu għalhekk jinqraw kullimkien fil-pajjiżi Nordiċi u l-istess jgħodd għall-pubblikazzjonijiet Finlandiżi peress li parti, għalkemm limitata, tal-letteratura tiġi ppubblikata bl-Isvediż [15]. Barra minn hekk, ir-rivisti legali bejn l-Istati Nordiċi jippubblikaw artikli bid-Daniż, bin-Norveġiż u bl-Isvediż [16], u r-rivisti nazzjonali jippubblikaw ukoll (għalkemm, nammetti, pjuttost rarament) testi fil-lingwi tal-ġirien Nordiċi tagħhom. Bl-istess mod, il-lingwi Skandinavi jintużaw ta' spiss fil-kungressi u s-seminars tal-ġuristi Nordiċi [17]. Għandhom jissemmew ukoll il-Ġranet Legali Nordiċi li jiġbru flimkien għadd kbir ta' avukati akkademiċi u avukati li jaħdmu fid-diversi setturi ta' attività legali prattika [18]. Konsegwentement, ma jistax jingħad li l-multilingwiżmu

14 | Dan jidher, fost affarijiet oħra, mill-fatt li, fil-Finlandja, l-Ingliż diġà qabeż lill-Finlandiż bħala l-lingwa tal-pubblikazzjoni tax-xogħol xjentifiku tal-għalliema tal-fakultà tal-liġi (il-kalkolu tagħna huwa bbażat fuq l-informazzjoni statistika miġbura minn dawn il-fakultajiet).

15 | Fil-bidu tas-seklu 21, madwar 5 % tal-kotba legali u madwar 10 % tal-artikli legali ġew ippubblikati fil-Finlandja bl-Isvediż (kalkolu imwettaq bl-assistenza tal-persunal tal-Librerija tal-Parlament Finlandiż). F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li huwa possibbli l-istudju tal-liġi fil-Finlandja, bl-Isvediż, sabiex tinkiseb kwalifika uffiċjali ta' avukat f'dan il-pajjiż. L-istudji legali fil-lingwa Svediża għal żmien twil kienu possibbli biss fl-Università ta' Ħelsinki, istituzzjoni edukattiva bilingwi, iżda pjuttost reċentement (f'Jannar 2022) ġie deċiż li dan it-taħriġ jingħata wkoll fil-qafas ta' Åbo Akademi, li hija università bil-lingwa Svediża f'Turku.

16 | Illum, dawn ir-rivisti jippubblikaw ukoll artikli miktubin bl-Ingliż, b'mod partikolari minn avukati Finlandiżi.

17 | Ara, pereżempju, is-simpożju dwar is-sistemi Nordiċi tal-beni patrimonjali (*Nya trender och bärande principer i den nordiska förmögenhetsrätten*), organizzat mill-Università ta' Ħelsinki fl-2019.

18 | Reċentement, fl-2017 f'Ħelsinki. Il-Ġranet Legali Nordiċi (*De nordiska juristmötena,* jew xi drabi bil-Franċiż imsejħa wkoll: "Kungress tal-avukati Nordiċi" jew "Laqgħat tal-avukati Nordiċi") jikkostitwixxi istituzzjoni partikolarment importanti. Dawn il-ġranet diġà għandhom storja ta' iktar minn seklu u nofs u, illum, in-numru ta' parteċipanti, li jiġu mill-pajjiżi Nordiċi kollha, jaqbżu l-elf persuna. Il-parteċipanti jagħtu preżentazzjonijiet, jippreżentaw rapporti, jiskambjaw ideat fuq l-iżvilupp tal-liġijiet Nordiċi u jistabbilixxu relazzjonijiet ta' kooperazzjoni, ħafna drabi f'kuntest soċjali.

tradizzjonali tilef kompletament l-importanza tiegħu fil-kollaborazzjoni universitarja jew edukattiva tal-avukati Nordiċi – għall-kuntrarju.

## 3. Il-problemi tal-komunikazzjoni bejn l-Istati Nordiċi

Il-komunikazzjoni bejn il-pajjiżi Nordiċi, permezz tal-lingwi Skandinavi, ma hijiex kompletament mingħajr problemi, anki meta l-lingwa materna tal-parteċipanti tkun id-Daniż, in-Norveġiż jew l-Isvediż. Minbarra l-problemi msemmija iktar 'il fuq (diverġenzi fil-vokabularju tal-lingwa komuni, differenzi fil-grammatika kif ukoll fil-pronunċja, b'mod partikolari, **f'dak li jirrigwarda d-**Daniż), huma fuq kollox il-kliem legali oriġinali, li lanqas ma huma rikonoxxibbli mill-barranin li jitkellmu lingwa relatata, li huma problematiċi fil-komunikazzjoni legali bejn l-Istati Nordiċi. Dawn il-kliem mhux rikonoxxibbli jistgħu jirriżultaw mid-differenza bejn l-istituzzjonijiet legali [19], kif ukoll mid-differenza bejn l-ismijiet ta' istituzzjonijiet identiċi. Il-problemi jikkumplikaw ruħhom ukoll minħabba l-fatt li fin-Norveġja jeżistu żewġ varjanti tal-lingwa miktuba, ta' status ugwali, li fihom l-ortografija tal-kliem, inklużi dik tal-kliem legali, hija relattivament differenti. Dawn il-kliem legali jistgħu saħansitra jkunu, fiż-żewġ varjanti Norveġiżi, kompletament differenti minn xulxin. B'mod analogu, l-Isvediż legali li jintuża fil-Finlandja jista' jvarja mill-Isvediż legali li jintuża fl-Isvezja, għalkemm dan huwa pjuttost rari u d-differenzi huma relattivament żgħar. Dawn il-fenomeni qegħdin jiġu eżaminati fil-qosor fil-paragrafi li ġejjin.

19 | Eżempju ċar ħafna huwa s-sistema Norveġiża tas-suċċessjonijiet agrikoli (*åsetesrett*), li l-karatteristiċi partikolari tagħha huma spjegati mill-fatt li, fir-regolamentazzjoni ta' din is-sistema, il-leġiżlatur kien obbligat jieħu inkunsiderazzjoni l-istituzzjoni arkajka tal-primoġenitura (*odelsrett*), li għadha fis-seħħ f'dan il-pajjiż. Ara b'mod ġenerali, bil-Franċiż, Mattila, H., "*Les successions agricoles et la structure de la société. Une étude en droit comparé*", test Franċiż minn Rabier, J.-C, Helsinki, *Juridica*, 1979, p. 115 *et seq*.

## 3.1 Pajjiż wieħed – żewġ varjanti tal-istess lingwa: in-Norveġiż

Fuq livell dinji, fl-istorja kien hemm każijiet fejn żewġ varjanti – żewġ standardizzazzjonijiet – tal-istess lingwa kkompetew ma' xulxin, kultant għal żmien relattivament twil, fil-ħajja pubblika, inkluż fil-qasam legali [20]. Fin-Norveġja, tali sitwazzjoni ilha teżisti sa mill-aħħar tas-seklu 19. Din is-sitwazzjoni lingwistika partikolari tirrendi iktar diffiċli l-komunikazzjoni legali bejn l-Istati Nordiċi: avukati minn partijiet oħra ta' dan il-makroreġjun iridu jkunu jistgħu jifhmu dawn iż-żewġ varjanti, li fil-fatt huma kważi żewġ lingwi distinti (għalkemm relatati).

Biex nifhmu din is-sitwazzjoni unika, għandna niftakru li d-Danimarka u n-Norveġja ffurmaw għaqda għal sekli sħaħ, minn tmiem il-Medju Evu. Matul dan il-perijodu twil, id-Daniż gradwalment issostitwixxa n-Norveġiż Qadim (relattivament simili għad-Daniż) fl-amministrazzjoni ċentrali tal-pajjiż. Din is-sostituzzjoni seħħet ukoll fl-amministrazzjoni lokali.

Sussegwentement, madwar is-sena 1830, fl-atmosfera nazzjonali romantika ta' dak iż-żmien, żviluppat ix-xewqa li tinħoloq lingwa Norveġiża miktuba, distinta mid-Daniż. Għal dan il-għan, ġew proposti żewġ linji ta' azzjoni. Skont l-ewwel linja, moderata, kien meħtieġ li jinżamm id-Daniż tradizzjonalment użat fin-Norveġja bħala bażi għal din il-lingwa miktuba ġdida, iżda biż-żieda miegħu tal-elementi tan-Norveġiż mitkellem. Skont it-tieni linja, iktar radikali, kien meħtieġ li tinħoloq lingwa miktuba kompletament ġdida bbażata fuq id-djaletti Norveġiżi **"**korretti", li joriġinaw min-Norveġiż Qadim. Bħala riżultat, inkitbu żewġ standardizzazzjonijiet tal-lingwa Norveġiża u ġew gradwalment żviluppati u stabbiliti.

Għalkemm dawn iż-żewġ varjanti (wieħed ibbażat fuq id-Daniż, imsejjaħ illum bokmål, u l-ieħor ibbażat fuq id-djaletti Norveġiżi, imsejjaħ illum *nynorsk*) jixxiebħu ħafna, dawn għandhom ukoll differenzi sinjifikattivi. Fuq kollox hemm ħafna differenzi żgħar fl-

20 | Pereżempju l-Greċja bil-Grieg akkademiku u l-Grieg demotiku. F'dak li jirrigwarda l-użu ta' dawn il-varjanti fil-qasam legali, ara, fil-qosor, bil-Franċiż, pereżempju, Mattila, H., "*Jurilinguistique comparée. Langage du droit, latin et langues modernes",* test Franċiż, Gémar, J.-C, Cowansville, *Les Éditions Yvon Blais, 2012*, p. 101 sa 107, jew, bl-Ingliż, Mattila, H., "*Comparative Legal Linguistics. Language of Law, Latin, Modern Lingua Francas", it-*tieni edizzjoni, tradott minn Goddard, C., Farnham, Ashgate, 2013, p. 75 sa 79.

ortografija [21], u ċerti kliem huma kompletament differenti minn xulxin (inkluż fil-qasam legali) [22]. Jeżistu wkoll differenzi grammatikali (inflessjoni tal-kliem, eċċ.).

Iż-żewġ varjanti għadhom f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni bejniethom. L-użu tan-Nynorsk kien kiber fil-bidu tas-seklu 20, iżda matul dawn l-aħħar deċennji dan l-użu naqas b'mod kostanti. Dawn iż-żewġ varjanti għandhom status uffiċjali ugwali, iżda l-Bokmål jiddomina b'mod ċar fil-fergħat kollha tal-ħajja soċjali. Dan japplika wkoll għal-lingwa tal-leġiżlazzjoni, tal-qrati u tax-xjenza legali. Il-biċċa l-kbira tal-liġijiet jinkitbu bil-Bokmål u l-maġġoranza tal-imħallfin u tal-avukati akkademiċi jużawh fl-attivitajiet tagħhom [23].

### 3.2 L-Isvediż: żewġ pajjiżi u ċerti differenzi fil-lingwa

Kif imsemmi iktar 'il fuq, l-Isvediż għandu l-istatus ta' lingwa uffiċjali fil-Finlandja. Qegħdin jipprovaw jitnaqqsu, sa fejn huwa possibbli, id-differenzi bejn l-Isvediż tal-Isvezja u dak tal-Finlandja, u dan kemm fl-użu ordinarju tal-lingwa, kif ukoll f'kuntest uffiċjali. Fil-qasam legali, dan jiġi rifless fil-miżuri li ttieħdu sabiex jiġi ggarantit l-użu tajjeb tal-lingwaġġ legali. It-tendenza hija lejn il-kisba tal-ikbar xebh possibbli fl-użu fiż-żewġ pajjiżi. L-Isvediż użat fil-Finlandja ma huwiex lingwa distinta, la fl-użu ordinarju tiegħu, u lanqas fil-qasam legali [24]. Minkejja dan, għad hemm differenzi, għalkemm eċċezzjonali. Dawn id-differenzi huma prinċipalment dovuti għad-differenzi li jeżistu bejn diversi istituzzjonijiet legali fiż-żewġ pajjiżi. Iżda fil-każ ta' istituzzjonijiet identiċi,

21 | Pereżempju, l-isem tal-pajjiż bin-nynorsk, *Noreg*, iżda bil-bokmål huwa *Norge*.

22 | Pereżempju, wieħed mill-ekwivalenti (għalkemm rari ħafna) tal-kelma "falliment" bin-nynorsk huwa buslit li teżisti unikament f'dan il-varjant tal-lingwa.

23 | Fir-rigward tal-varjanti tan-Norveġiż, hemm ħafna sorsi fil-lingwi internazzjonali. Ara, b'mod partikolari għall-attivitajiet legali: Askedal, J. O. u Lilleholt*, K., "Sprache und Recht in Norwegen"*, *Europa ethnica 1 u 2*, 1999, p. 62 sa 65, u Mattila, H., 2012, p. 107 sa 115 jew Mattila, H., 2013, p. 79 sa 85 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 20). Bin-Norveġiż, hemm kollezzjoni partikolarment rikka: Hæreid, G. O., Lilleholt, K., Skeie, I. Risnes, u Tollefsen, M. (edituri), *Mål og rett – Juristmållaget 75 år,* Oslo, Institutt for privatrett, 2010.

24 | Ara l-manwal mhux uffiċjali, Bruun, H. u Palmgren, S. (edituri), *Svenskt lagspråk i Finland* ("Langage juridique suédois en Finlande"), Helsingfors, Statsrådets svenska språknämnd & Schildts, 1998, p. 107 u 108, u, b'mod iktar ġenerali, Reuter, M. *et al.,* "Swedish in Finland in the 20th century", *The Nordic Languages. An International Handbook of the History of the North Germanic Languages*, 2017, Vol.22/2, p. 1647 sa 1656.

l-ispjegazzjoni tinsab fl-istorja [25] jew fl-influwenza tal-Finlandiż (li, diġà ilu mitt sena, il-lingwa ewlenija tal-pajjiż).

Huwa essenzjali li dawn id-differenzi fil-lingwaġġ legali jiġu limitati, peress li xi drabi joħolqu nuqqas ta' ftehim fir-relazzjonijiet Svediżi-Finlandiżi u fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Nordiċi b'mod ġenerali. Illum, l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, fi ħdan l-Unjoni, jeżisti varjant wieħed tal-Isvediż, komuni għall-Isvezja u għall-Finlandja. Ċertament id-direttivi tal-Unjoni jiġu implimentati fl-Istati Membri permezz ta' liġijiet nazzjonali u li, għalhekk, it-terminoloġija Svediża ta' dawn id-direttivi mhux neċessarjament tinżamm bħala tali, iżda tiġi adattata għat-terminoloġija tal-liġijiet l-oħra tal-qasam inkwistjoni fl-Isvezja u fil-Finlandja. Minkejja dan, jista' jingħad li, fuq medda ta' żmien twil, l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea jwasslu għall-promozzjoni tal-unità tal-Isvediż legali fl-Isvezja u fil-Finlandja. Għandu jitfakkar b'mod partikolari li, f'ċerti setturi, l-Unjoni tuża ta' spiss regolamenti bħala metodu leġiżlattiv, li jfisser li t-testi Svediżi jkunu assolutament identiċi fil-forma finali tagħhom fiż-żewġ pajjiżi.

## 3.3 Id-differenzi terminoloġiċi bejn il-pajjiżi Nordiċi tal-Punent u tal-Lvant

Ovvjament, jeżistu, f'kull pajjiż Nordiku, istituzzjonijiet legali li huma speċifiċi għal dawn il-pajjiżi u li ma jeżistux band'oħra (bħall-*åsetesrett*, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 19). Barra minn hekk, istituzzjoni jista' jkollha wkoll ismijiet differenti minkejja l-eżistenza tagħha, fil-forma identika, fil-pajjiżi Nordiċi kollha.

Minn naħa, huwa notevoli li, minkejja li l-liġijiet Nordiċi jiffurmaw unità waħda relattivament koerenti (il-familja tad-dritt Nordiku) jistgħu jiġu identifikati żewġ gruppi: sottogrupp tad-dritt Nordiku tal-Punent (id-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda) u sottogrupp tad-dritt Nordiku tal-Lvant (l-Isvezja, il-Finlandja) [26]. Id-differenzi kunċettwali u terminoloġiċi huma ikbar bejn dawn is-sottofamilji, milli huma f'kull wieħed minnhom. Pereżempju, il-kwistjonijiet relatati mal-qsim tal-assi ta' ċertu tip (il-wirt, l-assi matrimonjali, patrimonju

25 | Għandu jitfakkar li fil-Finlandja nħolqu ħafna istituzzjonijiet legali matul is-seklu 19, perijodu li fih dan il-pajjiż kien jifforma parti, bħala Gran Dukat awtonomu, mill-Imperu Russu, li l-lingwa legali prinċipali tiegħu kien għadu l-Isvediż.

26 | Bħalma jista' jiġi nnotat, din il-klassifikazzjoni tal-liġijiet ma tikkorrispondix għal dik tal-lingwi. Ara, pereżempju, "Lingwi Skandinavi", *Wikipedija*.

tad-debitur fallut) jikkostitwixxu, fid-Danimarka u fin-Norveġja, fergħa ta' dritt separata (*skifteret/skifterett*). F'din il-fergħa, jintużaw kliem mhux magħrufa fl-Isvezja u fil-Finlandja.

Min-naħa l-oħra, l-istituzzjonijiet legali Daniżi u Norveġiżi, kif ukoll l-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi jkollhom kultant l-isem oriġinali tagħhom, għalkemm tkun teżisti ekwivalenti kunċettwali fl-Isvezja u fil-Finlandja [27]. Fil-ħidma leġiżlattiva ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet Nordiċi sar tentattiv biex titnaqqas din il-problema permezz tal-għażla, sa fejn possibbli, ta' terminoloġija identika jew li l-varjanti lingwistiċi tagħha jkunu jistgħu jiġu faċilment irrikonoxxuti fil-pajjiżi Nordiċi kollha. Madankollu, irriżulta li kien diffiċli li jsir wisq progress f'din it-triq: it-tradizzjonijiet nazzjonali jikkostitwixxu fattur b'saħħtu ħafna li jista' jwaqqaf il-ħolqien ta' kliem ġodda.

Dan ifisser li, fl-iskambju ta' dokumenti bejn iż-żewġ sottofamilji tad-dritt Nordiku, ikun kultant diffiċli li jinftiehmu korrettament il-kliem legali u ċerti ismijiet ta' istituzzjonijiet. Metodu wieħed sabiex jiġi evitat dan it-tfixkil huwa t-tħejjija ta' mudelli ta' dokumenti pluriling wi li fihom il-kunċetti legali essenzjali jiġu indikati bl-użu tal-ekwivalenti użati f'kull pajjiż Nordiku.

## 4. Il-futur tal-multilingwiżmu fil-kooperazzjoni legali tal-pajjiżi Nordiċi

Ma hemm l-ebda dubju li l-bżonn ta' komunikazzjoni bejn il-pajjiżi Nordiċi ser tkompli fil-futur, u dan minkejja l-fatt li l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fis-settur leġiżlattiv, tnaqqas, sa ċertu punt, il-kooperazzjoni Nordika. Ma għadux possibbli għall-pajjiżi Nordiċi (b'differenza għal dak li kien għadu jsir f'nofs is-seklu 20) li jadottaw liġijiet li jkunu f'kunflitt mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda huma jistgħu, b'aġir konġunt, jinfluwenzaw l-iżvilupp ta' din il-leġiżlazzjoni [28]. Għandu jiġi nnotat ukoll li, minħabba t-tqarrib ġenerali tal-pajjiżi u tal-popolazzjonijiet, il-kooperazzjoni Nordika qiegħda ssir dejjem iktar importanti f'ċerti setturi. Bil-moviment liberu tal-persuni (u tal-merkanzija, eċċ.), hemm dejjem iktar relazzjonijiet legali, kontinwi jew okkażjonali, bejn il-pajjiżi Nordiċi (inċidenti ta' vetturi Finlandiżi fin-Norveġja, irkupru

27 | Pereżempju, l-ekwivalenti Svediż tal-kelma "qbid" huwa *utmätning*, iżda l-ekwivalenti Daniż huwa *udlæg jew, preċedentement, udpantning*.

28 | Fir-rigward tal-iżvilupp futur tal-kooperazzjoni legali Nordika, ara, bl-Isvediż, *Sevón, L., Nordiskt lagstiftningssamarbete – forntid eller framtid* ? ("La coopération législative nordique – phénomène démodé ou opportunité pour l'avenir ?"), *Tidskrift utgiven av Juridiska Föreningen i Finland,* 3 u 4, 2009, p. 545 sa 550.

tal-manteniment fil-Finlandja għal wild residenti fid-Danimarka, eċċ.). Il-kooperazzjoni bejn l-avukati akkademiċi probabbilment tkompli wkoll b'mod intensiv.

Kif spjegat iktar 'il fuq, multilingwiżmu makroreġjonali jipprevali fi ħdan il-kooperazzjoni legali Nordika. Jintużaw f'dan ir-rigward tliet lingwi relatati (id-Daniż, in-Norveġiż u l-Isvediż), jew saħansitra erba' lingwi jekk iż-żewġ varjanti tan-Norveġiż jitqiesu li huma lingwi distinti. Fil-kuntest ta' dan il-multilingwiżmu, huwa preżunt, speċjalment fil-kuntesti uffiċjali, iżda wkoll b'mod iktar ġenerali, li l-parteċipanti f'din il-kooperazzjoni u l-awtoritajiet ġirien Nordiċi jifhmu b'mod reċiproku d-Daniż, in-Norveġiż u l-Isvediż.

Kif ġie spjegat ukoll, il-problema l-iktar serja fil-komunikazzjoni tal-pajjiżi Nordiċi hija l-fatt li l-lingwa ewlenija tal-Finlandja hija totalment differenti, u l-użu attwali u l-għarfien tal-Isvediż qegħdin jonqsu fil-Finlandja [29] (b'mod analogu, il-pożizzjoni tad-Daniż fis-sistema skolastika Islandiża hija iktar dgħajfa minn qabel). Madankollu, il-problemi eżistenti fil-pajjiżi Nordiċi l-oħra lanqas ma għandhom jiġu injorati. Il-komprensjoni tad-Daniż mitkellem huwa kultant diffiċli, anki għan-Norveġiżi, minkejja l-oriġini Daniża tal-varjant dominanti tan-Norveġiż; il-komprensjoni tat-testi miktubin mid-Daniżi, min-Norveġiżi u mill-Isvediżi lanqas ma hija awtomatika, u teħtieġ prattika. Bl-istess mod, nistgħu naraw li l-ideoloġija tal-Iskandinaviżmu ma għadhiex b'saħħitha daqskemm kienet fil-pajjiżi Nordiċi u li ż-żgħażagħ Skandinavi ma għadhomx lesti jagħmlu sforz (li ma jirrikjedi, madankollu, kważi xejn) biex ikunu jistgħu jaqraw il-lingwi tal-pajjiżi ġirien jew ikollhom skambji orali multilingwi permezz tal-lingwi relatati [30]. Fil-fatt, mad-dinja kollha, iż-żgħażagħ iqisu l-Ingliż bħala strument naturali u newtrali ta' komunikazzjoni fir-relazzjonijiet internazzjonali kollha, anki mal-ġirien li jitkellmu lingwa simili ħafna [31]. Barra minn hekk, għandha tissemma' l-problema tal-ħbieb foloz, jiġifieri kliem simili iżda b'tifsira differenti. Fattur ieħor, ta' natura esterna, hija r-rieda tal-pajjiżi Baltiċi, li llum huma indipendenti (wara l-waqgħa tal-Unjoni Sovjetika), li jersqu iktar qrib il-

29 | Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

30 | Dan jidher b'mod ċar f'rapport (*Har Norden et språkfelleskap ?,* 2021) tal-Kunsill tal-Ministri Nordiċi. Fi stħarriġ, iż-żgħażagħ Nordiċi ġew mistoqsija liema lingwa jitkellmu meta jiltaqgħu ma' persuna li l-lingwa materna tagħha tkun lingwa Skandinava oħra. Madwar 60 % ta' dawn iż-żgħażagħ wieġbu li huma jagħżlu l-Ingliż.

31 | F'dak li jirrigwarda l-istudenti tal-liġi, dan ġie kkonstatat, billi lmenta dwar din is-sitwazzjoni, minn Johan Bärlund, Professur tal-dritt Nordiku, matul is-simpożju Nordiku tal-2019 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17).

pajjiżi Nordiċi [32], li hija ħaġa naturali anki minħabba raġunijiet storiċi (preċedentement, b'mod partikolari fis-seklu 17, il-parti tat-Tramuntana tar-reġjun Baltiku kienet tifforma parti mir-Renju tal-Isvezja). Għalhekk huwa rari ħafna, fil-pajjiżi Baltiċi, li avukat jifhem il-lingwi Skandinavi.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jidher diffiċli li jingħad b'ċertezza, sa liema punt il-lingwi Skandinavi ser iżommu l-istatus tagħhom bħala strument ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Nordiċi. L-argumenti indikati iktar 'il fuq ma għandhomx jittieħdu b'mod ħafif; madankollu, għandu jitfakkar li l-lingwi Skandinavi jiffaċilitaw, b'mod konvenjenti ħafna, b'mod partikolari fil-forma miktuba tagħhom, il-kooperazzjoni Nordika. Barra minn hekk, dawn il-lingwi joffru lill-Iskandinavi (minbarra l-Islandiżi) vantaġġ importanti: komunikazzjoni attiva b'mod iktar faċli, peress li huma jistgħu jużaw il-lingwa materna tagħhom fir-relazzjonijiet bil-miktub u fid-diskussjonijiet orali. Minbarra dan, huwa iktar sempliċi li wieħed jitkellem dwar kwistjonijiet legali tipikament Nordiċi bl-użu ta' kliem diġà eżistenti fil-lingwi Skandinavi, milli permezz tal-użu ta' lingwa intermedja (it-traduzzjonijiet Ingliżi jkunu ta' spiss impreċiżi).

Anki jekk fil-futur issir bidla għall-użu ġġeneralizzat tal-Ingliż fil-kooperazzjoni legali Nordika, din ma teliminax radikalment il-bżonn ta' għarfien tal-lingwi tal-ġirien Nordiċi, anki unikament għall-iskop ta' komprensjoni tat-testi miktubin. Minbarra l-kwistjonijiet Komunitarji (tal-Unjoni), id-diskussjonijiet nazzjonali dwar il-problemi prattiċi tal-liġi (politika leġiżlattiva, eċċ.) isiru normalment kullimkien fil-lingwi nazzjonali. Għalhekk huwa purament okkażjonali li wieħed isib testi miktubin bl-Ingliż relatati ma' dawn id-diskussjonijiet; barra minn hekk, it-traduzzjoni tat-testi tradotti tiġi ppubblikata tard. Konsegwentement, il-kisba ta' stampa sħiħa u bbilanċjata tad-diskussjonijiet Nordiċi li jikkonċernaw problema legali prattika teħtieġ il-qari ta' dokumenti (b'mod partikolari, kotba u artikli legali) ippubblikati fil-lingwi Skandinavi.

Huwa importanti li wieħed ikun konxju minn dan il-fatt, speċjalment bħalissa meta ż-żgħażagħ Nordiċi huma konvinti bis-supremazija tal-lingwa Ingliża. Jekk l-avukati involuti fil-kooperazzjoni tal-pajjiżi Nordiċi jifhmu diġà, tal-inqas fil-forma miktuba tagħhom, id-Daniż, in-Norveġiż u l-Isvediż, huma jkollhom l-għarfien bażiku neċessarju sabiex faċilment jifhmu l-kwistjonijiet eżaminati fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni. Bil-qari

32 | Dan diġà jista' jiġi pperċepit fil-kollaborazzjoni internazzjonali tal-assoċjazzjonijiet ta' avukati. Sa mid-dħul tal-Baltiċi fil-kooperazzjoni bejn l-assoċjazzjonijiet Nordiċi tal-avukati, l-Ingliż jintuża ħafna fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni.

tat-testi essenzjali oriġinali tal-pajjiżi ġirien, dawn l-avukati jkunu familjari mar-realtajiet ta' dawn il-pajjiżi kollha u mal-argumenti mressqa fid-diskussjonijiet li jitwettqu fihom. Huwa evidenti li dan l-għarfien jinfluwenza l-kontribuzzjonijiet tal-parteċipanti involuti fil-kooperazzjoni u jżid għalhekk il-possibbiltajiet tagħhom li jagħtu tweġibiet rilevanti.

L-eżerċizzji għall-komprensjoni tal-lingwi tal-ġirien Nordiċi fil-forma mitkellma u għat-twettiq tad-diskussjonijiet f'dawn il-lingwi huma wkoll importanti [33]. Persuna li ma tifhimx il-lingwi Skandinavi tiġi faċilment eskluża mill-konverżazzjonijiet wara l-kwinti u minn diskussjonijiet f'kuntest soċjali, fejn jiġu adottati pożizzjonijiet u fejn jitħejjew l-interventi tas-sessjonijiet uffiċjali sussegwenti. Lanqas ma jista' jintesa l-lat soċjali tal-għarfien lingwistiku. Ikla li matulha d-diskussjonijiet isiru liberament u b'mod alternattiv bid-diversi lingwi Skandinavi hija esperjenza li tista' ssaħħaħ l-identità Nordika b'mod speċjali ħafna.

33 | Dan ifisser, fil-każ tal-persuni li jitkellmu l-Finlandiż jew l-Islandiż, taħriġ attiv tal-Isvediż, tad-Daniż jew tan-Norveġiż matul diskussjonijiet u, fil-każ tal-persuni li jitkellmu d-Daniż, taħriġ għall-kisba ta' artikolazzjoni partikolarment ċara u intelliġibbli.

# Il-lingwaġġ bħala muftieħ għad-dinja tal-liġi

— Stig Strömholm

**Stig Strömholm kien Viċi Kanċillier tal-Università ta' Uppsala mill-1989 sal-1997 u huwa Professur Emeritu fid-dritt privat u fid-dritt privat internazzjonali. Preċedentement, Strömholm kien professur tal-ġurisprudenza fl-istess università. Huwa pproduċa diversi xogħlijiet legali, storiċi u anki letterarji, u rċieva premjijiet f'diversi pajjiżi Ewropej għall-attivitajiet multilingwi tiegħu fid-dritt nazzjonali u internazzjonali u bħala awtur distint f'diversi lingwi Ewropej.**

*Une science est une langue bien faite* – "Xjenza hija lingwa mibnija sewwa" – hija espressjoni attribwita lill-fiżiku Franċiż Henri Poincaré (1854–1912), wieħed mill-aħħar *homines universales* kbar. Din hija definizzjoni partikolarment xierqa fir-rigward tax-xjenza tal-ġurisprudenza, li ma għandha ebda mezz ieħor ta' espressjoni jew għodda għajr il-lingwaġġ naturali. Dan ma jistax jiġi ssostitwit kompletament permezz ta' numri jew formoli, irrispettivament minn kemm xi teoriċi tad-dritt ippruvaw, b'mod ambizzjuż, jużawhom biex jesprimu kunċetti legali. Dan id-dokument ser jiffoka prinċipalment fuq il-lingwaġġ legali.

Kemm il-prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll ir-regoli speċifiċi ddettaljati jiġu espressi, riprodotti, deskritti u ddefiniti bl-użu ta' lingwaġġ li, għalkemm huwa "naturali" (mhux artifiċjali jew ifformalizzat), spiss ma jkunx biss speċjalizzat – u b'daqshekk diġà diffiċli biex jinftiehem minn persuni mhux intiżi fil-qasam – iżda wkoll arkajku. F'soċjetà bi storja twila u kontinwa, huwa inevitabbli li dan il-lingwaġġ, li oriġina minn kundizzjonijiet soċjali li ma għadhomx jeżistu, xi drabi jirreferi għal oġġetti, twemmin jew azzjonijiet li ma jkunux magħrufa mill-komunità tal-lingwa kontemporanja.

Fis-sistemi legali żviluppati ħafna, il-lingwaġġ legali huwa sistema kkumplikata, ikkaratterizzata kemm minn relazzjonijiet semantiċi loġiċi "normali" kif ukoll minn ordni ġerarkiku separat, u l-qarrej/udjenza għandu jkollu għarfien, minn tal-inqas f'dak li jirrigwarda l-aspetti prinċipali, tal-istruttura ta' dan l-ordni sabiex ikun jista' jifhem b'mod sħiħ it-test f'din il-lingwa. Din is-sistema hija r-riżultat ta' żvilupp storiku li seħħ b'modi differenti f'pajjiżi u f'kulturi differenti. Xi drabi jkun hemm differenzi ċari u sinjifikattivi fuq livell prattiku bejn sistemi ta' soċjetajiet żgħar, l-iktar qrib xulxin, relatati mill-qrib u politikament/ekonomikament kif ukoll kulturalment simili. Li wieħed jifhem kemm il-kliem tal-lingwa u l-istruttura tagħha, kif ukoll l-istruttura loġika u ġerarkika tas-sistema tar-regoli, huwa prerekwiżit indispensabbli sabiex wieħed ikun jista' mhux biss jifhem intellettwalment, iżda wkoll – biex nuża kelma ġenerali u newtrali – "juża" sistema legali. L-iktar metodu komuni u oġġettivament importanti ta' "użu" huwa, tabilħaqq, l-applikazzjoni tar-regoli, jiġifieri d-deċiżjonijiet li bihom il-kontenut tar-regoli jiġi tradott f'azzjoni, bħal fil-każ fejn, pereżempju, regola tad-dritt kriminali tiġi invokata insostenn ta' kundanna jew meta avukat jipproponi li regola tad-dritt ċivili tiġi applikata għal kuntratt. Minn tal-inqas sa nofs is-seklu għoxrin – u ħafna iktar tard f'ħafna postijiet – fil-pajjiżi kollha l-lenti tal-istudji ġuridiċi kienet waħda strettament nazzjonali u, f'termini ta' applikazzjoni prattika, sistema waħda biss, normalment limitata għal-livell nazzjonali, ittieħdet inkunsiderazzjoni.

Tista' tgħid li l-ġuristi Ewropej – imma anki dawk Amerikani, Afrikani jew Ażjatiċi – kienu, u fil-parti l-kbira għadhom, magħluqa fid-dinja lingwistika tagħhom, ta' spiss limitata għall-kuntest nazzjonali. Dan ma huwiex sorpriża.

B'konsegwenza ta' dan, id-definizzjonijiet ta' kliem u interpretazzjonijiet li "jaħdmu" f'din id-dinja lingwistika separata – jiġifieri li jistgħu "jintużaw" b'suċċess fiha – jiġu pperċepiti wkoll bħala dawk li huma "t-tajbin", jekk mhux saħansitra "l-uniċi tajbin". Avukati li huma raġonevolment informati tajjeb huma, tassew, konxji li hemm definizzjonijiet ta' kliem u interpretazzjonijiet oħra u li dawn jaħdmu f'sistemi nazzjonali oħra. Dawn is-sistemi l-oħra jiġu involuti f'sitwazzjonijiet fejn, għal diversi raġunijiet, jitqies li jkun neċessarju li jsir hekk, minħabba l-lakuni stretti li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali privat (u f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali, mid-dritt internazzjonali ġenerali). Avukati li huma raġonevolment informati tajjeb huma wkoll konxji li partijiet kbar mis-sistema li huma marbutin biha għandhom oriġini storika – id-dritt Ruman, id-dritt Kanoniku, id-dritt Ġermaniż – li hija komuni għal diversi sistemi. Madankollu, fil-parti l-kbira tas-sitwazzjonijiet li magħhom jiltaqgħu l-avukati fil-prattika professjonali tagħhom, dan l-għarfien storiku ma huwiex benefiċċju prattiku immedjat. Is-soluzzjonijiet speċifiċi li jkunu qegħdin ifittxu jkollhom jinstabu fi ħdan is-sistema tagħhom, billi jużaw il-lingwaġġ legali ta' dik is-sistema. Ma naħsibx li tkun eżaġerazzjoni li jingħad li avukati ta' esperjenza, konxjament jew inkonxjament, iżommu f'moħħhom stampa ta' speċi ta' mappa tas-sistema legali li fiha jaħdmu. Il-mappa hija r-riżultat tal-klassifikazzjoni tas-suġġetti u tal-istruttura tal-istudji legali u tal-kotba legali kif ukoll – x'aktarx f'parti partikolarment kunsiderevoli – tal-leġiżlazzjoni.

Din id-dikjarazzjoni tapplika għal operaturi legali u għal avukati, iżda huwa minn din is-sitwazzjoni storika speċifika li l-avukat teoretikament attiv għandu wkoll jibda meta huwa jew hija, għal xi raġuni, iwettaq studji komparattivi. Dan għandu wkoll ikun il-punt tat-tluq tal-leġiżlatur fix-xogħol tiegħu ta' tiftix ta' soluzzjonijiet ġodda, kemm jekk fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali kif ukoll jekk fil-promulgazzjoni ta' regoli li jkunu intiżi li japplikaw b'mod konġunt għal diversi sistemi legali. Ix-xogħol komparattiv jixxekkel kunsiderevolment mill-fatt li s-similitudnijiet (u d-differenzi) bejn is-sustanza reali tas-soluzzjonijiet ipprovduti mis-sistemi legali nazzjonali għal problemi soċjali jistgħu ta' spiss jiġu oskurati minn tali differenzi terminoloġiċi jew minn differenzi lingwistiċi oħra, li jistgħu jiġu deskritti bħala każwali jew arbitrarji iktar milli bħala espressjoni ta' differenzi sostantivi sinjifikattivi.

Sabiex jingħelbu l-problemi involuti f'xogħol komparattiv, l-avukati għandu jkollhom għarfien pjuttost fil-fond tad-drawwiet, bejn wieħed u ieħor stabbiliti sewwa, tal-lingwaġġ tas-sistemi legali kkonċernati u anki ta' tali differenzi, apparentement superfiċjali, li jiġu espressi fl-għażla tal-kliem gwida fir-reġistri, fl-okkju tal-kawżi tal-qrati, u fil-listi bibljografiċi.

Ser ngħaddi biex issa nagħti, mill-esperjenza personali tiegħi, eżempji ta' xi tipi ta' problemi li jqumu f'tipi differenti ta' laqgħat dwar lingwaġġ u traduzzjonijiet fil-qasam legali. Nispera li l-eżempji jagħtu stampa ta' kemm xogħol traduttur jista' jkun multidimensjonali u impenjattiv anki f'qasam tant limitat u relattivament iddefinit sewwa bħalma huwa dak tal-liġi. Huwa rari li traduzzjoni tkun simili għal oħra.

Fis-sajf tal-1956, meta kont student tal-liġi, ħdimt bħala prattikant mhux imħallas mal-Kamra tal-Kummerċ Svediża f'Pariġi, li kellha l-uffiċċji tagħha, dak iż-żmien, fid-"Dar Svediża", 125 Avenue des Champs-Elysées. L-iktar dmirijiet komuni kienu jinkludu t-traduzzjoni ta' korrispondenza kummerċjali mill-Isvediż lejn il-Franċiż u viċi versa. Jiena kelli lawrja ta' baċellerat tal-ewwel klassi fil-lingwi Rumanzi u kont qrajt varjetà wiesgħa ta' letteratura Franċiża. Kont inħobb il-lingwa u rari kont niltaqa' ma' diffikultajiet. Darba minnhom, rappreżentant ta' kumpannija tal-kostruzzjoni kbira Franċiża ġie fil-Kamra tal-Kummerċ u saqsa jekk kienx hemm xi ħadd li seta' jgħin lill-kumpannija tiegħu fi traduzzjoni għall-Franċiż tal-istandards tal-krejnijiet tal-Assoċjazzjoni Svediża tal-Inġinerija Industrijali. Il-kumpannija Franċiża kellha l-intenzjoni li titfa' offerta għall-kostruzzjoni ta' diversi krejnijiet kbar f'port Svediż. Prattikanti mal-Kamra tal-Kummerċ kellhom id-dritt li jidħlu għal tali xogħol b'mod privat u bi ħlas ta' miżata jekk dan seta' jitqies li jkun relatat mill-qrib mal-attività tal-Kamra bħala promotriċi tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn Franza u l-Isvezja. Wara diskussjoni pjuttost fil-fond mal-inġinier Franċiż, dħalt għal dan ix-xogħol.

Il-kompitu, għalkemm kien jinvolvi ammont kbir ta' xogħol kien, min-naħa l-oħra, effettivament pjuttost sempliċi. Jista' jingħad li kien jinvolvi r-rendizzjoni, mill-Isvediż għall-Franċiż, b'mod fidil u bl-ikbar preċiżjoni mhux biss f'dak li jirrigwarda t-terminoloġija iżda anki s-sintassi, ta' dokument li kien jinvolvi proża teknika ċara u konċiża – naturalment ma kontx naf b'mod sħiħ it-tifsira konkreta ta' din il-proża fl-ebda waħda miż-żewġ lingwi. Huwa sottintiż li ma kien hemm ebda lok għal xi kreattività idjomatika jew stilistika, jew xi riċerka għal sfumaturi. Iktar minn kull ħaġa oħra, ix-xogħol kien jirrikjedi l-preċiżjoni biex tinkiseb korrettezza assoluta fit-terminoloġija, kemm fir-rigward tal-kliem użat għall-materjal u għall-kostruzzjoni kif ukoll fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-operazzjonijiet ta' rfigħ u ta' trasport li setgħu jitwettqu mill-prodott. Il-parti l-kbira ta' dan il-kliem kienet

disponibbli – xi drabi wara tiftix diliġenti – fl-enċiklopediji rilevanti, iżda kien hemm xi affarijiet li kien diffiċli li jinstabu. Li għadu stampat f'moħħi hija t-tiftixa li ħaditli ħafna ħin biex insib ekwivalenti kompletament korretta bil-Franċiż tal-espressjoni *maximal tillåten skjuvpåkänning* (l-istress ta' qtugħ massimu possibbli) użata fl-istandards Svediżi tal-krejnijiet. Perjodikament, matul dawk il-ġranet frenetiċi, hemm bilqiegħda mħattab fuq l-iskrivanija fis-sħana ta' Lulju, f'moħħi kienet tiġini stampa ta' krejn ġgantesk f'port idilliku Svediż li f'daqqa waħda jaqa' minħabba żball fit-traduzzjoni tiegħi. Fl-aħħar mill-aħħar, il-klijent Franċiż approva t-test mingħajr mistoqsijiet jew ilmenti. Jidher li kien ta' siwi. Ma nafx jekk kienx ingħata xi ordni. Fil-gazzetti Svediżi lanqas ma kien hemm, fis-snin ta' wara, xi artikolu dwar krejn li waqa' f'xi port Svediż.

It-tieni eżempju li ser nagħti jappartjeni għal sfera intellettwali kompletament differenti. Wieħed mill-ġuristi Svediżi li ntebaħ kmieni bl-importanza tas-sistemi legali Nordiċi u l-ġurisprudenza tagħhom li jidħlu f'kuntatt attiv mad-dinja li nfetħet wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien il-professur minn Stokkolma Folke Schmidt (1909–1980), li kien pijunier fil-qasam, dak iż-żmien ġdid u f'espansjoni rapida, tad-dritt industrijali. Huwa kien imexxi grupp ta' ġuristi Nordiċi li flimkien sawru u mexxew l-annwarju bil-lingwa Ingliża *Scandinavian Studies in Law*, li l-ewwel edizzjoni tiegħu ġiet ippubblikata fi Stokkolma fl-1957. Schmidt baqa' l-editur tal-pubblikazzjoni sa mewtu fl-1980 u kien jiddedika ammont kbir ta' xogħol għall-annwarju.

Kull edizzjoni tal-*iScandinavian Studies* kienet tinkludi selezzjoni ta' artikoli ppubblikati reċentement dwar ġurisprudenza Nordika meqjusa li kienet ta' interess internazzjonali. Schmidt kien assistit minn bord editorjali kompost minn professuri minn Stokkolma. Kien hemm korrispondent f'kull wieħed mill-pajjiżi Nordiċi li kien inkarigat li jagħżel u jipproponi artikoli għal pajjiżu. Jiena sirt naf lil Schmidt tard fis-snin ħamsin, u spiċċajt nittraduċi l-ktejjeb tiegħu *Kollektiv arbetsrätt* (Dritt Industrijali Kollettiv) għall-Ingliż. Kmieni fis-snin sittin, sirt segretarju editorjali tal-*iScandinavian Studies in Law*, pożizzjoni li żammejt għal diversi snin. Bħala prinċipju, il-kontribuzzjonijiet tal-awturi Nordiċi kellhom ikunu disponibbli bl-Ingliż meta jaslu quddiem il-bord editorjali, iżda ta' spiss kienu jeħtieġu, speċjalment għall-bidu, reviżjoni lingwistika eżawrjenti, li kienet titwettaq prinċipalment minni u minn Folke Schmidt. Ir-reviżjoni finali kienet titwettaq minn Richard Cox, traduttur Ingliż ta' esperjenza. Sa mill-bidu, il-livell ta' ambizzjoni f'termini ta' abbozzar, ta' ortografija u, saħansitra, ta' disinn grafiku kien għoli ħafna. Il-bord editorjali kien jagħmel sforz kbir sabiex il-kontribuzzjonijiet jiġu rriveduti u jgħaddu minn qari tal-provi, iżda kienu meħtieġa ħafna għajnejn, u l-kompitu ta' segretarju editorjali kien jinvolvi ammont kbir ta' xogħol. Fis-snin li kont nokkupa l-kariga ta' segretarju

editorjali, f'kull vjaġġ bl-ajruplan, bil-ferrovija jew bil-vapur, kien dejjem ikolli munzell manuskritti jew provi għall-qari.

Ix-xogħol tagħna ta' traduzzjoni tat-testi Nordiċi għall-Ingliż fl-*iScandinavian Studies in Law* kellu, apparti l-għan prinċipali, jiġifieri dak li l-kontribuzzjonijiet inizjali jkunu disponibbli għal qarrejja li jaqraw bl-Ingliż u b'dan il-mod li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal diskussjoni xjentifika internazzjonali, għan sekondarju iktar wiesa' u fit-tul. Wara ħarsa lejn il-qarrejja, konna tal-fehma – li rriżulta li kienet realistika – li dawn kienu essenzjalment ser ikunu komposti minn grupp limitat ta' persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni u ta' spiss professjonisti b'interess fil-liġi, jew minn tal-inqas fix-xjenzi soċjali. L-għan sekondarju kien li gradwalment jinbena stokk relattivament universali ta' kliem bl-Ingliż, li seta' jintuża biex jiġu riprodotti kunċetti u istituzzjonijiet Nordiċi fl-iskambju internazzjonali kontinwu ta' ideat li konna nittamaw li kien ser ikun hemm. Naturalment, dan l-istokk ta' kliem tkattar ma' kull edizzjoni tal-*iScandinavian Studies*. Ta' kull sena, Richard Cox kien jiġbor il-kliem il-ġdid, iżda l-pjan tagħna li nipproduċu materjal suffiċjenti għal dizzjunarju legali mill-Isvediż għall-Ingliż iktar komplet qatt ma twettaq. Dan il-fatt, fih innifsu, ma kienx sorprendenti. L-artikoli inklużi fl-annwarju kienu jintgħażlu prinċipalment fid-dawl tal-interess u tal-kwalità xjentifika tagħhom, u ta' sikwit dawn kienu speċjalizzati u s-suġġett tagħhom kien pjuttost ristrett. Fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet, kien hemm sens ta' kurżità fid-dinja tal-Punent u, l-iktar l-iktar, interess rispettuż fis-soluzzjonijiet soċjali Nordiċi. Il-kunċett li l-pajjiżi Nordiċi, u speċjalment l-Isvezja, jirrappreżentaw it-"triq tan-nofs" bejn is-soċjaliżmu u l-kapitaliżmu kien pjuttost mifrux fost l-avukati u kittieba tax-xjenza soċjali fid-dinja tal-Punent. Għalkemm ma kienx hemm nuqqas ta' perspettivi ġenerali wiesgħa tal-oqsma ewlenin fost l-artikoli magħżula, il-preżentazzjoni tad-dritt Nordiku saret selettiva wisq anki għal numru kunsiderevolment kbir ta' edizzjonijiet tal-annwarju – li kull waħda minnhom kienet tinkludi madwar għaxar artikoli, b'total ta' bejn 200 u 300 paġna – sabiex jiġi pprovdut, fi żmien raġonevoli, materjal suffiċjenti għal dizzjunarju legali ġenerali li jkun utli. Waħda mill-problemi li ġiet ikkonstatata kmieni, hekk kif il-pjanijiet għad-dizzjunarju bdew jimmaterjalizzaw ruħhom, kienet id-differenza bejn il-lingwaġġ legali Brittaniku u dak Amerikan. Ta' spiss kienet tkun meħtieġa iktar minn kelma waħda sabiex terminu legali Svediż jiġi riprodott bl-Ingliż.

B'kuntrast mas-sitwazzjoni fil-każ tal-istandards tal-krejnijiet tal-Assoċjazzjoni Svediża tal-Inġinerija Industrijali, it-traduzzjoni tat-testi legali fl-*iScandinavian Studies in Law* kienet tippermetti ċertu ammont ta' latitudni għal kunsiderazzjonijiet stilistiċi u anki estetiċi. Il-missjoni tagħna kienet li nippreżentaw il-ġurisprudenza Nordika fl-iktar forma attraenti ta' Ingliż possibbli mingħajr ma nissagrifikaw id-dixxiplina xjentifika. It-tfittxija ta' din l-ambizzjoni ta' spiss wasslet għal dilemma fit-traduzzjoni ta' kliem legali, forsi

l-iktar f'dak li jirrigwarda l-ismijiet tal-uffiċċji, tal-funzjonijiet u tal-istituzzjonijiet, iżda anki f'dak li jirrigwarda kunċetti legali teoriċi, fatt li, fil-fehma tiegħi, ma jistax jiġi evitat fi kwalunkwe traduzzjoni professjonali ta' testi li jittrattaw kwistjonijiet soċjali.

Fi kliem sempliċi, id-dilemma setgħet tiġi espressa kif ġej: għandha tingħażel soluzzjoni li tkun stilistikament attraenti u forsi idjomatikament aċċettabbli iżda li, min-naħa l-oħra, tkun fattwalment vaga u approssimattiva, jew inkella għandu jsir sforz biex tiġi prodotta definizzjoni ddettaljata li tkun lingwistikament tqila, li jkollha addenda ta' spjegazzjoni u li xi drabi, sabiex tkun tista' b'xi mod tinftiehem, tispiċċa tirrikjedi ammont tant kbir ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet soċjali involuti li t-traduzzjoni ta' kelma waħda tispiċċa tikber għal kapitolu qsajjar?

Fl-għażla bejn dawn iż-żewġ soluzzjonijiet prinċipali, huwa inevitabbli li jiġi mistoqsi liema ser ikun l-użu probabbli li l-qarrejja ser jagħmlu mit-test. F'dan il-każ, kien jidher – u jidher li dan huwa ġeneralment il-każ – improbabbli li l-avukati prattikanti kienu ser jużawh bħala informazzjoni tat-tip li huma jeħtieġu sabiex jaslu għal deċiżjoni. Normalment l-avukati prattikanti jiksbu tali informazzjoni b'metodi oħra, mhux billi jaqraw annwali akkademiċi. L-għan tal-istudju tad-dritt Nordiku seta' probabbilment jiġi preżunt li kien ta' natura teorika. Din l-evalwazzjoni tat – u għadha tagħti – ċerta prijorità lill-argumenti favur traduzzjoni idjomatika u stilistikament mexxejja iktar milli favur waħda ddettaljata, deskrittiva u investigattiva. Madankollu, l-istess evalwazzjoni tirrikjedi wkoll twissija: it-test ma għandux isir tant idjomatiku li joskura d-differenzi reali bejn ir-regoli u l-istituzzjonijiet li jkunu s-suġġett tat-traduzzjoni. F'dan il-każ dan jista' jiżgwidak. Dak li huwa barrani għandu jitħalla barrani anki jekk ikun espress f'forma lingwistika magħrufa sewwa. Ma hijiex eżaġerazzjoni li jiġi ddikjarat li, fil-qasam lingwistiku u terminoloġiku, is-similitudnijiet bejn id-dritt Nordiku u d-dritt Ġermaniż (u tabilħaqq anki dak Franċiż) huma ikbar minn dawk bejn is-sistemi legali Skandinavi u s-sistemi legali li jifformaw parti jew li huma bbażati fuq id-dritt komuni Anglo-Amerikan. Dan ma jfissirx li s-sistemi legali Nordiċi huma kompletament nieqsa mill-eżotiżmu lingwistiku li ta' spiss jikkaratterizza – f'għajnejn osservaturi barranin – id-dritt Ingliż u dak tal-Amerika ta' Fuq. Jista' jingħata eżempju wieħed. Dan jirrigwarda uffiċjal, li llum ma għadux jeżisti, impjegat fis-sistema legali Svediża li kien jeħtieġ spjegazzjonijiet pjuttost fid-*dettall sabiex wieħed ikun jista' jifhem b'mod sħiħ it-tliet aspetti tar-rwol professjonali tiegħu. Kif seta' jkun possibbli li ssir traduzzjoni raġonevolment affidabbli tal-kelma landsfiskal* lejn l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż (u fl-istess sens, anki lejn id-Daniż jew in-Norveġiż) mingħajr ma jintuża ħafna kliem?

It-tielet eżempju jittratta problemi ta' traduzzjoni kompletament differenti. Fid-deċennji immedjatament wara t-Tieni Gwerra Dinjija, fid-demokraziji tal-Punent kien hemm iffokar qawwi fuq kwistjonijiet ta' protezzjoni legali tal-ħajja privata tal-individwu. It-theddida dejjem ikbar għall-ħajja privata tal-individwi minħabba interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet bil-fili, teħid bil-moħbi ta' ritratti u proċeduri tekniċi ġodda kienet prinċipalment strumentali sabiex avukati Ewropej u Amerikani juru interess f'dawn il-kwistjonijiet. Id-diskussjoni kienet partikolarment imħeġġa mill-fatt li dawk li kienu jipproponu protezzjoni legali ikbar tal-ħajja privata ntrabtu mal-idea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li kienu ġew sanċiti b'mod qawwi kemm fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1948 kif ukoll fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1950 dwar il-protezzjoni tal-imsemmija drittijiet.

Il-mappa legali tinkludi drittijiet umani u d-"dritt tal-personalità" (*Persönlichkeitsrecht*), li fir-rigward tiegħu diġà kien hemm tentattiv ta' promozzjoni, b'mod partikolari mill-avukati Ġermaniżi, fis-seklu dsatax bħala kelma ġenerika, għal, fost l-oħrajn, id-drittijiet mhux għal skop ta' lukru tal-awturi (suġġett li jiena kont ittrattajt fit-teżi tad-dottorat tiegħi f'Uppsala fl-1966), li jkopri diversi oqsma. Id-drittijiet imsemmija l-ewwel, li l-għeruq tagħhom jinsabu kemm fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Istati Uniti kif ukoll fid-*Déclaration des droits de l'homme et du citoyen* tar-Rivoluzzjoni Franċiża, ġew attribwiti għad-dritt pubbliku, filwaqt li d-dritt imsemmi l-aħħar ġie attribwit għad-dritt privat. Konfini tradizzjonali ta' dan it-tip għandhom effett ta' kontroll fuq il-ħsieb li huwa iktar qawwi milli wieħed jista' jimmaġina.

L-interess internazzjonali fil-protezzjoni legali tal-ħajja privata wasslet lill-International *Commission* of Jurists (ICJ), li kienet ibbażata f'Ġinevra, biex torganizza konferenza dwar dan is-suġġett fi Stokkolma fir-rebbiegħa tal-1967. It-taqsima Svediża tal-Kummissjoni kienet immexxija mill-imħallef distint Gustaf Petrén. Huwa pperswadieni nħejji rapport tal-liġi komparattiva fil-lingwa Ingliża dwar is-suġġett qabel il-konferenza, bi proposti kemm għal suġġetti ta' diskussjoni kif ukoll għal soluzzjonijiet legali. Bi ftit għajnuna mis-Segretarjat tal-ICJ, irnexxieli nlesti r-rapport. Dan ġie ppubblikat fl-1967 bħala ktieb (*Right of Privacy and Rights of the Personality. A Comparative Survey,* Acta Instituti Upsaliensis Iurisprudentiae Comparativae, 8, Stockholm, Norstedts, 1967, 250 paġna).

L-għan tar-rapport tiegħi kien li tiġi pprovduta, bħala bażi għall-konferenza u għal eventwali proposti leġiżlattivi, stampa ċara u raġonevolment sħiħa tal-istat kurrenti tal-protezzjoni legali tal-ħajja privata tal-individwu f'pajjiżi Ewropej li setgħu jitqiesu li kienu minn ta' quddiem f'dan il-qasam u fl-Istati Uniti. Id-diffikultà prinċipali involuta f'dan ix-xogħol kienet li l-imsemmija protezzjoni legali, jekk jiġi preżunt li din kienet

teżisti dak iż-żmien, kienet tappartjeni għal partijiet tant diverġenti tal-mapep legali inkwistjoni u għalhekk kellha *ismijiet daqstant differenti*.

F’dan il-każ, il-metodu użat biex tiġi ppreżentata stampa globali kien billi sar riferiment għal każijiet legali ta’ profil għoli, li bħala denominatur komuni kellhom il-fatt li – irrispettivament mill-intestatura li taħtha kienu jaqgħu – dawn kienu jittrattaw protezzjoni legali tal-ħajja privata tal-individwi. Il-kollezzjoni kienet tinkludi deċiżjonijiet famużi mogħtija kmieni fis-seklu għoxrin minn imħallfin fl-Amerika ta’ Fuq li kienu ġew deskritti u analizzati bħala espressjoni ta’ dritt ġdid, id-“dritt għall-ħajja privata”, deċiżjoni mill-ogħla qorti tan-Norveġja mill-perijodu ta’ wara t-Tieni Gwerra Dinjija (fejn beda jintuża l-kunċett ta’ “ħajja privata”), u żewġ deċiżjonijiet daqstant ġodda u li ġġeneraw preċedenti legali tal-*Bundesgerichtshof* tal-Ġermanja tal-Punent. Hawnhekk il-kwistjoni ma kinitx waħda li kelma jew kliem ta’ sistemi legali jiġu sempliċement tradotti f’kelma jew kliem f’sistema legali oħra. Prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-espożizzjoni kien li jiġi żgurat li wieħed ma jinħeliex fuq id-differenzi terminoloġiċi, iżda, biex ngħidu hekk, li wieħed iħares lil hinn minnhom, lejn is-sustanza tas-soluzzjoni legali. Ovvjament, il-kwistjoni tal-kelma li kellha tingħata lil din is-soluzzjoni ma kinitx waħda frivola – il-kliem qatt ma huwa frivolu fil-kuntest ta’ lingwaġġ iddeterminat – iżda din kienet kwistjoni sekondarja. L-aspett sinjifikattiv tar-riċerka kien li s-sistemi legali eżaminati kienu jipprovdu rimedju xieraq abbażi ta’ raġunijiet li jkunu essenzjalment l-istess.

# Noti

**IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA**

L-2925 Luxembourg
+352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: curia.europa.eu

Test miktub f'Diċembru 2022

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li taġixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

Il-Lussemburgu : Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu
Direttorat ġenerali tal-informazzjoni | Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja Elettronika

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

Ritratti: © Alan Xuereb, fotografu, 2023; © Joseph Alfred Izzo Clarke, Ritratt tiegħek, 2023

© Unjoni Ewropea, 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors.

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-829-3852-2 | doi:10.2862/530 | QD-01-21-581-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-829-3827-0 | doi:10.2862/834857 | QD-01-21-581-MT-N |



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

—

Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu

—

Direttorat ġenerali tal-informazzjoni
Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja Elettronika

Mejju 2023

ISBN 978-92-829-3827-0
doi:10.2862/834857
QD-01-21-581-MT-N